C/2026/4821

8.10.2026

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL U LILL-QORTI TAL-AWDITURI

Kontijiet annwali kkonsolidati tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2025

(C/2026/4821)

WERREJ

Paġna

IL-PUNTI EWLENIN FINANZJARJI TAS-SENA 2

NOTA LI TAKKUMPANJA L-KONTIJIET KONSOLIDATI 33

RAPPORTI FINANZJARJI KKONSOLIDATI U NOTI TA' SPJEGAZZJONI 34

KARTA BILANĊJALI 35

RAPPORT TAL-PRESTAZZJONI FINANZJARJA 36

RAPPORT TAL-FLUSSI TAL-FLUS 37

DIKJARAZZJONI TAL-BIDLIET FL-ASSI NETTI 38

NOTI GĦAR-RAPPORTI FINANZJARJI 39

RAPPORTI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI BAĠITARJA U NOTI TA' SPJEGA 142

GLOSSARJU 224

LISTA TA' ABBREVJAZZJONIJIET 228

IL-PUNTI EWLENIN FINANZJARJI TAS-SENA

L-objettiv ta' din it-taqsima dwar il-punti ewlenin finanzjarji, li tħejjiet fuq il-bażi tal-prinċipji deskritti fil-Linja Gwida dwar il-Prattika Rakkomandata (RPG, Recommended Practice Guideline) tal-IPSASB (International Public Sector Accounting Standards Board) 2 "Diskussjoni u Analiżi tar-Rapporti Finanzjarji", huwa li tgħin lill-qarrejja jifhmu kif l-attivitajiet operazzjonali, finanzjarji u ta' investiment tal-UE huma riflessi fl-elementi differenti tar-rapporti finanzjarji konsolidati tal-UE. L-informazzjoni ppreżentata f'din it-taqsima ma ġietx awditjata.

Jekk jogħġbok innota li, minħabba l-ittondjar taċ-ċifri f'miljuni ta' euro, xi data finanzjarja fit-tabelli ta' hawn taħt tista' tidher li ma taqbilx fl-għadd finali.

WERREJ

		Paġna
1.	ĊIFRI U PUNTI EWLENIN TAS-SENA	3
2.	SOMMARJU TAL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-BAĠIT	7
	2.1. Dħul	7
	2.2. Nefqa	8
3.	L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-NGEU	11
	3.1. Ħarsa ġenerali	11
	3.2. Żborżi ta' appoġġ mhux ripagabbli lill-Istati Membri taħt l-RRF (inkluż ir-REPowerEU)	11
	3.3. Żborżi ta' self taħt l-RRF (inkluż ir-REPowerEU)	12
	3.4. Żborżi ta' appoġġ mhux ripagabbli għall-programmi taħt il-bażit tal-UE	13
4.	ANALIŻI TAR-RAPPORTI FINANZJARJI	14
	4.1. Dħul	14
	4.2. Spejjeż	15
	4.3. Assi	16
	4.4. Obbligazzjonijiet	17
	4.5. Assi netti	18
	4.6. Il-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE	19
5.	OBBLIGAZZJONIJIET KONTINĠENTI BAĠITARJI	19
	5.1. Attivitajiet ta' teħid u ta' għoti b'self	20
	5.2. Garanziji baġitarji	27
	5.3. Fond ta' Proviżjonament Komuni	29
6.	QAFAS POLITIKU U FINANZJARJU, GOVERNANZA U RESPONSABBILTÀ TAL-UE	29
	6.1. Qafas politiku u finanzjarju	29
	6.2. Governanza u responsabbiltà	31

1. **ĊIFRI U PUNTI EWLENIN TAS-SENA**

Rapporti finanzjarji konsolidati

Ir-rapporti finanzjarji konsolidati tal-UE jinkludu aktar minn 50 entità (inkluż il-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kummissjoni u l-aġenziji tal-UE). Dawn jitħejjew abbażi ta' regoli kontabilistiċi bbażati fuq id-dovuti adottati mill-Uffiċjal tal-Kontabbiltà tal-Kummissjoni, b'dawn ir-regoli li huma bbażati fuq l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabilità għas-Settur Pubbliku (IPSAS, International Public Sector Accounting Standards).

Kif muri fil-karta bilanċjali miġbura fil-qosor hawn taħt u f'aktar dettall fl-Analiżi tar-Rapporti Finanzjarji (Taqsima 4), l-aktar karatteristiċi notevoli tar-rapporti finanzjarji konsolidati tal-UE tal-2025 kienu żieda fis-self minħabba ħruġ ġdid skont l-approċċ ta' finanzjament unifikat, żieda fl-assi finanzjarji minħabba l-implimentazzjoni kontinwa tal-NGEU u appoġġ finanzjarju ulterjuri pprovdut lill-Ukrajna, kif ukoll żieda fil-bilanċ tal-flus fi tmiem is-sena minħabba livell għoli ta' żborżi ppjanati għall-bidu tal-2026:

(f'biljuni ta' EUR)

	2025	2024	Bidla
ASSI			
Assi finanzjarji	386,1	328,3	57,8
Prefinanzjament	76,7	78,9	(2,2)
Riċevibbli	34,1	31,7	2,3
Flus u ekwivalenti ta' flus	103,0	63,2	39,9
Proprjetà, impjanti u tagħmir, u assi oħrajn	17,5	16,3	1,2
Total	**617,4**	**518,5**	**99,0**
OBBLIGAZZJONIJIET			
Benefiċċji ta' wara l-impjieg	91,1	93,1	(2,0)
Obbligazzjonijiet finanzjarji	740,8	601,9	138,9
Ammonti pagabbli	65,0	55,4	9,6
Dovuti	77,0	67,1	10,0
Obbligazzjonijiet oħrajn	2,6	9,8	(7,2)
Total	**976,6**	**827,3**	**149,3**
ASSI NETTI			
Riżervi	0,9	1,0	0,0
Ammonti li jridu jiġu eżerċitati mill-Istati Membri	(360,1)	(309,8)	(50,3)
Total	**(359,2)**	**(308,8)**	**(50,3)**

ara l-Analiżi tar-Rapport Finanzjarju, it-Taqsima 4

Il-kontijiet annwali konsolidati ppreżentati hawnhekk jinkludu:

1. Bidliet fil-kontijiet li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tal-baġit annwali 2025 u impenji li ġew impenjati preċedentement. Il-baġit annwali 2025 jifforma parti mill-qafas finanzjarju pluriennali 2021–2027 li jammonta għal EUR 1,223 triljun fi prezzijiet kurrenti (EUR 1,083 triljun fi prezzijiet tal-2018) ikkombinati. Fl-1 ta' Marzu 2024, daħlet fis-seħħ reviżjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali 2021–2027, li tippermetti lill-baġit tal-UE jkompli jindirizza l-aktar prijoritajiet urġenti filwaqt li timminimizza l-impatt fuq il-baġits nazzjonali, għall-benefiċċju taċ-ċittadini Ewropej u lil hinn. ([1])

2. l-istrument għall-irkupru ta' Next Generation EU (NGEU) adottat f'Ġunju 2020. Inizjalment, l-appoġġ tal-NGEU kien previst sa EUR 806,9 biljun fi prezzijiet kurrenti (EUR 750 biljun fi prezzijiet tal-2018). Aktar tard, dan il-pakkett tnaqqas għal EUR 638,1 biljun fi prezzijiet kurrenti fl-aħħar ta' Jannar 2026 (EUR 338 biljun f'għotjiet tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF), EUR 217-il biljun f'self tal-RRF u EUR 83,1 biljun f'supplimenti tal-programmi tal-NGEU). Barra minn hekk, EUR 20 biljun li jirriżultaw mill-irkantar ta' kwoti taħt l-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) u EUR 2 biljun f'għotjiet mir-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit (BAR) żdiedu mal-pakkett tal-għotjiet tal-RRF.

F'April 2026, il-proposta tal-Kummissjoni għal reviżjoni mmirata tal-qafas finanzjarju pluriennali 2021–2027 ġiet adottata biex tipprovdi appoġġ lill-Ukrajna fil-forma ta' self kopert mill-marġni ta' manuvra u sussidju għall-kostijiet tas-self iffinanzjat permezz tal-baġit tal-Unjoni, inkluż permezz ta' strument speċjali ddedikat ġdid ([2]).

Fis-16 ta' Lulju 2025, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta tagħha għall-qafas finanzjarju pluriennali 2028–2034.

— It-Taqsima 2 tat-taqsima tal-punti ewlenin tippreżenta l-bidliet fil-kontijiet li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tal-baġits tal-2025 u tal-baġits ta' qabel.

— It-Taqsima 3 tipprovdi aġġornament dwar l-implimentazzjoni tal-NGEU fl-2025.

— It-Taqsima 4 turi kif dawn il-bidliet huma riflessi fir-rapporti finanzjarji;

— It-Taqsima 5 tippreżenta l-implikazzjonijiet għall-obbligazzjonijiet kontinġenti mġarrba mill-baġit tal-UE;


— It-Taqsima 6 tfakkar l-elementi ewlenin tal-qafas ta' governanza u ta' akkontabilità.

([1]) L-elementi ewlenin jinkludu: EUR 50 biljun għall-Faċilità għall-Ukrajna, EUR 1,5 biljun għall-Fond Ewropew għad-Difiża u EUR 9,6 biljun għall-Balkani tal-Punent, il-Viċinat tan-Nofsinhar u lil hinn, kif ukoll tisħiħ tal-Istrument ta' Flessibbiltà għal EUR 2 biljun u tar-Riżerva ta' Għajnuna f'Emerġenza għal EUR 1,5 biljun biex jiġu indirizzati ħtiġijiet potenzjali ġodda.

([2]) Self ta' Appoġġ għall-Ukrajna bħala parti mill-pjan komprensiv tal-Kummissjoni għandu jipprovdi EUR 90 biljun f'appoġġ finanzjarju lill-Ukrajna għall-2026 u għall-2027.


Il-baġit tal-UE fl-2025

Dħul tal-baġit




→ ara t-Taqsima 2.**1**

Approprjazzjonijiet ta' impenn




→ ara t-Taqsima 2.**2**

Obbligazzjonijiet kontinġenti baġitarji fil-31 ta' Diċembru 2025: EUR 475,7 biljun



Żviluppi ewlenin fl-2025


Żieda fil-ħruġ tal-Bond tal-UE



Sors: Rapport ta' kull sitt xhur dwar l-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet ta' tehid b'self, ta' ġestjoni tad-dejn u ta' għoti b'self relatati skont l-Artikolu 13 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C (2023) 8010


→ ara t-Taqsima 5

L-ilħuq tal-objettivi tal-NGEU



→ ara t-Taqsima 3

Assistenza finanzjarja lill-Ukrajna



→ ara t-Taqsima 5

2. SOMMARJU TAL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-BAĠIT

2.1. Dħul

Fil-baġit inizjali adottat tal-UE, iffirmat mill-President tal-Parlament Ewropew fis-27 ta' Novembru 2024, l-approprjazzjonijiet ta' pagament totali ammontaw għal EUR 155 209 miljun u l-ammont li għandu jiġi ffinanzjat mir-riżorsi proprji ammonta għal total ta' EUR 151 161 miljun. Ġeneralment, l-estimi ta' dħul u ta' nfiq fil-baġit inizjali jiġu aġġustati matul is-sena finanzjarja permezz ta' baġits emendatorji. L-aġġustamenti fir-riżorsi proprji bbażati fuq l-ING jiżguraw li d-dħul ibbaġitjat ikun jaqbel eżattament man-nefqa bbaġitjata. F'konformità mal-prinċipju tal-ekwilibriju, id-dħul u l-infiq tal-baġit (approprjazzjonijiet ta' pagament) iridu jkunu f'bilanċ.

Matul l-2025, ġew adottati tliet baġits emendatorji. Meta jitqiesu, id-dħul finali adottat għall-2025 ammonta għal EUR 161 163 miljun u l-ammont totali ffinanzjat mir-riżorsi proprji ammonta għal EUR 154 322 miljun. Il-fattur ewlieni li wassal għaż-żieda fil-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri fl-2025 kien iż-żieda fl-approprjazzjonijiet ta' pagament.

Titolu 1: Riżorsi proprji

Il-ġbir tar-riżorsi proprji tradizzjonali kien madwar 4 % ogħla mill-ammonti previsti fil-baġit.

Il-pagamenti finali tal-VAT, tal-ING u tal-Plastiks tal-Istati Membri kienu jikkorrispondu mill-qrib għall-istima baġitarja finali. Id-differenzi bejn l-ammonti mbassra u l-ammonti effettivament imħallsa huma dovuti għad-differenzi bejn ir-rati tal-euro użati għat-tħejjija tal-baġit u r-rati fis-seħħ fiż-żmien meta l-Istati Membri barra miż-żona tal-euro fil-fatt għamlu l-pagamenti tagħhom.

Titolu 2: Surpluses, bilanċi u aġġustamenti

Is-surplus tas-sena finanzjarja ta' qabel kien jammonta għal EUR 1 345 miljun. Dan l-ammont iddaħħal fil-baġit 2025 permezz ta' baġit emendatorju u l-kontribuzzjoni tar-riżorsi proprji mill-Istati Membri tnaqqset kif xieraq.

Għall-bilanċi tal-VAT u tal-ING, ir-regoli huma stabbiliti fl-Artikolu 10b tar-Regolament dwar it-Tqegħid għad-Dispożizzjoni (ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 609/2014 ([3])). Fil-każ tal-bilanċi tal-Plastiks, ir-regoli huma stabbiliti fl-Artikolu 9 tar-Regolament dwar it-Tqegħid għad-Dispożizzjoni tal-Plastiks (ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2021/770 ([4])).

Skont dawn ir-regoli, is-somma totali tal-bilanċi tiġi kkalkolata sabiex l-impatt fuq il-baġit tal-UE jkun żero ("sistema ta' netting") u l-proċedura ma tinvolvix emenda baġitarja. Għalhekk, il-Kummissjoni titlob direttament lill-Istati Membri sabiex iħallsu l-ammonti netti skont ir-regoli tar-Regolament dwar it-Tqegħid għad-Dispożizzjoni.

Titolu 3: Dħul amministrattiv

Dan it-titolu jinkludi prinċipalment dħul minn taxxi u imposti fuq ir-remunerazzjoni tal-persunal.

Titolu 4: Dħul finanzjarju, imgħax ta' inadempjenza, u multi

Il-parti prinċipali tikkorrispondi għall-multi b'rabta mal-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni.

Titolu 5: Garanziji baġitarji, operazzjonijiet ta' għoti u ta' teħid ta' self

Dan it-titolu żdied b'mod sinifikanti bil-miġja tal-NGEU. Il-fondi tal-NGEU fi ħdan dan it-titolu huma dħul assenjat. It-Titolu 5 ikopri d-dħul relatat mal-garanziji u mal-imgħax u mar-ripagamenti tas-self mogħti. Jalloka wkoll il-fondi (għall-appoġġ mhux ripagabbli tal-NGEU taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u għat-tisħiħ tal-programmi tal-QFP) minn dħul assenjat li l-Istati Membri jirċievu taħt l-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru (EURI, European Union Recovery Instrument).


([3]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 609/2014 tas-26 ta' Mejju 2014 dwar il-metodi u l-proċedura li jintużaw biex jitqiegħdu għad-dispożizzjoni r-riżorsi proprji tradizzjonali, dawk ibbażati fuq il-VAT u dawk ibbażati fuq l-ING u dwar il-miżuri li jissodisfaw il-ħtiġijiet fi flus kontanti (Tfassil mill-ġdid) (ĠU L 168, 7.6.2014, p. 39, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/609/oj).

([4]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2021/770 tat-30 ta' April 2021 dwar il-kalkolu tar-riżorsa proprja bbażata fuq l-iskart tal-plastik mill-imballaġġ li mhux qed jiġi riċiklat, dwar il-metodi u l-proċedura li jintużaw biex titqiegħed għad-dispożizzjoni dik ir-riżorsa proprja, fuq il-miżuri li jissodisfaw il-ħtiġijiet fi flus kontanti, u fuq ċerti aspetti tar-riżorsa proprja bbażata fuq id-dħul nazzjonali gross (ĠU L 165, 11.5.2021, p. 15, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/770/oj).

Titolu 6: Dħul, kontribuzzjonijiet u rifużjonijiet relatati mal-politiki tal-Unjoni

Dan it-titolu jikkonċerna prinċipalment id-dħul minn korrezzjonijiet finanzjarji relatati mal-fondi strutturali u agrikoli (FSIE, FAEG u FAEŻR). Jinkludi wkoll il-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi fi programmi ta' riċerka, l-ikklirjar ta' kontijiet f'fondi agrikoli u kontribuzzjonijiet u rifużjonijiet oħrajn għal programmi/attivitajiet tal-UE. Parti sostanzjali minn dan it-total hija magħmula minn dħul allokat, li jagħti lok għat-tidħil ta' approprjazzjonijiet addizzjonali min-naħa tan-nefqa.

Id-dħul baġitarju totali fl-2025 ammonta għal EUR 224 398 miljun:



2.2. **Nefqa**

2.2.1. *Implimentazzjoni tal-baġit*

Baġit adottat

Fl-2025, il-ħames sena tal-QFP 2021-2027, il-baġit finali adottat ammonta għal total ta' EUR 199,2 biljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn u għal EUR 161,2 biljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament. Barra minn hekk, EUR 27,1 biljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn kienu disponibbli bħala dħul assenjat, li minnhom EUR 0,2 biljun kienu relatati mal-NGEU, u EUR 1,8 biljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn ġew riportati mill-2024. L-approprjazzjonijiet ta' pagament relatati mad-dħul assenjat tal-2025 ammontaw għal EUR 85,9 biljun, li minnhom EUR 43,8 biljun kienu relatati mal-NGEU u EUR 3,9 biljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament ġew riportati mill-2024.

Implimentazzjoni tal-approprjazzjonijiet ta' impenn

Il-monitoraġġ attiv tal-implimentazzjoni tal-baġit u l-kooperazzjoni tajba bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni wasslu għall-implimentazzjoni sħiħa tal-baġit.

L-implimentazzjoni tal-approprjazzjonijiet ta' impenn totali fl-2025 ammontat għal EUR 212,1 biljun:

— EUR 196,1 biljun mill-baġit finali adottat;

— EUR 1,6 biljun minn approprjazzjonijiet riportati jew li reġgħu saru disponibbli mill-2024;

— EUR 14,5 biljun minn approprjazzjonijiet li joriġinaw minn dħul assenjat;

  — li minnhom EUR 39 miljun mill-NGEU.

Implimentazzjoni tal-approprjazzjonijiet ta' pagament

L-implimentazzjoni tal-approprjazzjonijiet ta' pagament totali fl-2025 ammontat għal EUR 216,4 biljun:

— EUR 155,2 biljun mill-baġit finali adottat;

— EUR 3,6 biljun minn approprjazzjonijiet riportati jew li reġgħu saru disponibbli mill-2024;

— EUR 57,6 biljun minn approprjazzjonijiet li joriġinaw minn dħul assenjat;


  — li minnhom EUR 41,7 biljun kienu mill-NGEU.

F'każijiet permessi mir-Regolament Finanzjarju ([5]) u/jew minn bażijiet legali, l-approprjazzjonijiet tal-baġit ivvutat li ma ġewx implimentati fl-2025 ġew riportati għall-2026: EUR 2,1 biljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn u EUR 6,1 biljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament.

Bl-istess mod, EUR 12,4 biljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn ta' dħul assenjat u EUR 28,3 biljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament ta' dħul assenjat ġew riportati għall-2026 f'konformità mar-Regolament Finanzjarju.

([5]) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj).

L-implimentazzjoni tal-approprjazzjonijiet ta' impenn totali tal-2025 għal kull intestatura tal-QFP 2021-2027 kienet kif jidher hawn taħt:



L-implimentazzjoni tal-2025 għat-tipi kollha ta' approprjazzjonijiet (baġit, riporti mis-sena preċedenti u dħul assenjat) kienet ta' 93 % għall-impenji u ta' 86 % għall-pagamenti. Ir-rati ta' implimentazzjoni inklużi l-approprjazzjonijiet riportati għall-2026 (f'konformità mar-Regolament Finanzjarju u/jew mal-bażijiet legali) laħqu 99,5 % għall-approprjazzjonijiet ta' impenn u 100 % għall-approprjazzjonijiet ta' pagament tal-baġit ivvotat għall-2025.

L-approprjazzjonijiet tal-NGEU għall-appoġġ mhux ripagabbli tniżżlu bis-sħiħ fl-2021, jiġifieri EUR 421,1 biljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn. L-2023 kienet l-aħħar sena li għaliha setgħu jsiru l-impenji legali relatati.

Fl-2025, l-approprjazzjonijiet ta' pagament tal-NGEU ammontaw għal EUR 43,8 biljun u l-implimentazzjoni laħqet 95,4 %. L-ammont ta' EUR 2,0 biljun ta' approprjazzjonijiet ta' pagament li kien għad fadal ġie riportat għall-2026.

2.2.2. *Approprjazzjonijiet ta' impenn ikkanċellati b'mod definittiv*

Skont ir-Regolament dwar il-Kondizzjonalità, id-dižimpenji għal total ta' EUR 1 078 miljun (li minnhom EUR 30 miljun taħt l-NGEU) ġew allokati matul l-2023 għal impenji relatati mal-Ungerija. Sa tmiem l-2025, l-approprjazzjonijiet ta' impenn relatati ma setgħux jiġu rikostitwiti u ġew ikkanċellati b'mod definittiv.

2.2.3. *Impenji pendenti*

L-impenji pendenti (komunement imsejħa RAL — reste à liquider), li jikkorrispondu għall-ammonti impenjati iżda li għadhom ma tħallsux, kienu ta' EUR 501,1 biljun fi tmiem l-2025. L-impenji pendenti naqsu meta mqabblin mal-2024 (b'EUR 6,3 biljun).

Il-fattur ewlieni tat-tnaqqis tal-2025 tar-RAL kien l-implimentazzjoni tal-NGEU (il-parti mhux ripagabbli), li kkontribwiet EUR 124,1 biljun (24,9 %) għar-RAL totali fi tmiem l-2025.

2.2.4. *Riżultat tal-baġit*

Ir-riżultat tal-baġit (surplus) żdied minn EUR 1,3 biljun fl-2024 għal EUR 2,1 biljun fl-2025. Ir-riżultat tal-baġit tal-2025 huwa prinċipalment affettwat mill-implimentazzjoni eċċessiva tad-dħul baġitarju fuq it-titolu 4 – Dħul finanzjarju, imgħax ta' inadempjenza u multi.

3. L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-NGEU

3.1. Ħarsa ġenerali

Sa tmiem l-2025, il-Kummissjoni kienet żborżat total ta' EUR 468,8 biljun f'appoġġ finanzjarju. Il-maġġoranza ta' dan l-ammont, EUR 393,4 biljun, ġie żborżat taħt l-RRF (li jinkludi appoġġ għar-riformi u għall-investimenti tar-REPowerEU), b'EUR 237,5 biljun żborżati bħala appoġġ mhux ripagabbli u b'EUR 155,9 biljun żborżati bħala appoġġ ta' self finanzjarju. EUR 75,4 biljun (netti mill-irkupri) oħrajn ġew żborżati bħala pagamenti tal-QFP taħt programmi eżistenti.

3.2. Żborżi ta' appoġġ mhux ripagabbli lill-Istati Membri taħt l-RRF (inkluż ir-REPowerEU)

Fi tmiem l-2025, l-appoġġ totali mhux ripagabbli approvat u impenjat legalment ammonta għal

EUR 359,9 biljun. L-appoġġ totali mhux ripagabbli żborżat ammonta għal EUR 237,5 biljun:

(f'biljuni ta' EUR)

Stat Membru	Valur totali tal-għotjiet 31.12.2025	Impenji baġitarji 31.12.2025 [1]	Total żborżati 31.12.2025
L-Awstrija	4,0	4,0	3,3
Il-Belġju	5,0	5,0	3,0
Il-Bulgarija	6,2	6,2	3,3
Il-Kroazja	5,8	5,8	4,7
Ċipru	1,0	1,0	0,5
Iċ-Ċekja	8,4	8,4	5,9
Id-Danimarka	1,6	1,6	1,1
L-Estonja	1,0	1,0	0,6
Il-Finlandja	1,9	1,9	1,1
Franza	40,3	40,3	34,1
Il-Ġermanja	30,3	30,3	19,8
Il-Greċja	18,2	18,2	12,0

(f'biljuni ta' EUR)

Stat Membru	Valur totali tal-għotjiet 31.12.2025	Impenji bagħitarji 31.12.2025 [1]	Total żborżati 31.12.2025
L-Ungerija	6,5	6,5	0,1
L-Irlanda	1,2	1,2	0,7
L-Italja	71,8	71,8	54,1
Il-Latvja	2,0	2,0	1,1
Il-Litwanja	2,3	2,3	1,1
Il-Lussemburgu	0,2	0,2	0,1
Malta	0,3	0,3	0,2
In-Netherlands	5,4	5,4	2,5
Il-Polonja	25,3	25,3	9,5
Il-Portugall	16,3	16,3	10,4
Ir-Rumanija	13,6	13,6	6,4
Is-Slovakkja	6,4	6,4	4,0
Is-Slovenja	1,6	1,6	1,1
Spanja	79,9	79,9	55,1
L-Iżvezja	3,4	3,4	1,6
Total	**359,9**	**359,9**	**237,5**

([1]) L-impenji bagħitarji jqisu d-diżimpenji kollha inklużi dawk relatati mal-impenji li saru qabel l-2025. Mill-impenji bagħitarji totali, EUR 1,0 biljun ġew impenjati fl-2025.

Matul l-2025, il-Kummissjoni żborżat appoġġ mhux ripagabbli li jammonta għal EUR 40,1 biljun. L-iżborżi ewlenin kienu għall-Italja (EUR 7,6 biljun) u għal Spanja (EUR 7,1 biljun), segwiti mill-Greċja (EUR 3,5 biljun) u minn Franza (EUR 3,3 biljun).

3.3. Żborżi ta' self taħt l-RRF (inkluż ir-REPowerEU)

Fi tmiem l-2025, l-appoġġ totali ta' self finanzjarju approvat u kopert minn ftehimiet ta' self iffirmati ammonta għal EUR 277,2 biljun. L-appoġġ totali ta' self finanzjarju żborżat ammonta għal EUR 155,9 biljun:

(f'biljuni ta' EUR)

Stat Membru	Total mogħti fil-31.12.2025	Total iffirmat fil-31.12.2025	Total żborżati 31.12.2025	Total imħallsin lura 31.12.2025	Total pendenti 31.12.2025
Il-Belġju	0,2	0,2	0,1	–	0,1
Il-Kroazja	4,3	4,3	1,7	–	1,7
Ċipru [1]	0,0	0,0	0,0	–	0,0
Iċ-Ċekja	0,3	0,3	0,2	–	0,2
Il-Greċja	17,7	17,7	11,4	–	11,4
L-Ungerija	3,9	3,9	0,8	–	0,8
L-Italja	122,6	122,6	99,1	–	99,1
Il-Litwanja	1,6	1,6	0,8	–	0,8
Il-Polonja	29,4	29,4	17,4	–	17,4

(f'biljuni ta' EUR)

Stat Membru	Total mogħti fil-31.12.2025	Total iffirmat fil-31.12.2025	Total żborżati 31.12.2025	Total imħallsin lura 31.12.2025	Total pendenti 31.12.2025
Il-Portugall	5,6	5,6	3,4	–	3,4
Ir-Rumanija	7,8	7,8	4,3	–	4,3
Is-Slovenja	0,5	0,5	0,5	–	0,5
Spanja	83,2	83,2	16,3	–	16,3
Total	**277,2**	**277,2**	**155,9**	–	**155,9**

([1]) Appoġġ totali ta' self ta' EUR 0,2 biljun sar disponibbli għal Ċipru permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 biex jiġu appoġġati r-riformi u l-investimenti. Ċipru talab li jneħħi dawk ir-riformi u l-investimenti u ma talabx li juża r-riżorsi ta' self liberati biex jappoġġa miżuri ġodda jew biex iżid il-livell ta' implimentazzjoni tal-miżuri eżistenti fil-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza tiegħu. Għalhekk, l-ebda appoġġ ta' self ma huwa magħmul disponibbli għal Ċipru fil-futur, u l-prefinanzjament tas-self diġà żborżat, li jammonta għal EUR 26,0 miljun, huwa ripagabbli f'konformità mat-termini tal-ftehim ta' self rilevanti.

Matul l-2025, il-Kummissjoni pprovdiet appoġġ ġdid għal self finanzjarju għal ammont ta' EUR 47,2 biljun. L-iżborżi ewlenin kienu għall-Italja (EUR 23,4 biljun) u għal Spanja (EUR 15,9 biljun), u għall-Polonja (EUR 4,0 biljun). Skont il-ftehimiet ta' self, l-Istati Membri se jħallsu lura 5 % tal-ammonti żborżati fuq bażi annwali, u se jibdew jagħmlu dan minn 10 snin wara d-data tal-iżborż. Dan jirriżulta f'perjodu ta' ħlas lura mill-2032 sal-2055 għas-self żborżat sal-31 ta' Diċembru 2025.

3.4. Żborżi ta' appoġġ mhux ripagabbli għall-programmi taħt il-baġit tal-UE

Fi tmiem l-2025, l-ammont totali ta' pagamenti netti żborżati għal programmi oħrajn skont il-QFP kien ta' EUR 75,4 biljun. Din il-kontribuzzjoni, li hija netta mill-irkupri, prinċipalment kienet relatata ma' REACT-EU, li tiffinanzja l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u l-Fond Soċjali Ewropew (FSE, inkluż il-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (FEAD)):

(f'biljuni ta' EUR)

Programm tal-QFP	Total tal-allokazzjoni 31.12.2025	Total tal-impenji netti 31.12.2025	Total tal-pagamenti netti 31.12.2025
REACT-EU	50,6	50,6	50,4
— *li minnhom il-FEŻR*	*30,0*	*30,0*	*29,9*
— *li minnhom il-FSE (inkluż il-FEAD)*	*20,6*	*20,6*	*20,5*
Fond għal Tranżizzjoni Ġusta	10,9	10,8	7,4
Żvilupp Rurali (FAEŻR)	8,1	8,1	6,0
InvestEU	6,1	6,1	4,9
Orizzont Ewropa	5,4	5,4	5,2
RescEU	2,0	2,0	1,5
Total	**83,1**	**83,0**	**75,4**


Matul l-2025, il-Kummissjoni żborżat EUR 8,5 biljun f'pagamenti għal programmi oħra tal-QFP, il-biċċa l-kbira tagħhom lil REACT-EU (EUR 4,1 biljun).

4. ANALIŻI TAR-RAPPORTI FINANZJARJI

4.1. Dħul

Id-dħul konsolidat tal-UE jinkorpora l-ammonti relatati mat-tranżazzjonijiet ta' skambju u mat-tranżazzjonijiet mhux ta' skambju, b'dawn tal-aħħar li huma l-aktar sinifikanti. Ix-xejra ta' 5 snin tal-kategoriji ewlenin tad-dħul mhux minn skambju (li jinkludu Riżorsi tal-ING, Riżorsi proprji tradizzjonali, Riżorsi tal-VAT (Value Added Tax), Riżorsi proprji tal-plastiks, Multi u Rkupru tal-ispejjeż) hija kif ġej:

Ix-xejra fuq 5 snin tad-dħul minn tranżazzjonijiet prinċipali mhux ta' skambju([1])



([1]) *Ċifri tal-2021 sal-2025: eskluż id-dħul relatat mal-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE u Dħul ieħor*

Peress li d-dħul tal-bażit għandu jkun daqs (jew jisboq) in-nefqa tal-bażit, il-fattur ewlieni wara t-tendenza tad-dħul murija hawn fuq huwa l-pagamenti magħmulin kull sena.

L-iżviluppi prinċipali fl-2025

Fl-2025, id-dħul totali, li jinkludi l-kategoriji kollha tad-dħul, ammonta għal EUR 202,5 biljun, meta mqabbel ma' EUR 175,7 biljun fis-sena preċedenti. L-iżviluppi ewlenin li jispjegaw iż-żieda ta' EUR 26,8 biljun jew ta' 15,3 % kienu:

— Id-dħul relatat mal-multi żdied b'EUR 1,3 biljun prinċipalment minħabba multi maħruġin lil kumpaniji;

— Id-dħul finanzjarju żdied b'EUR 2,6 biljun prinċipalment minħabba żieda fl-imgħax miksub fuq self;

— Il-kontribuzzjonijiet tal-VAT żdiedu minn EUR 24,5 biljun fl-2024 għal EUR 25,7 biljun fl-2025;

— Ir-riżorsi proprji tal-plastiks naqsu minn EUR 8,2 biljun fl-2024 għal EUR 7,5 biljun fl-2025;


— Ir-riżorsi proprji tradizzjonali naqsu minn EUR 20,6 biljun fl-2024 għal EUR 23,4 biljun fl-2025; u

— Id-dħul mir-riżorsi tal-ING (introjtu nazzjonali gross), l-element primarju tad-dħul operatorju tal-UE, żdied minn EUR 95 biljun fl-2024 għal EUR 106,3 biljun fl-2025. Iż-żieda ta' EUR 11,3 biljun jew 11,9 %, hija spjegata fil-bidċa l-kbira minn żieda fil-ħtiġijiet tal-approprjazzjonijiet ta' pagament.

4.2. Spejjeż

Il-komponent ewlieni tal-ispejjeż rikonoxxuti fir-rapporti finanzjarji konsolidati huma l-ispejjeż delegati lill-Istati Membri taħt ġestjoni kondiviża, li jinkludu l-fondi li ġejjin: (i) il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG), (ii) il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u strumenti oħrajn ta' żvilupp rurali, (iii) il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u l-Fond ta' Koeżjoni (FK), u (iv) il-Fond Soċjali Ewropew (FSE). Dawn il-fondi ammontaw għal EUR 106,3 biljun jew għal 41,3 % tal-ispejjeż totali ta' EUR 257,1 biljun imġarrbin fl-2025 (2024: EUR 101,9 biljun, 37,3 % tal-ispejjeż totali). Il-qsim tal-ispejjeż delegati lill-Istati Membri u l-piżijiet relattivi tagħhom huma ppreżentati hawn taħt:

Spejjeż ewlenin iddelegati lill-Istati Membri għas-sena finanzjarja 2025 (ġestjoni kondiviża)




Iż-żieda fl-ispejjeż delegati lill-Istati Membri (ġestjoni kondiviża) tikkonċerna prinċipalment il-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni (b'EUR 2,2 biljun) fejn l-attivitajiet ikomplu javvanzaw, kif ukoll il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR).

L-ispejjeż relatati mat-trasferimenti inklużi l-għotjiet u l-appoġġ baġitarju, naqsu minn EUR 98,8 biljun fl-2024 għal EUR 78,8 biljun fl-2025. It-tnaqqis ta' EUR 19,9 biljun huwa prinċipalment dovut għall-finanzjament ta' appoġġ mhux ripagabbli mogħti taħt l-RRF tal-NGEU, li ammonta għal EUR 46,8 biljun (2024: EUR 65,8 biljun). Minkejja dan it-tnaqqis sinifikanti fl-ispejjeż, il-progress fl-implimentazzjoni tal-istadji importanti u tal-miri jkompli.

4.3. **Assi**

Sal-31 ta' Diċembru 2025, l-assi totali ammontaw għal EUR 617,4 biljun (2024: EUR 518,5 biljun). Iż-żieda hija prinċipalment dovuta għal aktar self taħt il-programm RRF u self ġdid maħruġ lill-Ukrajna taħt il-Faċilità għall-Ukrajna u l-AMF ULCM. L-aktar assi sinifikanti fil-karta bilanċjali tal-UE kienu assi finanzjarji għajr flus kontanti u ekwivalenti ta' flus kontanti (EUR 386,1 biljun), prefinanzjament (EUR 76,7 biljun), riċevibbli u rekuperabbli (EUR 34,1 biljun) u flus kontanti u ekwivalenti fi flus kontanti (EUR 103 biljun). Assi oħrajn, li jammontaw għal EUR 17,5 biljun, kienu jinkludu prinċipalment proprjetà, impjanti u tagħmir u assi intanġibbli.

Il-kompożizzjoni tal-assi fil-31 ta' Diċembru 2025



Iż-żieda fl-assi totali ta' EUR 99,0 biljun jew ta' 19,1 % mis-sena ta' qabel kienet prinċipalment dovuta għall-effetti li ġejjin:

— Is-self pendenti żdied minn EUR 283,6 biljun fl-2024 għal EUR 333,4 biljun fl-2025. Iż-żieda ta' EUR 49,8 biljun jew ta' 17,6 % tirrifletti prinċipalment il-ħruġ ta' self ulterjuri lill-Istati Membri taħt l-RRF u r-REPowerEU (EUR 47,2 biljun) u self ġdid taħt il-programmi tal-Faċilità għall-Ukrajna u tal-AMF (EUR 10,1 biljun u EUR 18,4 biljun rispettivament), ikkumpensati mill-ħlasijiet lura tal-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbilizzazzjoni Finanzjarja (EFSM) u tas-SURE (EUR 4,9 biljun u EUR 8,0 biljun rispettivament) u żieda fl-indeboliment ta' EUR 14,4 biljun primarjament minħabba self ġdid lill-Ukrajna;

— Il-flus u l-ekwivalenti fi flus żdiedu minn EUR 63,2 biljun fl-2024 għal EUR 103,0 biljun fl-2025. Iż-żieda ta' EUR 39,9 biljun jew ta' 63 % hija prinċipalment dovuta għal-likwidità ogħla relatata mal-finanzjament unifikat (EUR 33,9 biljun fl-2024 meta mqabbla ma' EUR 65,2 biljun fi tmiem l-2025), li rriżultat minn livell għoli ta' żborżi ppjanati għall-bidu tal-2026.

Prefinanzjament (pagamenti bil-quddiem impenjati legalment)


Fl-2025, il-prefinanzjament, minbarra avvanzi oħrajn lill-Istati Membri u kontribuzzjonijiet għall-fondi fiduċjarji Bêkou u Afrika, ammonta għal EUR 71,3 biljun (2024: EUR 75,1 biljun). L-aktar moviment sinifikanti huwa relatat mal-prefinanzjament tal-RRF, li naqas minn EUR 15,4 biljun għal EUR 10,2 biljun fl-2025, f'konformità mal-implimentazzjoni normali tal-programm, peress li ma ġie żborżat l-ebda prefinanzjament addizzjonali fl-2025.

Il-livell ta' prefinanzjament mogħti taħt il-programmi tal-QFP huwa influwenzat b'mod sinifikanti miċ-ċiklu rispettiv tal-QFP – pereżempju, fil-bidu ta' perjodu tal-QFP, huwa mistenni li jitħallsu avvanzi kbar lill-Istati Membri taħt il-politika ta' koeżjoni u li dawn l-ammonti jibqgħu disponibbli għall-Istati Membri sal-għeluq tal-programmi. Jitħallas ukoll prefinanzjament annwali, li jrid jintuża matul is-sena jew jiġi rkuprat fis-sena ta' wara bħala parti mill-għeluq annwali taċ-ċiklu tal-kontijiet. Il-Kummissjoni tagħmel kull sforz biex tiżgura li l-prefinanzjament jinżamm f'livell xieraq. Għandu jinstab bilanċ bejn l-iżgurar ta' finanzjament suffiċjenti għall-proġetti u r-rikonoxximent f'waqtu tan-nefqa.

4.4. Obbligazzjonijiet

Sal-31 ta' Diċembru 2025, l-obbligazzjonijiet totali kienu ta' EUR 976,6 biljun (2024: EUR 827,3 biljun). Iż-żieda hija prinċipalment xprunata mit-teħid b'self fl-2025 taħt l-approċċ ta' finanzjament unifikat. L-aktar obbligazzjonijiet sinifikanti kienu t-teħid b'self biex jiġu ffinanzjati s-self lill-Istati Membri u lil pajjiżi terzi (EUR 731,2 biljun), l-obbligi tal-pensjonijiet u obbligazzjonijiet oħra tal-benefiċċji ta' wara l-impjieg (EUR 91,1 biljun), l-imposti dovuti u l-introjtu differit (EUR 77,0 biljun) u l-ammonti pagabbli lil partijiet terzi (EUR 65 biljun).

Il-kompożizzjoni tal-obbligazzjonijiet fil-31 ta' Diċembru 2025




Iż-żieda sinifikanti ta' EUR 149,3 biljun jew ta' 18,0 % fuq is-sena ta' qabel kienet prinċipalment dovuta għall-effetti li ġejjin:

— It-teħid b'self żdied minn EUR 594,0 biljun fl-2024 għal EUR 731,2 biljun fl-2025. Iż-żieda ta' EUR 137,2 biljun jew ta' 23,1 % hija prinċipalment relatata mal-ħruġ il-ġdid taħt l-approċċ ta' finanzjament unifikat nett mill-ħlasijiet lura (ta' EUR 148,3 biljun) għall-RRF, il-Faċilità għall-Ukrajna u s-self tal-AMF, nieqes il-ħlasijiet lura tal-EFSM, ta' SURE u tal-BOP ta' EUR 10,6 biljun;

— L-imposti dovuti u l-introjtu differit żdiedu minn EUR 67,1 biljun fl-2024 għal EUR 77,0 biljun fl-2025. Iż-żieda ta' EUR 9,9 biljun jew ta' 14,8 % hija relatata prinċipalment mal-RRF; u

— L-ammonti pagabbli żdiedu minn EUR 55,4 biljun fl-2024 għal EUR 65,0 biljun fl-2025. Iż-żieda ta' EUR 9,6 biljun jew 17,3 % hija primarjament relatata mal-FEŻR, mal-FK u mal-FSE (żieda ta' EUR 13,9 biljun).

Il-pretensjonijiet tal-kostijiet u l-fatturi totali rċevuti u rikonoxxuti fil-Karta Bilanċjali taħt l-intestatura "Ammonti Pagabbli"



4.5. **Assi netti**

L-eċċess tal-obbligazzjonijiet fuq l-assi fil-31 ta' Diċembru 2025 ammonta għal EUR 359,2 biljun (2024: EUR 308,8 biljun). L-aktar entrati sinifikanti li wasslu għal din iż-żieda huma t-teħid b'self addizzjonali skont l-approċċ ta' finanzjament unifikat (li għandu jitħallas lura sal-2055, ara t-Taqsima 5**.1.1**), żieda fl-implimentazzjoni tal-politiki u żieda relatata fl-approprjazzjonijiet ta' impenn, l-obbligazzjoni tal-benefiċċji tal-impjegati (li għandha titħallas fuq diversi deċennji) kif ukoll pagamenti relatati mal-FAEG, li l-maġġoranza tagħhom tħallsu fl-ewwel trimestru tal-2026.

Għandu jiġi nnotat li dan l-eċċess tal-obbligazzjonijiet fuq l-assi ma jfissirx li l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE jinsabu f'diffikultajiet finanzjarji, iżda pjuttost ifisser li ċerti obbligazzjonijiet se jiġu ffinanzjati minn bagits annwali futuri. Ħafna mill-ispejjeż huma rikonoxxuti skont ir-regoli dwar il-kontabilità bbażata fuq id-dovuti fis-sena kurrenti, għalkemm effettivament jistgħu jitħallsu fis-snin ta' wara u jiġu ffinanzjati bl-użu ta' bagits futuri; id-dħul relatat ma' dawn il-finanzjamenti futuri se jitqies biss f'perjodi futuri.

4.6. **Il-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE**

Skont il-Ftehim dwar il-Ħruġ tar-Renju Unit, ir-Renju Unit se jkompli jikkontribwixxi għall-baġit tal-UE u se jkompli jibbenefika mill-programmi u min-nefqa tal-UE ta' qabel l-2021 daqslikieku kien Stat Membru. Ir-Renju Unit se jirċievi wkoll lura ċerti somom speċifikati li ħallas fil-baġit tal-UE jew flejjes riċevuti mill-baġit tal-UE marbutin mal-perjodu ta' sħubija tiegħu. L-UE tirrapporta darbtejn fis-sena lir-Renju Unit dwar l-ammonti dovuti u r-Renju Unit iħallashom fuq bażi ta' kull xahar. Ir-rapportar jiġi aġġornat kull sena fuq il-bażi taċ-ċifri attwali.

L-obbligi fil-Ftehim dwar il-Ħruġ joħolqu obbligazzjonijiet u riċevibbli għall-UE li jridu jiġu kkalkolati u riflessi fil-kontijiet annwali tal-UE. Dawn ikopru b'mod partikolari l-oqsma li ġejjin:

— ir-riżorsi proprji (l-Artikolu 136)

— l-impenji pendenti (l-Artikolu 140)

— il-multi dovuti għall-kompetizzjoni (l-Artikolu 141)

— l-Obbligazzjonijiet tal-Unjoni (l-Artikolu 142)

— l-obbligazzjonijiet finanzjarji kontinġenti u l-istrumenti finanzjarji (l-Artikoli 143 u 144)

— l-assi netti tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar (l-Artikolu 145)

— l-investiment tal-UE fil-Fond Ewropew tal-Investiment, FEI (l-Artikolu 146)

— l-obbligazzjonijiet kontinġenti li jikkonċernaw kawżi legali (l-Artikolu 147).

(f'miljuni ta' EUR)

	Artikolu 140	Artikolu 142	Oħrajn	31.12.2025	31.12.2024
Dovuti mir-Renju Unit	*2 327*	*9 599*	*166*	*12 092*	*14 683*
Minħabba r-Renju Unit	–	–	*(1 331)*	*(1 331)*	*(1 922)*
Total	**2 327**	**9 599**	**(1 165)**	**10 761**	**12 762**
Mhux kurrenti	*1 928*	*9 244*	*(915)*	*10 256*	*11 231*
Kurrenti	*399*	*355*	*(250)*	*505*	*1 530*

Fil-31 ta' Diċembru 2025, ir-riċevibbli nett mir-Renju Unit abbażi tal-obbligi li jirriżultaw mid-dispożizzjonijiet finanzjarji tal-Ftehim dwar il-Ħruġ ammonta għal EUR 10 761 miljun (2024: EUR 12 762 miljun). L-elementi ewlenin ta' dan ir-riċevibbli jinkludu l-obbligi tar-Renju Unit skont l-Artikolu 142, relatati mal-obbligazzjonijiet ta' benefiċċji ta' wara l-impjieg tal-UE (EUR 9 599 miljun) u l-Artikolu 140, relatati ma' impenji baġitarji pendenti (EUR 2 327 miljun).

5. OBBLIGAZZJONIJIET KONTINĠENTI BAĠITARJI

Fl-aħħar snin, l-UE użat dejjem aktar strumenti finanzjarji (bħal self, garanziji u investimenti fl-ekwità), bħala mezz sabiex jiġu implimentati l-politiki tagħha u jiġu segwiti l-objettivi tal-UE. Pereżempju, is-self mill-UE lill-Istati Membri tagħha jew lill-pajjiżi sħab għandu l-għan li jirrestawra l-istabbiltà finanzjarja jew li jippromwovi l-irkupru ekonomiku minn sitwazzjonijiet ta' kriżi. L-objettiv prinċipali tal-programmi ta' garanzija tal-UE huwa li l-investimenti jingħataw spinta u li jissaħħaħ l-aċċess għall-finanzi sabiex jiġu indirizzati l-fallimenti tas-suq fl-oqsma ta' politika ewlenin.

Meta l-UE tipprovdi appoġġ fil-forma ta' garanziji, hija tistenna li tagħti spinta lill-investiment permezz ta' multiplu tal-kontribuzzjonijiet baġitarji tagħha permezz tal-ingranaġġ tal-appoġġ ta' istituzzjonijiet finanzjarji u ta' investituri oħra.

Meta jingħata self lil pajjiżi terzi jew meta jiġu pprovduti garanziji, il-bażit tal-UE jista' jġarrab telf, meta jseħħu xi avvenimenti – li ma jkunux kompletament fil-kontroll tal-UE. Hekk kif telf minħabba n-nuqqas ta' ħlas lura mill-benefiċjarji finali x'aktarx li ma jimmaterjalizzax bis-sħiħ, l-UE ma żżommx assi għal dawk l-obbligazzjonijiet potenzjali kollha ([6]), iżda sal-livell neċessarju sabiex tkopri t-telf mistenni u riżerva ta' sikurezza biżżejjed għal telf mhux mistenni. Madankollu, jekk isir telf akbar mill-ammonti pprovduti, dan jiġi kopert mill-Istati Membri permezz ta' bażits futuri tal-UE. B'dan il-mod, self u garanziji bażitarji joħolqu "obbligazzjonijiet kontinġenti bażitarji" għall-bażit tal-UE.

L-UE timmonitorja regolarment is-sostenibbiltà tal-obbligazzjonijiet kontinġenti tagħha u l-adegwatezza tal-assi proviżjonati miżmuma fil-Fond ta' Proviżjonament Komuni (CPF) ([7]) (ara t-Taqsima 5**.3** hawn taħt).

Fi tmiem l-2025, l-obbligazzjonijiet kontinġenti bażitarji tal-UE ammontaw għal EUR 475,7 biljun, li minnhom EUR 363,1 biljun kienu relatati ma' self pendenti lil sovrani (EUR 359,4 biljun nominali u EUR 3,7 biljun f'imgħax dovut) u EUR 112,6 biljun għall-ammonti massimi (limiti) tal-garanziji maħruġa. Fir-rigward tas-self, EUR 286,1 biljun huma relatati ma' self lill-Istati Membri u EUR 77,0 biljun ma' self lil pajjiżi terzi. L-assi proviżjonati għal self lil pajjiżi terzi u għal garanziji ammontaw għal EUR 27,4 biljun.


L-UE ġġarrab ukoll obbligazzjonijiet oħrajn, li ma humiex kontinġenti fin-natura tagħhom, iżda li – minħabba n-natura fit-tul tagħhom – jiġu ffinanzjati biss mill-Istati Membri permezz ta' bażits futuri. Dan huwa prinċipalment relatat mal-obbligazzjoni tal-pensjoni (EUR 91,1 biljun fil-31 ta' Diċembru 2025) u mat-teħid b'self ta' finanzjament unifikat li ffinanzja l-għotjiet tal-RRF/REPowerEU u xi programmi oħra tal-QFP (EUR 312,9 biljun fil-31 ta' Diċembru 2025, ara t-Taqsimiet 3**.2** u **3.4**).

5.1. Attivitajiet ta' teħid u ta' għoti b'self

5.1.1. *Teħid b'Self*

L-Unjoni tissellef billi toħroġ titoli fis-swieq kapitali internazzjonali. Fl-aħħar mill-aħħar, il-bażit tal-UE jiggarantixxi t-teħid b'self kollu tal-Unjoni. Sal-2020, it-teħid b'self intuża biss biex jiffinanzja attivitajiet ta' għoti b'self, ara t-Taqsima **5.1.2.** Wara l-introduzzjoni tal-istrument NGEU, it-teħid b'self jintuża wkoll biex jiffinanzja appoġġ mhux ripagabbli tal-RRF/REPower, ara t-Taqsima **3.2.**

L-approċċ ta' finanzjament



([6]) Ħlief għal xi garanziji pprovduti taħt il-programmi ta' strumenti finanzjarji ta' QFP preċedenti, li kienu ffinanzjati jew ipprovduti bis-sħiħ mill-bażit tal-UE.

([7]) Ara "Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar strumenti finanzjarji, garanziji bażitarji, assistenza finanzjarja u obbligazzjonijiet kontinġenti" li l-Kummissjoni toħroġ kull sena.

Sal-2020, il-Kummissjoni segwiet approċċ "back-to-back", billi ħarġet bond iddedikat sabiex tiffinanzja ftehim ta' self speċifiku. Ittrasferiet il-flus direttament lill-pajjiż benefiċjarju bl-istess termini u kondizzjonijiet (rata tal-imgħax, maturità). It-twaqqit, il-volum u l-maturità tal-ħruġ ta' bonds kienu ddeterminati mill-ħtiġijiet tal-benefiċjarju.

Għall-istrument NGEU, il-Kummissjoni tuża approċċ ta' finanzjament diversifikat u aggregat li fih it-teħid b'self ma jiffinanzjax żborżi speċifiċi direttament. Minflok, id-dejn jinħareġ skont pjanijiet ta' finanzjament semi-annwali, b'bonds fit-tul u kambjali b'terminu qasir. Il-Kummissjoni tuża rkanti u sindakazzjonijiet sabiex toħroġ dawn it-titoli. Imbagħad tgħaddi l-kostijiet, f'konformità mal-metodoloġija tal-allokazzjoni tal-kostijiet miftiehma mal-Istati Membri ([8]), lill-benefiċjarji għas-self u lill-baġit tal-UE għall-appoġġ mhux ripagabbli. Dan l-approċċ ta' finanzjament aggregat joffri attività ta' teħid u ta' għoti b'self aktar flessibbli u koerenti. Joffri wkoll kostijiet ta' finanzjament aħjar u jippermetti t-tfassil ta' qafas tar-riskju u ta' konformità aħjar. Din il-flessibbiltà ta' finanzjament teħtieġ ukoll riżerva ta' likwidità għall-immaniġġjar effiċjenti tal-likwidità.

Billi ssegwi r-Regolament Finanzjarju (UE, Euratom) 2022/2434 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([9]) f'Diċembru 2022, il-Kummissjoni tista' tuża dan l-approċċ għat-teħid b'self futur kollu. B'dan il-mod, l-Assistenza Makrofinanzjarja (AMF)+ għall-Ukrajna, għall-Faċilità għall-Ukrajna u għal programmi oħrajn ta' għoti b'self jistgħu jibbenefikaw minn din il-ġestjoni tad-dejn flessibbli u kosteffettiva, u jista' jinħoloq approċċ ta' finanzjament unifikat għat-teħid b'self kollu tal-UE.

It-teħid b'self pendenti tal-UE żdied għal ammont totali ta' EUR 738,9 biljun fil-31 ta' Diċembru 2025. Dan l-ammont jinkludi EUR 78,5 biljun ta' Bonds Ekoloġiċi tal-NGEU. Dan il-ħruġ huwa appoġġat mill-Qafas tal-Bonds Ekoloġiċi tal-NGEU, li huwa allinjat mal-Prinċipji tal-Bonds Ekoloġiċi tal-Assoċjazzjoni Internazzjonali tas-Suq Kapitali (ICMA, International Capital Market Association) ([10]). Il-fondi miġbura permezz tal-Bonds Ekoloġiċi tal-NGEU jiffinanzjaw miżuri rilevanti għall-klima mill-pjanijiet nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRPs) taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF).

It-tabella ta' hawn taħt turi l-iskeda ta' ħlas lura għat-teħid b'self pendenti tal-UE (nominali f'biljuni ta' EUR) fil-31 ta' Diċembru 2025:

	UNIFIKAT	TEĦID B'SELF BACK-TO-BACK				TOTAL
	FINANZJAMENT	SURE	EFSM	AMF	Euratom	
2026	69,9	8,0	6,2	0,1	0,0	84,2
2027	37,2	0,0	3,0	0,2	0,1	40,4
2028	55,6	10,0	2,3	0,2	0,1	68,2
2029	34,1	8,1	1,4	0,9	0,0	44,5
2030	27,7	10,0	0,0	0,1	0,1	37,9
2031	39,2	0,0	6,6	1,2	0,1	47,0
2032	30,3	0,0	3,0	0,7	0,0	34,1
2033	15,7	0,0	2,1	0,5	0,0	18,3
2034	39,7	0,0	0,0	0,7	0,0	40,5
2035	16,9	8,5	2,0	2,0	0,0	29,4
2036	0,0	9,0	5,8	1,3	0,0	16,1
2037	18,4	8,7	0,0	0,9	0,0	28,1

([8]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/9701.

([9]) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2022/2434 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Diċembru 2022 li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 fir-rigward tal-istabbiliment ta' strateġija ta' finanzjament diversifikata bħala metodu ġenerali ta' teħid b'self (ĠU L 319, 13.12.2022, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2022/2434/oj).

([10]) Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għall-Baġit, Bonds ekoloġiċi – Rapport dwar l-allokazzjoni u l-impatt – rapport tal-2023 tal-NGEU, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2023, https://data.europa.eu/doi/10.2761/302803.

	UNIFIKAT	TEĦID B'SELF BACK-TO-BACK				TOTAL
	FINANZJAMENT	SURE	EFSM	AMF	Euratom	
2038	17,0	0,0	1,8	0,3	0,0	19,1
2039	19,3	0,0	0,0	0,1	0,0	19,4
2040	6,0	7,0	0,0	0,5	0,0	13,5
2041	16,9	0,0	0,0	0,0	0,0	16,9
2042	13,3	0,0	3,0	2,0	0,0	18,3
2043	12,0	0,0	0,0	0,0	0,0	12,0
2044	14,4	0,0	0,0	0,0	0,0	14,4
2045	12,6	0,0	0,0	0,0	0,0	12,6
2046	0,0	5,0	0,0	0,0	0,0	5,0
2047	0,0	6,0	0,0	0,0	0,0	6,0
2048	15,3	0,0	0,0	0,0	0,0	15,3
2049	0,0	0,0	0,0	0,0	0,0	0,0
2050	17,0	10,0	0,0	0,0	0,0	27,0
2051	15,4	0,0	0,0	0,0	0,0	15,4
2052	13,9	0,0	0,0	0,5	0,0	14,4
2053	15,3	0,0	0,0	2,5	0,0	17,8
2054	17,3	0,0	0,0	0,0	0,0	17,3
2055	6,0	0,0	0,0	0,0	0,0	6,0
Total	**596,5**	**90,4**	**37,1**	**14,7**	**0,3**	**738,9**

Il-"finanzjament unifikat" jiffinanzja s-self tal-RRF/ir-REPowerEU u l-appoġġ mhux ripagabbli kif ukoll is-self għall-Faċilità għall-Ukrajna, għall-Faċilità għall-Balkani tal-Punent, għall-Faċilità għall-Moldova u għall-AMF iffirmat mill-2023.

5.1.2. *L-Għoti b'Self*

Il-Kummissjoni tipprovdi self bilaterali lill-Istati Membri u lil pajjiżi terzi f'konformità mad-deċiżjonijiet tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Fl-2025, il-Kummissjoni, li taġixxi f'isem l-UE, operat il-programmi li ġejjin u tat self bis-saħħa tagħhom (minbarra l-RRF/REPower irrapportati fit-Taqsima 3.**3**):

— L-Assistenza SURE (Appoġġ biex jittaffew ir-Riskji ta' Qgħad f'Emerġenza);

— L-Assistenza tal-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbilizzazzjoni Finanzjarja (EFSM);

— L-Assistenza Makrofinanzjarja (AMF);

— Il-Faċilità għall-Ukrajna;

— Il-Faċilità għall-Balkani tal-Punent;

— Il-Faċilità għall-Moldova;

— Il-Euratom; u

— Bilanċ tal-Pagamenti (BOP).

Fil-31 ta' Diċembru 2025, l-ammont nominali tas-self f'EUR biljun kien:

	Total iffirmat	Total mhux prelevat fi tmiem is-sena	Total żborżat fi tmiem is-sena	Pendenti fi tmiem is-sena
SURE				
Il-Belġju	8,2	-	8,2	8,2
Il-Bulgarija	1,0	-	1,0	1,0
Il-Kroazja	1,6	-	1,6	1,2
Ċipru	0,6	-	0,6	0,5
Iċ-Ċekja	4,5	-	4,5	4,5
L-Estonja	0,2	-	0,2	0,2
Il-Greċja	6,2	-	6,2	5,2
L-Ungerija	0,7	-	0,7	0,7
L-Irlanda	2,5	-	2,5	2,5
L-Italja	27,4	-	27,4	24,3
Il-Latvja	0,5	-	0,5	0,4
Il-Litwanja	1,1	-	1,1	0,9
Malta	0,4	-	0,4	0,3
Il-Polonja	11,2	-	11,2	11,2
Il-Portugall	6,2	-	6,2	6,2
Ir-Rumanija	3,0	-	3,0	3,0
Is-Slovakkja	0,6	-	0,6	0,6
Is-Slovenja	1,1	-	1,1	0,9
Spanja	21,3	-	21,3	18,5
	98,4	-	**98,4**	**90,4**
EFSM				
L-Irlanda	22,5	-	22,5	17,3
Il-Portugall	24,3	-	24,3	19,8
	46,8	-	**46,8**	**37,1**
AMF				
L-Albanija	0,2	-	0,2	0,2
L-Armenja	0,1	-	0,1	0,1
Il-Bożnija-Ħerzeg.	0,1	-	0,1	0,1
Il-Georgia	0,1	-	0,1	0,1
Il-Ġordan	1,6	0,3	1,3	1,3
Il-Kosovo	0,1	-	0,1	0,1
Ir-Rep. tal-Kirgistan	0,0	-	0,0	0,0
Il-Moldova	0,4	-	0,4	0,4

	Total iffirmat	Total mhux prelevat fi tmiem is-sena	Total żborżat fi tmiem is-sena	Pendenti fi tmiem is-sena
Il-Montenegro	0,1	-	0,1	0,1
Il-Maċedonja ta' Fuq	0,3	0,1	0,2	0,2
It-Tuneżija	1,4	-	1,4	1,4
AMF għall-Ukrajna	12,2	-	12,2	11,0
AMF+ għall-Ukrajna	18,0	-	18,0	18,0
AMF ULCM għall-Ukrajna	18,1	-	18,1	18,1
L-Eġittu	5,0	4,0	1,0	1,0
	57,6	**4,3**	**53,3**	**52,1**
Il-Faċilità għall-Balkani tal-Punent				
Il-Maċedonja ta' Fuq	0,5	0,5	0,0	0,0
L-Albanija	0,7	0,6	0,1	0,1
Is-Serbja	1,1	1,1	0,1	0,1
Il-Montenegro	0,3	0,3	0,0	0,0
	2,6	**2,4**	**0,2**	**0,2**
Il-Faċilità għall-Moldova				
Il-Moldova	**1,5**	**1,2**	**0,3**	**0,3**
Il-Faċilità għall-Ukrajna				
L-Ukrajna	**33,0**	**9,8**	**23,2**	**23,2**
Euratom				
Energoatom, K2R4 Ukrajna	**0,4**	-	**0,4**	**0,3**
RRF/REPowerEU	**277,2**	**121,3**	**155,9**	**155,9**
Total	**517,4**	**139,0**	**378,5**	**359,4**

SURE

SURE ġie stabbilit fl-2020 sabiex jipprovdi assistenza finanzjarja lill-Istati Membri li jkunu qed jesperjenzaw, jew li jkunu mhedda serjament minn tfixkil ekonomiku serju kkawżat mill-pandemija tal-COVID-19. L-istrument jikkomplementa l-miżuri nazzjonali meħudin mill-Istati Membri affettwati.

Id-disponibbiltà tal-istrument intemmet fil-31 ta' Diċembru 2022 u ma hemm l-ebda żborż pendenti. Il-maturità tas-self tvarja bejn 5 snin u 30 sena.

EFSM

L-EFSM inħoloq sabiex jipprovdi assistenza finanzjarja lill-Istati Membri kollha li jkunu qed jesperjenzaw jew li jkunu huma mhedda serjament minn tfixkil finanzjarju ekonomiku serju kkawżat minn okkorrenzi eċċezzjonali lil hinn mill-kontroll tagħhom. Dan il-programm skada u ma jista' jinġibed l-ebda self addizzjonali, ħlief għal kompiti speċifiċi bħat-titwil tal-maturitajiet ta' self eżistenti.

Fl-2025, l-Irlanda ħallset lura EUR 2,4 biljun mis-self tal-EFSM dovut, filwaqt li l-Portugall ħallas lura kmieni żewġ għotjiet b'self għal ammont totali ta' EUR 2,5 biljun. Il-bonds sottostanti tal-UE ġew ittrasferiti lejn il-fondi miġbura ta' finanzjament unifikat.

AMF

Il-programm tal-AMF huwa forma ta' għajnuna finanzjarja estiża mill-UE lil pajjiżi msieħba barra l-UE li jesperjenzaw kriżi ta' bilanċ tal-pagamenti. Jieħu l-forma ta' self jew ta' għotjiet fuq perjodu ta' żmien medju/fit-tul, jew kombinazzjoni ta' dawn, u huwa disponibbli biss għal pajjiżi li jibbenifikaw minn programm tal-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI).

L-Ukrajna

Fl-2022, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill qablu dwar 3 pakketti ta' assistenza finanzjarja għall-Ukrajna ([11]), li jammontaw għal total ta' EUR 7,2 biljun, sabiex tissaħħaħ ir-reżiljenza immedjata tal-pajjiż wara l-gwerra ta' aggressjoni mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja. Is-self kollu kien ġie żborżat lill-Ukrajna sa tmiem l-2022. Il-maturità ta' dan is-self ġdid lill-Ukrajna tvarja bejn 10 snin u 30 sena.

Biex jitkompla l-appoġġ tal-UE għall-Ukrajna, self tal-AMF+ ta' EUR 18-il biljun ġie żborżat fl-2023 skont ir-Regolament (UE) 2022/2463 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([12]). Is-self ġie ffinanzjat permezz tal-approċċ ta' finanzjament unifikat, filwaqt li s-self preċedenti kollu tal-AMF ġie ffinanzjat taħt l-approċċ ta' finanzjament back-to-back.

F'Ottubru 2024, l-UE adottat AMF ġdid għall-Ukrajna u l-Mekkaniżmu ta' Kooperazzjoni ta' Self għall-Ukrajna (ULCM, Ukraine Loan Cooperation Mechanism) ([13]). Skont il-ULCM, id-dħul straordinarju minn assi sovrani Russi mmobilizzati jintuża sabiex jingħata appoġġ mhux ripagabbli lill-Ukrajna sabiex il-pajjiż jiġi megħjun iħallas lura s-self bilaterali ġdid ipprovdut mis-sħab tal-G7 u mill-UE skont din l-inizjattiva. Konsegwentement, l-UE ffirmat ftehim ġdid ta' self tal-AMF mal-Ukrajna f'Diċembru 2024 għal ammont ta' EUR 18,1 biljun, li ġie żborżat għalkollox sa tmiem l-2025.

Fi tmiem l-2025, it-total tas-self tal-AMF pendenti lill-Ukrajna kien jammonta għal EUR 47,1 biljun (ammont nominali).

Il-Faċilità għall-Ukrajna

Fid-29 ta' Frar 2024, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw ir-Regolament (UE) 2024/792 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Ukrajna ([14]). Dan l-istrument il-ġdid ikopri s-snin mill-2024 sal-2027 u joffri sa EUR 50 biljun f'appoġġ finanzjarju lill-Ukrajna, inkluż sa EUR 33 biljun f'self sovran. Sal-31 ta' Diċembru 2025, ġew żborżati EUR 23,2 biljun f'self lill-Ukrajna. Is-self sovran tal-Faċilità għall-Ukrajna huwa ffinanzjat permezz ta' teħid b'self skont l-approċċ ta' finanzjament unifikat.

Il-Faċilità għar-Riforma u t-Tkabbir għall-Balkani tal-Punent

Ir-Regolament (UE) 2024/1449 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([15]) dwar l-istabbiliment tal-Faċilità għar-Riforma u t-Tkabbir għall-Balkani tal-Punent ġie adottat f'Mejju 2024, filwaqt li l-ewwel self ġie żborżat fl-2025. Il-faċilità hija mistennija li tipprovdi sa EUR 4 biljun f'self għall-2025-2027, b'pagamenti kkondizzjonati fuq il-pajjiżi sħab tal-UE fil-Balkani tal-Punent li jimplimentaw riformi soċjoekonomiċi u fundamentali speċifiċi.

([11]) Id-Deċiżjoni (UE) 2022/313 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għal EUR 1,2 biljun li tipprovdi assistenza ta' emerġenza lill-Ukrajna, id-Deċiżjoni (UE) 2022/1201 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għal EUR 1,0 biljun li tipprovdi assistenza eċċezzjonali lill-Ukrajna, id-Deċiżjoni (UE) 2022/1628 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għal EUR 5,0 biljun li tipprovdi assistenza eċċezzjonali lill-Ukrajna.

([12]) Ir-Regolament (UE) 2022/2463 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 li jistabbilixxi strument għall-għoti ta' appoġġ lill-Ukrajna għall-2023 (assistenza makrofinanzjarja +) (ĠU L 322, 16.12.2022, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2022/2463/oj).

([13]) Ir-Regolament (UE) 2024/2773 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2024 li jistabbilixxi l-Mekkaniżmu ta' Kooperazzjoni ta' Self għall-Ukrajna u li jipprovdi assistenza makrofinanzjarja eċċezzjonali lill-Ukrajna (ĠU L, 2024/2773, 28.10.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2773/oj).

([14]) Ir-Regolament (UE) 2024/792 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Frar 2024 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Ukrajna (ĠU L, 2024/792, 29.2.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/792/oj).

([15]) Ir-Regolament (UE) 2024/1449 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 dwar l-istabbiliment tal-Faċilità għar-Riforma u t-Tkabbir għall-Balkani tal-Punent (ĠU L, 2024/1449, 24.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1449/oj).

Il-Faċilità għar-Riforma u t-Tkabbir għar-Repubblika tal-Moldova

Ir-Regolament (UE) 2025/535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([16]) li jistabbilixxi l-Faċilità għar-Riforma u t-Tkabbir għar-Repubblika tal-Moldova, ġie adottat f'Marzu 2025. Il-faċilità se tappoġġa lill-Moldova matul il-perjodu mill-2025 sal-2027. Hija mistennija li tipprovdi sa EUR 1,5 biljun f'self, bl-ewwel żborżi magħmula fl-2025.

Euratom

Il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika tislef flus kemm lill-Istati Membri kif ukoll lil dawk li ma humiex Stati Membri, u lil entitajiet tat-tnejn, biex tiffinanzja proġetti relatati ma' installazzjonijiet tal-enerġija.

BOP

Il-BOP huwa programm ta' assistenza maħsub għal Stati Membri barra ż-żona tal-euro li jkunu qegħdin jesperjenzaw diffikultajiet fir-rigward tal-bilanċ tal-pagamenti tagħhom. Fl-2025, l-aħħar self tal-BOP pendenti tħallas lura kompletament mil-Latvja.

SAFE

Fis-27 ta' Mejju 2025, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea adotta l-istrument ta' Azzjoni għas-Sigurtà tal-Ewropa (SAFE) ([17]) imfassal biex jipprovdi appoġġ finanzjarju lill-Istati Membri biex jaċċelleraw il-prontezza tad-difiża permezz ta' akkwist komuni. SAFE se jipprovdi sa EUR 150 biljun f'self fit-tul lill-Istati Membri ppjanati li jiġu żborżati fl-2026–2030 u ffinanzjati mit-teħid b'self. EUR 43,7 biljun ta' self minn SAFE ġew iffirmati u effettivi sal-31 ta' Mejju 2026, li minnhom ġew żborżati EUR6,6 biljun.

Self ta' Appoġġ għall-Ukrajna

Fi Frar 2026, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw ir-Regolament (UE) 2026/467 ([18]), li jistabbilixxi s-Self ta' Appoġġ għall-Ukrajna għal ammont massimu ta' mhux aktar minn EUR 90 biljun. L-implimentazzjoni tal-programm sussegwentement saret possibbli permezz tal-emenda għar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 ([19]) — li jistabbilixxi l-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) għas-snin mill-2021 sal-2027 — wara l-adozzjoni tiegħu f'April 2026. Il-ftehim ta' self relatat ġie ffirmat f'Mejju 2026 u l-Kummissjoni Ewropea qed tippjana li tibda l-iżborżi f'Ġunju 2026.

Likwidità għal finanzjament unifikat

Skont l-istrateġija ta' finanzjament unifikat, ċertu ammont ta' rikavati minn teħid b'self jinżamm f'kont bankarju mal-Bank Ċentrali Ewropew jew jiġi investit f'investimenti fuq terminu qasir. Din ir-riżerva ta' likwidità tiżgura li jkun hemm biżżejjed fondi disponibbli biex jiġu ssodisfati l-obbligi kollha ta' żborż li ġejjin. Fil-ġestjoni tal-likwidità, il-Kummissjoni tqis il-ħtiġijiet ta' żborż mistennija u l-kostijiet tal-opportunità tal-bilanċi tal-flus. Fi tmiem is-sena 2025, il-fondi miżmumin fir-riżerva ta' likwidità ammontaw għal EUR 65,2 biljun.

5.1.3. *Salvagwardji bażitarji biex jiġi żgurat il-ħlas lura tat-teħid b'self*

It-teħid b'self tal-UE jikkostitwixxi obbligi diretti u inkondizzjonali tal-UE u huwa ggarantit mill-Istati Membri tal-UE. Is-self meħud biex jiġi ffinanzjat is-self huwa maħsub li jitħallas lura permezz ta' ġbir f'waqtu tal-kapital u tal-imgħax dovut fuq dak is-self.

([16]) Ir-Regolament (UE) 2025/535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Marzu 2025 li jistabbilixxi l-Faċilità għar-Riforma u t-Tkabbir għar-Repubblika tal-Moldova (ĠU L, 2025/535, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2025/535/oj).

([17]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2025/1106 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Mejju 2025 li jistabbilixxi l-Istrument ta' Azzjoni għas-Sigurtà tal-Ewropa (SAFE) permezz tat-Tisħiħ tal-Industrija Ewropea tad-Difiża (ĠU L, 2025/1106, 28.5.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2025/1106/oj).

([18]) Ir-Regolament (UE) 2026/467 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Frar 2026 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa għall-istabbiliment tas-Self ta' Appoġġ għall-Ukrajna għall-2026 u l-2027 (ĠU L, 2026/467, 26.2.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2026/467/oj).

([19]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 11, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2020/2093/oj).

Għaldaqstant, jekk pajjiż benefiċjarju jsir inadempjenti jew idum fir-ripagamenti tiegħu, hemm numru ta' salvagwardji biex jiġi żgurat il-ħlas tad-dejn tal-UE, li qed jintwerew fil-qosor fit-tabella t'hawn taħt. F'terminu qasir, it-teħid b'self se jitħallas lura mill-bilanċ tat-teżor disponibbli tal-Kummissjoni. Wara, it-teħid b'self relatat mas-self lil pajjiżi terzi (ħlief għal self tal-AMF+ u tal-Faċilità għall-Ukrajna) se jitħallas lura mill-assi miżmumin fis-CPF, filwaqt li fil-każ tal-AMF+, tal-Faċilità għall-Ukrajna, u tas-self lill-Istati Membri, il-Kummissjoni tista' titlob riżorsi addizzjonali mill-Istati Membri sal-marġni disponibbli tar-riżorsi proprji ("marġni ta' manuvra baġitarju"). Għal xi programmi, l-Istati Membri jipprovdu wkoll garanziji. B'konsegwenza ta' dan, l-investituri huma skoperti biss għar-riskju ta' kreditu tal-UE, mhux għal dak tal-benefiċjarju tas-self.

Programm tal-UE ffinanzjat minn teħid b'self	Sistema ta' protezzjoni
NGEU (RRF u REPowerEU)	Marġni ta' manuvra baġitarju taħt il-limitu massimu temporanju tar-riżorsi proprji tal-baġit tal-UE - 0,6 % żejda tal-ING tal-UE aktar mil-limitu massimu tar-riżorsi proprji tal-baġit tal-UE ta' 1,4 % tal-ING tal-UE
SURE	Garanzija pprovduta mill-Istati Membri kollha tal-UE (25 %) + il-marġni ta' manuvra baġitarju taħt il-limitu massimu tar-riżorsi proprji tal-baġit tal-UE ta' 1,4 % tal-ING tal-UE
EFSM	Marġni ta' manuvra baġitarja taħt il-limitu massimu tar-riżorsi proprji tal-baġit tal-UE ta' 1,4 % tal-ING tal-UE
AMF (standard)	CPF (9 % tas-self lill-pajjiż terz)
AMF eċċezzjonali għall-Ukrajna	CPF (9 % tas-self) + garanziji mill-Istati Membri kollha tal-UE (61 %)
AMF+ għall-Ukrajna	Marġni ta' manuvra baġitarja taħt il-limitu massimu tar-riżorsi proprji tal-baġit tal-UE ta' 1,4 % tal-ING tal-UE
AMF ULCM	Marġni ta' manuvra baġitarja taħt il-limitu massimu tar-riżorsi proprji tal-baġit tal-UE ta' 1,4 % tal-ING tal-UE
Il-Faċilità għall-Ukrajna	Marġni ta' manuvra baġitarja taħt il-limitu massimu tar-riżorsi proprji tal-baġit tal-UE ta' 1,4 % tal-ING tal-UE
Il-Faċilità għall-Balkani tal-Punent	CPF (9 % tas-self lill-pajjiż terz)
Il-Faċilità għall-Moldova	CPF (9 % tas-self lill-pajjiż terz)
Self tal-Euratom lill-pajjiżi terzi (entitajiet li huma l-proprjetà tal-istat)	CPF (9 % tas-self) u kontrogaranziji minn pajjiżi terzi

5.2. **Garanziji baġitarji**

Taħt implimentazzjoni tal-baġit ta' dan it-tip, l-UE tipprovdi garanziji lill-istituzzjonijiet finanzjarji (sħab ta' implimentazzjoni) għall-operazzjonijiet finanzjarji (għoti b'self) u ta' investiment (ekwità) tagħhom sabiex isegwu l-objettivi tal-politika tagħha.

L-UE ħarġet garanziji taħt il-programmi li ġejjin:

— Garanziji tal-mandat ta' self estern (ELM, External Lending Mandate) mogħtijin lill-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) għall-operazzjonijiet tal-għoti b'self tagħhom barra mill-UE, prinċipalment lill-benefiċjarji sovrani u subsovrani;

— Il-garanzija tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS) mogħtija lill-Grupp tal-BEI għall-operazzjonijiet tagħhom b'appoġġ għal investiment addizzjonali fl-UE u għal aċċess għall-finanzjament għall-SMEs;


— Il-garanzija InvestEU pprovduta lill-Grupp tal-BEI, lill-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp u lil diversi sħab finanzjarji fl-Istati Membri tal-UE, sabiex jiġu mmobilizzati investimenti privati għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, għall-innovazzjoni u għall-investimenti soċjali u għall-ħiliet. Il-garanzija InvestEU tista' tiżdied bil-kontribuzzjonijiet u bil-kontrogaranziji tal-EFTA u tal-Istati Membri;

— Il-Garanzija għall-Azzjoni Esterna skont ir-Regolament dwar l-NDICI li tipprovdi garanziji kemm lill-BEI, kif ukoll lil diversi kontropartijiet oħra, għall-finanzjament u għall-investimenti tagħhom barra mill-Ewropa, lill-benefiċjarji kemm tas-settur pubbliku kif ukoll tas-settur privat, bl-objettiv li jiġu promossi investimenti sostenibbli fil-pajjiżi sħab tal-UE;

— Garanzija tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli (EFSD) maħruġa lil diversi kontropartijiet bl-għan li tappoġġa l-investimenti fl-Afrika u fil-pajjiżi tal-Viċinat Ewropej;

— Il-Garanzija għall-Ukrajna maħruġa skont ir-regolament dwar il-Faċilità għall-Ukrajna lil diversi kontropartijiet sabiex tingħata spinta lill-investimenti għall-irkupru u għar-rikostruzzjoni tal-Ukrajna.

Fil-31 ta' Diċembru 2025, l-ammont pendenti nominali ta' dawk il-garanziji fil-livell massimu mogħti lil dawk is-sħab ta' implimentazzjoni ammonta għal EUR 112,6 biljun, li minnhom EUR 77,6 biljun huma relatati ma' operazzjonijiet ta' finanzjament jew ta' investiment iffirmati mis-sħab ta' implimentazzjoni (il-garanziji InvestEU, NDICI u għall-Ukrajna għadhom fil-perjodu ta' investiment, li matulu s-sħab jistgħu jinkludu operazzjonijiet ġodda taħt il-garanzija).



L-Istati Membri u l-pajjiżi taż-ŻEE jistgħu jikkontribwixxu wkoll għall-programm InvestEU. Sal-31 ta' Diċembru 2025, l-UE ffirmat ftehimiet ta' kontribuzzjoni ma' dawk il-pajjiżi għal EUR 3,3 biljun, li minnhom EUR 2,6 biljun huma relatati ma' kontribuzzjonijiet fi flus u EUR 0,6 biljun ma' kontrogaranziji.

5.3. **Fond ta' Proviżjonament Komuni**

Sabiex l-UE tissodisfa kull talba ta' garanzija sabiex jiġi kopert telf imġarrab mis-sħab ta' implimentazzjoni fi żmien xieraq, l-UE tipprovdi ammonti mill-baġit. Mill-2021, l-assi kollha pprovduti jinżammu fis-CPF, li jiffunzjona bħala portafoll uniku, b'assi prinċipalment investiti f'titoli ta' dejn. Bħalissa, is-CPF jikkombina l-proviżjonament għall-garanziji baġitarji kollha tal-UE u għal xi programmi ta' assistenza finanzjarja. Ir-riżorsi tas-CPF huma allokati f'kompartimenti għall-fini tat-traċċar tal-ammonti relatati mal-garanziji baġitarji kontribwenti u mal-programmi ta' assistenza finanzjarja.

Fil-31 ta' Diċembru 2025, il-Kummissjoni għandha EUR 27,2 biljun f'assi netti fis-CPF għall-kompartimenti li ġejjin:

— Il-Fond ta' Garanzija għall-azzjonijiet esterni – EUR 3,4 biljun (li jkopri garanziji tal-ELM kif ukoll self tal-Euratom u tal-AMF ta' qabel l-2021 lil pajjiżi terzi)

— FEIS – EUR 9,2 biljun

— EFSD – EUR 0,8 biljun

— Il-kompartimenti tal-InvestEU – EUR 8,9 biljun (inklużi l-kontribuzzjonijiet fi flus tal-Istati Membri u tal-pajjiżi taż-ŻEE)

— NDICI EFSD+ – EUR 3,6 biljun

— Garanzija għall-Ukrajna – EUR 0,6 biljun

— Self tal-AMF wara l-2020 u l-Faċilità għall-Balkani tal-Punent – EUR 0,2 biljun

— Self tal-AMF lill-Ukrajna — EUR 0,5 biljun.

Barra minn hekk, EUR 0,2 biljun jinżammu fit-teżor ċentrali tal-Kummissjoni bħala riżerva ta' likwidità biex tkopri talbiet immedjati għal ħlas ta' garanzija.

6. **QAFAS POLITIKU U FINANZJARJU, GOVERNANZA U RESPONSABBILTÀ TAL-UE**

L-Unjoni Ewropea (UE) hija Unjoni li lilha l-Istati Membri jagħtu kompetenzi sabiex jilħqu objettivi li għandhom komuni bejniethom. L-Unjoni hija msejsa fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ta' persuni li jappartjenu għal minoranzi. Dawn il-valuri huma komuni għall-Istati Membri f'soċjetà fejn jipprevalu l-pluraliżmu, in-nondiskriminazzjoni, it-tolleranza, il-ġustizzja, is-solidarjetà u l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel.

6.1. **Qafas politiku u finanzjarju**

Trattati tal-UE

L-objettivi u l-prinċipji ġenerali li jiggwidaw lill-Unjoni u lill-Istituzzjonijiet Ewropej huma definiti fit-Trattati. L-Unjoni u l-istituzzjonijiet tal-UE jistgħu jaġixxu biss fil-limiti tal-kompetenzi mogħtija mit-Trattati sabiex jilħqu l-objettivi stabbiliti hemmhekk u jridu jagħmlu dan f'konformità mal-prinċipji ([20]) tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità. Sabiex tilħaq l-objettivi tagħha u twettaq il-politiki tagħha, l-Unjoni tipprovdi lilha nnifisha bil-mezzi finanzjarji neċessarji. Il-Kummissjoni hija responsabbli għall-promozzjoni tal-interess ġenerali tal-Unjoni, li jinkludi l-eżekuzzjoni tal-baġit u l-ġestjoni tal-programmi f'kooperazzjoni mal-Istati Membri u f'konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba.

([20]) Skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà, l-Unjoni għandha taġixxi biss jekk u diment l-objettivi tal-azzjoni proposta ma jkunux jistgħu jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, iżda minflok ikunu jistgħu, minħabba l-iskala jew l-effetti, jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, il-kontenut u l-forma ta' azzjoni tal-Unjoni ma għandhomx jaqbżu dawk meħtieġa sabiex jintlaħqu l-objettivi tat-Trattati (ara l-Artikolu 5 tat-TUE).

L-UE ssegwi l-objettivi stabbiliti mit-Trattat b'diversi strumenti, li wieħed minnhom huwa l-baġit tal-UE. Oħrajn huma, pereżempju, qafas leġiżlattiv komuni jew strateġiji ta' politika konġunti.

Qafas finanzjarju pluriennali u programmi tal-infiq

Il-politiki appoġġati mill-baġit tal-UE huma implimentati f'konformità mal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) u mal-leġiżlazzjoni settorjali korrispondenti li tiddefinixxi l-programmi u l-istrumenti tal-infiq. Dawn isarrfu l-prijoritajiet politiċi tal-UE f'termini finanzjarji fuq perjodu twil biżżejjed sabiex ikunu effettivi u jipprovdu perspettiva koerenti fit-tul għall-benefiċjarji tal-fondi tal-UE u għall-awtoritajiet nazzjonali tal-kofinanzjament. Jiġu stabbiliti ammonti massimi annwali (limiti massimi) għan-nefqa tal-UE kollha kemm hi u għall-kategoriji ewlenin tan-nefqa (intestaturi). Is-somma tal-limiti massimi tal-intestaturi kollha tagħti l-limitu massimu totali għall-approprjazzjonijiet ta' impenn. Il-QFP huwa adottat mill-Kunsill b'unanimità tal-Istati Membri kollha, bil-kunsens tal-Parlament Ewropew. Il-qafas finanzjarju pluriennali kurrenti tal-2021-2027 ġie adottat fis-17 ta' Diċembru 2020 ([21]). Il-qafas finanzjarju pluriennali tal-2021–2027 huwa kkomplementat mill-istrument temporanju għall-irkupru Next Generation EU.

Baġit annwali

Il-baġit annwali jitħejja mill-Kummissjoni. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jaqblu (normalment sa nofs Diċembru) dwar il-baġit għas-sena ta' wara, fuq il-bażi tal-proċedura tal-Artikolu 314 tat-TFUE. Skont il-prinċipju tal-ekwilibriju baġitarju, id-dħul totali jrid ikun ugwali għan-nefqa totali (approprjazzjoniet ta' pagament) għal sena finanzjarja partikolari.

Is-sorsi ta' finanzjament ewlenin tal-UE huma d-dħul mir-riżorsi proprji, li huwa kkomplementat minn dħul ieħor. Hemm 4 tipi ta' riżorsi proprji: Riżorsi proprji tradizzjonali (prinċipalment dazji doganali), ir-riżorsa proprja bbażata fuq it-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT), ir-riżorsa proprja bbażata fuq l-iskart mill-imballaġġ tal-plastik mhux irriċiklat (introdotta fl-2021) u r-riżorsa proprja bbażata fuq l-introjtu nazzjonali gross (ING). Dħul ieħor li jiġi mill-attivitajiet tal-UE (pereżempju, multi relatati mal-kompetizzjoni) normalment jirrappreżenta anqas minn 10 % tad-dħul totali.

Modi ta' ġestjoni

Il-baġit tal-UE huwa implimentat fi tliet modi ta' ġestjoni li jiddeterminaw kif jitħallsu u kif jiġu ġestiti l-flus:

— Ġestjoni kondiviża: proporzjon kbir ħafna mill-baġit (madwar 3/4 tal-baġit) huwa ġestit taħt sistema ta' ġestjoni kondiviża mill-Kummissjoni b'kooperazzjoni mal-Istati Membri, b'mod partikolari fl-oqsma tal-fondi strutturali u tal-agrikoltura.

— Ġestjoni diretta: il-Kummissjoni tiġġestixxi wkoll il-programmi hija stess u tista' tiddelega l-implimentazzjoni ta' programmi speċifiċi lil aġenziji eżekuttivi.

— Ġestjoni indiretta: Id-deċiżjonijiet dwar l-infiq jistgħu wkoll jiġu ġestiti indirettament permezz ta' korpi oħrajn fl-UE jew barra minnha. Ir-Regolament Finanzjarju u/jew il-ftehimiet ta' kontribuzzjoni jiddefinixxu l-mekkaniżmi ta' kontroll u rapportar meħtieġa minn dawn l-entitajiet u s-superviżjoni mill-Kummissjoni fejn il-kompiti ta' implimentazzjoni tal-baġit huma fdati lil aġenziji nazzjonali, lill-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investiment, lil pajjiżi terzi, organizzazzjonijiet internazzjonali (eż. il-Bank Dinji jew in-Nazzjonijiet Uniti) u entitajiet oħrajn (eż. aġenziji deċentralizzati tal-UE, Impriżi Konġunti).

Strumenti finanzjarji u garanziji baġitarji

Il-metodu tradizzjonali tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-għoti ta' għotjiet u ta' sussidji huwa kkomplementat bil-ħruġ ta' strumenti finanzjarji fil-forma ta' garanziji kif ukoll ta' ekwità u ta' self. Barra minn hekk, l-UE tinvolvi ruħha f'attivitajiet ta' għoti u ta' teħid b'self għal programmi speċifiċi ta' assistenza finanzjarja sabiex tappoġġa lill-Istati Membri u lil pajjiżi terzi fil-forma ta' self bilaterali ffinanzjat minn dejn maħruġ fis-swieq kapitali bil-garanzija tal-Baġit tal-UE. F'Diċembru 2022, il-Parlament u l-Kunsill stabbilew l-approċċ ta' finanzjament unifikat għat-teħid b'self tal-UE, li skontu l-Unjoni se tkun qed toħroġ "Bonds tal-UE" b'marka waħda, minflok bonds iddenominati separatament għal programmi individwali.

([21]) Fl-1 ta' Frar 2024, il-Kunsill Ewropew qabel dwar reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-limiti massimi tal-QFP 2021-2027, wara l-proposti tal-Kummissjoni COM(2023) 336.

Regolament Finanzjarju

Ir-Regolament Finanzjarju (RF) ([22]) applikabbli għall-baġit ġenerali huwa att ċentrali fl-arkitettura regolatorja tal-finanzi tal-UE. Huwa jiddefinixxi fid-dettall ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-eżekuzzjoni tal-baġit tal-UE u r-rwoli tal-atturi differenti involuti fl-iżgurar li l-flus jintużaw b'mod tajjeb u b'mod li jintlaħqu l-objettivi stabbiliti. Jinkludi wkoll id-dispożizzjonijiet speċifiċi applikabbli għal strumenti finanzjarji, għal garanziji baġitarji u għal assistenza finanzjarja.

6.2. **Governanza u responsabbiltà**

6.2.1. *Struttura istituzzjonali*

L-UE għandha qafas istituzzjonali li permezz tiegħu għandha l-għan li tippromwovi l-valuri tagħha, tmexxi 'l quddiem l-objettivi tagħha, isservi l-interessi tagħha, dawk taċ-ċittadini tagħha u dawk tal-Istati Membri, kif ukoll tiżgura l-konsistenza, l-effettività u l-kontinwità tal-politiki u tal-azzjonijiet tagħha. L-istruttura organizzazzjonali tikkonsisti f'istituzzjonijiet, f'aġenziji u f'korpi awtonomi oħrajn tal-UE. Ir-Regolament Finanzjarju, flimkien mar-regoli kontabilistiċi applikabbli, jiddefinixxi liema minn dawn l-entitajiet huma inklużi fil-kontijiet konsolidati tal-UE (jekk jogħġbok ara n-Nota **9** tal-kontijiet annwali konsolidati tal-UE għal-lista ta' entitajiet inklużi fl-ambitu tal-konsolidazzjoni).

Il-Parlament Ewropew, flimkien mal-Kunsill, jeżerċita funzjonijiet leġiżlattivi u baġitarji. Il-Kummissjoni hija politikament responsabbli lejn il-Parlament Ewropew. Il-Kunsill iwettaq ukoll funzjonijiet ta' tfassil tal-politika u ta' koordinazzjoni fid-direzzjoni politika ġenerali u l-prijoritajiet tal-Unjoni stabbiliti mill-Kunsill Ewropew.

Il-Kummissjoni Ewropea hija l-fergħa eżekuttiva tal-Unjoni Ewropea. Hija tippromwovi l-interess ġenerali tal-Unjoni u tieħu inizjattivi xierqa għal dak l-għan. Tiżgura l-applikazzjoni tat-Trattati u tissorvelja l-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni mill-Istati Membri taħt il-kontroll tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Hija teżerċita funzjonijiet ta' koordinazzjoni, eżekuttivi u ta' ġestjoni, teżegwixxi l-baġit u timmaniġġa l-programmi.

Il-Kummissjoni timplimenta l-baġit, fil-biċċa l-kbira b'kooperazzjoni mal-Istati Membri ([23]). Flimkien, huma jiżguraw li l-approprjazzjonijiet jintużaw f'konformità mal-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba. Ir-regolamenti jistabbilixxu l-obbligi ta' kontroll u verifika tal-Istati Membri meta jikkondividu l-implimentazzjoni tal-baġit u r-responsabbiltajiet li jirriżultaw. Huma jistabbilixxu wkoll ir-responsabbiltajiet u r-regoli dettaljati għal kull waħda mill-istituzzjonijiet tal-UE fir-rigward tan-nefqa tagħhom stess.

6.2.2. *L-istruttura ta' governanza tal-Kummissjoni*

L-arranġamenti ta' governanza tal-Kummissjoni u kif dawn jiżguraw li l-Kummissjoni tiffunzjona bħala istituzzjoni moderna, responsabbli u orjentata lejn il-prestazzjoni huma deskritti fil-Komunikazzjoni ([24]) dwar il-Governanza fil-Kummissjoni Ewropea.

Il-Kummissjoni twettaq il-funzjonijiet tagħha taħt it-tmexxija tal-Kulleġġ tal-Kummissarji, li jistabbilixxi l-prijoritajiet u jieħu responsabbiltà politika ġenerali għall-ħidma tal-Kummissjoni. Bħala Kulleġġ, il-Kummissjoni taħdem taħt il-gwida politika tal-President tagħha, li jippreżenta, bħala parti min-nomina tiegħu għall-Parlament Ewropew, l-objettivi li biħsiebu jsegwi fil-forma tal-linji gwida politiċi. Il-President jiddeċiedi dwar l-organizzazzjoni interna tal-Kummissjoni, sabiex jiżgura li din taġixxi b'mod konsistenti, effiċjenti u bħala korp kolleġġjali.

Il-Kulleġġ jiddelega l-implimentazzjoni operazzjonali tal-baġit u l-ġestjoni finanzjarja lid-Diretturi Ġenerali u lill-Kapijiet tas-Servizz li jmexxu l-istruttura amministrattiva tal-Kummissjoni. Dan l-approċċ deċentralizzat joħloq kultura amministrattiva li tħeġġeġ lill-impjegati taċ-ċivil jerfgħu r-responsabbiltà għall-attivitajiet li fuqhom għandhom kontroll u jitlobhom jipprovdu assigurazzjoni fir-rigward tal-attivitajiet li għalihom huma responsabbli.

([22]) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.
([23]) Ara l-Artikolu 317 tat-TFUE.
([24]) C(2020) 4240 tal-24.6.2020.

Taħt l-awtorità tal-President u f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Membru tal-Kummissjoni inkarigat mill-baġit, mir-riżorsi umani u mill-amministrazzjoni, u bl-involviment tas-servizzi ċentrali u tal-President, il-Bord tal-Ġestjoni Korporattiva jipprovdi koordinazzjoni, sorveljanza, pariri u orjentazzjonijiet strateġiċi.

L-arranġamenti interni jiddefinixxu sett koerenti ta' kontrolli u ta' għodod ta' ġestjoni robusti li jippermettu lill-Kulleġġ tal-Kummissarji jieħu r-responsabbiltà politika għall-ħidma tal-Kummissjoni ([25]).

6.2.3. *Il-ġestjoni finanzjarja tal-Kummissjoni*

Fil-Kummissjoni, ir-rwoli u r-responsabbiltajiet fil-ġestjoni finanzjarja huma definiti b'mod ċar (eż. fir-Regolament Finanzjarju u fir-Regoli Interni ([26])) u applikati kif xieraq. Bħala uffiċjali awtorizzanti b'delega, id-Diretturi Ġenerali u l-Kapijiet tas-Servizzi tal-Kummissjoni huma responsabbli għall-ġestjoni finanzjarja tajba tar-riżorsi tal-UE, għall-konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju, għall-ġestjoni tar-riskji u għall-istabbiliment ta' qafas ta' kontroll intern xieraq.

Ir-responsabbiltà tal-Uffiċjali Awtorizzanti tkopri l-proċess kollu tal-ġestjoni, mid-determinazzjoni ta' x'hemm bżonn li jsir biex jintlaħqu l-objettivi tal-politika stabbiliti mill-istituzzjoni sal-ġestjoni tal-attivitajiet minn perspettiva kemm operattiva kif ukoll ta' ġestjoni finanzjarja tajba. Il-kompiti jistgħu jiġu ddelegati wkoll lid-Diretturi, lill-Kapijiet ta' Unitajiet u lil oħrajn, li b'ħekk isiru Uffiċjali Awtorizzanti b'Sottodelega. Kull uffiċjal awtorizzanti b'delega jista' jibbaża fuq direttur wieħed jew fuq żewġ diretturi inkarigat(i) mill-ġestjoni tar-riskju u mill-kontroll intern biex jissorvelja u jimmonitorja l-implimentazzjoni tas-sistemi ta' kontroll intern.

Is-servizzi ċentrali tal-Kummissjoni jipprovdu gwida u pariri u jippromwovu l-aħjar prattiki, inkluż permezz tal-ħidma tal-Bord ta' Tmexxija Korporattiva.

Ir-Regolament Finanzjarju jesiġi li kull uffiċjal tal-awtorizzazzjoni jħejji rapport annwali tal-attività (RAA) bid-dettalji tal-kisbiet, u tal-attivitajiet ta' kontroll intern u tal-ġestjoni finanzjarja matul is-sena. Ir-RAA jinkludi dikjarazzjoni li r-riżorsi ntużaw abbażi tal-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba u li hemm fis-seħħ proċeduri ta' kontroll li jipprovdu l-garanziji meħtieġa li jikkonċernaw il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti. Ir-Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni għall-baġit tal-UE ([27]) huwa l-istrument ewlieni **li permezz tiegħu, il-Kulleġġ tal-Kummissarji jassumi responsabbiltà politika għall-ġestjoni finanzjarja tal-baġit tal-UE**.

L-Uffiċjal tal-Kontabilità tal-Kummissjoni huwa ċentralment responsabbli għall-ġestjoni tat-teżor, għall-proċeduri ta' rkupru, għall-istabbiliment ta' regoli tal-kontabilità bbażati fuq l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabilità għas-Settur Pubbliku (IPSAS), għall-validazzjoni tas-sistemi kontabilistiċi u għat-tħejjija tal-kontijiet annwali konsolidati tal-Kummissjoni u tal-UE. Barra minn hekk, l-Uffiċjal tal-Kontabilità huwa mitlub jiffirma l-kontijiet annwali, filwaqt li jiddikjara li dawn jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja, ir-riżultati tal-operazzjonijiet u l-flussi tal-flus tal-Unjoni. Il-kontijiet annwali jiġu adottati mill-Kulleġġ tal-Kummissarji. L-Uffiċjal tal-Kontabilità huwa funzjoni indipendenti u għandu responsabbiltà ewlenija fir-rigward tar-rapportar finanzjarju fil-Kummissjoni.

L-Awditur Intern tal-Kummissjoni huwa wkoll funzjoni ċentralizzata u indipendenti u jipprovdi pariri, opinjonijiet u rakkomandazzjonijiet indipendenti dwar il-kwalità u l-funzjonament tas-sistemi ta' kontroll intern ġewwa l-Kummissjoni, l-aġenziji tal-UE u korpi awtonomi oħrajn tal-UE.

Il-Kumitat tal-Progress tal-Awditjar jiżgura l-indipendenza tal-Awditur Intern u jissorvelja l-kwalità tax-xogħol tal-awditjar intern u s-segwitu mogħti mill-Kummissjoni għar-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar intern u estern, kif ukoll għas-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet relatati mal-kwittanza tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet konsolidati annwali tal-UE. Ir-rwol konsultattiv tal-kumitat jikkontribwixxi għat-titjib ulterjuri ġenerali tal-effettività u l-effiċjenza tal-Kummissjoni biex tilħaq l-għanijiet tagħha u jiffaċilita s-sorveljanza mill-Kulleġġ tal-governanza, tal-ġestjoni tar-riskji u tal-prattiki ta' kontroll intern tal-Kummissjoni.

([25]) Bħala riżultat, it-terminu "Kummissjoni Ewropea" jintuża sabiex jirreferi kemm għall-istituzzjoni – il-Kulleġġ – ifformata mill-Membri tal-Kummissjoni, kif ukoll għall-amministrazzjoni tagħha ġestita mid-Diretturi Ġenerali tad-dipartimenti tagħha (u kapijiet ta' strutturi amministrattivi oħrajn bħal servizzi, uffiċċji u aġenziji eżekuttivi).

([26]) Minn nofs l-2019 (wara l-Artikolu 12 rivedut tar-Regoli Interni), il-ġestjoni tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ) hija kodelegata fost 5 dipartimenti (INTPA (DEVCO), ECHO, EAC, EACEA (European Education and Culture Executive Agency) u JRC (Joint Research Centre).

([27]) https://ec.europa.eu/info/publications/integrated-financial-and-accountability-reporting_mt.

6.2.4. *Awditjar estern u l-proċedura ta' kwittanza*

F'konformità mal-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba, il-fondi jridu jiġu ġestiti b'mod effettiv, effiċjenti u ekonomiku. Jeżisti qafas ta' responsabbiltà bbażat fuq ir-rapportar komprensiv, l-awditjar estern u l-kontroll politiku sabiex tiġi pprovduta assigurazzjoni raġonevoli li l-fondi tal-UE jintnefqu b'mod xieraq.

Il-**Parlament Ewropew** jiddeċiedi, wara rakkomandazzjoni mill-**Kunsill**, dwar jekk jipprovdix jew le l-approvazzjoni finali tiegħu, magħrufa bħala "għoti tal-kwittanza", fuq il-mod li bih il-Kummissjoni implimentat il-baġit tal-UE f'sena partikolari. Il-proċedura ta' kwittanza annwali tiżgura li l-Kummissjoni tinżamm politikament responsabbli għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE.

Kull sena, il-**Qorti Ewropea tal-Awdituri** teżamina l-affidabbiltà tal-kontijiet, jekk id-dħul kollu kienx riċevut u jekk in-nefqa kollha kinitx imġarrba b'mod leġittimu u regolari u jekk il-ġestjoni finanzjarja u l-aspetti kwalitattivi tal-ibbaġitjar, inkluża d-dimensjoni tal-prestazzjoni, kinux b'saħħithom. Mill-2021, minħabba l-importanza konsiderevoli ta' NextGenerationEU, l-opinjoni tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar il-legalità u r-regolarità tan-nefqa taħt il-baġit tradizzjonali tal-UE hija kkomplementata minn opinjoni separata dwar il-legalità u r-regolarità tan-nefqa taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Il-pubblikazzjoni tar-rapport annwali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri hija l-punt tat-tluq għall-proċedura ta' kwittanza. L-awdituri jħejju wkoll rapporti speċjali dwar l-oqsma ta' nfiq jew ta' politika speċifiċi, jew dwar kwistjonijiet baġitarji jew maniġerjali.

Id-deċiżjoni dwar il-kwittanza hija bbażata wkoll fuq ir-rapportar finanzjarju u ta' responsabbiltà integrat tal-Kummissjoni ([28]), fuq is-seduti ta' smigħ tal-Kummissarji fil-Parlament Ewropew u fuq it-tweġibiet ipprovduti għall-mistoqsijiet bil-miktub indirizzati lill-Kummissjoni.

NOTA LI TAKKUMPANJA L-KONTIJIET KONSOLIDATI

Il-kontijiet annwali konsolidati tal-Unjoni Ewropea għas-sena 2025 tħejjew fuq il-bażi tal-informazzjoni ppreżentata mill-istituzzjonijiet u mill-korpi skont l-Artikolu 252(2) tar-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea. Jiena b'dan niddikjara li tħejjew skont it-Titolu XIII ta' dan ir-Regolament Finanzjarju u skont il-prinċipji kontabilistiċi, ir-regoli u l-metodi stabbiliti fin-noti għar-rapporti finanzjarji.

Ksibt l-informazzjoni kollha meħtieġa mingħand l-uffiċjali tal-kontabilità ta' dawn l-istituzzjonijiet u ta' dawn il-korpi, li ċċertifikaw l-affidabilità tagħha, għall-produzzjoni tal-kontijiet li juru l-assi u l-obbligazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea u l-implimentazzjoni baġitarja.

Bil-preżenti, jiena niċċertifika li fuq il-bażi ta' din l-informazzjoni, u tal-verifiki li jiena qist li kienu neċessarji biex niffirma l-kontijiet tal-Kummissjoni Ewropea, għandi assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet jippreżentaw b'mod ġust il-pożizzjoni finanzjarja, ir-riżultati tal-operazzjonijiet u l-flussi tal-flus tal-Unjoni Ewropea fl-aspetti materjali kollha.

Niall BOHAN

L-uffiċjal tal-Kontabbiltà tal-Kummissjoni

fit-18 ta' Ġunju 2026.

([28]) Ir-regolament finanzjarju(Art.253) jirrikjedi li l-Kummssjoni tikkomunika lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sett ta' rapporti finanzjarji u ta' akkontabbiltà, li jikkostitwixxu input essenzjali għall-"proċedura ta' kwittanza" annwali, li permezz tagħha l-Parlament Ewropew u l-Kunsill iżommu lill-Kummissjoni obbligata li tagħti rendikont għal mod kif tamministra l-baġit tal-UE. Il-pakkett tar-Rappurtar Finanzjarju u ta' Rendikont Integrat jikkonsisti minn ħames rapporti dwar l-implimentazzjoni, il-prestazzjoni, ir-riżultati, il-ġestjoni u l-protezzjoni tal-baġit tal-UE. IFAR fuq is-sit Europa.

RAPPORTI FINANZJARJI KKONSOLIDATI U NOTI TA' SPJEGAZZJONI [29]

WERREJ

Paġna

KARTA BILANĊJALI 35

RAPPORT TAL-PRESTAZZJONI FINANZJARJA 36

RAPPORT TAL-FLUSSI TAL-FLUS 37

DIKJARAZZJONI TAL-BIDLIET FL-ASSI NETTI 38

NOTI GĦAR-RAPPORTI FINANZJARJI 39

1. POLITIKI KONTABILISTIĊI SINIFIKANTI 39
2. NOTI GĦALL-KARTA BILANĊJALI 57
3. NOTI GĦAR-RAPPORT TAL-PRESTAZZJONI FINANZJARJA 97
4. OBBLIGAZZJONIJIET U ASSI KONTINĠENTI 108
5. IMPENJI LEGALI U BAĠITARJI 114
6. ĠESTJONI TAR-RISKJU FINANZJARJU 119
7. DIKJARAZZJONIJIET TAL-PARTIJIET RELATATI 137
8. EVENTI WARA D-DATA TAL-KARTA BILANĊJALI 139
9. AMBITU TAL-KONSOLIDAZZJONI 140

[29] Għandu jiġi nnotat li minħabba l-ittondjar taċ-ċifri f'miljuni ta' euro, xi data finanzjarja fit-tabelli ta' hawn taħt tista' tidher li ma taqbilx fl-għadd finali.

KARTA BILANĊJALI

(f'miljuni ta' EUR)

	Nota	31.12.2025	31.12.2024
ASSI MHUX KURRENTI			
Assi intanġibbli	*2,1*	*1 135*	*1 095*
Proprjetà, impjanti u tagħmir	*2,2*	*14 756*	*13 713*
Investimenti kontabilizzati bl-użu tal-metodu tal-ekwità	*2,3*	*1 524*	*1 446*
Assi finanzjarji	*2,4*	*362 806*	*308 961*
Prefinanzjament	*2,5*	*38 971*	*40 861*
Riċevibbli ta' skambju u rekuperabbli mhux ta' skambju	*2,6*	*12 663*	*13 272*
		431 856	**379 347**
ASSI KURRENTI			
Assi finanzjarji	*2,4*	*23 291*	*19 377*
Prefinanzjament	*2,5*	*37 775*	*38 058*
Riċevibbli ta' skambju u rekuperabbli mhux ta' skambju	*2,6*	*21 404*	*18 465*
Inventarji	*2,7*	*79*	*85*
Flus u ekwivalenti ta' flus	*2,8*	*103 041*	*63 163*
		185 591	**139 148**
ASSI TOTALI		**617 447**	**518 495**
OBBLIGAZZJONIJIET MHUX KURRENTI			
Pensjoni u benefiċċji oħrajn tal-impjegati	*2,9*	*(91 128)*	*(93 096)*
Provvedimenti	*2,10*	*(2 149)*	*(2 280)*
Obbligazzjonijiet finanzjarji	*2,11*	*(644 018)*	*(539 575)*
		(737 295)	**(634 951)**
OBBLIGAZZJONIJIET KURRENTI			
Provvedimenti	*2,10*	*(464)*	*(7 536)*
Obbligazzjonijiet finanzjarji	*2,11*	*(96 769)*	*(62 328)*
Ammonti pagabbli	*2,12*	*(65 037)*	*(55 414)*
Imposti dovuti u introjtu differit	*2,13*	*(77 048)*	*(67 091)*
		(239 319)	**(192 368)**
OBBLIGAZZJONIJIET TOTALI		**(976 614)**	**(827 319)**
ASSI NETTI		**(359 167)**	**(308 824)**
Riżervi	*2,14*	*941*	*986*
Ammonti li għandhom jintalbu mingħand l-Istati Membri [1]	*2,15*	*(360 108)*	*(309 810)*
ASSI NETTI		**(359 167)**	**(308 824)**

[1] *Il-Parlament Ewropew adotta baġit fis-26 ta' Novembru 2025 li jipprevedi l-ħlas tal-obbligazzjonijiet fuq terminu qasir tal-UE mir-riżorsi proprji li għandhom jingabru mill-Istati Membri, jew li għandhom jintalbu minghandhom fis-sena ta' wara. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 83 tar-Regolamenti tal-Persunal (ir-Regolament (KEE, Euratom, KESE) Nru 259/68 (ĠU L 56, 4.3.1968, p. 1) tad-29 ta' Frar 1968 kif emendat), l-Istati Membri għandhom jiggarantixxu b'mod konġunt l-obbligazzjoni għall-pensjonijiet.*

RAPPORT TAL-PRESTAZZJONI FINANZJARJA

(f'miljuni ta' EUR)

	Nota	2025	2024 (riklassifikati)
DĦUL			
Dħul minn tranżazzjonijiet mhux ta' skambju			
Riżorsi tal-ING	*3,1*	*106 342*	*95 037*
Riżorsi proprji tradizzjonali	*3,2*	*23 436*	*20 587*
Riżorsi tal-VAT	*3,3*	*25 728*	*24 547*
Riżorsi proprji tal-plastiks	*3,4*	*7 524*	*8 227*
Multi	*3,5*	*5 370*	*4 039*
Irkupru tal-ispejjeż	*3,6*	*1 376*	*957*
Oħrajn	*3,8*	*18 572*	*10 673*
		188 348	**164 068**
Dħul minn tranżazzjonijiet ta' skambju			
Dħul finanzjarju	*3,9*	*11 646*	*9 005*
Oħrajn	*3,10*	*2 500*	*2 592*
		14 146	**11 597**
Dħul Totali		**202 495**	**175 665**
SPEJJEŻ			
Delegati lill-Istati Membri	*3,11*		
Il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija		*(40 914)*	*(40 267)*
Il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u strumenti oħrajn ta' żvilupp rurali		*(17 017)*	*(14 779)*
Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni		*(31 032)*	*(28 833)*
Fond Soċjali Ewropew		*(17 308)*	*(18 037)*
Oħrajn		*(4 514)*	*(3 854)*
Trasferimenti inklużi għotjiet u appoġġ baġitarju	*3,12*		
Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza		*(46 815)*	*(65 787)*
Oħrajn		*(32 025)*	*(32 992)*
Ftehimiet ta' kontribuzzjoni, inklużi l-korpi tal-UE	*3,13*	*(13 200)*	*(16 820)*
Kostijiet tal-persunal u tal-pensjonijiet	*3,14*	*(15 954)*	*(14 966)*
Kostijiet tal-finanzjament	*3,15*	*(27 156)*	*(27 226)*
Ftehim dwar il-Ħruġ tar-Renju Unit	*3,7*	*(465)*	*(315)*
Spejjeż ta' akkwist, spejjeż amministrattivi u spejjeż oħra	*3,16*	*(10 733)*	*(8 997)*
Spejjeż Totali		**(257 134)**	**(272 873)**
RIŻULTAT EKONOMIKU TAS-SENA		**(54 639)**	**(97 208)**

RAPPORT TAL-FLUSSI TAL-FLUS

(f'miljuni ta' EUR)

	2025	2024
Riżultat ekonomiku tas-sena	*(54 639)*	*(97 208)*
Attivitajiet operatorji		
Amortizzament	*212*	*191*
Deprezzament	*1 123*	*1 194*
(Żieda)/tnaqqis fis-self	*(49 852)*	*(36 703)*
(Żieda)/tnaqqis fil-prefinanzjament	*2 173*	*12 756*
(Żieda)/tnaqqis fir-riċevibbli ta' skambju u fir-rekuperabbli mhux ta' skambju	*(2 332)*	*3 463*
(Żieda)/tnaqqis fl-inventarji	*6*	*(7)*
Żieda/(tnaqqis) fil-benefiċċji tal-pensjoni u f'benefiċċji oħrajn għall-impjegati	*(1 968)*	*2 288*
Żieda/(tnaqqis) fil-provvedimenti	*(7 202)*	*6 481*
Żieda/(tnaqqis) fl-obbligazzjonijiet finanzjarji (minbarra taħt l-approċċ ta' finanzjament unifikat)	*(11 575)*	*(1 382)*
Żieda/(tnaqqis) fl-ammonti pagabbli	*9 623*	*4 898*
Żieda/(tnaqqis) fl-imposti dovuti u fl-introjtu differit	*9 958*	*(9 714)*
Surplus bażitarju tas-sena preċedenti meħud bħala dħul mhux fi flus	*(1 348)*	*(633)*
Kejl mill-ġdid tal-obbligazzjonijiet tal-benefiċċji tal-impjegati (ċaqliq mhux ta' flus mhux inkluż fir-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja)	*5 603*	*1 159*
Movimenti oħrajn mhux ta' flus	*40*	*27*
Attivitajiet ta' investiment		
(Żieda)/tnaqqis fl-assi intanġibbli u fil-proprjetà, l-impjanti u t-tagħmir	*(2 418)*	*(1 817)*
(Żieda)/tnaqqis fl-investimenti kontabilizzati bl-użu tal-metodu tal-ekwità	*(78)*	*(80)*
(Żieda)/tnaqqis fl-assi finanzjarji mhux derivattivi fuq il-bażi tal-valur ġust permezz ta' surplus jew defiċit	*(7 432)*	*(6 246)*
(Żieda)/tnaqqis fl-assi finanzjarji derivattivi fuq il-bażi tal-valur ġust permezz ta' surplus jew defiċit	*(475)*	*(19)*
Attivitajiet ta' finanzjament		
Żieda/(tnaqqis) fit-teħid b'self taħt l-approċċ ta' finanzjament unifikat	*150 460*	*144 900*
FLUSS TAL-FLUS NETT	**39 878**	**23 547**
Żieda/(tnaqqis) netta(nett) fil-flus kontanti u fl-ekwivalenti ta' flus kontanti	*39 878*	*23 547*
Flus u l-ekwivalenti fi flus fil-bidu tas-sena	*63 163*	*39 616*
Flus u l-ekwivalenti fi flus fi tmiem is-sena	*103 041*	*63 163*

DIKJARAZZJONI TAL-BIDLIET FL-ASSI NETTI

(f'miljuni ta' EUR)

	Ammonti li għandhom jintalbu mingħand l-Istati Membri Surplus/(Defiċit) akkumulat	Riżervi oħrajn	Assi netti
BILANĊ FIL-31.12.2023	**(213 221)**	**1 052**	**(212 169)**
Kejl mill-ġdid f'obbligazzjonijiet ta' benefiċċji tal-impjegati	*1 159*	–	*1 159*
Oħrajn	*94*	*(66)*	*27*
Riżultat tal-bażit tal-2023 ikkreditat lill-Istati Membri	*(633)*	–	*(633)*
Riżultat ekonomiku tas-sena	*(97 208)*	–	*(97 208)*
BILANĊ FIL-31.12.2024	**(309 810)**	**986**	**(308 824)**
Kejl mill-ġdid f'obbligazzjonijiet ta' benefiċċji tal-impjegati	*5 603*	-	*5 603*
Oħrajn	*85*	*(45)*	*40*
Riżultat tal-bażit tal-2024 ikkreditat lill-Istati Membri	*(1 348)*	-	*(1 348)*
Riżultat ekonomiku tas-sena	*(54 639)*	-	*(54 639)*
BILANĊ FIL-31.12.2025	**(360 108)**	**941**	**(359 167)**

NOTI GĦAR-RAPPORTI FINANZJARJI

Innota li fit-tabelli li ġejjin l-ammonti li jikkonċernaw ir-Renju Unit għall-QFP sa tmiem l-2020 għadhom jidhru taħt l-intestatura "Stati Membri". Dan għaliex għalkemm ir-Renju Unit ħareġ mill-UE fl-1 ta' Frar 2020, f'konformità mal-Ftehim dwar il-Ħruġ, huwa kompla jkollu relazzjoni finanzjarja mal-UE ekwivalenti għal dik ta' Stat Membru għal dawn il-perjodi.

1. **POLITIKI KONTABILISTIĊI SINIFIKANTI**

1.1. BAŻI LEGALI U REGOLI KONTABILISTIĊI

Il-kontijiet tal-UE jinżammu f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([30]) imsemmi hawn taħt bħala r-"Regolament Finanzjarju" (RF).

F'konformità mal-Artikolu 80 tar-Regolament Finanzjarju, l-UE tħejji r-rapporti finanzjarji tagħha fuq il-bażi ta' regoli kontabilistiċi abbażi tad-dovuti li huma bbażati fuq l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà għas-Settur Pubbliku (IPSAS). Dawn ir-regoli kontabilistiċi, adottati mill-Uffiċjal tal-Kontabilità tal-Kummissjoni, iridu jiġu applikati mill-istituzzjonijiet u mill-korpi kollha tal-UE li jaqgħu fl-ammbitu tal-konsolidazzjoni sabiex tiġi żgurata l-konsistenza interna tal-kontijiet konsolidati tal-UE.

L-applikazzjoni ta' Regoli Kontabilistiċi tal-Unjoni Ewropea (EAR) ġodda u emendati

EAR effettivi ġodda għal perjodi annwali li jibdew fl-1 ta' Jannar 2025 jew wara

EAR 1 "Rapporti Finanzjarji"

Fit-12 ta' Diċembru 2025, l-Uffiċjal tal-Kontabilità tal-Kummissjoni Ewropea adotta emenda mmirata ta' EAR 1 "Rapporti Finanzjarji", li hija effettiva għall-perjodi ta' rapportar li jibdew fl-1 ta' Jannar 2025 jew wara. L-emenda introduċiet approċċ ibbażat fuq il-prinċipju għad-definizzjoni tas-segmenti li għandhom jiġu ppreżentati fir-rapport tas-segment, li huwa komponent obbligatorju tal-kontijiet annwali kkonsolidati tal-UE u tal-kontijiet annwali individwali tal-Kummissjoni Ewropea. Taħt l-EAR 1 preċedenti, id-definizzjoni tas-segmenti kienet marbuta mal-kategoriji tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) tal-UE. L-emenda mmirata neħħiet din ir-rabta u tiddefinixxi s-segmenti b'mod ġeneriku f'konformità mal-IPSAS 18 "Rapportar tas-Segment". Wara l-adozzjoni tal-emenda mmirata, l-istruttura tar-Rapport fuq is-Segmenti ġiet riveduta biex tiffoka fuq id-destinazzjonijiet tal-fondi aktar milli fuq is-sorsi tal-fondi (ara n-Nota **3.17**).

EAR ġodda adottati, iżda li għadhom ma humiex effettivi fil-31 ta' Diċembru 2025

EAR 8 "Lokazzjonijiet"

Fil-15 ta' April 2025, l-Uffiċjal tal-Kontabbiltà tal-Kummissjoni Ewropea adotta l-EAR 8 riveduta "Lokazzjonijiet", li hija effettiva għall-perjodi ta' rapportar li jibdew fl-1 ta' Jannar 2027 jew wara. L-EAR 8 riveduta ġiet aġġornata f'konformità mal-IPSAS 43 "Lokazzjonijiet" (inkluża l-emenda "Lokazzjonijiet Konċessjonarji u Arranġamenti Oħra li Jikkonsenjaw Drittijiet fuq Assi"). Il-bidla ewlenija meta mqabbla mal-EAR 8 kurrenti hija l-introduzzjoni ta' mudell ta' rikonoxximent u kejl tad-dritt tal-użu, li jirrikjedi li l-lokatarji jirrikonoxxu l-lokazzjonijiet kollha, inklużi lokazzjonijiet konċessjonarji, fuq il-karta bilanċjali, sakemm ma tapplikax l-eżenzjoni fuq terminu qasir jew ta' valur baxx. Id-distinzjoni kurrenti ta' lokazzjonijiet bħala lokazzjonijiet operatorji jew lokazzjonijiet finanzjarji, b'dawn tal-aħħar biss rikonoxxuti fil-karta bilanċjali, mhux se tibqa' applikabbli. Għal-lokaturi, l-EAR 8 riveduta fil-biċċa l-kbira tmexxi 'l quddiem ir-rekwiżiti kontabilistiċi eżistenti, bi gwida u bi kjarifiki addizzjonali. Konsegwentement, l-applikazzjoni inizjali tal-EAR 8 riveduta hija mistennija li tirriżulta fir-rikonoxximent ta' ammont konsiderevoli ta' lokazzjonijiet operatorji preċedenti, b'żidiet korrispondenti fl-assi bid-dritt tal-użu u fl-obbligazzjonijiet ta' lokazzjoni, fuq il-karta bilanċjali. L-impatt tal-EAR 8 riveduta, inkluż fuq il-lokazzjonijiet konċessjonarji u arranġamenti rilevanti oħra, se jkompli jiġi vvalutat matul is-sena kalendarja 2026 qabel id-data effettiva tal-1 ta' Jannar 2027.

([30]) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj).

EAR 1 “Rapporti Finanzjarji”

Fil-15 ta’ April 2025, l-Uffiċjal tal-Kontabilità tal-Kummissjoni Ewropea adotta l-EAR 1 emendata “Rapporti Finanzjarji”, li hija effettiva għall-perjodi ta’ rapportar li jibdew fl-1 ta’ Jannar 2027 jew wara. L-objettiv tal-emenda huwa li tiġi żgurata klassifikazzjoni konsistenti tat-teħid b’self kollu fi ħdan l-attivitajiet ta’ finanzjament. Taħt l-EAR 1 attwali, it-teħid b’self relatat ma’ lokazzjonijiet, l-akkwiżizzjoni ta’ proprjetà, impjanti u tagħmir u t-teħid b’self relatat ma’ operazzjonijiet back-to-back huma kklassifikati f’attivitajiet operatorji. Huwa biss it-teħid b’self relatat mal-approċċ ta’ finanzjament unifikat (ara n-Nota **2.11.1.1**) li huwa kklassifikat fi ħdan l-attivitajiet ta’ finanzjament. Skont l-EAR 1 riveduta, l-attivitajiet ta’ finanzjament se jinkludu l-attivitajiet kollha li jirriżultaw f’bidliet fid-daqs u fil-kompożizzjoni tat-teħid b’self, mingħajr l-eċċezzjonijiet ta’ hawn fuq. Konsegwentement, l-applikazzjoni inizjali tal-EAR 1 riveduta hija mistennija li tirriżulta f’bidla minn flussi ta’ flus minn attivitajiet operatorji għal flussi ta’ flus minn attivitajiet ta’ finanzjament. L-impatt tal-EAR 1 rivedut se jkompli jiġi vvalutat matul is-sena kalendarja 2026 qabel id-data effettiva tal-1 ta’ Jannar 2027.

1.2. PRINĊIPJI KONTABILISTIĊI

L-objettiv tar-rapporti finanzjarji huwa li jipprovdu informazzjoni li tkun utli għal firxa wiesgħa ta’ utenti dwar il-pożizzjoni finanzjarja, ir-rendiment u l-flussi tal-flus ta’ entità. Għall-UE bħala entità tas-settur pubbliku, l-objettivi huma, b’mod aktar speċifiku, li tiġi pprovduta informazzjoni utli għat-teħid tad-deċiżjonijiet, u li tintwera r-responsabbiltà tal-entità għar-riżorsi fdati lilha. Huwa b’kunsiderazzjoni ta’ dawn l-għanijiet li tfassal dan id-dokument.

Il-kunsiderazzjonijiet kumplessivi (jew il-prinċipji kontabilistiċi) li għandhom jiġu segwiti meta jitħejjew ir-rapporti finanzjarji huma stipulati fir-regola kontabilistika 1 tal-UE “Rapporti Finanzjarji” u huma l-istess bħal dawk deskritti fl-IPSAS 1: preżentazzjoni ġusta, bażi tad-dovuti, negozju avvjat, konsistenza tal-preżentazzjoni, materjalità, aggregazzjoni, tpaċija u informazzjoni komparattiva.

Il-karatteristiċi kwalitattivi tar-rapportar finanzjarju huma r-rilevanza, ir-rappreżentazzjoni fidila (l-affidabbiltà), il-komprensibbiltà, il-puntwalità, il-komparabbiltà u l-verifikabbiltà.

1.3. KONSOLIDAZZJONI

Ambitu tal-konsolidazzjoni

Ir-rapporti finanzjarji konsolidati tal-UE jinkludu l-entitajiet ikkontrollati sinifikanti kollha, l-arranġamenti konġunti u l-kumpaniji assoċjati. Il-lista sħiħa ta’ entitajiet li jaqgħu taħt l-ambitu tal-konsolidazzjoni, li issa tinkludi 54 entità kontrollata u kumpanija assoċjata waħda (mingħajr tibdil meta mqabbla mal-2024), tinsab fin-Nota **9**. Fost l-entitajiet ikkontrollati hemm l-istituzzjonijiet tal-UE (inkluża l-Kummissjoni, iżda mhux il-Bank Ċentrali Ewropew) u l-aġenziji tal-UE (ħlief dawk li jaġixxu fil-qasam tal-politika)estera u ta’ sigurtà komuni). Il-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar f’Likwidazzjoni (KEFA f’Likwidazzjoni) hija meqjusa wkoll bħala entità kkontrollata. L-uniku assoċjat tal-UE huwa l-Fond Ewropew tal-Investiment (FEI).

L-entitajiet li jaqgħu taħt il-kamp ta’ applikazzjoni tal-konsolidazzjoni, iżda li huma immaterjali għar-rapporti finanzjarji konsolidati tal-UE b’mod ġenerali, ma għandhomx bżonn jiġu kkonsolidati jew ikkontabilizzati bl-użu tal-metodu tal-ekwità, meta dan ikun se jirriżulta f’ħin jew kost eċċessiv għall-UE. Dawk l-entitajiet issir referenza għalihom bħala “Entitajiet minuri” u huma elenkati separatament fin-Nota **9**. Fl-2025, kien hemm 11-il entità li kienu kklassifikati bħala entitajiet minuri (2024: 11 entitajiet).

Entitajiet ikkontrollati

Sabiex jiġi ddeterminat il-kamp ta’ applikazzjoni tal-konsolidazzjoni, jiġi applikat il-kunċett ta’ kontroll. L-entitajiet ikkontrollati huma entitajiet li għalihom l-UE hija esposta, jew għandha dritt, għal benefiċċji varjabbli mill-involviment tagħha u għandha l-kapaċità li taffettwa n-natura u l-ammont ta’ dawk il-benefiċċji permezz tas-setgħa tagħha fuq l-entità l-oħra. Din is-setgħa trid tkun preżentement eżerċitabbli u trid tkun relatata mal-attivitajiet rilevanti tal-entità. L-entitajiet ikkontrollati huma kompletament ikkonsolidati. Il-konsolidazzjoni tibda fl-ewwel data li fiha jeżisti l-kontroll u tintemm meta ma jibqax jeżisti dan il-kontroll.

L-aktar indikaturi komuni ta' kontroll fl-UE huma: il-ħolqien tal-entità permezz ta' trattati fundaturi jew leġiżlazzjoni sekondarja, il-finanzjament tal-entità mill-baġit tal-UE, l-eżistenza tad-drittijiet tal-vot fil-korpi ta' tmexxija, l-awditjar mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri u l-kwittanza mill-Parlament Ewropew. Issir valutazzjoni individwali għal kull entità sabiex jiġi deċiż jekk wieħed mill-kriterji jew il-kriterji kollha elenkati hawn fuq humiex biżżejjed biex jirriżultaw f'kontroll.

It-tranżazzjonijiet u l-bilanċi materjali kollha bejn l-entitajiet u bejn entitajiet ikkontrollati mill-UE jiġu eliminati, filwaqt li l-qligħ u t-telf mhux realizzati fuq tali tranżazzjonijiet ma humiex materjali u allura ma ġewx eliminati.

Arranġamenti konġunti

Arranġament konġunt huwa ftehim li fuqu għandhom kontroll konġunt l-UE u parti waħda jew aktar. Kontroll konġunt huwa l-kondiviżjoni miftiehma tal-kontroll ta' arranġament permezz ta' arranġament vinkolanti, li jeżisti biss meta d-deċiżjonijiet dwar l-attivitajiet rilevanti jkunu jeħtieġu l-kunsens unanimu tal-partijiet li jikkondividu l-kontroll. Il-ftehimiet konġunti jistgħu jkunu impriżi konġunti jew operazzjonijiet konġunti. Impriża konġunta hija arranġament konġunt li huwa strutturat permezz ta' veikolu separat u li permezz tiegħu l-partijiet li għandhom kontroll konġunt tal-arranġament għandhom drittijiet għall-assi netti tal-arranġament. Il-parteċipazzjonijiet f'impriżi konġunti jiġu kkontabilizzati bl-użu tal-metodu tal-ekwità (ara n-Nota **1.5.4**). Operazzjoni konġunta hija arranġament konġunt li permezz tiegħu l-partijiet li jkollhom kontroll konġunt tal-arranġamenti jkollhom drittijiet għall-assi, u obbligi għall-obbligazzjonijiet, b'rabta mal-arranġament. Il-parteċipazzjonijiet f'operazzjonijiet konġunti jiġu kkontabilizzati permezz tar-rikonoxximent fir-rapporti finanzjarji tal-UE tal-assi u l-obbligazzjonijiet, id-dħul u l-ispejjeż tagħha, kif ukoll is-sehem tagħha ta' assi, obbligazzjonijiet, dħul u spejjeż miżmuma jew imġarrba b'mod konġunt.

Kumpaniji assoċjati

Il-kumpaniji assoċjati huma entitajiet li fuqhom l-UE għandha, direttament jew indirettament, influwenza sinifikanti, iżda mhux kontroll esklużiv jew konġunt. Huwa preżunt li teżisti influwenza sinifikanti jekk l-UE jkollha, direttament jew indirettament, 20 % jew aktar tad-drittijiet tal-vot. Il-parteċipazzjonijiet f'kumpaniji assoċjati jiġu kkontabilizzati bl-użu tal-metodu tal-ekwità (ara n-Nota **1.5.4**).

Entitajiet mhux konsolidati li l-fondi tagħhom huma ġestiti mill-Kummissjoni

Il-fondi tar-Reġim Komuni tal-Assigurazzjoni tal-Mard għall-persunal tal-UE, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp u l-Mekkaniżmu ta' Assigurazzjoni Mutwa (MIM), preċedentement magħruf bħala l-Fond ta' Garanzija tal-Parteċipanti (PGF), jiġu ġestiti mill-Kummissjoni f'isem dawn l-entitajiet. Madankollu, billi dawn l-entitajiet ma humiex ikkontrollati mill-UE, huma ma humiex ikkonsolidati fir-rapporti finanzjarji tagħha.

1.4. BAŻI TAT-TĦEJJIJA

Ir-rapporti finanzjarji jiġu ppreżentati kull sena f'konformità mal-Artikolu 249 tar-Regolament Finanzjarju. Is-sena kontabilistika tibda fl-1 ta' Jannar u tintemm fil-31 ta' Diċembru.

1.4.1. *Il-munita u l-bażi għall-konverżjoni*

Il-munita funzjonali u tar-rapportar

Ir-rapporti finanzjarji jiġu ppreżentati f'miljuni ta' euro, sakemm ma jkunx indikat mod ieħor, billi l-euro hija l-munita funzjonali tal-UE.

Tranżazzjonijiet u bilanċi

It-tranżazzjonijiet f'muniti barranin jiġu kkonvertiti f'euro bir-rati tal-kambju prevalenti fid-dati tat-tranżazzjonijiet. Il-qligħ u t-telf tal-kambju li jirriżultaw mis-saldu ta' tranżazzjonijiet f'muniti barranin u mill-konverżjoni mill-ġdid skont ir-rati tal-kambju fi tmiem is-sena tal-assi u l-obbligazzjonijiet monetarji denominati f'muniti barranin huma rikonoxxuti fir-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja.

Japplikaw metodi ta' konverżjoni differenti għall-proprjetà, l-impjanti u t-tagħmir u għall-assi intanġibbli, li jżommu l-valur tagħhom f'euro bir-rata li tkun ġiet applikata fid-data meta nxtraw.

Il-bilanċi fi tmiem is-sena tal-assi u tal-obbligazzjonijiet monetarji denominati f'muniti barranin jiġu kkonvertiti f'euro fuq il-bażi tar-rati tal-kambju tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) applikabbli fil-31 ta' Diċembru:

Ir-rati tal-kambju tal-euro

Munita	31.12.2025	31.12.2024	Munita	31.12.2025	31.12.2024
BGN	**1,9558**	*1,9558*	**RON**	**5,0968**	*4,9743*
CZK	**24,2370**	*25,1850*	**SEK**	**10,8215**	*11,459*
DKK	**7,4689**	*7,4578*	**CHF**	**0,9314**	*0,9412*
GBP	**0,8726**	*0,8292*	**JPY**	**184,09**	*163,06*
HUF	**385,1500**	*411,3500*	**USD**	**1,175**	*1,0389*
PLN	**4,221**	*4,275*			

1.4.2. *L-użu tal-estimi*

F'konformità mal-IPSAS u mal-prinċipji kontabilistiċi aċċettati b'mod ġenerali, ir-rapporti finanzjarji bilfors iridu jinkludu ammonti bbażati fuq estimi u suppożizzjonijiet mill-maniġment ibbażati fuq l-aktar informazzjoni affidabbli disponibbli. L-estimi sinifikanti jinkludu, iżda ma humiex limitati għal: ammonti għal obbligazzjonijiet tal-benefiċċji tal-impjegati, riskju finanzjarju ta' kontijiet riċevibbli u l-ammonti żvelati fin-noti li jikkonċernaw strumenti finanzjarji, provvediment għal indeboliment għal assi finanzjarji b'kost amortizzat u għal obbligazzjonijiet ta' kuntratti ta' garanziji finanzjarji, dħul u ħlasijiet dovuti, provvedimenti, grad ta' indeboliment ta' assi intanġibbli u ta' proprjetà, ta' impjant u ta' tagħmir, valur nett realizzabbli ta' inventarji, assi u obbligazzjonijiet kontinġenti. Ir-riżultati attwali jistgħu jkunu differenti minn dawk l-estimi. Bidliet fl-estimi huma riflessi fil-perjodu li fih isiru magħrufin, jekk il-bidla taffettwa dak il-perjodu biss, jew dak il-perjodu u perjodi futuri, jekk il-bidla taffettwa lit-tnejn li huma.

1.4.3. *Tranżizzjoni lejn sistema ġdida ta' sistema ta' Finanzjament Korporattiv u tal-IT (SUMMA)*

Il-kontijiet annwali konsolidati tal-2025 huma l-ewwel sett ta' kontijiet imħejjija abbażi tal-informazzjoni finanzjarja rrapportata fis-sistema tal-IT finanzjarja l-ġdida, SUMMA. Matul il-preparazzjoni tal-kontijiet annwali, ġew implimentati kontrolli sistematiċi u rigoruż biex jiġi żgurat li l-informazzjoni finanzjarja użata tirrifletti b'mod akkurat it-tranżazzjonijiet bażi u tkun kompletament konsistenti mar-regoli kontabilistiċi applikabbli. Matul il-proċess ta' għeluq ta' tmiem is-sena, il-maniġment identifika kwistjonijiet iġġenerati mis-sistema l-ġdida li affettwaw b'mod sinifikanti l-kontijiet, filwaqt li kwistjonijiet addizzjonali ġew identifikati aktar tard mill-awditur estern. Dawn ħtieġu aġġustamenti manwali u proċeduri ta' rikonċiljazzjoni. L-implimentazzjoni u l-irfinar tas-sistema finanzjarja l-ġdida u l-kontrolli relatati se jkomplu fis-snin finanzjarji futuri. Abbażi ta' dan il-monitoraġġ mill-qrib u r-rieżami tal-informazzjoni finanzjarja kemm fl-istadju tal-input kif ukoll tal-output, il-kontijiet annwali jipprovdu, b'assigurazzjoni raġonevoli u fl-aspetti materjali kollha, preżentazzjoni ġusta tal-pożizzjoni finanzjarja, ir-riżultati tal-operazzjonijiet u l-flussi tal-flus tal-Unjoni Ewropea.

1.5. **KARTA BILANĊJALI**

1.5.1. *Assi intanġibbli*

Assi intanġibbli huwa assi mhux monetarju identifikabbli mingħajr sustanza fiżika. Assi jkun identifikabbli jekk ikun separabbli (jiġifieri jista' jiġi sseparat jew maqsum mill-entità, pereżempju, billi jinbiegħ, jiġi ttrasferit, liċenzjat, mikri, jew skambjat, individwalment jew flimkien ma' kuntratt relatat, assi jew obbligazzjoni identifikabbli, irrispettivament minn jekk l-entità jkollhiex il-ħsieb li tagħmel hekk), jew jekk jirriżulta minn arranġamenti vinkolanti (inklużi drittijiet minn kuntratti jew drittijiet legali oħrajn), irrispettivament minn jekk dawk id-drittijiet ikunux trasferibbli jew separabbli mill-entità jew minn drittijiet u obbligi oħrajn.

L-assi intanġibbli akkwistati jiġu ddikjarati skont il-kost storiku nieqes l-amortizzament akkumulat u t-telf mill-indeboliment. L-assi intanġibbli żviluppati internament jiġu kapitalizzati meta jiġu ssodisfati l-kriterji rilevanti tar-Regoli Kontabilistiċi tal-UE u l-ispejjeż ikunu jirrigwardjaw biss il-fażi ta' żvilupp tal-assi. Il-kostijiet kapitalizzabbli jinkludu l-kostijiet direttament attribwibbli kollha meħtieġa biex joħolqu, jipproduċu u jħejju l-assi sabiex ikun jista' jopera bil-mod maħsub mill-maniġment. Il-kostijiet assoċjati mal-attivitajiet ta' riċerka, il-kostijiet tal-iżvilupp mhux kapitalizzabbli u l-kostijiet tal-manutenzjoni huma rikonoxxuti bħala spejjeż kif imġarrba.

L-assi intanġibbli jiġu ammortizzati fuq bażi ta' linja dritta matul il-ħajja utli stmata tagħhom (minn 3 snin sa 11-il sena). Il-ħajja utli stmata tal-assi intanġibbli tiddependi mill-ħajja ekonomika jew legali speċifika tagħhom iddeterminata permezz ta' ftehim.

1.5.2. *Proprjetà, impjanti u tagħmir*

Il-proprjetà, l-impjanti u t-tagħmir kollha jiġu ddikjarati skont il-kost storiku nieqes id-deprezzament akkumulat u t-telf mill-indeboliment. Il-kost jinkludi nefqa li hija direttament attribwibbli għall-akkwiżizzjoni, il-kostruzzjoni jew it-trasferiment tal-assi.

Il-kostijiet sussegwenti jiġu inklużi fl-ammont riportat tal-assi jew rikonoxxuti bħala assi separat, kif xieraq, biss meta jkun probabbli li l-benefiċċji ekonomiċi futuri jew il-potenzjal tas-servizz assoċjat mal-partita jiġu ċċirkolati lill-UE u l-kost ta' dan ikun jista' jitkejjel b'mod affidabbli. Il-kostijiet tat-tiswija u tal-manutenzjoni jiġu ddebitati lir-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja matul il-perjodu finanzjarju li fih jiġġarrbu.

L-art ma tiġix deprezzata billi hija titqies li għandha ħajja utli indefinita. L-assi taħt kostruzzjoni ma jiġux deprezzati, billi dawn l-assi għadhom ma humiex disponibbli għall-użu. Id-deprezzament fuq assi oħrajn jiġi kkalkolat bl-użu tal-metodu ta' linja dritta sabiex jiġi allokat il-kost tagħhom nieqes il-valuri residwi tagħhom matul il-ħajja utli stmata tagħhom, kif ġej:

Tip ta' assi	Rata ta' deprezzament lineari
Binjiet	*minn 4 % sa 10 %*
Assi spazjali	*minn 8 % sa 25 %*
Impjanti u tagħmir	*minn 10 % sa 25 %*
Għamara u vetturi	*minn 10 % sa 25 %*
Hardware tal-kompjuter	*minn 25 % sa 33 %*
Oħrajn	*minn 10 % sa 33 %*

Il-qligħ jew it-telf fuq disponimenti jiġu ddeterminati billi r-rikavat nieqes l-ispejjeż tal-bejgħ jitqabbel mal-ammont riportat tal-assi disposti u jiġu inklużi fir-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja.

Lokazzjonijiet

Lokazzjoni hija ftehim li permezz tiegħu, il-lokatur jagħti lil-lokatarju bi ħlas jew b'serje ta' pagamenti, id-dritt li juża assi għal perjodu ta' żmien miftiehem. Il-lokazzjonijiet jiġu kklassifikati bħala lokazzjonijiet finanzjarji jew lokazzjonijiet operatorji.

Il-lokazzjonijiet finanzjarji huma lokazzjonijiet fejn sostanzjalment ir-riskji u l-benefiċċji kollha inċidentali għas-sjieda jiġu ttrasferiti lil-lokatarju. Meta wieħed jidħol f'lokazzjoni finanzjarja bħala lokatarju, l-assi akkwistati taħt il-lokazzjoni finanzjarja jiġu rikonoxxuti bħala assi u obbligi ta' lokazzjoni assoċjati bħala obbligazzjonijiet mill-bidu tat-terminu tal-lokazzjoni. L-assi u l-obbligazzjonijiet jiġu rikonoxxuti f'ammonti ugwali għall-valur ġust tal-proprjetà mogħtija b'lokazzjoni jew, jekk ikun aktar baxx, il-valur preżenti tal-ħlasijiet minimi tal-lokazzjoni, kull wieħed iddeterminat fil-bidu tal-lokazzjoni. Matul il-perjodu tat-terminu tal-lokazzjoni, l-assi miżmuma taħt lokazzjonijet finanzjarji jiġu deprezzati matul l-iqsar ħajja utli tal-assi u t-terminu tal-lokazzjoni. Il-ħlasijiet minimi tal-lokazzjoni jitqassmu bejn l-imposta finanzjarja (l-element tal-imgħax) u t-tnaqqis tal-obbligazzjoni pendenti (l-element tal-kapital). L-imposta finanzjarja tiġi allokata għal kull perjodu matul it-terminu tal-lokazzjoni sabiex tipproduċi rata perjodika kostanti tal-imgħax fuq il-bilanċ li jifdal tal-obbligazzjoni, li tiġi ppreżentata bħala kurrenti/mhux kurrenti, kif applikabbli. Il-kirjiet kontinġenti jiġu ddebitati bħala spejjeż fil-perjodu li fih jiġġarrbu.

Il-lokazzjoni operatorja hija lokazzjoni minbarra lokazzjoni finanzjarja, jiġifieri lokazzjoni fejn il-lokatur iżomm sostanzjalment ir-riskji u l-benefiċċji kollha inċidentali għas-sjieda ta' assi. Meta wieħed jidħol f'lokazzjoni operatorja bħala lokatarju, il-pagamenti tal-lokazzjoni operatorja jiġu rikonoxxuti bħala spiża fir-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja fuq bażi ta' linja dritta matul it-terminu tal-lokazzjoni la b'assi mogħti b'lokazzjoni u lanqas b'obbligazzjoni ta' lokazzjoni ppreżentata fil-karta bilanċjali.

1.5.3. *Indeboliment ta' assi mhux finanzjarji*

Indeboliment huwa telf fil-benefiċċji ekonomiċi futuri jew il-potenzjal ta' servizz ta' assi, minbarra r-rikonoxximent sistematiku tat-telf tal-benefiċċji ekonomiċi futuri tal-assi jew il-potenzjal ta' servizz permezz ta' amortizzament jew deprezzament (kif applikabbli). L-assi li għandhom ħajja utli indefinita ma humiex soġġetti għal amortizzament/deprezzament u jiġu ttestjati kull sena għal indeboliment. Assi li huma soġġetti għal amortizzament/deprezzament jiġu ttestjati għal indeboliment kull meta jkun hemm indikazzjoni fid-data tar-rapportar li assi jista' jkun indebolit. Telf minn indeboliment jiġi rikonoxxut għall-ammont li bih l-ammont riportat tal-assi jaqbeż l-ammont (servizz) rekuperabbli tiegħu. L-ammont (servizz) rekuperabbli huwa l-ogħla mill-valur ġust ta' assi nieqes il-kostijiet tal-bejgħ u l-valur tiegħu fl-użu.

Il-valuri residwi tal-assi intanġibbli u l-proprjetà, l-impjanti u t-tagħmir u l-ħajja utli jiġu rieżaminati u, jekk ikun xieraq, aġġustati, mill-inqas darba fis-sena. Jekk ir-raġunijiet għall-indebolimenti rikonoxxuti fis-snin preċedenti ma japplikawx aktar, it-telf minn indeboliment jitreġġa' lura kif xieraq.

1.5.4. *Investimenti kontabilizzati bl-użu tal-metodu tal-ekwità*

Parteċipazzjonijiet f'kumpaniji assoċjati u impriżi konġunti

L-investimenti kontabbilizzati bl-użu tal-metodu tal-ekwità inizjalment jiġu rikonoxxuti skont il-kost, bl-ammont riportat inizjali sussegwentement jiżdied jew jitnaqqas sabiex jiġu rikonoxxuti kontribuzzjonijiet ulterjuri, is-sehem tal-UE mis-surplus jew mid-defiċit tad-destinatarja ta' investiment, kwalunkwe indeboliment u dividend. Il-kost inizjali flimkien mal-movimenti kollha jagħtu l-ammont riportat tal-investiment fir-rapporti finanzjarji fid-data tal-karta bilanċjali. Is-sehem tal-UE mis-surplus jew mid-defiċit tad-destinatarja ta' investiment jiġi rikonoxxut fir-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja, u s-sehem tagħha mill-movimenti tad-destinatarja ta' investiment fl-ekwità jiġi rikonoxxut fir-riżervi fi ħdan l-assi netti. Id-distribuzzjonijiet riċevuti mill-investiment inaqqsu l-ammont riportat tal-assi.

Jekk is-sehem tal-UE mid-defiċits ta' investiment ikkontabilizzat bl-użu tal-metodu tal-ekwità jkun daqs jew aktar mill-interess tagħha fl-investiment, l-UE ma tibqax tirrikonoxxi s-sehem tagħha mit-telf ulterjuri ("telf mhux rikonoxxut"). Wara li l-interess tal-UE jitnaqqas għal żero, jiġi previst telf addizzjonali u tiġi rikonoxxuta obbligazzjoni biss sal-punt li l-UE tkun ġarrbet obbligu legali jew kostruttiv jew tkun għamlet pagamenti f'isem l-entità.

Jekk ikun hemm indikazzjonijiet ta' indeboliment, tkun meħtieġa valwazzjoni negattiva għall-inqas ammont rekuperabbli. L-ammont rekuperabbli jiġi ddeterminat kif deskritt fin-Nota **1.5.3**. Jekk ir-raġuni għall-indeboliment ma tibqax tapplika f'data aktar tard, it-telf minn indeboliment jitreġġa' lura għall-ammont riportat li kien jiġi ddeterminat kieku ma kien rikonoxxut l-ebda telf minn indeboliment.

F'każijiet fejn l-UE jkollha 20 % jew aktar minn fond ta' kapital tal-investiment, hija ma tfittix li teżerċita influwenza sinifikanti. Għalhekk, tali fondi huma ttrattati bħala strumenti finanzjarji u kkategorizzati bħala assi finanzjarji bil-valur ġust permezz ta' surplus jew defiċit ("FVSD", Fair Value through Surplus or Deficit).

Il-kumpaniji assoċjati u l-impriżi konġunti kklassifikati bħala entitajiet minuri (ara n-Nota **1.3**) ma jiġux ikkontabilizzati skont il-metodu tal-ekwità. Il-kontribuzzjonijiet tal-UE għal dawk l-entitajiet jiġu kkontabilizzati bħala spiża tal-perjodu.

1.5.5. *Assi finanzjarji*

Klassifikazzjoni mar-rikonoxximent inizjali

Il-klassifikazzjoni tiddependi fuq żewġ kriterji:

— Il-mudell tal-ġestjoni tal-assi finanzjarji. Dan jeħtieġ valutazzjoni ta' kif l-UE timmaniġġja l-assi finanzjarji sabiex tiġġenera flussi tal-flus u sabiex tilħaq l-objettivi tagħha u kif tevalwa l-prestazzjoni tal-assi finanzjarji.

— Il-karatteristiċi tal-fluss tal-flus kuntrattwali tal-assi. Dan jeħtieġ valutazzjoni ta' jekk il-flussi tal-flus kuntrattwali humiex biss pagamenti ta' kapital u ta' mgħax fuq il-kapital pendenti. L-imgħax huwa l-korrispettiv għall-valur taż-żmien tal-flus, tar-riskju ta' kreditu u ta' riskji u ta' kostijiet bażiċi oħrajn tas-self.

Wara valutazzjoni bbażata fuq dawn il-kriterji, l-assi finanzjarji jistgħu jiġu kklassifikati fi 3 kategoriji: Assi finanzjarji b'kost amortizzat (AC, Amortised Cost), assi finanzjarji b'valur ġust permezz ta' assi/ekwità netti (FVNA, Fair Value through Net Assets/Equity), jew assi finanzjarji b'valur ġust permezz ta' surplus jew defiċit (FVSD).

Assi finanzjarji bi flussi tal-flus kuntrattwali li jirrappreżentaw biss kapital u mgħax huma kklassifikati skont il-mudell ta' ġestjoni tal-entità. Jekk il-mudell ta' ġestjoni jkun li jinżammu l-assi finanzjarji sabiex jinġabru l-flussi tal-flus kuntrattwali, l-assi finanzjarji jiġu kklassifikati f'AC. Jekk il-mudell ta' ġestjoni jkun li jinżammu l-assi finanzjarji kemm sabiex jinġabru l-flussi tal-flus kuntrattwali kif ukoll sabiex jinbiegħu l-assi finanzjarji, il-klassifikazzjoni tkun FVNA. Jekk il-mudell ta' ġestjoni jkun differenti minn dawn iż-żewġ mudelli (eż. l-assi finanzjarji jinżammu għan-negozjar jew jinżammu f'portafoll ġestit u evalwat fuq bażi ta' valur ġust), l-assi finanzjarji huma kklassifikati bħala FVSD.

Assi finanzjarji bi flussi tal-flus kuntrattwali li ma jirrappreżentawx biss kapital u mgħax, iżda jintroduċu skopertura għar-riskji u volatilità minbarra dawk preżenti f'arranġament ta' self bażiku (eż. bidliet fil-prezzijiet tal-ekwità), huma kklassifikati bħala FVSD, irrispettivament mill-mudell ta' ġestjoni.

Mar-rikonoxximent inizjali, l-UE tikklassifika l-assi finanzjarji kif ġej:

(i) *Assi finanzjarji fuq il-bażi tal-kost amortizzat*

L-UE tikklassifika f'din il-kategorija:

— flus u ekwivalenti ta' flus (inklużi ftehimiet ta' retroriakkwist);

— self (inklużi depożiti b'terminu b'maturità oriġinali ta' aktar minn 3 xhur);

— riċevibbli ta' skambju, ħlief għall-komponent tar-riċevibbli tal-kuntratti ta' garanziji finanzjarji kklassifikat bħala assi finanzjarju fuq il-bażi tal-valur ġust permezz ta' surplus jew defiċit.

Dawn l-assi finanzjarji mhux derivattivi jissodisfaw żewġ kondizzjonijiet: Il-mudell ta' ġestjoni tal-UE huwa li żżommhom sabiex jinġabru l-flussi tal-flus kuntrattwali. Barra minn hekk, f'jiem speċifikati, hemm flussi tal-flus kuntrattwali li jirrappreżentaw biss il-kapital u l-imgħax fuq il-kapital pendenti.

Ftehim ta' retroriakkwist ("retroriakkwist") huwa ftehim fejn parti waħda tixtri titoli mingħand parti oħra bil-ftehim li terġa' tbigħhom aktar tard bi prezz miftiehem. Is-sustanza ekonomika ta' din it-tranżazzjoni hija simili għal depożitu kollateralizzat b'terminu. Ir-riskji u l-benefiċċji tat-titolu jibqgħu mal-oriġinatur, filwaqt li ċ-ċessjonarju jistenna li jirċievi lura l-kapital u l-imgħax kuntrattwali. Għalhekk, it-tranżazzjonijiet ta' retroriakkwist huma kontabbilizzati fuq il-bażi tal-kost amortizzat. L-UE tidħol f'dawn it-tranżazzjonijiet esklussivament għall-fini tal-ġestjoni tal-likwidità, filwaqt li tieħu vantaġġ mill-opportunità li tqiegħed bilanċi ta' flus żejda b'rati attraenti fuq perjodu qasir ħafna li ma jaqbiżx it-3 xhur. Konsegwentement, huma kkategorizzati bħala flus u ekwivalenti ta' flus.

Assi finanzjarji b'kost amortizzat huma inklużi fl-assi kurrenti, ħlief għal dawk b'maturità ta' aktar minn 12-il xahar mid-data tar-rapportar.

(ii) *Assi finanzjarji abbażi tal-valur ġust permezz ta' assi/ekwità netti*

Dawn l-assi finanzjarji mhux derivattivi għandhom flussi tal-flus kuntrattwali li jirrappreżentaw biss il-kapital u l-imgħax fuq il-kapital pendenti. Barra minn hekk, il-mudell ta' ġestjoni huwa li jinżammu l-assi finanzjarji kemm sabiex jinġabru l-flussi tal-flus kuntrattwali kif ukoll li jinbiegħu l-assi finanzjarji.

L-assi f'din il-kategorija jiġu kklassifikati bħala assi kurrenti, jekk ikunu mistennijin li jiġu rrealizzati fi żmien 12-il xahar mid-data tar-rapportar.

L-UE ma għandhiex assi bħal dawn fi tmiem dan il-perjodu ta' rapportar.

(iii) *Assi finanzjarji abbażi tal-valur ġust permezz ta' surplus jew defiċit*

L-UE tikklassifika l-assi finanzjarji li ġejjin bħala FVSD minħabba li l-flussi tal-flus kuntrattwali ma jirrappreżentawx biss il-kapital u l-imgħax fuq il-kapital:

— derivattivi;

— investimenti fl-ekwità u investimenti f'fondi tas-suq tal-flus jew f'fondi ta' portafoll kollettiv;

— investimenti oħrajn tat-tip ta' ekwità (eż. operazzjonijiet ta' kapital ta' riskju).

Barra minn hekk, l-UE tikklassifika t-titoli ta' dejn li żżomm bħala FVSD minħabba li l-portafolli tat-titoli ta' dejn huma ġestiti u evalwati fuq bażi tal-valur ġust tal-portafoll (eż. Fond ta' Proviżjonament Komuni skont l-Artikolu 215 tar-Regolament Finanzjarju).

L-assi f'din il-kategorija jiġu kklassifikati bħala assi kurrenti, jekk ikunu mistennijin li jiġu rrealizzati fi żmien 12-il xahar mid-data tar-rapportar.

Rikonoxximent u kejl inizjali

Ix-xiri ta' assi finanzjarji abbażi tal-valur ġust permezz ta' assi/ekwità netti, u abbażi tal-valur ġust permezz ta' surplus jew defiċit jiġu rrikonoxxuti fid-data tan-negozju tagħhom, jiġifieri d-data li fiha l-UE timpenja ruħha li tixtri l-assi. L-ekwivalenti ta' flus u s-self jiġu rrikonoxxuti meta l-flus kontanti jiġu ddepożitati f'istituzzjoni finanzjarja jew avvanzati lill-mutwatarji.

Inizjalment, l-assi finanzjarji jiġu rrikonoxxuti abbażi tal-valur ġust. Għall-assi finanzjarji kollha mhux riportati fuq il-bażi tal-valur ġust permezz ta' surplus jew defiċit, il-kostijiet tat-tranżazzjonijiet jiżdiedu mal-valur ġust fir-rikonoxximent inizjali. Għall-assi finanzjarji riportati abbażi tal-valur ġust permezz ta' surplus jew defiċit, il-kostijiet tat-tranżazzjonijiet jiġu ddebitati fir-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja.

Il-valur ġust ta' assi finanzjarju mar-rikonoxximent inizjali normalment ikun il-prezz tat-tranżazzjoni sakemm it-tranżazzjoni ma tkunx distakkata, jiġifieri mingħajr korrispettiv jew b'korrispettiv nominali għal finijiet ta' ordni pubbliku. Jekk dan ikun il-każ, id-differenza bejn il-valur ġust tal-istrument finanzjarju u l-prezz tat-tranżazzjoni tkun komponent mhux ta' skambju li jiġi rrikonoxxut bħala spiża fir-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja. F'dan il-każ, il-valur ġust ta' assi finanzjarju jiġi dderivat minn tranżazzjonijiet kurrenti tas-suq għal strument direttament ekwivalenti. Jekk ma jkun hemm l-ebda suq attiv għall-istrument, il-valur ġust jiġi dderivat minn teknika ta' valwazzjoni li tuża d-*data* disponibbli mis-swieq osservabbli.

Meta jingħata self fit-tul li ma jkollu l-ebda mgħax jew inkella jingħata mgħax taħt il-kondizzjonijiet tas-suq, il-valur ġust tiegħu jista' jiġi stmat bħala l-valur preżenti tar-riċevuti ta' flus futuri kollha skontati billi tintuża r-rata tal-imgħax tas-suq prevalenti għal strument simili bi klassifikazzjoni tal-kreditu simili.

Is-self mogħti taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u s-self għall-assistenza finanzjarja inizjalment jitkejlu skont l-ammont nominali tagħhom, bil-prezz tat-tranżazzjoni kkunsidrat il-valur ġust tas-self. Dan għaliex:

— L-"ambjent tas-suq" għall-għoti b'self mill-UE huwa speċifiku ħafna u differenti mis-suq tal-kapital li jintuża sabiex jinħareġ dejn kummerċjali jew tal-gvern. Billi l-mutwanti f'dawn is-swieq għandhom l-opportunità li jagħżlu investimenti alternattivi, l-opportunità li jsir dan tiġi kkunsidrata fil-kalkolu tal-prezzijiet tas-suq. Madankollu, din l-opportunità għal investimenti alternattivi ma teżistix għall-UE, li ma hijiex permessa tinvesti flus fis-swieq kapitali; hija tissellef biss fondi għall-fini li tislef. Dan ifisser li ma hemm l-ebda għażla alternattiva ta' għoti b'self jew investiment disponibbli għall-UE għas-somom meħuda b'self. B'hekk, ma hemm l-ebda kost tal-opportunità u, għalhekk, l-ebda bażi ta' tqabbil mar-rati tas-suq. Fil-fatt, l-operazzjoni ta' għoti b'self tal-UE nnifisha tirrappreżenta lis-suq. Essenzjalment, billi l-"għażla" tal-kost ta' opportunità ma hijiex applikabbli, il-prezz tas-suq ma jirriflettix b'mod ġust is-sustanza tat-tranżazzjonijiet ta' għoti b'self tal-UE. Għalhekk, ma huwiex xieraq li jiġi ddeterminat il-valur ġust tal-għoti ta' self tal-UE b'referenza għal bonds kummerċjali jew tal-gvern.

— Barra minn hekk, minħabba li ma hemm l-ebda tranżazzjoni tas-suq attiv jew tranżazzjonijiet simili li wieħed jista' jqabbel magħhom, ir-rata tal-imgħax li għandha tintuża mill-UE għall-valwazzjoni ġusta tal-operazzjonijiet ta' għoti ta' self tagħha għandha tkun ir-rata tal-imgħax imposta.

Kejl sussegwenti

L-assi finanzjarji fuq il-bażi tal-kost amortizzat sussegwentement jitkejlu fuq il-bażi tal-kost amortizzat bl-użu tal-metodu tal-imgħax effettiv.

L-assi finanzjarji abbażi tal-valur ġust permezz ta' assi/ekwità netti sussegwentement jitkejlu abbażi tal-valur ġust. Il-qligħ u t-telf minn bidliet fil-valur ġust jiġu rrikonoxxuti fir-riżerva tal-valur ġust, ħlief għad-differenzi tal-kambju fuq l-assi monetarji, li jiġu rrikonoxxuti fir-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja.

L-assi finanzjarji abbażi tal-valur ġust permezz ta' surplus jew defiċit sussegwentement jitkejlu abbażi tal-valur ġust. Il-qligħ u t-telf minn bidliet fil-valur ġust (inklużi dawk li jirriżultaw mill-qlib tal-munita barranija u kwalunkwe mgħax miksub) jiġu inklużi fir-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja fil-perjodu meta jseħħu.

Valur ġust fil-kejl sussegwenti

Il-valuri ġusti tal-investimenti kkwotati fi swieq attivi huma bbażati fuq il-prezzijiet kurrenti tal-offerti. Jekk is-suq għal assi finanzjarju ma jkunx attiv (u għal titoli mhux ikkwotati u derivattivi barra l-borża), l-UE tistabbilixxi valur ġust billi tuża tekniki ta' valwazzjoni. Dawn jinkludu l-użu ta' tranżazzjonijiet ta' distakkament reċenti, referenza għal strumenti oħrajn li huma sostanzjalment l-istess, analiżi tal-flussi tal-flus skontati, mudelli tal-ipprezzar tal-opzjonijiet u tekniki ta' valwazzjoni oħrajn li jintużaw b'mod komuni mill-parteċipanti tas-suq.

L-investimenti f'fondi ta' kapital ta' riskju li ma għandhomx prezz ikkwotat f'suq attiv, jiġu stmati bil-valur tal-assi netti attribwibbli, li jitqies bħala ekwivalenti tal-valur ġust tagħhom.

Indeboliment tal-assi finanzjarji

L-UE tirrikonoxxi u tkejjel telf minn indeboliment għat-telf ta' kreditu mistenni fuq l-assi finanzjarji li jitkejlu fuq il-bażi tal-kost amortizzat u abbażi tal-valur ġust permezz ta' assi/ekwità netti.

Għall-assi fuq il-bażi tal-kost amortizzat, l-ammont riportat tal-assi jitnaqqas bl-ammont tat-telf minn indeboliment li jiġi rrikonoxxut fir-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja. Għal assi fil-valur ġust permezz ta' assi netti/ekwità, ir-remissjoni għal telf hija rikonoxxuta f'assi netti/ekwità u ma tnaqqasx l-ammont miżmum fil-kotba tal-assi finanzjarju fil-karta tal-bilanċ. Jekk, f'perjodu sussegwenti, l-ammont tat-telf minn indeboliment jonqos, it-telf minn indeboliment rikonoxxut qabel jitreġġa' lura permezz tar-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja.

It-telf ta' kreditu mistenni (ECL, Expected Credit Loss) huwa l-valur preżenti tad-differenza bejn il-flussi tal-flus kuntrattwali u l-flussi tal-flus li l-UE tistenna li tirċievi. L-ECL jinkorpora informazzjoni raġonevoli u appoġġabbli li hija disponibbli mingħajr kost jew sforz bla bżonn fid-data tar-rapportar.

(a) *Politiki dwar it-tqassim fi stadji*

L-ECL jitkejjel b'mudell ta' 3 stadji li jqis l-avvenimenti ta' inadempjenza ponderati għall-probabbiltà matul il-ħajja tal-assi finanzjarju u l-evoluzzjoni tar-riskju ta' kreditu mill-oriġinazzjoni tal-assi finanzjarju. Għal self, l-oriġinazzjoni hija d-data tal-impenn ta' self irrevokabbli.

L-allokazzjoni għall-istadji tiddependi l-aktar fuq il-klassifikazzjoni tal-kreditu tal-kontroparti. Il-mudell tal-istadji jiddependi fuq valutazzjoni relattiva tar-riskju ta' kreditu, jiġifieri, l-UE jista' jkollha self differenti mal-istess kontroparti fi stadji differenti, skont ir-riskju ta' kreditu tal-kontroparti fl-oriġinazzjoni. L-UE, li għandha status istituzzjonali uniku, tislef il-flus lill-Istati Membri tagħha jew lil sovrani f'diffikultà. B'riżultat ta' dan, l-UE tapplika wkoll valutazzjoni kwalitattiva tar-riskju ta' kreditu bbażata fuq il-monitoraġġ tas-sitwazzjoni ekonomika tal-mutwatarji f'diffikultà.

Stadju Nru 1 – L-ebda żieda sinifikanti fir-riskju ta' kreditu

Self lil kontropartijiet bi klassifikazzjonijiet ta' kreditu fil-grad ta' investiment (jiġifieri bejn AAA (Aaa) u BBB- (Baa3) fl-iskala ta' klassifikazzjoni ta' S&P/Fitch (Moody's) jew fi klassifikazzjoni esterna jew interna ekwivalenti) fid-data tar-rapportar, jitqies bħala self b'riskju ta' kreditu baxx, u għalhekk jinżamm fl-Istadju Nru 1, ħlief jekk ikun ilu skadut għal aktar minn 30 jum (ara l-Istadju Nru 2). Barra minn hekk, kwalunkwe self li għalih ma seħħet l-ebda żieda sinifikanti fir-riskju ta' kreditu, kif iddefinit hawn taħt, jiġi kklassifikat fl-Istadju Nru 1. Għas-self fl-Istadju Nru 1, il-provvediment għall-indeboliment jitkejjel fil-livell tat-telf ta' kreditu mistenni fuq 12-il xahar.

Stadju Nru 2 – Żieda sinifikanti fir-riskju tal-kreditu (SICR, Significant Increase in Credit Risk)

Sabiex tiddetermina jekk kienx hemm żieda sinifikanti fir-riskju tal-kreditu mill-oriġinazzjoni, u b'hekk jekk japplikax iċ-ċaqliq għall-Istadju Nru 2, l-UE tapplika taħlita ta' valutazzjonijiet kwantitattivi u kwalitattivi:

— is-self kollu li għalih il-pagamenti kuntrattwali jkunu ilhom skaduti għal bejn 31 u 90 jum, jiġi ttrasferit għall-Istadju Nru 2;

— għal kontropartijiet bi klassifikazzjonijiet ta' kreditu bejn AAA (Aaa) u BB- (Ba3) fid-data tar-rikonoxximent inizjali: Sakemm ma japplikax il-każ ta' riskju baxx (aktar 'il fuq fl-Istadju Nru 1), id-deterjorament jitqies bħala sinifikanti jekk id-differenza bejn il-klassifikazzjoni fl-oriġinazzjoni u dik fid-data tar-rapportar tkun ugwali għal 3 livelli jew ogħla;

— għall-kontropartijiet bi klassifikazzjonijiet tal-kreditu ta' B+ (B1) jew B (B2) fid-data tar-rikonoxximent inizjali: Id-deterjorament jitqies bħala sinifikanti jekk id-differenza bejn il-klassifikazzjoni inizjali u l-klassifikazzjoni kurrenti tkun ugwali għal 2 livelli jew ogħla;

— għal kontropartijiet bi klassifikazzjonijiet tal-kreditu ta' B- (B3) jew anqas (fil-medda CCC/Caa – C) fid-data tar-rikonoxximent inizjali: Id-deterjorament jitqies sinifikanti jekk id-differenza bejn il-klassifikazzjoni inizjali u l-klassifikazzjoni kurrenti fid-data tar-rapportar tkun ugwali għal livell 1 jew ogħla; u

— is-self li joriġina qabel it-trasferiment għall-EAR 11 riveduta (jiġifieri l-1 ta' Jannar 2021), li għalih ma hemm disponibbli l-ebda informazzjoni dwar ir-riskju ta' kreditu fir-rikonoxximent inizjali mingħajr kost u sforz indebiti, jiġi kklassifikat fl-Istadju Nru 2.

Għal self fl-Istadju Nru 2, il-provvediment għall-indeboliment jitkejjel fil-livell tat-telf ta' kreditu mistenni tul il-ħajja.

Stadju Nru 3 – Self b'indeboliment fil-kreditu

Is-self jiġi kklassifikat fl-Istadju Nru 3 meta jkun skadut b'90 jum jew meta jseħħ avveniment wieħed jew aktar wara l-oriġinazzjoni tas-self li jkollu impatt detrimentali fuq il-flussi tal-flus futuri stmati ta' dak l-assi finanzjarju. Pereżempju, self huwa kklassifikat għall-Istadju Nru 3, jekk:

— ikun qiegħed isir probabbli li mutwatarju se jfalli jew jidħol f'riorganizzazzjoni finanzjarja oħra;

— il-mutwatarju jkollu klassifikazzjoni tal-kreditu ta' D ippubblikata minn aġenzija tal-klassifikazzjoni esterna; u

— il-mutwatarju jkun inadempjenti skont kwalunkwe obbligu finanzjarju lejn l-UE, jew f'każ ta' self għal assistenza finanzjarja, jekk il-mutwatarju jkun inadempjenti għal kwalunkwe organizzazzjoni internazzjonali oħra li tiffinanzja l-programm.

Għal self fl-Istadju Nru 3, il-provvediment għall-indeboliment jitkejjel fil-livell tat-telf ta' kreditu mistenni tul il-ħajja.

Self b'indeboliment fil-kreditu mixtri jew oriġinat (POCI, Purchased or Originated as Credit Impaired)

L-UE għandha wkoll self b'POCI. Dan huwa self garantit inadempjenti li għalih l-UE ħallset talbiet għal ħlas ta' garanzija lis-sieħeb ta' implimentazzjoni. Għal dan is-self, id-drittijiet kollha ġew surrogati lill-UE. L-UE tirrikonoxxih fil-karta bilanċjali tagħha fuq il-bażi tal-valur ġust mar-rikonoxximent inizjali. L-UE tikklassifikah bħala self b'POCI u tikkalkola provvediment għal indeboliment abbażi tal-ECL tul il-ħajja. Skont il-ftehimiet rilevanti bejn l-UE u s-sħab ta' implimentazzjoni, il-proċedimenti ta' rkupru jitwettqu f'isem l-UE bl-għan li tiġi rkuprata kwalunkwe somma dovuta.

(b) *Self lil sovrani*

L-UE tibbaża l-valutazzjoni tagħha tal-indeboliment tas-self, fil-kuntest tan-natura tal-finanzjament tal-UE u tal-istatus istituzzjonali uniku tagħha.

Għall-indeboliment tas-self lil Stati mhux Membri, l-UE tikkalkula t-telf ta' kreditu mistenni bl-użu ta' data esterna dwar il-kwalità tal-kreditu, filwaqt li madankollu tqis l-istatus ta' kreditur preferut tagħha, li jnaqqas ir-riskju ta' kreditu. Għall-kalkolu tal-valur preżenti, ir-rata ta' skont hija r-rata tal-imgħax effettiva oriġinali tas-self. Jekk self ikollu rata tal-imgħax varjabbli, ir-rata ta' skont tkun ir-rata tal-imgħax effettiva kurrenti stabbilita skont il-kuntratt.

Għal self lill-Istati Membri, l-UE qatt ma ġarrbet telf minn indeboliment, u lanqas ma ffaċċjat xi inadempjenza fuq il-pagamenti. Għal dan is-self, minbarra l-istatus ta' kreditur preferut, l-UE tqis ir-relazzjonijiet mal-Istati Membri tagħha. Fil-prinċipju, dawn iż-żewġ elementi jiggarantixxu l-irkupru sħiħ tas-self lill-Istati Membri, mal-maturità. Għalhekk, l-UE tqis li t-telf ta' kreditu mistenni minn self lill-Istati Membri huwa negliġibbli, u approċċ statistiku sabiex jiġi kkalkolat it-telf ta' kreditu mistenni bħala mhux xieraq għal dan is-self. Għalhekk, l-ebda telf ta' kreditu mistenni ma jiġi rikonoxxut fir-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja għas-self lill-Istati Membri.

(c) *Riċevibbli*

L-UE tkejjel it-telf minn indeboliment fl-ammont ta' ECL tul il-ħajja, billi tuża espedjenti prattiċi (eż. matriċi tal-provvedimenti).

(d) *Flus u ekwivalenti ta' flus*

L-UE żżomm flus u ekwivalenti ta' flus f'kontijiet bankarji kurrenti u f'depożiti b'terminu sa 3 xhur. Il-flus jinżammu primarjament f'banek bi klassifikazzjonijiet ta' kreditu għoljin ħafna (ara n-Nota **6.6**), u b'hekk għandhom probabbiltajiet ta' inadempjenza baxxi ħafna. Minħabba d-durata qasira u l-probabbiltajiet ta' inadempjenza baxxi, it-telf ta' kreditu mistenni minn flus u minn ekwivalenti ta' flus huwa negliġibbli. B'riżultat ta' dan, l-ebda provvediment għal indeboliment ma huwa rikonoxxut għal ekwivalenti ta' flus.

Irtirar tar-rikonoxximent

L-istrumenti finanzjarji ma jibqgħux rikonoxxuti meta jiskadu d-drittijiet li jiġu riċevuti flussi ta' flus mill-investimenti jew meta l-UE tkun ittrasferiet b'mod sostanzjali r-riskji u l-benefiċċji kollha tas-sjieda lil parti oħra. Kwalunkwe differenza bejn il-valur kontabilistiku fl-irtirar tar-rikonoxximent u l-prezz tat-tranżazzjoni hija rikonoxxuta bħala qligħ jew telf fir-Rapport tal-Prestazzjoni Finanzjarja. Il-bejgħ ta' assi finanzjarji abbażi tal-valur ġust permezz ta' assi/ekwità netti u permezz ta' surplus jew defiċit huwa rikonoxxut fid-data tan-negozju tagħhom.

1.5.6. *Inventarji*

L-inventarji jiġu ddikjarati skont l-inqas kost u valur nett realizzabbli. Il-kost jiġi ddeterminat bl-użu tal-metodu li joħroġ li daħal l-ewwel (FIFO, First-In, First-Out). Il-kost tal-oġġetti lesti u tax-xogħol li jkun għadu għaddej jinkludi l-kostijiet tal-materja prima, tax-xogħol direttu u kostijiet oħrajn direttament attribwibbli, kif ukoll spejjeż ġenerali tal-produzzjoni relatati (abbażi tal-kapaċità operazzjonali normali). Il-valur nett realizzabbli huwa l-prezz tal-bejgħ stmat matul il-perkors normali tan-negozju, nieqes il-kostijiet tat-tlestija u l-ispejjeż tal-bejgħ. Meta l-inventarji jinżammu għad-distribuzzjoni mingħajr ħlas jew għal ħlas nominali, dawn jitkejlu skont l-inqas kost u l-kost tas-sostituzzjoni kurrenti. Il-kost tas-sostituzzjoni kurrenti huwa l-kost li ġġarrab l-UE sabiex tikseb l-assi fid-data tar-rapportar.

1.5.7. *Ammonti tal-prefinanzjament*

Prefinanzjament huwa pagament maħsub sabiex jipprovdi lill-benefiċjarju b'avvanz ta' flus, jiġifieri "float". Jista' jinqasam f'numru ta' pagamenti f'konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba fuq perjodu stabbilit fil-kuntratt, fid-deċiżjoni, fil-ftehim jews fl-att legali bażiku partikolari. Il-float jew l-avvanz jew jintuża għall-finijiet li għalihom ġie pprovdut matul il-perjodu stabbilit fil-ftehim jew inkella jitħallas lura. Jekk il-benefiċjarju ma jġarrabx in-nefqa eliġibbli, huwa għandu l-obbligu li jrodd lura l-avvanz ta' prefinanzjament lill-UE. Billi l-UE żżomm il-kontroll fuq il-prefinanzjament u hija intitolata għal rifużjoni għall-parti ineliġibbli, l-ammont jiġi ppreżentat bħala assi.

Il-prefinanzjament għall-ewwel jiġi rikonoxxut fuq il-karta bilanċjali meta l-flus kontanti jiġu ttrasferiti lir-riċevitur. Dan jitkejjel fl-ammont tal-korrispettiv mogħti. Fil-perjodi sussegwenti, il-prefinanzjament jitkejjel fl-ammont inizjalment rikonoxxut fuq il-karta bilanċjali nieqes l-ispejjeż eliġibbli (inklużi l-ammonti stmati, fejn meħtieġa) mġarrba matul il-perjodu.

L-imgħax fuq il-prefinanzjament jiġi rikonoxxut hekk kif jinkiseb f'konformità mal-ftehim rilevanti. Stima tad-dħul dovut mill-imgħaxijiet, abbażi tal-aktar informazzjoni affidabbli, issir fi tmiem is-sena u tiġi inkluża fil-karta bilanċjali.

Avvanzi oħrajn lill-Istati Membri li joriġinaw minn rimborż mill-UE ta' ammonti mħallsa bħala avvanzi mill-Istati Membri lill-benefiċjarji tagħhom (inklużi "strumenti finanzjarji taħt ġestjoni kondiviża") jiġu rikonoxxuti bħala assi u ppreżentati taħt l-intestatura tal-"Prefinanzjament". Avvanzi oħrajn lill-Istati Membri sussegwentement jitkejlu fl-ammont inizjalment rikonoxxut fuq il-karta bilanċjali nieqes l-aħjar stima tal-ispejjeż eliġibbli mġarrba mill-benefiċjarji finali, ikkalkolat abbażi ta' suppożizzjonijiet raġonevoli u li jistgħu jiġu appoġġati.

Il-kontribuzzjonijiet f'fondi fiduċjarji tal-UE (kif stabbiliti skont l-Artikolu 238 tar-Regolament Finanzjarju) mhux konsolidati fil-Kummissjoni Ewropea (jiġifieri fondi fiduċjarji Afrika u Bêkou), jew f'entitajiet mhux konsolidati oħrajn, jiġu kklassifikati bħala prefinanzjament minħabba li l-għan tagħhom huwa li jagħtu float lill-fond fiduċjarju sabiex dan ikun jista' jiffinanzja azzjonijiet speċifiċi ddeterminati mill-objettivi tal-fond fiduċjarju. Il-kontribuzzjonijiet tal-UE għall-fondi fiduċjarji jitkejlu fl-ammont inizjali tal-kontribuzzjoni tal-UE nieqes l-ispejjeż eliġibbli, inklużi l-ammonti stmati, fejn ikunu neċessarji, imġarrbin mill-fond fiduċjarju matul il-perjodu tar-rapportar u allokati għall-kontribuzzjoni tal-UE f'konformità mal-ftehim sottostanti.

1.5.8. *Riċevibbli ta' skambju u rekuperabbli mhux ta' skambju*

Ir-regoli kontabilistiċi tal-UE jeħtieġu preżentazzjoni separata ta' tranżazzjonijiet ta' skambju u ta' dawk mhux ta' skambju. Sabiex issir distinzjoni bejn iż-żewġ kategoriji, it-terminu "riċevibbli" huwa riżervat għal tranżazzjonijiet ta' skambju, filwaqt li għal "tranżazzjonijiet mhux ta' skambju", jiġifieri meta l-UE tirċievi valur mingħand entità oħra mingħajr ma tagħti direttament valur kważi ugwali bi skambju, jintuża t-terminu "rekuperabbli" (pereżempju, rekuperabbli minn Stati Membri relatati mar-riżorsi proprji).

Riċevibbli minn tranżazzjonijiet ta' skambju huma assi finanzjarji mkejlin fuq il-bażi tal-kost amortizzat, ħlief għal ċerti ammonti ta' komponent tar-riċevibbli tal-kuntratti ta' garanziji finanzjarji li huma kklassifikati bħala assi finanzjarji fuq il-bażi tal-valur ġust permezz ta' surplus jew defiċit (ara n-Nota **1.5.5**).

Rekuperabbli minn tranżazzjonijiet mhux ta' skambju jiġu riportati bil-valur ġust fid-data tal-akkwiżizzjoni bit-tnaqqis tal-valwazzjoni negattiva minħabba indeboliment. Valwazzjoni negattiva għal indeboliment ta' rekuperabbli minn tranżazzjonijiet mhux ta' skambju tiġi stabbilita meta jkun hemm evidenza oġġettiva li l-UE ma tkunx tista' tiġbor l-ammonti kollha dovuti skont it-termini oriġinali tar-rekuperabbli minn tranżazzjonijiet mhux ta' skambju. L-ammont tal-valwazzjoni negattiva huwa d-differenza bejn l-ammont riportat tal-assi u l-ammont li jista' jiġi rkuprat. L-ammont tal-valwazzjoni negattiva huwa rikonoxxut fir-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja. Issir ukoll valwazzjoni negattiva ġenerali, abbażi tal-esperjenza tal-passat, għal ordnijiet ta' rkupru pendenti li ma humiex diġà soġġetti għal valwazzjoni negattiva speċifika. Rigward it-trattament tad-dħul dovut fi tmiem is-sena, ara n-Nota **1.5.14**.

L-ammonti murijin u divulgati bħala rekuperabbli minn tranżazzjonijiet mhux ta' skambju ma humiex strumenti finanzjarji, minħabba li ma jirriżultawx minn kuntratt li kien iwassal għal obbligazzjoni finanzjarja jew għal strument ta' ekwità. Madankollu, fin-noti għar-rapporti finanzjarji, ir-rekuperabbli minn tranżazzjonijiet mhux ta' skambju jiġu divulgati flimkien mar-riċevibbli minn tranżazzjonijiet ta' skambju, fejn xieraq.

1.5.9. *Flus u ekwivalenti ta' flus*

Il-flus u l-ekwivalenti fi flus huma assi finanzjarji b'kost amortizzat u jinkludu flus fl-idejn, depożiti eżerċitabbli jew eżerċitabbli f'qasir żmien miżmuma fil-banek, retroriakkwisti, u investimenti likwidi ħafna oħrajn fuq terminu qasir b'maturitajiet oriġinali ta' 3 xhur jew inqas u miżmuma għall-finijiet li jiġu ssodisfati l-impenji ta' flus fuq terminu qasir u li tiġi ġestita l-likwidità aktar milli għall-investiment jew għal skopijiet oħra.

1.5.10. *Benefiċċji tal-impjegati*

L-UE tipprovdi sett ta' benefiċċji (emolumenti u sigurtà soċjali) lill-impjegati. Għall-finijiet ta' kontabbiltà, dawn għandhom jiġu kklassifikati f'benefiċċji b'terminu qasir u ta' wara l-impjieg.

Benefiċċji tal-impjegati b'terminu qasir

Il-benefiċċji tal-impjegati b'terminu qasir huma dawk il-benefiċċji li għandhom jiġu saldati qabel 12-il xahar wara tmiem il-perjodu tar-rapportar li fih l-impjegati jkunu taw is-servizz, bħal salarji, liv annwali u liv minħabba mard bi ħlas, u allowances oħrajn b'terminu qasir. Il-benefiċċji b'terminu qasir tal-impjegati jiġu rikonoxxuti bħala spiża meta jiġi pprovdut is-servizz relatat. Obbligazzjoni tiġi rikonoxxuta għall-ammont li mistenni jitħallas jekk l-UE jkollha obbligu legali jew kostruttiv preżenti xi tħallas bħala riżultat ta' servizz passat ipprovdut mill-impjegat u l-obbligu jkun jista' jiġi stmat b'mod affidabbli.

Benefiċċji ta' wara l-impjieg

L-UE tagħti sett ta' benefiċċji ta' wara l-impjieg lill-impjegati, li jinkludu pensjonijiet tal-irtirar, tal-invalidità u tas-sopravivenza pprovduti taħt l-Iskema tal-Pensjoni tal-Uffiċjali Ewropej, kif ukoll kopertura tal-assigurazzjoni tas-saħħa pprovduta skont ir-Reġim Komuni tal-Assigurazzjoni tal-Mard (ara n-Nota **2.9**). Dawn il-benefiċċji jiġu pprovduti taħt pjan wieħed – għalkemm maqsum f'żewġ skemi – u dawn iridu jiġu ttrattati b'mod simili sabiex tingħata preżentazzjoni ġusta tas-sitwazzjoni u jkunu jirriflettu r-realtà ekonomika:

— Skema tal-Pensjoni tal-Uffiċjali Ewropej (PSEO, Pension Scheme of European Officials): Il-benefiċċji mogħtija taħt din l-iskema ffinanzjata b'mod nozzjonali ([31]) huma relatati mal-anzjanità, mal-invalidità u mas-sopravivenza, kif ukoll allowances tal-familja, mewt qabel l-irtirar lil dawk l-impjegati li jaħdmu jew ħadmu fl-Istituzzjonijiet jew fl-Aġenziji tal-UE u f'korpi oħrajn tal-UE jew li huma superstiti ta' uffiċjali deċeduti jew pensjonanti. Il-membri tal-persunal jikkontribwixxu terz mill-kost mistenni ta' dawn il-benefiċċji mis-salarji tagħhom.

— Reġim Komuni tal-Assigurazzjoni tal-Mard (JSIS, Joint Sickness Insurance Scheme): Taħt din l-iskema, l-UE tipprovdi kopertura tal-assigurazzjoni tas-saħħa għall-persunal tal-Kummissjoni Ewropea, tal-istituzzjonijiet, tal-aġenziji u ta' korpi oħrajn tal-UE permezz tar-rimborż tal-ispejjeż mediċi. Il-benefiċċji mogħtija lill-persuni "inattivi" ta' din l-iskema (jiġifieri pensjonanti, orfni, eċċ.) huma kklassifikati bħala benefiċċji tal-impjegati ta' wara l-impjieg.

L-UE tipprovdi wkoll benefiċċji ta' wara l-impjieg lil membri u lil ex membri tal-istituzzjonijiet tal-UE permezz ta' skemi ta' pensjonijiet separati. Dawn jintwerew taħt l-intestatura "Skemi ta' benefiċċji tal-irtirar oħrajn". Permezz ta' dawn l-iskemi l-UE tipprovdi benefiċċji tal-pensjoni lil membri tal-Kummissjoni, tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-Qorti tal-Awdituri, tal-Kunsill, tal-Parlament Ewropew, tal-Ombudsman Ewropew u tal-Kontrollur għall-Protezzjoni tad-Data. L-UE tipprovdi kopertura tas-saħħa lill-membri tal-istituzzjonijiet tal-UE permezz tal-JSIS.

Il-benefiċċji ta' hawn fuq ta' wara l-impjieg jikkwalifikaw bħala obbligi tal-benefiċċji definiti tal-UE u huma kkalkolati f'kull data ta' rapportar billi jiġi stmat l-ammont tal-benefiċċju futur li l-impjegati jkunu ggwadanjaw fil-perjodi kurrenti u ta' qabel, filwaqt li dak l-ammont jiġi skontat u jitnaqqas il-valur ġust ta' kwalunkwe ass tal-pjan. Il-kalkolu tal-obbligu tal-benefiċċju definit jitwettaq ta' kull sena bl-użu tal-metodu ta' kreditu għal kull unità proġettata. Il-valur preżenti tal-obbligu tal-benefiċċju definit jiġi ddeterminat billi l-ħruġ tal-flus stmat fil-ġejjieni jiġi skontat bl-użu ta' rati tal-imgħax ta' bonds tal-gvern li huma denominati fil-munita li biha jitħallsu l-benefiċċji u li għandhom perjodi ta' maturità approssimattivi għat-termini tal-obbligazzjoni tal-pensjoni relatata.

Il-benefiċċji ta' wara l-impjieg ipprovduti lill-persunal tal-UE huma inkorporati fi pjan wieħed li jinkludi skema tal-pensjoni (PSEO) u reġim tal-assigurazzjoni tal-mard (JSIS), bid-dritt ta' kopertura skont l-iskema JSIS li jiddependi mill-kisba tad-dritt għal kopertura skont l-iskema PSEO. Skont it-termini ta' dan il-pjan uniku, kif stipulat fir-Regolament dwar il-Persunal, ċerti intitolamenti, bħad-dritt għal pensjoni differita u mnaqqsa skont l-iskema PSEO, jinkisbu wara 10 snin ta' servizz. Madankollu, l-intitolamenti miksuba skont il-pjan uniku mis-servizz sussegwenti tal-impjegat huma materjalment ogħla minn dawk l-intitolamenti inizjali kif riflessi mid-drittijiet sussegwenti tal-pensjoni li jsiru dovuti ta' kull sena.

Għaldaqstant, sabiex tintwera s-sustanza ekonomika tat-tranżazzjoni sottostanti rikjesta mill-karatteristika kwalitattiva tar-rappreżentazzjoni leali tar-rapportar finanzjarju kif deskritt kemm fl-EAR 1 kif ukoll fil-Qafas Kunċettwali tal-IPSAS, il-kost tas-servizz imġarrab fuq bażi ta' linja dritta tul il-perjodu ta' servizz attiv stmat tal-persunal, jiġifieri l-perjodu mid-data meta s-servizz mill-impjegat iwassal għall-ewwel darba għall-benefiċċji skont il-pjan (kemm jekk il-beneifċċji jkunu kondizzjonali għal servizz addizzjonali kif ukoll jekk le) sad-data meta s-servizz addizzjonali mill-impjegat ma jwassal għal ebda ammont materjali ta' benefiċċji addizzjonali skont il-pjan, minbarra żidiet ulterjuri fis-salarju. Dan l-approċċ huwa applikat b'mod konssitenti għall-benefiċċji pprovduti skont il-pjan uniku.

Il-kejl mill-ġdid tal-obbligazzjonijiet definiti netti tal-benefiċċji jinkludi l-qligħ u t-telf attwarji u r-redditu fuq l-assi tal-pjan, u huwa rikonoxxut minnufih fl-assi netti.

([31]) Il-PSEO hija fond (virtwali) nozzjonali b'benefiċċji definiti, li fih il-kontribuzzjonijiet tal-persunal iservu biex jiffinanzjaw il-pensjonijiet futuri tagħhom. Għalkemm ma hemm l-ebda fond ta' investiment proprju, l-ammont li kieku kien jinġabar minn fond bħal dan jitqies li ġie investit fil-bonds fit-tul tal-Istati Membri u huwa rifless fl-obbligazzjoni tal-pensjoni li hija rreġistrata fil-kontijiet annwali tal-Unjoni Ewropea. L-Istati Membri jiggarantixxu b'mod konġunt il-ħlas tal-benefiċċji skont l-Artikolu 83 tar-Regolamenti tal-Persunal u l-Artikolu 4(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (ara COM(2018)829 għal deskrizzjoni dettaljata tal-iskema).

L-UE tagħraf l-ispiża netta tal-imgħax (introjtu) u spejjeż oħra relatati mal-pjanijiet tal-benefiċċju definiti fir-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja fi ħdan il-intestatura "kostijiet tal-persunal u tal-pensjoni".

Meta l-benefiċċji pprovduti jinbidlu jew jitnaqqsu, it-tibdil li jirriżulta fil-benefiċċji li jkun relatat mas-servizz fl-imgħoddi jew il-qligħ jew it-telf fuq it-trażżin jiġi rikonoxxut minnufih fir-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja. Il-qligħ u t-telf mas-saldu jiġu rikonoxxuti meta jseħħ is-saldu. Il-kost tas-servizz tal-passat jiġi rikonoxxut minnufih fir-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja, sakemm il-bidliet fil-pjan tal-pensjonijiet ma jkunux kondizzjonali fuq il-fatt li l-impjegati jibqgħu fis-servizz għal perjodu ta' żmien speċifikat.

1.5.11. *Provvedimenti*

Il-provvedimenti jiġu rikonoxxuti meta l-UE jkollha obbligu legali jew kostruttiv preżenti lejn il-partijiet terzi bħala riżultat ta' avvenimenti passati, meta jkun aktar probabbli milli le li jkun hemm ħtieġa ta' fluss ta' ħruġ ta' riżorsi sabiex jiġi saldat l-obbligu u meta l-ammont ikun jista' jiġi stmat b'mod affidabbli. Il-provvedimenti ma jiġux rikonoxxuti għal telf operatorju fil-futur. L-ammont tal-provvediment huwa l-aħjar stima tal-ispejjeż li mistennija jkunu meħtieġa sabiex jiġi saldat l-obbligu preżenti fid-data tar-rapportar. Meta l-provvediment jinvolvi għadd kbir ta' partiti, l-obbligu jiġi stmat permezz tal-ponderazzjoni tal-eżiti kollha possibbli bil-probabbiltajiet assoċjati tagħhom (il-metodu tal-"valur mistenni").

Il-provvedimenti għal kuntratti oneruži jitkejlu bil-valur preżenti tal-inqas wieħed minn fost il-kost mistenni tat-terminazzjoni tal-kuntratt u l-kost nett mistenni tal-kontinwazzjoni bil-kuntratt.

1.5.12. *Obbligazzjonijiet finanzjarji*

L-obbligazzjonijiet finanzjarji huma kklassifikati bħala obbligazzjonijiet finanzjarji bil-valur ġust permezz ta' bilanċ pożittiv jew defiċit, bħala obbligazzjonijiet finanzjarji riportati bil-kost amortizzat jew bħala obbligazzjonijiet ta' kuntratti ta' garanziji finanzjarji.

Teħid ta' self

Is-self meħud jikkonsisti f'self meħud minn istituzzjonijiet ta' kreditu u fi djun ipprovati minn ċertifikati (Bonds tal-UE, depożit tal-UE u Kambjali tal-UE). Huma jiġu rikonoxxuti inizjalment abbażi tal-valur ġust, bħala r-rikavat mill-ħruġ tagħhom (il-valur ġust tal-korrispettiv riċevut) wara li jitnaqqsu l-kostijiet tat-tranżazzjoni mġarrbin, imbagħad sussegwentement jiġu riportati bil-kost amortizzat bl-użu tal-metodu tal-imgħax effettiv; kwalunkwe differenza bejn ir-rikavat, wara li jitnaqqsu l-kostijiet tat-tranżazzjoni, u l-prezz tal-fidwa tiġi rikonoxxuta fir-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja matul il-perjodu tat-teħid ta' self bl-użu tal-metodu tal-imgħax effettiv. Il-kostijiet tat-tranżazzjoni mġarrbin mill-UE u mbagħad iddebitati mill-ġdid lill-benefiċjarju tas-self huma immaterjali u jiġu direttament irrikonoxxuti fir-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja.

Is-self meħud jiġi kklassifikat bħala obbligazzjonijiet mhux kurrenti, għajr għall-maturitajiet ta' anqas minn 12-il xahar wara d-data tal-karta bilanċjali.

Obbligazzjonijiet finanzjarji abbażi tal-valur ġust permezz ta' surplus jew defiċit

Dawn jinkludu derivattivi li għalihom il-valur ġust ikun negattiv. Huma jingħataw l-istess trattament kontabilistiku bħall-assi finanzjarji abbażi tal-valur ġust permezz ta' surplus jew defiċit, ara n-Nota **1.5.5**.

Din il-kategorija tinkludi garanziji mogħtija mill-UE lill-istituzzjonijiet finanzjarji fuq l-investimenti fl-ekwità. Dawn il-garanziji huma klassifikati bħala strumenti finanzjarji derivattivi u huma kkontabilizzati bħal assi finanzjarju jew obbligazzjoni finanzjarja abbażi tal-valur ġust permezz ta' surplus jew defiċit, minħabba li ma jissodisfawx id-definizzjoni ta' obbligazzjoni ta' garanzija finanzjarja. L-assi jew l-obbligazzjoni finanzjarja tal-UE titkejjel fuq il-bażi tal-valur tal-investimenti sottostanti.

Obbligazzjonijiet ta' kuntratti ta' garanziji finanzjarji

L-UE tirrikonoxxi obbligazzjoni ta' kuntratti ta' garanziji finanzjarji (FGC) meta tidħol f'kuntratt li jeħtieġ li l-UE tagħmel pagamenti speċifici sabiex tirrimborża lid-detentur tal-garanzija għal telf li jkun ġarrab minħabba li debitur speċifiku jonqos milli jagħmel pagament meta jkun dovut f'konformità mat-termini oriġinali jew modifikati ta' strument ta' dejn. Meta l-kuntratt ta' garanzija jirrikjedi li l-UE tagħmel pagamenti b'reazzjoni għal bidliet fil-prezzijiet tal-istrumenti finanzjarji jew għal bidliet f'titoli sottostanti oħrajn, il-kuntratt ta' garanzija jkun derivattiv, jiġifieri obbligazzjoni finanzjarja abbażi tal-valur ġust permezz ta' surplus jew defiċit. Il-kuntratti ta' garanziji l-oħrajn kollha jitqiesu bħala dispożizzjonijiet finanzjarji.

L-obbligazzjonijiet ta' FGC inizjalment jiġu rikonoxxuti skont il-valur ġust. Dan huwa ugwali għall-valur preżenti nett tal-primjum riċevibbli, jekk ikun f'termini tas-suq. Meta ma jintalab l-ebda primjum ta' garanzija jew meta l-korrispettiv ma jkunx valur ġust, il-valur ġust jiġi ddeterminat fuq il-bażi tal-prezzijiet ikkwotati f'suq attiv għal FGCs direttament ekwivalenti għal dak li jkun iddaħħal fl-obbligazzjoni ta' garanzija finanzjarja, jekk disponibbli, jew bl-użu ta' teknika ta' valwazzjoni. Jekk l-ebda kejl affidabbli tal-valur ġust ma jkun jista' jiġi ddeterminat permezz ta' osservazzjoni diretta ta' suq attiv jew inkella permezz ta' teknika ta' valwazzjoni oħra, l-obbligazzjoni ta' kuntratt ta' garanzija finanzjarja inizjalment titkejjel bl-ammont tat-telf ta' kreditu mistenni tul il-ħajja.

Il-kejl sussegwenti jiddependi mill-evoluzzjoni tal-iskopertura għar-riskju ta' kreditu mill-garanzija finanzjarja, li tiġi mmonitorjata billi l-FGC jiġi allokat għall-istadji. L-indikatur tar-riskju ewlieni għall-allokazzjoni tal-FGC għall-istadji huwa l-klassifikazzjoni tal-kreditu tad-dejn garantit. Il-mudell tat-tqassim fi stadji jqabbel il-klassifikazzjoni tal-kreditu fl-oriġinazzjoni mal-klassifikazzjoni tal-kreditu fid-data tar-rapportar.

Jekk ma jkun hemm l-ebda żieda sinifikanti fir-riskju ta' kreditu ("stadju 1"), l-obbligazzjonijiet ta' garanziji finanzjarji jitkejlu fl-ogħla mit-telf ta' kreditu mistenni ta' 12-il xahar u l-ammont inizjalment rikonoxxut nieqes, meta xieraq, l-amortizzament kumulattiv. Jekk ma jkun hemm l-ebda żieda sinifikanti fir-riskju ta' kreditu ("stadju 2"), l-obbligazzjonijiet ta' garanziji finanzjarji jitkejlu fl-ogħla mit-telf ta' kreditu mistenni tul il-ħajja u l-ammont inizjalment rikonoxxut nieqes, meta xieraq, l-amortizzament kumulattiv.

Il-kriterji tat-tqassim fi stadji għad-dejn garantit f'kuntratti ta' garanzija finanzjarja li jkopru strument ta' dejn uniku huma l-istess bħal dawk għall-assi finanzjarji b'kost amortizzat (ara n-Nota **1.5.5**).

Il-kriterji tat-tqassim fi stadji għad-dejn garantit fil-garanziji tal-portafoll isegwu l-istess kriterji tat-tqassim fi stadji bħal dawk għall-assi finanzjarji b'kost amortizzat bl-eċċezzjonijiet li ġejjin:

— il-klassifikazzjoni medja ponderata tal-kreditu tal-portafoll garantit, jew il-klassifikazzjoni tal-garanzija, titqies għall-kriterji tat-tqassim fi stadji, u mhux għall-klassifikazzjoni tal-istrumenti individwali ta' dejn separatament.

— għal garanziji bi klassifikazzjoni ta' kreditu bejn AAA (Aa1) u BB- (Ba3) fid-data tar-rikonoxximent inizjali: id-deterjorament jitqies sinifikanti jekk id-differenza bejn il-klassifikazzjoni fl-oriġinazzjoni u dik fid-data tar-rapportar tkun ugwali għal 2 livelli jew aktar.

— għall-garanziji bi klassifikazzjoni tal-kreditu ta' B+ (B1) jew anqas fid-data tar-rikonoxximent inizjali: id-deterjorament jitqies sinifikanti jekk id-differenza bejn il-klassifikazzjoni fl-oriġinazzjoni u dik fid-data tar-rapportar tkun ugwali għal livell 1 jew ogħla.

Inkella, jekk il-klassifikazzjonijiet tal-kreditu ma jkunux disponibbli iżda jkun hemm stima tal-pretensjonijiet annwali mistennijin mar-rikonoxximent inizjali, il-livell attwali tal-pretensjonijiet meta mqabbel mal-istima inizjali jitqies ukoll bħala indikatur tar-riskju raġonevoli għall-valutazzjoni taż-żieda sinifikanti fir-riskju tal-kreditu (SICR).

Minbarra l-kriterji ta' hawn fuq, l-UE tista' tapplika valutazzjoni kwalitattiva tal-SICR, ibbażata fuq informazzjoni addizzjonali, raġonevoli u ġustifikata disponibbli.

L-FGC oriġina qabel it-trasferiment għall-EAR 11 riveduta (jiġifieri qabel l-1 ta' Jannar 2021), li għalihom ma hija disponibbli l-ebda informazzjoni dwar ir-riskju ta' kreditu fir-rikonoxximent inizjali mingħajr kost u sforz żejda, jiġu kklassifikati fl-Istadju Nru 2.

Il-klassifikazzjoni għall-Istadju Nru 3 u għall-POCI ma tapplikax għall-FGC.

Il-kuntratti ta' garanziji finanzjarji jiġu kklassifikati bħala obbligazzjonijiet kurrenti ħlief jekk l-UE jkollha dritt mhux kondizzjonat li tiddifferixxi s-saldu tal-obbligazzjoni għal tal-anqas 12-il xahar wara d-data tar-rapportar.

Kontribuzzjonijiet b'kondizzjonijiet

Il-fondi fiduċjarji tal-UE li jitqiesu bħala parti mill-attivitajiet operazzjonali tal-Kummissjoni (jiġifieri fondi fiduċjarji Madad u Colombia), jiġu kkontabilizzati fil-kontijiet tal-Kummissjoni u kkonsolidati ulterjorment fil-kontijiet annwali tal-UE. Il-kontribuzzjonijiet minn donaturi oħra għal dawn il-fondi fiduċjarji jissodisfaw il-kriterji tad-dħul minn tranżazzjonijiet mhux ta' skambju skont kondizzjonijiet. Dawn jiġu ppreżentati bħala obbligazzjonijiet finanzjarji diment li jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet marbuta mal-kontribuzzjonijiet ittrasferiti, jiġifieri l-kostijiet eliġibbli jiġġarrbu mill-fond fiduċjarju. Il-fond fiduċjarju huwa meħtieġ biex jiffinanzja proġetti speċifiċi u jagħti lura l-bqija tal-fondi fil-mument tal-istralċ. Fid-data tal-karta bilanċjali, l-obbligazzjonijiet pendenti tal-kontribuzzjoni jitkejlu f'kontribuzzjonijiet riċevuti neqsin l-ispejjeż imġarrbin mill-fond fiduċjarju, inkluż l-ammonti stmati, meta jkun neċessarju. Għall-finijiet ta' rapportar, l-ispejjeż netti jiġu allokati għall-kontribuzzjonijiet ta' donaturi oħrajn fi proporzjon għall-kontribuzzjonijiet netti mħallsin fil-31 ta' Diċembru. Din l-allokazzjoni ta' kontribuzzjonijiet hija biss indikattiva. Meta l-fond fiduċjarju jiġi stralċat, id-distribuzzjoni attwali tar-riżorsi li jifdal tiġi deċiża mill-bord tal-fond fiduċjarju.

L-istess prinċipji ta' kejl japplikaw għall-kontribuzzjonijiet esterni għall-programmi tal-UE, jekk tali kontribuzzjonijiet jiġu riċevuti bil-kondizzjoni biex jintużaw ir-riżorsi kif stipulat fil-ftehimiet ta' kontribuzzjoni jew inkella biex dawn jiġu rritornati lill-kontributur.

1.5.13. *Ammonti pagabbli*

Ammont sinifikanti mill-ammonti pagabbli tal-UE huma pretensjonijiet ta' kostijiet mhux imħallsin mill-benefiċjarji ta' għotjiet jew finanzjament ieħor mill-UE (tranżazzjonijiet mhux ta' skambju). Huma jiġu rreġistrati bħala ammonti pagabbli għall-ammont mitlub meta tiġi riċevuta l-pretensjoni tal-kost. Wara verifika u aċċettazzjoni tal-kostijiet eliġibbli, l-ammonti pagabbli jiġu vvalutati fl-ammont eliġibbli.

L-ammonti pagabbli li jirriżultaw mix-xiri ta' oġġetti u servizzi jiġu rikonoxxuti hekk kif tasal il-fattura għall-ammont oriġinali u l-ispejjeż eleġibbli korrispondenti jiddaħħlu fil-kontijiet meta l-provvisti jew is-servizzi jiġu kkonsenjati u aċċettati mill-UE.

1.5.14. *Dħul u imposti dovuti u differiti*

It-tranżazzjonijiet u l-avvenimenti jiġu rikonoxxuti fir-rapporti finanzjarji fil-perjodu li miegħu huma relatati. Fl-aħħar tas-sena, jekk fattura tkun għadha ma nħarġitx iżda s-servizz ikun ingħata, il-provvisti jkunu ġew ikkonsenjati mill-UE, jew ikun jeżisti ftehim kuntrattwali (pereżempju, b'referenza għal trattat), dħul dovut jiġi rikonoxxut fir-rapporti finanzjarji. Barra minn hekk, fl-aħħar tas-sena, jekk tinħareġ fattura iżda s-servizzi jkunu għadhom ma ġewx ipprovduti jew l-oġġetti fornuti jkunu għadhom ma ġewx ikkonsenjati, id-dħul jiġi differit u rikonoxxut fil-perjodu kontabilistiku sussegwenti.

L-ispejjeż jingħaddu wkoll fil-perjodu li jkunu relatati miegħu. Fl-aħħar tal-perjodu kontabilistiku, l-ispejjeż dovuti jiġu rikonoxxuti fuq il-bażi ta' ammont stmat tal-obbligu tat-trasferiment għall-perjodu. L-ispejjeż dovuti jiġu kkalkolati f'konformità mal-linji gwida operazzjonali u prattiċi dettaljati maħruġin mill-Kummissjoni, li għandhom l-għan li jiżguraw li r-rapporti finanzjarji jipprovdu rappreżentazzjoni fidila tal-fenomeni ekonomiċi u oħrajn li huma jippretendu li jirrappreżentaw. Permezz ta' analoġija, jekk ikun sar pagament bil-quddiem għal servizzi jew oġġetti li jkunu għadhom ma ġewx riċevuti, l-ispiża tiġi differita u rikonoxxuta fil-perjodu kontabilistiku sussegwenti.

1.6. **RAPPORT TAL-PRESTAZZJONI FINANZJARJA**

1.6.1. *Dħul*

DĦUL MINN TRANŻAZZJONIJIET MHUX TA' SKAMBJU

Il-maġġoranza l-kbira tad-dħul tal-UE huwa relatat ma' tranżazzjonijiet mhux ta' skambju kif ġej:

Riżorsi bbażati fuq l-ING, ir-riżorsi proprji tal-VAT u tal-Plastiks

Id-dħul jiġi rrikonoxxut għall-perjodu li fih il-Kummissjoni tibgħat sejħa għal fondi lill-Istati Membri, li fiha hija titlob il-kontribuzzjoni tagħhom. Id-dħul jitkejjel bl-"ammont eżerċitat" tiegħu. Billi r-Riżorsi Proprji tal-VAT, tal-ING u tal-plastiks huma bbażati fuq estimi tad-*data* għas-sena finanzjarja kkonċernata, huma jistgħu jiġu riveduti peress li jseħħu bidliet sakemm tinħareġ id-*data* finali mill-Istati Membri. L-effett ta' bidla fl-estima jiġi inkluż meta jiġi ddeterminat il-bilanċ pożittiv jew id-defiċit nett għal dak il-perjodu li fih tkun seħħet il-bidla.

Riżorsi proprji tradizzjonali

Ir-rekuperabbli minn tranżazzjonijiet mhux ta' skambju u d-dħul relatat jiġu rikonoxxuti meta d-dikjarazzjonijiet rilevanti tat-tip "A" ta' kull xahar (li jinkludu d-dazji miġbura u l-ammonti dovuti li huma garantiti u mhux ikkontestati) jiġu riċevuti mill-Istati Membri. Fid-data ta' rapportar, id-dħul miġbur mill-Istati Membri għall-perjodu iżda li jkun għadu ma tħallasx lill-Kummissjoni Ewropea jiġi stmat u rikonoxxut bħala dħul dovut. Id-dikjarazzjonijiet tat-tip "B" ta' kull trimestru (li jinkludu dazji li la huma miġbura u lanqas garantiti, kif ukoll ammonti garantiti li ġew ikkontestati mid-debitur) riċevuti mill-Istati Membri jiġu rikonoxxuti bħala dħul nieqes il-kostijiet tal-ġbir li għalihom huma intitolati. Barra minn hekk, tnaqqis fil-valur jiġi rikonoxxut għall-ammont tad-differenza stmata fl-irkupru.

Multi

Id-dħul minn multi jiġi rrikonoxxut meta tiġi adottata d-deċiżjoni tal-UE li timponi multa u meta din tkun ġiet innotifikata b'mod uffiċjali lid-destinatarju. Wara d-deċiżjoni li tiġi imposta l-multa, l-entitajiet immultati għandhom xahrejn mid-data tan-notifika sabiex:

— jaċċettaw id-deċiżjoni, f'liema każ jeħtiġilhom iħallsu l-multa fil-limitu ta' żmien stipulat u l-ammont jingħabar b'mod definittiv mill-UE; jew

— ma jaċċettawx id-deċiżjoni, f'liema każ jikkontestawha f'konformità mad-dritt tal-Unjoni.

Anki jekk tiġi appellata, il-multa trid titħallas fi ħdan il-limitu ta' żmien ta' 3 xhur, minħabba li l-appell ma għandux effett ta' sospensjoni (l-Artikolu 278 tat-TFUE). Il-flus riċevuti jintużaw biex jiġi kklirjat l-ammont rekuperabbli. Madankollu, soġġett għall-qbil tal-Uffiċjal tal-Kontabilità tal-Kummissjoni, l-impriża tista' minflok tippreżenta garanzija bankarja għall-ammont. F'dak il-każ, il-multa tibqa' bħala rekuperabbli. Jekk ma jiġux riċevuti flus kontanti jew garanzija u jkun hemm dubji dwar is-solvenza tal-impriża, jiġi rikonoxxut tnaqqis fil-valur fuq l-intitolament.

Fil-każ li l-impriża tappella kontra d-deċiżjoni, u tkun diġà ħallset il-multa b'mod provviżorju, l-ammont jiġi divulgat bħala obbligazzjoni kontinġenti, jew, jekk jidher probabbli li l-Qorti Ġenerali ma tkunx tista' tiddeċiedi favur l-UE, jiġi rikonoxxut provvediment sabiex ikopri dan ir-riskju. Jekk minflok tkun ingħatat garanzija, l-ammont rekuperabbli pendenti ssirlu valwazzjoni negattiva.

L-imgħax akkumulat riċevut mill-Kummissjoni fuq il-kontijiet bankarji fejn jiġu ddepożitati l-pagamenti riċevuti jiġi rikonoxxut bħala dħul, u kwalunkwe obbligazzjoni kontinġenti tiżdied kif xieraq.

Mill-2010, il-multi kollha msarrfin b'mod provviżorju bdew jiġu amministrati mill-Kummissjoni f'fond maħluq speċifikament (BUFI) u investiti fi strumenti finanzjarji.

Trattament kontabilistiku tas-surplus baġitarju tas-sena preċedenti

L-Artikolu 18(1) tar-Regolament Finanzjarju jipprevedi li s-surplus baġitarju ta' sena finanzjarja partikolari għandu jiddaħħal fil-baġit għas-sena finanzjarja ta' wara bħala dħul. Fir-rapport tal-Prestazzjoni Finanzjarja, dan id-dħul huwa rikonoxxut fi "Dħul ieħor minn tranżazzjonijiet mhux ta' skambju" (ara n-Nota **3.8**), b'entrata korrispondenti fl-"Ammonti li għandhom jintalbu mill-Istati Membri", komponent tal-Assi Netti (ara n-Nota **2.15**).

DĦUL MINN TRANŻAZZJONIJIET TA' SKAMBJU

Id-dħul mill-bejgħ ta' oġġetti u servizzi jiġi rikonoxxut meta r-riskju u l-benefiċċji sinifikanti tas-sjieda tal-oġġetti jiġu ttrasferiti lill-akkwirent. Id-dħul assoċjat ma' tranżazzjoni li tinvolvi l-forniment ta' servizzi jiġi rikonoxxut b'referenza għall-istadju ta' meta titlesta t-tranżazzjoni fid-data tar-rapportar.

Dħul u spejjeż tal-imgħax

Id-dħul u l-ispejjeż tal-imgħax jiġu rikonoxxuti fir-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja billi jintuża l-metodu tal-imgħax effettiv. Dan huwa metodu li jintuża sabiex jiġi kkalkolat il-kost amortizzat ta' assi finanzjarju jew ta' obbligazzjoni finanzjarja u sabiex jiġi allokat id-dħul mill-imgħax jew l-ispiża tal-imgħax matul il-perjodu rilevanti. Meta tikkalkula r-rata effettiva tal-imgħax, l-UE tistma l-flussi tal-flus wara li tikkunsidra t-termini kuntrattwali kollha tal-istrument finanzjarju (pereżempju, għażliet ta' prepagament), iżda ma tqisx it-telf ta' kreditu fil-futur. Il-kalkolu jinkludi l-imposti u l-punti kollha tar-rata tal-imgħax imħallsin jew riċevuti bejn il-partijiet fil-kuntratt li huma parti integrali mir-rata effettiva tal-imgħax, mill-kostijiet tat-tranżazzjoni u mill-premiums jew mill-iskontijiet l-oħrajn kollha.

Ladarba assi finanzjarju jew grupp ta' assi finanzjarji simili jitqie li għandu indeboliment tal-kreditu ("stadju 3"), id-dħul mill-imgħax jiġi rrikonoxxut billi tintuża r-rata tal-imgħax sabiex jiġu skontati l-flussi ta' flus futuri għall-fini tal-kejl tat-telf minn indeboliment.

Dħul minn dividendi

Id-dħul minn dividendi u distribuzzjonijiet simili huwa rikonoxxut meta jiġi stabbilit id-dritt li jiġi riċevut pagament.

Dħul u spiża mill-assi finanzjarji permezz ta' surplus jew defiċit

Dan jirreferi għall-qligħ (dħul) fil-valur ġust u għat-telf (spiża) fil-valur ġust minn dawn l-assi finanzjarji, inklużi dawk li jirriżultaw mill-qlib tal-kambju. Għall-assi finanzjarji li jġarrbu l-imgħax, dan jinkludi wkoll l-imgħax. Ara wkoll in-Nota **3.9.**

Dħul minn kuntratti ta' garanziji finanzjarji

Id-dħul minn kuntratti ta' garanziji finanzjarji (primjum ta' garanzija) jiġi rrikonoxxut maż-żmien li fih l-UE tkun lesta li tikkumpensa lid-detentur tal-kuntratt ta' garanzija finanzjarja għat-telf ta' kreditu li jista' jġarrab. L-iskeda ta' amortizzament applikata tqis il-mogħdija taż-żmien u l-volum tal-iskopertura garantita. Id-dħul minn kuntratti ta' garanziji finanzjarji jinkludi wkoll l-amortizzament tal-obbligazzjoni tal-kuntratti ta' garanziji finanzjarji f'każijiet li fihom il-garanzija ma ġiet ipprovduta bl-ebda korrispettiv jew b'korrispettiv nominali.

1.6.2. *Spejjeż*

L-ispejjeż minn tranżazzjonijiet mhux ta' skambju jirrappreżentaw il-maġġoranza tal-ispejjeż tal-UE. Huma jirrigwardjaw it-trasferimenti lill-benefiċjarji u jistgħu jkunu ta' 3 tipi: (i) intitolamenti, (ii) trasferimenti bi ftehim u għotjiet diskrezzjonali, kif ukoll (iii) kontribuzzjonijiet u donazzjonijiet.

It-trasferimenti jiġu rrikonoxxuti bħala spejjeż fil-perjodu li matulu jkunu seħħew l-avvenimenti li jkunu wasslu għat-trasferiment, dment li n-natura tat-trasferiment tkun permessa mir-regolament rilevanti (ir-Regolament Finanzjarju, ir-Regolamenti tal-Persunal, jew regolament ieħor) jew ikun ġie ffirmat ftehim li jawtorizza t-trasferiment, kwalunkwe kriterju tal-eliġibbiltà jkun ġie ssodisfat mill-benefiċjarju, u tkun tista' ssir stima raġonevoli tal-ammont.

Meta tasal talba għall-ħlas jew pretensjoni għall-kostijiet u din tissodisfa l-kriterji ta' rikonoxximent, hija tiġi rikonoxxuta bħala spiża għall-ammont eliġibbli. Fl-aħħar tas-sena, l-ispejjeż eliġibbli mġarrba dovuti lill-benefiċjarji, iżda li jkunu għadhom ma ġewx irrapportati, jiġu stmati u rreġistrati bħala spejjeż dovuti.

L-ispejjeż minn tranżazzjonijiet ta' skambju li jirriżultaw mix-xiri ta' oġġetti u servizzi jiġu rikonoxxuti meta l-provvisti jiġu kkonsenjati u aċċettati mill-UE. Dawn jiġu stmati fl-ammont oriġinali tagħhom fuq il-fattura. Barra minn hekk, fid-data tal-karta bilanċjali, l-ispejjeż relatati mas-servizz mogħti matul il-perjodu li għalih ma tkunx għadha waslet jew ġiet aċċettata fattura, jiġu stmati u rikonoxxuti fir-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja.

1.7. **ASSI U OBBLIGAZZJONIJIET KONTINĠENTI**

1.7.1. *Assi kontinġenti*

Assi kontinġenti huwa assi possibbli li jinħoloq minn avvenimenti passati u li l-eżistenza tiegħu tiġi kkonfermata biss mill-okkorrenza jew min-nuqqas ta' okkorrenza ta' avveniment inċert wieħed jew aktar fil-futur mhux fil-kontroll sħiħ tal-UE. Assi kontinġenti jiġi divulgat meta jkun hemm probabbiltà ta' influss ta' benefiċċji ekonomiċi jew potenzjal ta' servizz.

1.7.2. *Obbligazzjonijiet kontingenti*

Obbligazzjoni kontinġenti hija obbligu possibbli li jirriżulta minn avvenimenti tal-passat u li l-eżistenza tiegħu tiġi kkonfermata biss meta jseħħ jew meta ma jseħħx avveniment inċert wieħed jew aktar fil-futur mhux totalment fil-kontroll tal-UE, jew obbligu preżenti li jirriżulta minn avvenimenti tal-passat iżda li ma huwiex rikonoxxut minħabba li ma jkunx probabbli li jkun meħtieġ ħruġ ta' riżorsi li jinkorporaw benefiċċji ekonomiċi jew potenzjal ta' servizz għas-saldu tal-obbligu, jew fiċ-ċirkostanza rari li fiha l-ammont tal-obbligu ma jkunx jista' jitkejjel b'affidabbiltà suffiċjenti. Obbligazzjoni kontinġenti tiġi divulgata, sakemm il-possibbiltà ta' ħruġ ta' riżorsi li jinkorporaw benefiċċji ekonomiċi jew potenzjal ta' servizz ma tkunx remota.

1.8. **RAPPORT TAL-FLUSSI TAL-FLUS**

L-informazzjoni dwar il-fluss tal-flus tintuża sabiex tipprovdi bażi għall-valutazzjoni ta' kemm l-UE hija kapaċi tiġġenera l-flus u l-ekwivalenti fi flus, kif ukoll il-ħtiġijiet tagħha sabiex tuża dawk il-flussi tal-flus.

Ir-rapport tal-fluss tal-flus jitħejja billi jintuża l-metodu indirett. Dan ifisser li r-riżultat ekonomiku għas-sena finanzjarja jiġi aġġustat għall-effetti ta' tranżazzjonijiet ta' natura mhux ta' flus, kwalunkwe differiment jew dovuti ta' riċevuti ta' flus jew pagamenti operatorji, kemm passati kif ukoll futuri, u partiti ta' dħul jew infiq assoċjati mal-flussi tal-flus tal-investimenti.

Il-flussi ta' flus li jirriżultaw minn tranżazzjonijiet f'munita barranija jiġu rreġistrati fil-munita tar-rapportar tal-UE (euro), billi tiġi applikata, għall-ammont ta' flus fil-munita barranija, ir-rata tal-kambju bejn l-euro u l-munita barranija fid-data tal-fluss ta' flus.

Id-dikjarazzjoni tal-flussi tal-flus tirrapporta l-flussi tal-flus matul il-perjodu, ikklassifikati taħt attivitajiet operatorji, ta' investiment u ta' finanzjament.

Attivitajiet operatorji huma l-attivitajiet tal-UE għajr l-attivitajiet ta' finanzjament jew ta' investiment. Bħala tali, dawn jirrappreżentaw il-maġġoranza tal-attivitajiet imwettqin mill-UE.

L-attivitajiet ta' investiment huma l-akkwiżizzjoni u d-disponiment ta' assi intanġibbli u ta' proprjetà, ta' impjanti u ta' tagħmir u ta' investimenti oħrajn li ma humiex inklużi fl-ekwivalenti ta' flus. L-attivitajiet ta' investiment ma jinkludux self mogħti lill-benefiċjarji peress li huma parti mill-objettivi ġenerali u għalhekk l-operazzjonijiet ta' kuljum tal-UE. L-objettiv huwa li jintwerew l-investimenti reali li jsiru mill-UE.

L-attivitajiet ta' finanzjament huma attivitajiet li jirriżultaw f'bidliet fid-daqs u fil-kompożizzjoni tat-teħid b'self għajr dawk mogħtija lill-benefiċjarji fuq bażi back-to-back jew għall-akkwist ta' proprjetà, impjanti u tagħmir (li huma inklużi taħt attivitajiet operatorji).

2. **NOTI GĦALL-KARTA BILANĊJALI**

ASSI

2.1. **ASSI INTANĠIBBLI**

(f'miljuni ta' EUR)

Ammont gross riportat fil-31.12.2024	*2 257*
Żidiet	*267*
Disponimenti	*(70)*
Trasferiment bejn kategoriji ta' assi	*0*
Bidliet oħrajn	*–*
Ammont gross riportat fil-31.12.2025	**2 455**
Amortizzament akkumulat fil-31.12.2024	*(1 162)*
Imposta tal-amortizzament għas-sena	*(213)*
Amortizzament imħassar	*1*
Disponimenti	*54*
Trasferiment bejn kategoriji ta' assi	*0*
Bidliet oħrajn	*(1)*
Amortizzament akkumulat fil-31.12.2025	**(1 320)**
Ammont nett riportat fil-31.12.2025	**1 135**
Ammont nett riportat fil-31.12.2024	*1 095*

L-ammont riportat nett fi tmiem is-sena 2025 ta' EUR 1 135 miljun jinkludi prinċipalment software ġġenerat internament diġà operazzjonali (EUR 405 miljun), software ġġenerat internament li qed jinbena (EUR 354 miljun) kif ukoll software akkwistat (EUR 375 miljun).

2.2. **PROPRJETÀ, IMPJANTI U TAGĦMIR**

Il-kategorija tal-assi spazjali tkopri l-assi fissi operazzjonali relatati mal-programmi spazjali tal-UE: is-Sistemi Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita (GNSS), jiġifieri Galileo u Sistema Ewropea ta' Navigazzjoni b'Kopertura Ġeostazzjonarja (EGNOS), il-Komunikazzjoni Governattiva bis-Satellita (GOVSATCOM), il-programm għal konnettività sigura u l-programm Ewropew ta' osservazzjoni tad-Dinja msejjaħ Copernicus. L-assi tas-sistemi spazjali li għadhom ma humiex operazzjonali huma inklużi taħt l-intestatura "Assi taħt kostruzzjoni". L-assi relatati mal-programmi spazjali tal-UE qegħdin jinbnew bl-assistenza tal-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA, European Space Agency).

Għal Galileo, il-kostellazzjoni bħalissa tinkludi 30 satellita. L-assi fissi operazzjonali ta' Galileo, li jkopru kemm satelliti kif ukoll installazzjonijiet fuq l-art, ammontaw għal EUR 2 630 miljun fil-31 ta' Diċembru 2025, netti mid-deprezzament akkumulat (2024: EUR 2 987 miljun). L-assi taħt kostruzzjoni li jifdal jammontaw għal total ta' EUR 2 592 miljun (2024: EUR 2 145 miljun).

Fir-rigward ta' Copernicus, hemm 10 satelliti operattivi bi 22-il satellita u strument li qegħdin jinbnew. Il-valur totali tal-assi fissi operazzjonali ta' Copernicus huwa ta' EUR 845 miljun (2024: EUR 492 miljun), netti mid-deprezzament akkumulat. EUR 3 645 miljun oħrajn relatati mas-satelliti ta' Copernicus huma rikonoxxuti bħala assi li qegħdin jinbnew (2024: EUR 3 520 miljun).

L-assi fissi relatati mal-infrastruttura fuq l-art tal-EGNOS ta' EUR 182 miljun (2024: EUR 160 miljun) huma inklużi wkoll taħt l-intestatura "Assi spazjali". Barra minn hekk, l-assi taħt kostruzzjoni tal-EGNOS jammontaw għal EUR 346 miljun (2024: EUR 345 miljun).

Il-programm tal-Unjoni Ewropea dwar il-Komunikazzjonijiet Governattivi bis-Satellita (GOVSATCOM) għandu l-għan li jipprovdi kapaċitajiet ta' komunikazzjoni bis-satellita siguri, reżiljenti u kosteffiċjenti għall-missjonijiet kritiċi tas-sigurtà u s-sikurezza u għall-operazzjonijiet governattivi ġestiti mill-UE u mill-Istati Membri tagħha, inklużi l-atturi nazzjonali tas-sigurtà u l-Aġenziji u l-istituzzjonijiet tal-UE. L-assi taħt kostruzzjoni ta' GOVSATCOM jammontaw għal EUR 9 miljun (2024: EUR 0).

Il-programm għal konnettività sigura għandu żewġ għanijiet prinċipali:

— li jiżgura l-aċċess madwar id-dinja għal servizzi ta' komunikazzjoni governattivia bis-satellita siguri għall-protezzjoni ta' infrastrutturi kritiċi, is-sorveljanza, l-azzjonijiet esterni u l-ġestjoni tal-kriżijiet;

— li jippermetti lis-settur privat jipprovdi servizzi kummerċjali, bħat-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' broadband b'veloċità għolja u konnettività bla xkiel madwar l-Unjoni Ewropea.

L-assi tal-konnettività siguri taħt kostruzzjoni jammontaw għal EUR 454 miljun (2024: EUR 0).

Proprjetà, impjanti u tagħmir

(f'miljuni ta' EUR)

	Art u Bini	Assi spazjali	Impjanti u Tagħmir	Għamara u Vetturi	Hardware tal-Kompjuter	Oħrajn	Lokazzjonijiet finanzjarji	Assi taħt kostruzzjoni	Total
Ammont gross riportat fil-31.12.2024	*6 528*	*9 056*	*483*	*255*	*714*	*308*	*2 075*	*6 528*	*25 945*
Żidiet	*44*	*1*	*23*	*13*	*76*	*14*	*5*	*2 029*	*2 205*
Disponimenti	*(9)*	*(113)*	*(24)*	*(37)*	*(87)*	*(35)*	*(2)*	*(0)*	*(306)*
Trasferiment bejn kategoriji ta' assi	*73*	*811*	*0*	*(0)*	*0*	*2*	–	*(886)*	*(0)*
Bidliet oħrajn	*(3)*	–	*0*	*0*	*1*	*0*	–	–	*(2)*
Ammont gross riportat fil-31.12.2025	**6 630**	**9 755**	**482**	**231**	**705**	**292**	**2 079**	**7 671**	**27 843**
Deprezzament akkumulat fil-31.12.2024	*(4 106)*	*(5 417)*	*(423)*	*(177)*	*(575)*	*(225)*	*(1 309)*		*(12 232)*
Imposta fuq id-deprezzament għas-sena	*(145)*	*(777)*	*(24)*	*(17)*	*(75)*	*(18)*	*(75)*		*(1 131)*
Deprezzament imħassar	*0*	–	*0*	*(0)*	*8*	*1*	–		*8*
Disponimenti	*8*	*96*	*23*	*36*	*76*	*30*	*2*		*270*
Trasferiment bejn kategoriji ta' assi	*(0)*	–	*(0)*	*(0)*	*0*	*0*	–		*0*
Bidliet oħrajn	*2*	–	*(0)*	*0*	*(0)*	*(0)*	–		*1*
Deprezzament akkumulat fil-31.12.2025	**(4 240)**	**(6 098)**	**(425)**	**(161)**	**(566)**	**(214)**	**(1 382)**		**(13 086)**
AMMONT NETT RIPORTAT FIL-31.12.2025	**2 390**	**3 657**	**57**	**70**	**138**	**77**	**696**	**7 671**	**14 756**
AMMONT NETT RIPORTAT FIL-31.12.2024	*2 420*	*3 639*	*60*	*76*	*139*	*84*	*766*	*6 528*	*13 713*

2.3. INVESTIMENTI KONTABILIZZATI BL-UŻU TAL-METODU TAL-EKWITÀ

Il-parteċipazzjoni tal-UE, irrappreżentata mill-Kummissjoni, fil-Fond Ewropew tal-Investiment (FEI) hija ttrattata bħala l-kumpanija assoċjata bl-użu tal-metodu tal-ekwità tal-kontabbiltà. Il-FEI huwa l-istituzzjoni finanzjarja tal-UE li tispeċjalizza fil-forniment ta' kapital ta' riskju u garanziji lil Entitajiet Żgħar u ta' Daqs Medju (SMEs). Il-FEI jopera bħala sħubija pubblika-privata, li l-membri tagħha huma l-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI), l-UE u grupp ta' istituzzjonijiet finanzjarji.

Fil-31 ta' Diċembru 2025, l-UE żammet 29,7 % tal-interessi proprjetarji fil-FEI (2024: 29,7 %) u 29,7 % tad-drittijiet tal-vot (2024: 29,7 %). F'konformità mal-istatuti tiegħu, il-FEI huwa meħtieġ li jalloka mill-inqas 20 % tar-riżultat nett annwali tiegħu għal riżerva statutorja, sakemm ir-riżerva aggregata tkun tammonta għal 10 % tal-kapital sottoskritt. Din ir-riżerva ma hijiex disponibbli għad-distribuzzjoni.

It-tabella ta' hawn taħt turi l-moviment tas-sena kurrenti tal-parteċipazzjoni tal-UE fil-FEI.

(f'miljuni ta' EUR)

	Fond Ewropew tal-Investiment
Parteċipazzjoni fil-31.12.2024	**1 446**
Kontribuzzjonijiet	–
Dividendi riċevuti	*(8)*
Sehem mir-riżultat nett	*69*
Sehem fl-assi netti	*16*
Parteċipazzjoni fil-31.12.2025	**1 524**

Informazzjoni finanzjarja fil-qosor tal-FEI:

(f'miljuni ta' EUR)

	31.12.2025	31.12.2024
	FEI totali	FEI totali
Assi	*9 023*	*7 789*
Obbligazzjonijiet	*(3 896)*	*(2 923)*
Surplus/(defiċit)	*233*	*280*

Ir-rikonċiljazzjoni tal-informazzjoni finanzjarja miġbura fil-qosor hawn fuq mal-ammont riportat tal-imgħax miżmum fil-FEI hija kif ġej:

(f'miljuni ta' EUR)

	31.12.2025	31.12.2024
Assi netti tal-kumpanija assoċjata	*5 127*	*4 866*
Interessi proprjetarji tal-KE fil-FEI	**29,7 %**	**29,7 %**
Ammont riportat	*1 524*	*1 446*

L-UE, irrappreżentata mill-Kummissjoni, ħallset 20 % tal-ishma sottoskritti tagħha fil-kapital tal-FEI fil-31 ta' Diċembru 2025, bl-ammont mhux eżerċitat ikun kif ġej:

(f'miljuni ta' EUR)

	Kapital totali tal-FEI	Sottoskrizzjoni tal-UE
Kapital azzjonarju totali	*7 370*	*2 190*
Imħallas	*(1 474)*	*(438)*
Mhux eżerċitat	**5 896**	**1 752**

2.4. **ASSI FINANZJARJI**

(f'miljuni ta' EUR)

	Nota	31.12.2025	31.12.2024
Mhux kurrenti			
Assi finanzjarji fuq il-bażi tal-kost amortizzat	*2.4.1*	*314 887*	*269 903*
Assi finanzjarji abbażi tal-valur ġust permezz ta' surplus jew defiċit	*2.4.2*	*47 919*	*39 058*
		362 806	**308 961**
Kurrenti			
Assi finanzjarji fuq il-bażi tal-kost amortizzat	*2.4.1*	*18 545*	*13 677*
Assi finanzjarji abbażi tal-valur ġust permezz ta' surplus jew defiċit	*2.4.2*	*4 746*	*5 700*
		23 291	**19 377**
Total		**386 097**	**328 338**

2.4.1. *Assi finanzjarji fuq il-bażi tal-kost amortizzat*

(f'miljuni ta' EUR)

	Nota	31.12.2025	31.12.2024
Self lill-Istati Membri u lil pajjiżi terzi	*2.4.1.1*	*332 821*	*283 114*
Self ieħor	*2.4.1.2*	*611*	*466*
Total		**333 432**	**283 580**
Mhux kurrenti		*314 887*	*269 903*
Kurrenti		*18 545*	*13 677*

2.4.1.1. Self lill-Istati Membri u lil pajjiżi terzi

(f'miljuni ta' EUR)

	31.12.2025	31.12.2024
Self lill-Istati Membri	*286 301*	*251 457*
Self lil pajjiżi terzi	*46 520*	*31 656*
Total fil-31.12.2025	**332 821**	**283 114**
Mhux kurrenti	*314 764*	*269 782*
Kurrenti	*18 056*	*13 332*

Self lill-Istati Membri

(f'miljuni ta' EUR)

	RRF	SURE	EFSM	BOP	Total
Total fil-31.12.2024	*110 120*	*98 839*	*42 297*	*201*	*251 457*
Self ġdid (nominali)	*47 218*	–	–	–	*47 218*
Ripagamenti	–	*(8 000)*	*(4 900)*	*(200)*	*(13 100)*

(f'miljuni ta' EUR)

	RRF	SURE	EFSM	BOP	Total
Bidliet fl-ammont riportat	*876*	*(135)*	*(15)*	*(1)*	*726*
Total fil-31.12.2025	**158 215**	**90 705**	**37 382**	–	**286 301**
Mhux kurrenti	*155 904*	*82 594*	*30 818*	–	*269 316*
Kurrenti	*2 310*	*8 111*	*6 564*	–	*16 985*

Il-valur nominali tas-self lill-Istati Membri fil-31 ta' Diċembru 2025 huwa ta' EUR 283,4 biljun (2024: EUR 249,2 biljun), li EUR 155,9 biljun minnhom jirreferu għas-self tal-NGEU għall-RRF u għar-REPowerEU.

F'din it-tabella, u fit-tabella għas-self lil pajjiżi terzi aktar 'l isfel, il-linja "Bidliet fl-ammont riportat" tikkorrispondi għall-bidla fl-imgħax dovut u għall-bidla fil-primjums/skontijiet (primjums/skontijiet ġodda u amortizzament).

Il-programmi SURE, EFSM u BOP ġew implimentati fuq bażi "back-to-back". Dan ifisser li s-self ġie ffinanzjat minn teħid b'self ekwivalenti, bl-istess termini u kondizzjonijiet. Il-maturitajiet huma l-istess, il-primjums tal-ħruġ/tal-iskontijiet u l-kostijiet jiġu ddebitati mill-ġdid lill-benefiċjarju tas-self. Meta s-self jimmatura, il-benefiċjarju tas-self jirrimborża lill-Kummissjoni u l-Kummissjoni tħallas lura s-self. Għas-self tal-RRF iffinanzjat mill-NGEU, ma hemm l-ebda relazzjoni back-to-back bejn it-termini tas-self u t-teħid b'self. Dan is-self huwa ffinanzjat mill-approċċ ta' finanzjament unifikat, spjegat fin-Nota **2.11.1.1**.

RRF

L-RRF hija strument temporanju, stabbilit fl-2021, biex tgħin lill-ekonomiji tal-Istati Membri jirkupraw mill-pandemija tal-coronavirus u jsiru reżiljenti għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. Skont l-Istrument tal-UE għall-Irkupru (NGEU, Next Generation EU), il-Kummissjoni tieħu b'self fondi li l-RRF tuża sabiex tiffinanzja r-riformi u l-investimenti tal-Istati Membri. Dawn iridu jkunu allinjati mal-prijoritajiet tal-UE u jridu jindirizzaw l-isfidi identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi skont il-qafas tas-Semestru Ewropew ta' koordinazzjoni tal-politika ekonomika u soċjali. Il-finanzjament jista' jkun jew self (appoġġ ripagabbli) jew għotja (appoġġ mhux ripagabbli, ara n-Nota **2.5**). L-Istati Membri jistgħu jirċievu finanzjament sa allokazzjoni miftiehma qabel għal self u għal għotjiet. Sabiex jibbenefikaw mill-appoġġ, l-Istati Membri jridu jissottomettu l-pjanijiet nazzjonali tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza lill-Kummissjoni Ewropea. Kull pjan jistabbilixxi r-riformi u l-investimenti li għandhom jiġu implimentati sa tmiem l-2026 li jiddefinixxu l-objettivi intermedji u l-miri ċari li għandhom jiġu analizzati mill-Kummissjoni Ewropea u approvati mill-Kunsill Ewropew. Is-self tal-RRF jista' jiġi żborżat sal-31 ta' Diċembru 2026 biss wara li jintlaħqu l-objettivi intermedji u l-miri miftehmin.

Fl-2023, ir-Regolament dwar l-RRF ġie emendat u ppermetta lill-Istati Membri jżidu kapitolu dwar ir-REPowerEu fil-pjanijiet nazzjonali tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza. L-Istati Membri jistgħu jiffinanzjaw investimenti u riformi sabiex jiksbu l-objettivi tar-REPowerEU. Il-finanzjament jista' jsir ukoll permezz ta' self, bl-użu ta' riżorsi għas-self tal-RRF li għadhom ma ntalbux mill-Istati Membri. Għalhekk, l-intestatura RRF fit-tabella ta' hawn fuq tinkludi wkoll is-self tar-REPowerEU.

Fil-31 ta' Diċembru 2025, il-ftehimiet ta' self iffirmati kienu ta' EUR 277,2 biljun (meta mqabbla ma' EUR 290,9 biljun fi tmiem l-2024, l-ammont naqas minħabba tnaqqis ta' xi ftehimiet ta' self). Ġew żborżati EUR 155,9 biljun ta' self u dan għadu pendenti fi tmiem l-2025.

Appoġġ biex jittaffew ir-Riskji ta' Qgħad f'Emerġenza (SURE)

SURE ta assistenza finanzjarja bl-għan li jżomm lin-nies fix-xogħol u jappoġġa l-impjiegi affettwati mill-pandemija tal-coronavirus. Id-disponibbiltà tal-istrument intemmet fil-31 ta' Diċembru 2022. Is-self żborżat fil-31 ta' Diċembru 2024 kien ta' EUR 98,4 biljun (valur nominali) u ma kien hemm l-ebda żborż pendenti. Fl-2025, l-Istati Membri ħallsu lura EUR 8 biljun ta' self ta' SURE.

Il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbilizzazzjoni Finanzjarja (EFSM)

L-EFSM ippermetta l-għoti ta' assistenza finanzjarja lil Stat Membru f'diffikultajiet finanzjarji. Il-programm skada ħlief għal tranżazzjonijiet speċifiċi bħall-estensjoni tal-maturità tas-self. Fl-2025, l-Irlanda ħallset lura EUR 2,4 biljun ta' self tal-EFSM dovut. Il-Portugall talab li jħallas lura kmieni żewġ somom ta' self għal ammont totali ta' EUR 2,5 biljun. Il-ħlas lura tas-self ġie eżegwit bil-prezz tas-suq tal-bonds sottostanti. Din l-operazzjoni rriżultat fi qligħ jew telf tal-irtirar tar-rikonoxximent fuq self (ara n-Noti **3.9** u **3.15**). Il-bonds sottostanti tal-UE ġew ittrasferiti lir-riżerva ta' finanzjament unifikat (ara n-Nota **2.11.1.1**).

Bilanċ tal-Pagamenti (BOP)

Dan huwa strument finanzjarju bbażat fuq il-politika li jipprovdi assistenza finanzjarja għal perjodu ta' żmien medju lill-Istati Membri li ma adottawx l-euro. Fl-2025, l-aħħar self tal-BOP pendenti tħallas lura kompletament mil-Latvja.

Self lil pajjiżi terzi

(f'miljuni ta' EUR)

	AMF	Il-Faċilità għall-Ukrajna	Euratom	Il-Faċilità għall-Balkani tal-Punent	Il-Faċilità għall-Moldova	Total
Total fil-31.12.2024	*23 831*	*7 623*	*203*	*–*	*–*	*31 656*
Self ġdid (nominali)	*18 366*	*10 052*	*–*	*184*	*289*	*28 891*
Ripagamenti	*(20)*	*–*	*–*	*–*	*–*	*(20)*
Bidliet fl-ammont riportat	*247*	*104*	*(0)*	*3*	*4*	*358*
Bidliet fl-indeboliment	*(9 164)*	*(5 206)*	*4*	*(0)*	*(0)*	*(14 366)*
Total fil-31.12.2025	**33 260**	**12 573**	**207**	**187**	**293**	**46 520**
Mhux kurrenti	*32 505*	*12 264*	*206*	*184*	*289*	*45 448*
Kurrenti	*754*	*310*	*0*	*3*	*4*	*1 072*

Il-valur nominali tas-self lil pajjiżi terzi fil-31 ta' Diċembru 2025 kien ta' EUR 76,0 biljun (2024: EUR 47,2 biljun).

F'din it-tabella, il-linja "Bidliet fl-indeboliment" tikkorrispondi għall-kejl mill-ġdid tat-telf ta' kreditu mistenni sal-31 ta' Diċembru 2025. Il-linja "Bidliet fl-ammont riportat" tikkorrispondi għall-bidla fl-imgħaxijiet dovuti u għall-bidla fil-primjums/fl-iskontijiet (primjums/skontijiet ġodda u amortizzament).

Il-programm Euratom jopera fuq bażi "back to back".

Sa tmiem l-2022, is-self tal-AMF ġie ffinanzjat bl-użu tal-approċċ back-to-back, filwaqt li bl-implimentazzjoni tal-programm tal-AMF+ fl-2023, is-self ġdid taħt l-AMF huwa prinċipalment implimentat bl-użu tal-approċċ ta' finanzjament unifikat spjegat fin-Nota **2.11.1.1**. Kwalunkwe programm ġdid bħall-faċilitajiet tal-Ukrajna, tal-Balkani tal-Punent u tal-Moldova huwa ffinanzjat ukoll bl-approċċ ta' finanzjament unifikat.

Assistenza Makrofinanzjarja

L-AMF tirrefeir għal self għal assistenza finanzjarja lil pajjiżi sħab li jkunu qegħdin jesperjenzaw kriżi fil-bilanċ tal-pagamenti.

L-iskopertura nominali totali tas-self tal-AMF pendenti fi tmiem is-sena ammontat għal EUR 52,1 biljun (2024: EUR 33,7 miljun), li minnhom EUR 47,1 biljun kien għall-Ukrajna (2024: EUR 29,0 biljun).

Fil-31 ta' Diċembru 2025, il-provvediment għal indeboliment għas-self tal-AMF kienet ta' EUR 19,4 biljun (2024: EUR 10,2 biljun), li minnhom EUR 19,3 biljun għal self lill-Ukrajna (2024: EUR 10,1 biljun). Filwaqt li l-ammonti kollha dovuti fl-2025 mill-Ukrajna tħallsu fil-ħin u fil-mument tat-tħejjija tal-kontijiet annwali ma hemm l-ebda pagament dovut, f'konformità mar-regoli kontabilistiċi, l-indeboliment jirrifletti t-telf ta' kreditu mistenni tul il-ħajja stmat bi prudenza partikolari minħabba inċertezzi sinifikanti involuti.

F'Ottubru 2024, ġie adottat ir-Regolament (UE) 2024/2773 li jistabbilixxi l-Mekkaniżmu ta' Kooperazzjoni ta' Self għall-Ukrajna (ULCM, Ukraine Loan Cooperation Mechanism) u li jawtorizza AMF ġdida għall-Ukrajna. Skont l-ULCM, id-dħul straordinarju li joriġina minn assi sovrani Russi immobilizzati jintuża sabiex jingħata appoġġ mhux ripagabbli lill-Ukrajna bl-objettiv li l-pajjiż jiġi megħjun iħallas lura s-self bilaterali pprovdut mis-sħab tal-G7 u mill-UE skont din l-inizjattiva. L-UE ffirmat il-ftehim ta' self tal-AMF mal-Ukrajna f'Diċembru 2024 għal ammont ta' EUR 18,1 biljun. Is-self ġie żborżat kompletament fl-2025. Peress li s-self tal-AMF taħt l-ULCM ġie impenjat b'mod irrevokabbli fi tmiem l-2024, ġiet rikonoxxuta dispożizzjoni għat-telf ta' kreditu mistenni ta' EUR 7,1 biljun (ara wkoll in-nota **2.10**). Fl-2025, din id-dispożizzjoni nqalbet u minflok ġie rikonoxxut provvediment ta' EUR 8,7 biljun, li naqqas il-valur tas-self.

Fl-2025, l-UE tat EUR 740 miljun (2024: EUR 763 miljun) ta' sussidji tar-rata tal-imgħax lill-Ukrajna għall-imgħax dovut fuq is-self eċċezzjonali tal-AMF u tal-AMF+. Dan jikkostitwixxi modifika fit-termini tas-self (ara wkoll in-Noti **3.15** u **6.6**), u huwa inkluż taħt "Bidliet fl-ammont riportat" fit-tabella ta' hawn fuq.

Fil-31 ta' Diċembru 2025, kien hemm EUR 4,3 biljun f'ammonti mhux prelevati impenjati kondizzjonalment skont ftehimiet ta' self tal-AMF iffirmati (2024: EUR 95 miljun).

Self tal-Faċilità għall-Ukrajna

Ir-Regolament dwar il-Faċilità għall-Ukrajna ([32]) huwa strument adottat fl-2024 li joffri sa EUR 50 biljun f'appoġġ finanzjarju lill-Ukrajna, inkluż sa EUR 33 biljun f'self sovran, li għandu jiġi żborżat sa tmiem l-2027. EUR 23,2 biljun f'self ġie żborżat lill-Ukrajna sa tmiem l-2025 (2024: EUR 13,1 biljun).

Il-provvediment għal indeboliment rikonoxxut fuq dak is-self jammonta għal EUR 10,9 biljun fil-31 ta' Diċembru 2025 (2024: EUR 5,7 biljun). Hemm EUR 9,8 biljun f'ammonti mhux prelevati minn ftehimiet ta' self iffirmati fi tmiem is-sena (2024: EUR 19,9 biljun) impenjati kondizzjonalment hekk kif jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet tal-politika.

Self tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Euratom)

Il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Euratom) tislef flus kemm lill-Istati Membri kif ukoll lil dawk li ma humiex Stati Membri, u lil entitajiet tat-tnejn, biex tiffinanzja proġetti relatati ma' installazzjonijiet tal-enerġija. Sal-31 ta' Diċembru 2025, ma hemm l-ebda ammont pendenti relatat mal-Istati Membri. L-ammont pendenti totali huwa relatat ma' self lill-Energoatom, garantit mill-Istat tal-Ukrajna. Għal dan is-self ġie rikonoxxut provvediment ta' indeboliment ta' EUR 94 miljun (2024: EUR 98 miljun). Ma hemm l-ebda ammont mhux prelevat minn ftehimiet ta' self iffirmati.

Il-Faċilità għar-Riforma u t-Tkabbir għall-Balkani tal-Punent

Ir-Regolament (UE) 2024/1449 dwar l-istabbiliment tal-Faċilità għar-Riforma u t-Tkabbir għall-Balkani tal-Punent (minn hawn il-quddiem imsejħa l-"Faċilità għall-Balkani tal-Punent") ġie adottat f'Mejju 2024, bl-ewwel self iseħħ fl-2025. Il-Faċilità hija mistennija li tipprovdi sa EUR 4 biljun f'self fl-2025–2027, b'pagamenti kkondizzjonati fuq il-pajjiżi sħab tal-UE fil-Balkani tal-Punent li jimplimentaw riformi soċjoekonomiċi u fundamentali speċifiċi.

Sal-31 ta' Diċembru 2025, ġew iffirmati EUR 2,6 biljun f'self mal-Maċedonja ta' Fuq, mal-Albanija, mas-Serbja u mal-Montenegro, li minnhom ġew żborżati EUR 184 miljun. Fi tmiem is-sena, EUR 2,4 biljun għadhom impenjati kondizzjonalment, soġġett għat-twettiq tal-kondizzjonijiet tal-politika.

([32]) Ir-Regolament (UE) 2024/792 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Frar 2024 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Ukrajna (ĠU L, 29.2.2024), minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "ir-Regolament dwar il-Faċilità għall-Ukrajna".

Il-Faċilità għar-Riforma u t-Tkabbir għar-Repubblika tal-Moldova

Ir-Regolament (UE) 2025/535 li jistabbilixxi l-Faċilità għar-Riforma u t-Tkabbir għar-Repubblika tal-Moldova minn hawn il-quddiem imsejħa l-"Faċilità għall-Moldova"), ġie adottat f'Marzu 2025. Il-faċilità se tappoġġa lill-Moldova matul il-perjodu mill-2025 sal-2027 u hija mistennija li tipprovdi sa EUR 1,5 biljun f'self.

Il-ftehim ta' self għal EUR 1,5 biljun ġie ffirmat fl-2025. EUR 289 miljun ġew żborżati sal-31 ta' Diċembru 2025, filwaqt li EUR 1,2 biljun għadhom ma ġewx prelevati fi tmiem is-sena.

Garanzija tal-baġit tal-UE għal self lill-Istati Membri u lil pajjiżi terzi

Il-baġit tal-UE jiggarantixxi s-self maħruġ mill-UE li jiffinanzja s-self lill-Istati Membri u lil pajjiżi terzi. Jekk fil-futur ikun hemm ammonti ta' self mhux imħallsin, il-baġit tal-UE jista' jkollu jħallas lura l-ammonti tas-self relatati.

Għal aktar dettalji, ara n-Nota **6.7**.

Obbligi tar-Renju Unit li jirriżultaw mit-tluq tiegħu mill-UE

F'konformità mal-Artikolu 143 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, ir-Renju Unit huwa responsabbli quddiem l-Unjoni għas-sehem tiegħu ta' obbligazzjonijiet finanzjarji kontinġenti relatati mas-self għal assistenza finanzjarja (EFSM, MFA, BOP u Euratom) approvat/dejjem fid-data tal-ħruġ, il-31 ta' Jannar 2020. L-Artikolu 143 jirrikjedi li f'każ ta' inadempjenza taħt self għal assistenza finanzjarja li tkun ġiet approvata qabel id-data tal-ħruġ, ir-Renju Unit ikun responsabbli quddiem l-Unjoni għas-sehem tiegħu ta' pagamenti magħmula mill-Unjoni taħt l-operazzjoni inadempjata, sakemm dan ma jkunx jista' jiġi kopert mis-sehem tar-Renju Unit ta' proviżjonament miżmum fil-kompartiment tal-Fond ta' Garanzija għall-azzjonijiet esterni tas-CPF fejn dan ikun rilevanti (jiġifieri self tal-AMF u tal-Euratom f'pajjiżi terzi) — ara n-Nota **4.1.1**.

L-obbligazzjoni kontinġenti pendenti tal-UE relatata mas-self imsemmi hawn fuq għall-assistenza finanzjarja kienet tammonta għal EUR 53,9 biljun fid-data tal-ħruġ. Wara l-ħlasijiet lura minn dik id-data, il-valur ta' dan is-self kopert mill-garanzija tal-UE fil-31 ta' Diċembru 2025 huwa ta' EUR 42,2 biljun — is-sehem tar-Renju Unit ta' dan huwa ta' EUR 5,3 biljun.

2.4.1.2. Self ieħor

Dawn jinkludu 3 tipi ta' self:

(a) Self mogħti mill-programmi tal-baġit tal-UE (eż. inizjattivi għall-Finanzjament tal-Agrikoltura u l-Elettrifikazzjoni u l-programm tal-UE għall-Impjiegi u għall-Innovazzjoni Soċjali). Fil-31 ta' Diċembru 2025, dan is-self ammonta għal EUR 85 miljun (2024: EUR 75 miljun).

(b) Self surrogat: Dawn huma self żborżat mill-BEI u ggarantit mill-programmi tal-FEIS u tal-ELM (External Lending Mandate). Meta s-self sar inadempjenti, il-Kummissjoni ħallset it-talbiet għal ħlas ta' garanzija u għalhekk iżżomm id-drittijiet ta' rkupru. B'riżultat ta' dan, is-self issa huwa rikonoxxut fuq il-karta bilanċjali tal-UE. Fil-31 ta' Diċembru 2025, il-Kummissjoni għandha d-drittijiet ta' rkupru għal EUR 1,0 biljun ta' self bħal dan, inklużi l-imgħaxijiet dovuti (2024: EUR 1,0 biljun). Madankollu, wara li jitqies it-telf ta' kreditu mistenni, l-ammont rikonoxxut fil-karta bilanċjali huwa ta' EUR 45 miljun (2024: EUR 51 miljun).

(c) Depożiti b'terminu ta' EUR 481 miljun (2024: EUR 340 miljun) b'maturità ta' aktar minn 3 xhur li ma jissodisfawx id-definizzjoni ta' ekwivalenti ta' flus.

2.4.2. *Assi finanzjarji abbażi tal-valur ġust permezz ta' surplus jew defiċit (FVSD)*

(f'miljuni ta' EUR)

	Nota	31.12.2025	31.12.2024
Assi finanzjarji fl-FVSD mhux derivattivi	*2.4.2.1*	*51 080*	*43 648*
Assi finanzjarji fl-FVSD derivattivi	*2.4.2.2*	*1 585*	*1 110*
Total		**52 665**	**44 758**
Mhux kurrenti		*47 919*	*39 058*
Kurrenti		*4 746*	*5 700*

2.4.2.1. *Assi finanzjarji fl-FVSD mhux derivattivi*

Assi finanzjarji fl-FVSD mhux derivattivi skont it-tip

(f'miljuni ta' EUR)

		31.12.2025	31.12.2024
Titoli ta' dejn		*40 462*	*34 465*
MMFs, ETFs u investimenti f'portafolli kollettivi		*6 812*	*5 975*
Investimenti fl-ekwità oħrajn		*3 796*	*3 201*
Self		*9*	*8*
Total		**51 080**	**43 648**
Mhux kurrenti		*46 350*	*37 948*
Kurrenti		*4 730*	*5 700*

It-titoli ta' dejn huma prinċipalment bonds sovrani u korporattivi. Dawn jinżammu fil-fondi (portafolli) ġestiti mill-Kummissjoni (prinċipalment is-CPF u l-Fond għall-Multi Baġitarji (BUFI)) jew mill-BEI f'isem l-UE (prinċipalment Orizzont 2020 (H2020) u l-Fond għall-Innovazzjoni). Il-prestazzjoni tal-portafolli tiġi evalwata fuq bażi ta' valur ġust (valur tas-suq). Fil-31 ta' Diċembru 2025, il-valur tas-suq tat-titoli msellfa fi ħdan il-programmi għas-self tat-titoli jammonta għal EUR 6,0 biljun (EUR 5,8 biljun fl-2024). Dawk it-titoli msellfa ma humiex mhux rikonoxxuti mill-karta bilanċjali tal-UE minħabba li r-riskji u l-benefiċċji għadhom miżmumin mill-UE.

Il-fondi tas-suq monetarju (MMFs) huma fondi mutwi li jinvestu f'titoli ta' dejn għal żmien qasir (eż. il-fond unitarju tal-BEI). Il-fondi negozjati fil-borża (ETFs) huma fondi ta' investiment li huma nnegozjati fil-boroż. Huma jintraċċaw l-indiċijiet u jżommu assi bħal stokks, bonds, muniti u kuntratti tal-futuri. L-investimenti f'portafolli kollettivi huma fondi tal-UE tal-programmi Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) u Orizzont 2020 aggregati flimkien mal-fondi tal-Istati Membri mill-programm NER300. Jintużaw sabiex jipprovdu garanziji lill-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment tal-BEI.

L-"Investimenti fl-ekwità oħrajn" jirreferu l-aktar għall-investiment tal-flus tal-baġit tal-UE – permezz ta' sħab ta' implimentazzjoni – f'kapital ta' riskju jew f'tipi oħrajn ta' fondi ta' investiment sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-politika tal-UE: pereżempju, it-tisħiħ tal-aċċess għall-finanzjament għall-SMEs li għadhom jibdew, għar-riċerka u għall-innovazzjoni kif ukoll għall-infrastruttura kemm ġewwa kif ukoll barra l-UE.

Assi finanzjarji fl-FVSD mhux derivattivi skont il-programm

(f'miljuni ta' EUR)

	31.12.2025	31.12.2024
Fond ta' Proviżjonament Komuni	*27 018*	*23 174*
Fond għall-Innovazzjoni	*13 265*	*10 616*
Orizzont 2020 u Orizzont Ewropa	*4 286*	*3 968*
Investimenti BUFI	*2 662*	*2 141*
KEFA f'Likwidazzjoni	*1 187*	*1 206*
Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa	*683*	*716*
Il-Faċilitajiet tal-UE ta' Ekwità għall-SMEs	*433*	*453*
BERŻ	*309*	*188*
Il-Fond Ewropew għax-Xlokk tal-Ewropa	*250*	*243*
Il-pjan tal-pensjoni tal-persunal lokali tas-SEAE	*152*	*128*

(f'miljuni ta' EUR)

	31.12.2025	31.12.2024
Il-Fond Green for Growth	*152*	*128*
Il-Faċilità ta' Finanzjament għall-Effiċjenza Enerġetika	*104*	*103*
Oħrajn	*581*	*586*
Total	**51 080**	**43 648**
Mhux kurrenti	*46 350*	*37 948*
Kurrenti	*4 730*	*5 700*

Il-Fond ta' Proviżjonament Komuni (CPF)

L-UE tagħti garanziji lis-sħab finanzjarji għal telf fuq investimenti ta' ekwità u self (ara n-Nota **4.1** għall-garanziji baġitarji tal-UE). F'konformità mal-atti legali, il-baġit tal-UE gradwalment iwarrab il-flus sabiex iħallas lis-sħab kull telf kopert minn dawn il-garanziji. Il-baġit tal-UE jwarrab il-flus ukoll sabiex iħallas lura t-teħid b'self f'każ ta' inadempjenzi fis-self tal-AMF, tal-Euratom, tal-Faċilità għall-Balkani tal-Punent u tal-Faċilità għall-Moldova.

F'konformità mar-Regolament Finanzjarju, il-Kummissjoni stabbiliet is-CPF, f'portafoll komuni wieħed, biex timmaniġġja l-flus li tkun warrbet ("proviżjonament"). Il-flejjes jiġu investiti f'titoli ta' dejn, f'fondi ta' suq monetarju u f'ETFs. Minbarra l-proviżjonament tal-baġit tal-UE, is-CPF jirċievi rkupri minn operazzjonijiet inadempjenti, ir-redditi fuq l-investimenti tiegħu u r-remunerazzjoni tal-UE mis-sħab finanzjarji. Is-CPF jista' jirċievi wkoll kontribuzzjonijiet volontarji mill-Istati Membri u minn kontributuri oħrajn li –b'dan il-mod- iżidu l-garanziji baġitarji disponibbli tal-UE.

Is-CPF jalloka l-kontribuzzjonijiet li jidħlu f'kompartimenti skont il-programm kontribwenti. L-atti legali tal-programmi jistabbilixxu l-proviżjonament neċessarju għall-garanziji pprovduti. Il-baġit tal-UE jiġbor flimkien dawn il-fondi pprovduti individwalment fis-CPF sabiex jottimizza l-ġestjoni tal-assi.

Fil-31 ta' Diċembru 2025, l-assi finanzjarji mhux derivattivi tas-CPF fl-FVSD żdiedu hekk kif il-garanziji tal-InvestEU, tal-NDICI u tal-Ukrajna qed jibnu d-dispożizzjonijiet meħtieġa iżda wkoll minħabba qligħ tat-teżor ta' EUR 0,8 biljun. L-assi finanzjarji mhux derivattivi totali fl-assi tal-FVSD ammontaw għal EUR 27,0 biljun, li minnhom EUR 22,8 biljun ġew investiti f'titoli ta' dejn, u EUR 3,9 biljun f'ETFs.

Fond għall-Innovazzjoni (IF)

Il-Fond għall-Innovazzjoni jistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra fl-Unjoni. L-iskop huwa li d-dħul jintuża biex tiġi appoġġata l-innovazzjoni f'teknoloġiji u fi proċessi b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju f'ċerti setturi ekonomiċi. Il-Fond għall-Innovazzjoni jirċievi d-dħul mill-monetizzazzjoni progressiva ta' 530 miljun kwota kif ukoll minn kwalunkwe fond mhux minfuq mit-300 miljun kwota disponibbli għall-programm NER300 (ara n-Nota **3.8**). Il-BEI jamministra l-flejjes, sakemm jintużaw għall-iskop maħsub, u jinvestihom f'titoli ta' dejn. Iż-żieda fl-2025 hija prinċipalment dovuta għad-dħul riċevut mill-irkantar.

Orizzont 2020 u Orizzont Ewropa

Skont ir-Regolament tal-UE li jistabbilixxi l-Orizzont 2020 – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020), ġew stabbiliti strumenti finanzjarji ġodda sabiex jittejjeb l-aċċess għall-finanzjament għall-entitajiet involuti fir-riċerka u l-innovazzjoni (R&I). Dawn l-istrumenti huma:

— *Is-Servizz ta' Self u Garanzija InnovFin għar-R&I* li taħtu l-Kummissjoni tikkondividi r-riskju finanzjarju relatat ma' portafoll ta' operazzjonijiet ta' finanzjament ġodda li daħal għalihom il-BEI;

— *Il-Garanzija InnovFin għall-SMEs u l-Inizjattiva tal-SMEs Strument ta' Garanzija Mingħajr Limitu (SIUGI, SME Initiative Uncapped Guarantee Instrument)* – jiggarantixxu faċilitajiet ta' garanzija ġestiti mill-FEI, li jipprovdu garanziji u kontrogaranziji lill-intermedjarji finanzjarji għal portafolli ġodda tas-self (skont l-SIUGI, il-Kummissjoni tikkondividi r-riskju finanzjarju relatat mal-garanzija mogħtija mal-Istati Membri, mal-FEI u mal-BEI);

— *Il-Faċilità tal-Ekwità ta' InnovFin għar-R&I* tipprevedi investimenti f'fondi ta' kapital ta' riskju u li huma ġestiti mill-FEI; u

— *Il-Fond Ewropew tal-Kunsill tal-Innovazzjoni (EIC, European Innovation Council)* li jipprovdi finanzjament ta' ekwità biex jaċċellera l-azzjonijiet ta' innovazzjoni u ta' varar fis-suq. Il-Fond tal-EIC huwa ffinanzjat mill-programmi Orizzont Ewropa u H2020.

Investimenti BUFI

Il-Kummissjoni stabbiliet il-fond għall-Multi Baġitarji ("BUFI") għall-immaniġġjar tal-flus li tirċievi b'mod proviżorju għall-multi li jinħarġu lil kumpaniji taħt appell. Sad-deċiżjoni finali tal-qorti dwar multa mogħtija, il-Kummissjoni tinvesti l-flus fi strumenti ta' dejn.

KEFA f'Likwidazzjoni

It-Trattat tal-KEFA skada fit-23 ta' Lulju 2002 u l-assi kollha tal-KEFA ġew ittrasferiti lill-Unjoni Ewropea. Ġew allokati għar-riċerka fis-setturi assoċjati mal-industriji tal-faħam u tal-azzar, pereżempju teknoloġiji rivoluzzjonarji li jwasslu għal produzzjoni tal-azzar b'emissjonijiet tal-karbonju kważi żero. Il-Kummissjoni tinvesti l-flejjes f'titoli ta' dejn, sakemm jingħataw għal-skopijiet ta' riċerka.

Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa

Skont ir-Regolament (UE) Nru 1316/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([33]), l-istrument tad-dejn tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) ġie stabbilit bl-objettiv li jiffaċilita l-aċċess tal-proġetti ta' infrastruttura għal finanzjament fis-setturi tat-trasport, tat-telekomunikazzjoni u tal-enerġija. Huwa jiġi ġestit mill-BEI skont ftehim mal-UE. Joffri kondiviżjoni tar-riskji għall-finanzjament tad-dejn fil-forma ta' dejn jew garanzija superjuri u subordinati, kif ukoll appoġġ għall-bonds tal-proġetti ggarantiti mill-UE.

Il-Faċilitajiet tal-UE ta' Ekwità għall-SMEs

Dawn huma strumenti ta' ekwità ffinanzjati mill-programmi COSME, CIP u MIP u l-Inizjattiva għat-Tkabbir u l-Impjiegi, li l-FEI huwa l-fiduċjarju tagħhom, li jagħtu l-appoġġ għall-ħolqien u għall-finanzjament tal-SMEs tal-UE fl-istadji bikri (ta' ftuħ) u ta' tkabbir tagħhom billi jinvestu f'fondi ta' kapital ta' riskju speċjalizzati xierqa.

Il-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp

L-UE għandha investiment finanzjarju fil-kapital tal-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (BERŻ). Fl-2025, l-UE żiedet is-sottoskrizzjoni tagħha, u xtrat 12 102 ishma addizzjonali b'valur ugwali ta' EUR 10 000 għal kull sehem. Il-pagament totali ta' EUR 121 miljun għandu jsir f'pagamenti parzjali ndaqs fuq 5 snin, bl-ewwel pagament imħallas fl-2025. Fil-31 ta' Diċembru 2025, il-Kummissjoni għandha 102 146 sehem (2024: 90 044 sehem), li jirrappreżentaw 3,04 % tal-kapital azzjonarju sottoskritt totali. B'kollox, l-UE ssottoskriviet għal EUR 1 021 miljun tal-kapital azzjonarju tal-BERŻ, li minnhom bħalissa EUR 713-il miljun ma humiex eżerċitati.

Ġerarkija tal-valur ġust ta' assi finanzjarji mhux derivattivi fil-FVSD

(f'miljuni ta' EUR)

Tip ta' assi finanzjarju	31.12.2025	31.12.2024
Livell 1: Prezzijiet ikkwotati fis-swieq attivi	*44 447*	*37 559*
Livell 2: Inputs osservabbli għajr il-prezzijiet ikkwotati	*3 150*	*3 098*
Livell 3: It-tekniki ta' valwazzjoni b'inputs mhux ibbażati fuq data osservabbli tas-suq	*3 483*	*2 991*
Total	**51 080**	**43 648**

Matul il-perjodu, ma kienx hemm trasferimenti bejn il-livell 1 u l-livell 2 tal-ġerarkija tal-valur ġust.

([33]) Ir-Regolament (UE) Nru 1316/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 913/2010 u jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 680/2007 u (KE) Nru 67/2010 (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 129, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1316/oj).

Rikonċiljazzjoni tal-assi finanzjarji mhux derivattivi mkejlin bl-użu ta' tekniki ta' valwazzjoni b'inputs mhux ibbażati fuq data osservabbli tas-suq (il-livell 3)

(f'miljuni ta' EUR)

Ċaqliq fil-valur ġust	
Bilanċ tal-ftuħ fl-1.1.2025	**2 991**
Investimenti matul il-perjodu	*699*
Ripagamenti tal-kapital	*(97)*
Dħul saldat	*(19)*
Qligħ jew telf għall-perjodu f'surplus jew f'defiċit	*(90)*
Trasferimenti għal-livell 3	–
Trasferimenti mil-livell 3	–
Oħrajn	–
Bilanċ tal-għeluq fil-31.12.2025	**3 483**

2.4.2.2. *Assi u obbligazzjonijiet finanzjarji fl-FVSD derivattivi*

Assi u obbligazzjonijiet finanzjarji fl-FVSD derivattivi skont it-tip

(f'miljuni ta' EUR)

Tip ta' derivattiv	31.12.2025			31.12.2024		
	Ammont nozzjonali	Assi Abbażi tal-Valur Ġust	Obbligazzjoni Abbażi tal-Valur Ġust	Ammont nozzjonali	Assi Abbażi tal-Valur Ġust	Obbligazzjoni Abbażi tal-Valur Ġust
Garanzija fuq portafoll ta' ekwità	*6 951*	*1 568*	*(52)*	*6 057*	*1 110*	*(60)*
Derivattivi tal-kambju	*1 910*	*17*	*(9)*	*2 417*	–	*(38)*
Total	**8 861**	**1 585**	**(62)**	**8 474**	**1 110**	**(98)**
Mhux kurrenti		*1 569*	*(9)*		*1 110*	*(13)*
Kurrenti		*17*	*(53)*		–	*(84)*

Garanzija fuq portafoll ta' ekwità

L-intestatura "Garanzija fuq il-portafoll tal-ekwità" tinkludi garanziji mogħtija mill-UE lill-istituzzjonijiet finanzjarji fuq portafolli ta' investimenti fl-ekwità. Dawn il-garanziji huma kklassifikati bħala strumenti finanzjarji derivattivi u kontabbilizzati bħala assi finanzjarju jew obbligazzjoni finanzjarja fl-FVSD peress li ma jissodisfawx id-definizzjoni ta' obbligazzjoni ta' garanzija finanzjarja — ara n-Nota **1.5.12**. L-assi jew l-obbligazzjoni finanzjarja tal-UE titkejjel fuq il-bażi tal-valur tal-investimenti sottostanti.

L-ammont totali jirrappreżenta prinċipalment il-garanzija tal-FEIS mogħtija mill-UE lill-Grupp tal-BEI b'investimenti fl-ekwità sottostanti żborżati mill-BEI u mill-FEI li jammontaw għal EUR 3,6 biljun (2024: EUR 3,8 biljun). Il-valur ġust tal-garanzija tal-UE fuq il-portafolli tal-ekwità tal-FEIS kien jammonta għal total ta' EUR 1,4 biljun (2024: EUR 1,1 biljun).

Derivattivi tal-kambju

L-UE tidħol f'kuntratti forward f'munita barranija sabiex tiħħeġġja r-riskju tal-kambju relatat mat-titoli tad-dejn denominati f'USD miżmuma fis-CPF. Skont dawn il-kuntratti forward f'munita barranija, l-UE twassal l-ammont nozzjonali miftiehem b'mod kuntrattwali f'munita barranija ("komponent ta' pagament"), kif ippreżentat fit-tabella ta' hawn fuq, u se tirċievi l-ammont nozzjonali f'EUR ("komponent ta' riċevuta") fid-data tal-maturità.

Din l-intestatura tinkludi wkoll l-effett tal-attivitajiet ta' ħħeġġjar tar-riskju tal-munita barranija skont il-garanzija tal-InvestEU u l-każijiet li fihom l-UE tiggarantixxi riskju tal-munita barranija.

Ġerarkija tal-valur ġust tal-assi u tal-obbligazzjonijiet finanzjarji derivattivi

(f'miljuni ta' EUR)

Tip ta' derivattiv	31.12.2025		31.12.2024	
	Assi Abbażi tal-Valur Ġust	Obbligazzjoni Abbażi tal-Valur Ġust	Assi Abbażi tal-Valur Ġust	Obbligazzjoni Abbażi tal-Valur Ġust
Livell 1: Prezzijiet ikkwotati fis-swieq attivi	–	–	–	–
Livell 2: Inputs osservabbli għajr il-prezzijiet ikkwotati	*17*	*(7)*	–	*(27)*
Livell 3: It-tekniki ta' valwazzjoni b'inputs mhux ibbażati fuq data osservabbli tas-suq	*1 568*	*(55)*	*1 110*	*(71)*
Total	**1 585**	**(62)**	**1 110**	**(98)**

Matul il-perjodu, ma kienx hemm trasferimenti bejn il-livell 1 u l-livell 2. Id-derivattivi fil-livell 3 tal-valur ġust jinkludu prinċipalment garanziji fuq il-portafolli tal-ekwità.

Rikonċiljazzjoni tal-assi u tal-obbligazzjonijiet finanzjarji derivattivi mkejlin bl-użu ta' tekniki ta' valwazzjoni b'inputs mhux ibbażati fuq data osservabbli tas-suq (il-Livell 3)

(f'miljuni ta' EUR)

Ċaqliq fil-valur ġust	
Assi/(obbligazzjoni) tal-bilanċ tal-ftuħ fl-1.1.2025	**1 039**
Talbiet għal ħlas ta' garanzija mħallsin	*164*
Talbiet għal ħlas ta' garanzija ritornati	*(44)*
Dħul minn garanzija saldata	*(154)*
Qligħ jew telf għall-perjodu f'surplus jew f'defiċit	*507*
Trasferimenti għal-livell 3	–
Trasferimenti mil-livell 3	–
Oħrajn	*(0)*
Bilanċ tal-għeluq fil-31.12.2025	**1 513**

2.5. **PREFINANZJAMENT**

(f'miljuni ta' EUR)

	Nota	31.12.2025	31.12.2024
Mhux kurrenti			
Prefinanzjament	*2.5.1*	*36 000*	*39 093*
Avvanzi oħrajn lill-Istati Membri	*2.5.2*	*2 933*	*1 682*
Kontribuzzjoni fil-Fondi Fiduċjarji		*38*	*85*
		38 971	**40 861**

(f'miljuni ta' EUR)

	Nota	31.12.2025	31.12.2024
Kurrenti			
Prefinanzjament	*2.5.1*	*35 298*	*35 969*
Avvanzi oħrajn lill-Istati Membri	*2.5.2*	*2 477*	*2 089*
		37 775	**38 058**
Total		**76 746**	**78 919**

Il-livell ta' prefinanzjament fid-diversi programmi jrid ikun suffiċjenti biex jiġi żgurat il-finanzjament meħtieġ sabiex il-benefiċjarju jkun jista' jibda u javvanza l-proġett, filwaqt li jiġu mħarsa wkoll l-interessi finanzjarji tal-UE u jittieħdu f'kunsiderazzjoni r-restrizzjonijiet legali, operazzjonali u tal-kosteffettività.

2.5.1. *Prefinanzjament*

(f'miljuni ta' EUR)

	Ammont gross	Ikklirjati permezz ta' dovuti	Ammont nett fil-31.12.2025
Stati Membri			
Il-FAEŻR u strumenti oħrajn ta' żvilupp rurali	*3 605*	*(1 625)*	*1 980*
Il-FEŻR u l-FK	*29 858*	*(17 052)*	*12 805*
FSE	*9 997*	*(6 560)*	*3 438*
RRF (NGEU)	*13 626*	*(3 392)*	*10 234*
Oħrajn	*21 022*	*(10 041)*	*10 981*
L-EFTA u pajjiżi terzi	*3 772*	*(2 710)*	*1 062*
Entitajiet pubbliċi u privati	*82 761*	*(61 415)*	*21 346*
Riċevituri oħrajn	*17 397*	*(7 943)*	*9 454*
Total	**182 038**	**(110 740)**	**71 299**
Mhux kurrenti	*36 000*		*36 000*
Kurrenti	*146 038*	*(110 740)*	*35 298*

(f'miljuni ta' EUR)

	Ammont gross	Ikklirjati permezz ta' dovuti	Ammont nett fil-31.12.2024
Ġestjoni kondiviża			
Il-FAEŻR u strumenti oħrajn ta' żvilupp rurali	*3 885*	*(840)*	*3 045*
Il-FEŻR u l-FK	*25 859*	*(16 476)*	*9 384*
FSE	*9 437*	*(6 258)*	*3 180*
Oħrajn	*14 220*	*(4 836)*	*9 384*
	53 402	**(28 409)**	**24 992**

(f'miljuni ta' EUR)

	Ammont gross	Ikklirjati permezz ta' dovuti	Ammont nett fil-31.12.2024
Ġestjoni Diretta			
Implimentata minn:			
Il-Kummissjoni	*34 727*	*(14 289)*	*20 438*
li minnhom l-RRF (NGEU)	*18 930*	*(3 541)*	*15 389*
Aġenziji eżekuttivi tal-UE	*40 693*	*(25 586)*	*15 107*
Fondi fiduċjarji	*508*	*(429)*	*79*
	75 928	**(40 304)**	**35 624**
Ġestjoni Indiretta			
Implimentata minn:			
Aġenziji u korpi oħrajn tal-UE	*5 281*	*(2 814)*	*2 467*
Pajjiżi terzi	*1 843*	*(1 103)*	*739*
Organizzazzjonijiet internazzjonali	*13 171*	*(8 839)*	*4 333*
Entitajiet oħrajn	*19 295*	*(12 389)*	*6 906*
	39 590	**(25 144)**	**14 446**
Total	**168 920**	**(93 858)**	**75 062**
Mhux kurrenti	*39 093*	–	*39 093*
Kurrenti	*129 826*	*(93 858)*	*35 969*

Il-prefinanzjament jirrappreżenta l-flus imħallsin u, b'hekk, l-implimentazzjoni tal-approprjazzjonijiet ta' pagament. Kif spjegat fin-Nota **1.5.7**, dawn huma ħlasijiet bil-quddiem u għalhekk għadhom ma ġewx inklużi bħala spiża. Għalhekk, filwaqt li l-prefinanzjament inaqqas ir-RAL pendenti (ara n-Nota **5.1**), dan jirrappreżenta l-ispejjeż li għad iridu jiġu aċċettati u rikonoxxuti fir-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja.

Fir-rigward tal-prefinanzjament lill-Istati Membri fil-qasam tal-koeżjoni (FEŻR, FK, FSE) iż-żieda hija prinċipalment marbuta mal-pagamenti l-ġodda ta' prefinanzjament li saru fl-2025 u li ammontaw għal EUR 5,6 biljun.

Il-prefinanzjament lill-Istati Membri rrapportat f'linja "oħra" jikkonċerna prinċipalment il-fond għal Tranżizzjoni Ġusta (EUR 6,2 biljun) u l-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (EUR 1 biljun).

L-appoġġ mhux ripagabbli li jikkonċerna l-istrument RRF, li ġie rrapportat taħt Prefinanzjament tal-ġestjoni diretta fl-2024, kien ta' EUR 10,2 biljun nett fi tmiem is-sena (2024: EUR 15,4 biljun). It-tnaqqis huwa konformi mal-implimentazzjoni normali tal-programm, peress li fl-2025 ma ġie żborżat l-ebda prefinanzjament addizzjonali.

Fir-rigward tal-prefinanzjament lil korpi pubbliċi (EUR 17,5 biljun) u lil korpi privati (EUR 10,5 biljun) imħallas mill-Kummissjoni, l-aktar ammonti sinifikanti huma relatati mal-qasam tar-Riċerka (EUR 10,9 biljun), l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni u l-prekursuri tiegħu (EUR 5 biljun), Erasmus+ (EUR 4,6 biljun) u l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (EUR 1,2 biljun).

Garanziji riċevuti fir-rigward tal-prefinanzjament

Dawn huma garanziji li l-Kummissjoni titlob f'ċerti każijiet mingħand il-benefiċjarji li ma humiex Stati Membri, meta tħallas pagamenti bil-quddiem (prefinanzjament). Hemm żewġ valuri li jridu jiġu ddivulgati għal din ix-xorta ta' garanzija, il-valur "nominali" u dak "kurrenti". Għall-valur nominali, l-avveniment ġenerattiv huwa marbut mal-eżistenza tal-garanzija. Għall-valur kurrenti, l-avveniment ġenerattiv tal-garanzija huwa l-pagament tal-prefinanzjament magħmul kontra l-garanzija, imbagħad imnaqqas minn ikklirjar sussegwenti. Fil-31 ta' Diċembru 2025, il-valur nominali tal-garanziji riċevuti fir-rigward tal-prefinanzjament kien jammonta għal EUR 1,1 biljun.

Ċerti ammonti ta' prefinanzjament imħallsin taħt is-7a' Programm Kwadru għar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku (FP7, 7th Research Framework Programme) u taħt il-Programmi Orizzont 2020 u Orizzont Ewropa huma effettivament koperti mill-Mekkaniżmu ta' Assigurazzjoni Mutwa (MIM, Mutual Insurance Mechanism), li qabel kien magħruf bħala l-Fond ta' Garanzija tal-Parteċipanti (PGF, Participants Guarantee Fund). L-MIM huwa strument ta' benefiċċju reċiproku stabbilit sabiex ikopri r-riskji relatati man-nuqqas ta' ħlas ta' ammonti mill-benefiċjarji matul l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet indiretti taħt dawk il-programmi. Il-parteċipanti kollha ta' azzjonijiet indiretti li jirċievu għotja mill-UE jikkontribwixxu 5 % tal-kontribuzzjoni massima tal-UE għall-kapital tal-MIM, li tiġi investita fis-swieq finanzjarji mill-Kummissjoni sabiex jiġi ġġenerat l-imgħax. L-imgħax jista' jintuża sabiex ikopri d-djun mhux onorati minn parteċipant inadempjenti favur l-Unjoni. Fi tmiem l-azzjoni indiretta, il-kontribuzzjonijiet jitħallsu lura lill-parteċipanti. L-UE (irrappreżentata mill-Kummissjoni) taġixxi bħala aġent eżekuttiv tal-parteċipanti tal-MIM, iżda l-fond huwa proprjetà tal-parteċipanti. Għalhekk, l-MIM huwa entità separata li ma hijiex konsolidata f'dawn il-kontijiet annwali tal-UE.

Fil-31 ta' Diċembru 2025, l-ammonti ta' prefinanzjament koperti mill-MIM kienu jammontaw għal total ta' EUR 3,0 biljun (2024: EUR 3,0 biljun). L-assi totali tal-MIM, inklużi l-assi finanzjarji ġestiti mill-Kummissjoni, ammontaw għal EUR 3,2 biljun (2024: EUR 3,2 biljun).

2.5.2. *Avvanzi oħrajn lill-Istati Membri*

(f'miljuni ta' EUR)

	31.12.2025	31.12.2024
Avvanzi lil Stati Membri għal strumenti finanzjarji taħt ġestjoni kondiviża	*3 750*	*1 889*
Skemi ta' Għajnuna	*1 659*	*1 883*
Total	**5 409**	**3 772**
Mhux kurrenti	*2 933*	*1 682*
Kurrenti	*2 477*	*2 089*

Avvanzi lil Stati Membri għal strumenti finanzjarji taħt ġestjoni kondiviża

Taħt il-qafas tal-programmi tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (FSIE), huwa possibbli li jsiru pagamenti bil-quddiem mill-baġit tal-UE lill-Istati Membri sabiex ikunu jistgħu jikkontribwixxu għall-istrumenti finanzjarji (jiġifieri self, investimenti ta' ekwità jew inkella garanziji). Dawn l-istrumenti finanzjarji huma stabbiliti u ġestiti taħt ir-responsabbiltà tal-Istati Membri, mhux tal-Kummissjoni. Madankollu, il-flejjes li ma jintużawx minn dawn l-istrumenti fi tmiem is-sena huma l-proprjetà tal-UE (bħal bil-prefinanzjament kollu) u b'hekk huma ttrattati bħala assi fuq il-karta bilanċjali tal-UE.

Għaż-żona ta' koeżjoni, mill-EUR 3 740 miljun imħallsin, huwa stmat li EUR 3 661 miljun ma kinux intużaw sal-31 ta' Diċembru 2025.

Għall-iżvilupp rurali, sa tmiem is-sena kien hemm EUR 89 miljun li kienu għadhom ma ntużawx.

Skemi ta' Għajnuna

Simili għal dak li ntqal hawn fuq, ammonti rimborsati li jikkorrespondu għal avvanzi mħallsin mill-Istati Membri għal diversi skemi ta' għajnuna (għajnuna mill-Istat, miżuri tas-suq tal-FAEG jew miżuri ta' investiment tal-FAEŻR) li ma ntużawx sal-aħħar tas-sena huma rreġistrati bħala assi (avvanzi) fil-karta bilanċjali tal-UE. Il-Kummissjoni stmat il-valur ta' dawn l-avvanzi abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri; l-ammonti li rriżultaw huma inklużi taħt is-subintestatura Skemi ta' Għajnuna ta' hawn fuq. Fl-2025, ammont ta' EUR 1 397 miljun huwa relatat mal-agrikoltura u mal-iżvilupp rurali. Għall-politika ta' koeżjoni, l-ammonti mhux użati fi tmiem is-sena ġew stmati għal EUR 263 miljun u huma relatati mal-QFP 2021-2027.

2.6. **RIĊEVIBBLI TA' SKAMBJU U REKUPERABBLI MHUX TA' SKAMBJU**

(f'miljuni ta' EUR)

	Nota	31.12.2025	31.12.2024
Mhux kurrenti			
Rekuperabbli minn tranżazzjonijiet mhux ta' skambju	*2.6.1*	*10 878*	*11 541*
Riċevibbli minn tranżazzjonijiet ta' skambju	*2.6.2*	*1 786*	*1 731*
		12 663	**13 272**
Kurrenti			
Rekuperabbli minn tranżazzjonijiet mhux ta' skambju	*2.6.1*	*18 952*	*16 529*
Riċevibbli minn tranżazzjonijiet ta' skambju	*2.6.2*	*2 452*	*1 936*
		21 404	**18 465**
Total		**34 068**	**31 736**

2.6.1. *Rekuperabbli minn tranżazzjonijiet mhux ta' skambju*

(f'miljuni ta' EUR)

	Nota	31.12.2025	31.12.2024
Mhux kurrenti			
Stati Membri	*2.6.1.1*	*597*	*275*
Ftehim dwar il-Ħruġ tar-Renju Unit	*2.6.1.2*	*10 256*	*11 231*
Introjtu dovut u imposti differiti	*2.6.1.4*	*0*	*10*
Rekuperabbli oħrajn		*24*	*25*
		10 878	**11 541**
Kurrenti			
Stati Membri	*2.6.1.1*	*5 097*	*4 667*
Ftehim dwar il-Ħruġ tar-Renju Unit	*2.6.1.2*	*505*	*1 530*
Multi imposti fuq kumpaniji	*2.6.1.3*	*10 964*	*9 152*
Introjtu dovut u imposti differiti	*2.6.1.4*	*2 269*	*1 085*
Rekuperabbli oħrajn		*117*	*94*
		18 952	**16 529**
Total		**29 830**	**28 070**

2.6.1.1. Rekuperabbli mill-Istati Membri

(f'miljuni ta' EUR)

	31.12.2025	31.12.2024
Kontijiet TOR A	*3 652*	*3 277*
Kontijiet separati ta' TOR	*868*	*849*
Riżorsi proprji li jridu jiġu riċevuti	*–*	*139*
Indeboliment	*(535)*	*(553)*
Oħrajn	*–*	*–*

(f'miljuni ta' EUR)

	31.12.2025	31.12.2024
Rekuperabbli tar-riżorsi proprji	**3 985**	**3 712**
Il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG)	*1 802*	*1 534*
Il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u strumenti oħrajn tal-iżvilupp rurali	*222*	*127*
Indeboliment	*(607)*	*(741)*
Ir-rekuperabbli tal-FAEG u tal-Iżvilupp Rurali	**1 417**	**920**
Irkupru tal-prefinanzjament	**21**	**16**
VAT imħallsa u rekuperabbli	**56**	**53**
Rekuperabbli oħrajn mill-Istati Membri	**215**	**242**
Total	**5 694**	**4 943**
Mhux kurrenti	*597*	*275*
Kurrenti	*5 097*	*4 667*

L-ammonti mhux kurrenti dovuti mill-Istati Membri jirrigwardaw primarjament deċiżjonijiet tal-approvazzjoni tal-konformità mhux eżegwiti għall-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u għall-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR). L-ammonti relatati ma' dawn id-deċiżjonijiet qed jiġu rkuprati f'pagamenti parzjali annwali.

Rekuperabbli tar-riżorsi proprji

Il-"Kontijiet A" jirreferu għar-rapporti ta' kull xahar li fihom l-Istati Membri jikkomunikaw l-intitolamenti ta' riżorsi proprji tradizzjonali (TOR, Traditional Own Resources) stabbiliti. It-tabella telenka l-ammonti tal-"Kontijiet A" li għadhom ma tħallsux lill-Kummissjoni. TOR huma prinċipalment dazji doganali li jinġabru mill-Istati Membri f'isem il-Kummissjoni.

Il-"Kontijiet A" kellhom it-tendenza li jkollhom livell fil-medda ta' bejn EUR 3 u 4 biljun fi tmiem is-sena. Fl-2025, l-ammonti ddikjarati mill-Istati Membri huma madwar il-livell tas-soltu. L-ammont finali jirrifletti fil-biċċa l-kbira d-dazji doganali stabbiliti f'Novembru u f'Diċembru 2025.

Fir-rigward tal-kawża dwar ksur tar-Renju Unit (Ksur Nru 2018/2008), fit-8 ta' Marzu 2022, il-Qorti ħarġet is-sentenza relatata u kkonfermat li r-Renju Unit kien kiser l-obbligi tiegħu li jipproteġi l-bażit tal-Unjoni. Il-każ oriġina minn rapport tal-OLAF tal-2017, li sab li l-importaturi fir-Renju Unit kienu evitaw ammont kbir ta' dazji doganali billi użaw fatturi fittizji u foloz u dikjarazzjonijiet tal-valur doganali skorretti fiż-żmien tal-importazzjoni.

Il-Kummissjoni vvalutat is-sentenza u b'mod partikolari l-kummenti tal-Qorti fir-rigward tad-determinazzjoni tal-ammonti dovuti. Wara analiżi dettaljata, ir-Renju Unit ħallas kemm l-ammonti tal-kapital kif ukoll tal-imgħax ta' inadempjenza bejn l-2022 u l-2023 (EUR 1,6 biljun għall-kapital u EUR 1,4 biljun għall-imgħax ta' inadempjenza qabel it-tnaqqis tas-sehem tar-Renju Unit).

Bl-applikazzjoni tal-istess parametri għall-kalkolu tat-telf stmat tat-TOR dovut għat-tessuti u għaż-żraben importati miċ-Ċina b'valur sottovalutat b'mod sinifikanti, l-Istati Membri ħallsu taħt riżerva ammont ta' EUR 1,9 biljun matul l-2021 u l-2022. Wara l-għeluq tal-fajl ta' sottovalwazzjoni rigward ir-Renju Unit fl-2023, il-Kummissjoni qiegħda terġa' tikkalkula, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, l-ammonti finali rispettivi tagħhom dovuti f'konformità mas-sentenza tal-Qorti fil-kawża C-213/19. Fl-2024 u fl-2025, l-ammonti finali ta' kapital u ta' mgħax dovuti ġew maqbula ma' diversi Stati Membri u l-kawżi rispettivi ngħalqu. Għadhom qegħdin jiġu ċċarati xi affarijiet mal-Istati Membri sabiex jiġu stabbiliti l-ammonti finali dovuti. Sal-31 ta' Diċembru 2025, il-kontijiet huma aġġustati 'l isfel b'EUR 0,24 biljun li jirrifletti l-korrezzjoni tad-dħul.

L-imgħax ta' inadempjenza dovut fir-rigward ta' dawn il-każijiet bħalissa huwa stmat għal EUR 0,3 biljun fil-31 ta' Diċembru 2025 (ara n-Nota **2.6.2**).

"Kontijiet separati" tirreferi għal intitolamenti stabbiliti li ma ġewx inklużi fil-"kontijiet A", minħabba li ma ġewx irkuprati mill-Istati Membri u ma ġie pprovdut ebda titolu ta' sigurtà (jiġifieri garanzija) (jew jekk ikun ġie pprovdut titolu ta' sigurtà iżda l-ammonti jkunu kkontestati). Dawn l-intitolamenti huma soġġetti għal indeboliment abbażi tal-informazzjoni pprovduta kull sena mill-Istati Membri. L-ammonti ta' indeboliment ġeneralment jirrappreżentaw perċentwal simili tal-ammont prinċipali fi tmiem is-sena.

Ir-rekuperabbli tal-FAEG u tal-Iżvilupp Rurali

Din il-partita tkopri primarjament l-ammonti dovuti mill-Istati Membri fil-31 ta' Diċembru 2025, kif iddikjarati u ċċertifikati mill-Istati Membri fil-15 ta' Ottubru 2025. Tinħareġ stima għar-rekuperabbli li jirriżultaw wara din id-dikjarazzjoni u sal-31 ta' Diċembru 2025. Il-Kummissjoni qed tikkalkula wkoll tnaqqis fil-valur kontabbli tal-ammonti dovuti minn benefiċjarji, li aktarx ma jiġux irkuprati. Il-fatt li jsir dan l-aġġustament ma jfissirx li l-Kummissjoni qiegħda tirrinunzja għall-irkupru ta' dawn l-ammonti fil-futur. Huwa inkluż ukoll tnaqqis ta' 20 % fl-aġġustament, li jikkorrispondi għal dak li l-Istati Membri jistgħu jżommu sabiex ikopru l-kostijiet amministrattivi.

2.6.1.2. *Ftehim dwar il-Ħruġ tar-Renju Unit*

Il-"Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika" (ref. 2019/C 384 I/01) (il-"Ftehim dwar il-Ħruġ" jew "WA", Withdrawal Agreement) iffirmat bejn l-UE u r-Renju Unit jistabbilixxi diversi obbligi finanzjarji għaż-żewġ partijiet. Fil-31 ta' Diċembru 2025, ir-riċevibbli nett mir-Renju Unit abbażi ta' dawn l-obbligi ammonta għal EUR 10 761 miljun (2024: EUR 12 762 miljun), li minnhom EUR 505 miljuni għandhom jiġu riċevuti fi żmien it-12-il xahar wara d-data tar-rapportar (2024: EUR 1 530 miljun):

(f'miljuni ta' EUR)

	Artikolu 140	Artikolu 142	Oħrajn	31.12.2025	31.12.2024
Dovuti mir-Renju Unit	*2 327*	*9 599*	*166*	*12 092*	*14 683*
Minħabba r-Renju Unit	–	–	*(1 331)*	*(1 331)*	*(1 922)*
Total	**2 327**	**9 599**	**(1 165)**	**10 761**	**12 762**
Mhux kurrenti	*1 928*	*9 244*	*(915)*	*10 256*	*11 231*
Kurrenti	*399*	*355*	*(250)*	*505*	*1 530*

Ammont dovut mir-Renju Unit – Bidla meta mqabbel mas-sena preċedenti

It-tnaqqis tar-riċevibbli nett ta' EUR 2 001 miljun (minn EUR 12 762 miljun fi tmiem l-2024 għal EUR 10 761 miljun fi tmiem l-2025) huwa prinċipalment dovut għall-pagamenti netti riċevuti fl-2025 (EUR 1 535 miljun) kif ukoll għal aġġustament mhux fi flus ta' EUR 465 miljun. Dan l-aġġustament mhux fi flus, li huwa rreġistrat bħala spiża netta, huwa dovut għal:

— it-tnaqqis tal-ammont dovut mir-Renju Unit skont l-Artikolu 142 għas-sehem tiegħu tal-valwazzjonijiet pendenti għall-PSEO u għall-JSIS (EUR 529 miljun);

— it-tnaqqis tal-ammont dovut mir-Renju Unit skont l-Artikolu 140 (EUR 142 miljun) minħabba pożizzjonijiet ta' tpaċija addizzjonali (EUR 58 miljun) u l-aġġustament tan-nuqqas ta' implimentazzjoni stmat (EUR 84 miljun);

— l-ammonti dovuti lir-Renju Unit skont l-Artikoli 143 u 144 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ (EUR 198 miljun u EUR 43 miljun, rispettivament);

— it-tnaqqis nett tal-ammont dovut mir-Renju Unit għal kawżi legali skont l-Artikolu 147 (EUR 5 miljun), li jinkludi l-ammont dovut mir-Renju Unit għas-sehem tiegħu tal-ammonti netti mħallsa fl-2025 ta' EUR 7 miljun u t-tnaqqis tal-ammont stmat dovut mir-Renju Unit għal kawżi legali li għadhom ma ġewx solvuti ta' EUR 12-il miljun);

kontrobilanċjat minn

— l-ammont dovut mir-Renju Unit skont l-Artikolu 142 għas-sehem tiegħu tal-pagamenti netti magħmula mill-baġit tal-Unjoni fl-2025 lill-benefiċjarji tal-PSEO u lill-JSIS (EUR 326 miljun);

— it-tnaqqis tal-ammont dovut lir-Renju Unit skont l-Artikolu 141 minħabba tnaqqis tal-bażi tal-kejl tas-sehem tar-Renju Unit f'multi (EUR 109 miljun); u

— iż-żieda tal-ammont dovut lir-Renju Unit skont l-Artikolu 136 minħabba aġġornament tal-estimi u ammonti addizzjonali (EUR 17-il miljun).

Ammont li għandu jitħallas fi żmien 12-il xahar wara d-data tar-rapportar

L-ammont ta' EUR 505 miljun li għandu jitħallas mir-Renju Unit fi żmien 12-il xahar wara d-data tar-rapportar jinkludi l-bqija tal-fattura ta' Settembru 2025 (EUR 338 miljun), il-fattura ta' April 2026 (EUR 78 miljun, inkluż aġġustament mistenni ta' EUR 27,9 miljun relatat mal-Artikolu 140), u l-porzjon tal-fattura stmata ta' Settembru 2026 pagabbli f'Ottubru sa Diċembru 2026 (EUR 89 miljun):

(f'miljuni ta' EUR)

	Il-bqija tal-fatturat Settembru 2025	fattura ta' April 2026	L-istima tal-fattura ta' Settembru 2026 (Porzjon ta' Ottubru-Diċembru)	Total
Artikolu 136	*9*	*122*		*130*
Artikolu 140	*406*	*(136)*	*129*	*399*
Artikolu 141	*(95)*		*(50)*	*(146)*
Artikolu 142	*18*	*326*	*11*	*355*
Artikolu 143		*(198)*		*(198)*
Artikolu 144		*(43)*		*(43)*
Artikolu 147		*7*		*7*
Total	**338**	**78**	**89**	**505**

Sehem tar-Renju Unit (Artikolu 139)

Skont l-Artikolu 139, is-sehem tar-Renju Unit mill-obbligi finanzjarji li jirriżultaw mill-Ftehim dwar il-Ħruġ huwa perċentwal ikkalkolat bħala l-proporzjon bejn ir-riżorsi proprji magħmula disponibbli mir-Renju Unit fis-snin 2014 sa 2020 u r-riżorsi proprji magħmula disponibbli matul dak il-perjodu mill-Istati Membri kollha u mir-Renju Unit kif aġġustati bl-ammont ikkomunikat lill-Istati Membri qabel l-1 ta' Frar 2022. Għalhekk, is-sehem finali tar-Renju Unit ġie kkalkolat bħala 12,431681219587700 %.

Pagamenti skont il-Ftehim dwar il-Ħruġ

Il-mekkaniżmu ta' pagament li għandu jiġi applikat għall-obbligi previsti bejn iż-żewġ partijiet huwa stabbilit fl-Artikolu 148. Fil-qosor, l-UE tiffattura l-ammonti netti dovuti mir-Renju Unit f'April u f'Settembru ta' kull sena u r-Renju Unit iħallas dawn fuq bażi ta' kull xahar. L-ammonti rrapportati f'April ta' sena partikolari għandhom jitħallsu f'4 pagamenti parzjali ta' kull xahar ugwali minn Ġunju sa Settembru ta' dik is-sena. L-ammonti rrapportati f'Settembru jridu jitħallsu fi 8 pagamenti parzjali indaqs ta' kull xahar minn Ottubru ta' dik is-sena sa Mejju tas-sena ta' wara. Peress li xi ammonti rrapportati bilfors li huma bbażati fuq previżjonijiet u fuq estimi, ir-rapportar jiġi aġġornat kull sena abbażi taċ-ċifri attwali.

Fl-2025, l-ammont nett irrapportat lir-Renju Unit skont l-Artikolu 136, u l-Artikoli 140 sa 147, kien ta' EUR 754 miljun (2024: EUR 377 miljun), li minnhom EUR 213 miljun ġew irrapportati f'April 2023 u EUR 541 miljun ġew irrapportati f'Settembru 2025 (2024: EUR 1 414-il miljun (pagabbli lir-Renju Unit) u EUR 1 791 miljun (pagabbli mir-Renju Unit), rispettivament.

Il-pagamenti totali riċevuti fl-2025 ammontaw għal EUR 1 535 miljun (2024: EUR 2 391 miljun). Minn dan l-ammont, EUR 1 120 miljun kienu relatati mal-bqija tar-rapport ta' Settembru 2024 u tħallsu mir-Renju Unit f'5 pagamenti parzjali ndaqs fil-perjodu minn Jannar sa Mejju 2025 (2024: EUR 3 133 miljun), EUR 213-il miljun relatati mar-rapport ta' April 2025 u tħallsu lir-Renju Unit f'erba' pagamenti parzjali ndaqs fix-xahar fil-perjodu minn Ġunju sa Settembru 2025 (2024: EUR 1 414-il miljun, imħallsa lir-Renju Unit), u EUR 203 miljun relatati mar-rapport ta' Settembru 2025 u tħallsu mir-Renju Unit fi 3 pagamenti parzjali ndaqs fil-perjodu minn Ottubru sa Diċembru 2025 (2024: EUR 672 miljun).

(f'miljuni ta' EUR)

	Il-bqija tar-rapport Rapport ta' Settembru 2024: (dovuti u mħallsin minn Jannar sa Mejju 2025)	April 2025 April 2024: (dovuti u mħallsin minn Ġunju sa Settembru 2025)	Settembru 2025 Settembru 2024: (dovuti u mħallsin minn Ottubru sa Diċembru 2025)	Total tal-ħlasijiet fl-2025
Artikolu 140	*1 119*	*599*	*244*	*1 963*
Artikolu 142	*18*	*305*	*11*	*334*
Artikolu 136	*13*	*–*	*5*	*18*
Artikolu 147	*–*	*69*	*–*	*69*
	1 150	*973*	*260*	*2 384*
Artikolu 136	*–*	*(126)*	*–*	*(126)*
Artikolu 141	*(31)*	*(343)*	*(57)*	*(431)*
Artikolu 143	*–*	*(191)*	*–*	*(191)*
Artikolu 144	*–*	*(58)*	*–*	*(58)*
Artikolu 145	*–*	*(37)*	*–*	*(37)*
Artikolu 146	*–*	*(7)*	*–*	*(7)*
	(31)	*(760)*	*(57)*	*(848)*
Total	**1 120**	**213**	**203**	**1 535**

Il-bilanċ li jifdal tal-fattura ta' Settembru 2025 fi tmiem is-sena, li jammonta għal EUR 338 miljun, huwa pagabbli mir-Renju Unit f'ħames pagamenti parzjali ndaqs ta' kull xahar fil-perjodu minn Jannar sa Mejju 2026 (2024: EUR 1 120 miljun).

Artikolu 140 – Impenji pendenti

Ir-Renju Unit impenja ruħu li jħallas lill-UE s-sehem tiegħu tal-impenji baġitarji pendenti fil-31 ta' Diċembru 2020 (l-"RAL tal-Brexit"), kif aġġustat mir-rekwiżiti tal-Artikolu 140. Fil-31 ta' Diċembru 2025, l-ammont totali rikonoxxut bħala riċevibbli ammonta għal EUR 2 327 miljun (2024: EUR 4 432 miljun), li minnhom EUR 399 miljun huma pagabbli fi żmien 12-il xahar wara tmiem is-sena. It-tabella li ġejja tippreżenta ċ-ċaqliq ewlieni bejn l-ammont totali rikonoxxut bħala riċevibbli fil-31 ta' Diċembru 2024 u l-ammont totali rikonoxxut bħala riċevibbli fil-31 ta' Diċembru 2025:

(f'miljuni ta' EUR)

Ammont dovut mir-Renju Unit fil-31.12.2024	**4 432**
Korrezzjonijiet finanzjarji netti relatati mal-perjodi ta' programmazzjoni 2014–2020 jew preċedenti (inkluż aġġustament tat-tnaqqis tal-2025)	*(58)*
Proċeduri ta' ksur tar-riżorsi proprji	*(0)*
Pagamenti netti riċevuti mir-Renju Unit fl-2025	*(1 963)*
Aġġustament tan-nuqqas ta' implimentazzjoni stmat	*(84)*
Ammont dovut mir-Renju Unit fil-31.12.2025	**2 327**
Mhux kurrenti	*1 928*
Kurrenti	*399*

It-tnaqqis sena wara sena tal-ammont totali rikonoxxut bħala riċevibbli ammonta għal EUR 2 104 miljuni (2024: EUR 3 909 miljun) u kien prinċipalment dovut għall-pagamenti riċevuti mir-Renju Unit fl-2025.

L-ammont li għandu jitħallas fi żmien 12-il xahar mid-data tar-rapportar (EUR 399 miljun) jinkludi l-bilanċ li jifdal tal-fattura ta' Settembru 2025 (EUR 406,5 miljun) pagabbli mir-Renju Unit fil-perjodu minn Jannar sa Mejju 2026, l-ammont fatturat f'April 2026 (EUR 136,3 miljun, inkluż aġġustament mistenni ta' EUR 27,9 miljun) pagabbli lir-Renju Unit fil-perjodu minn Ġunju sa Settembru 2026, u l-parti tal-ammont stmat li għandu jiġi fatturat f'Settembru 2026 pagabbli mir-Renju Unit fil-perjodu minn Ottubru sa Diċembru 2026 (EUR 128,9 miljun).

L-ammont fatturat f'April 2026 huwa magħmul minn EUR 200,6 miljun relatat mas-sehem tar-Renju Unit tal-implimentazzjoni tar-RAL stmata fl-2026, ammont negattiv ta' EUR 336,4 miljun (inkluż aġġustament mistenni ta' EUR 27,9 miljun) relatat mal-aġġustament tas-sehem tar-Renju Unit tar-RAL minħabba l-implimentazzjoni fl-2025, u ammont negattiv ta' EUR 0,5 miljun relatat mal-proċeduri ta' ksur tar-riżorsi proprji.

L-ammont stmat li għandu jiġi fatturat f'Settembru 2026 u pagabbli fil-perjodu minn Ottubru sa Diċembru 2026 huwa magħmul minn EUR 150,4 miljun relatati mas-sehem tar-Renju Unit tal-implimentazzjoni tar-RAL stmata fl-2026 u ammont negattiv ta' EUR 21,6 miljun relatat mas-sehem tar-Renju Unit tal-korrezzjonijiet finanzjarji netti stmati relatati mal-perjodi ta' programmazzjoni 2014–2020 jew preċedenti (inkluż l-aġġustament tat-tnaqqis tal-2025).

In-nuqqas ta' implimentazzjoni stmat ġie aġġustat b'EUR 84 miljun biex jirrifletti d-diżimpenji fl-2025 kif ukoll id-diżimpenji futuri tal-istokk li jifdal tar-RAL tal-Brexit kif stmat fi tmiem is-sena 2025.

Artikolu 142 – Obbligazzjonijiet tal-Unjoni fi tmiem l-2020

Ir-Renju Unit impenja ruħu li jħallas lill-UE s-sehem tiegħu mill-obbligazzjonijiet tal-Unjoni fi tmiem l-2020 bl-eċċezzjoni tal-obbligazzjonijiet: (a) mal-assi korrispondenti u (b) relatati mal-operat tal-baġit u mal-ġestjoni tar-riżorsi proprji (inklużi l-ammonti diġà koperti mill-impenji pendenti, ara l-Artikolu 140 aktar 'il fuq). Hawnhekk, l-ammont ewlieni jikkonċerna l-obbligazzjonijiet tal-UE tal-benefiċċji ta' wara l-impjieg (pensjonijiet u assigurazzjoni tal-mard) eżistenti fil-31 ta' Diċembru 2020.

Obbligazzjonijiet pendenti tal-2020 skont l-Artikolu 142(6)

(f'miljuni ta' EUR)

	Skema tal-Pensjoni tal-Uffiċjali Ewropej	Reġim Komuni tal-Assigurazzjoni tal-Mard	31.12.2025	31.12.2024
Obbligazzjonijiet pendenti tal-2020	*68 944*	*4 326*	*73 271*	*77 529*
Sehem tar-Renju Unit	**8 571**	**538**	**9 109**	**9 638**
Kontribuzzjonijiet tal-PSEO/JSIS	**315**	**12**	**326**	**305**
Total	**8 885**	**550**	**9 435**	**9 943**
Mhux kurrenti	*8 571*	*538*	*9 109*	*9 638*
Kurrenti	*315*	*12*	*326*	*305*

Skont il-modalità ta' pagament predefinit stabbilita fl-Artikolu 142 (6), ir-Renju Unit jikkontribwixxi kull sena għall-pagamenti netti magħmulin mill-baġit tal-Unjoni fis-sena preċedenti lil kull benefiċjarju tal-Iskema tal-Pensjoni tal-Uffiċjali Ewropej (PSEO) u għall-kontribuzzjoni relatata tal-baġit tal-Unjoni għar-Reġim Komuni tal-Assigurazzjoni tal-Mard (JSIS) għal kull benefiċjarju jew persuna li tibbenefika permezz ta' benefiċjarju. Il-kontribuzzjonijiet huma pagabbli f'4 pagamenti parzjali ta' kull xahar minn Ġunju sa Settembru tas-sena rispettiva.

Is-sehem aġġustat tar-Renju Unit tal-pagamenti netti magħmulin mill-baġit tal-Unjoni fl-2025 lill-benefiċjarji tal-PSEO u lill-JSIS ammonta għal EUR 315 miljun u għal EUR 12-il miljun, rispettivament. Dawn l-ammonti ġew ikkomunikati lir-Renju Unit bħala parti mill-fattura ta' April 2026 (u għalhekk se jkunu pagabbli mir-Renju Unit f'erba' pagamenti parzjali ndaqs ta' kull xahar fil-perjodu minn Ġunju sa Settembru 2026).

Barra minn hekk, fil-31 ta' Diċembru 2025, l-obbligazzjonijiet pendenti tar-Renju Unit għall-2020 skont l-Artikolu 142(6), relatati mal-PSEO u mal-JSIS ammontaw għal EUR 8 571 miljun u għal EUR 538 miljun, rispettivament (2024: EUR 9 023 miljun u EUR 615 miljun). Ta' min jinnota li filwaqt li t-telf(jew l-qligħ) attwarjali minn bidliet fis-suppożizzjonijiet finanzjarji għandhom impatt fuq il-valur preżenti tal-obbligazzjonijiet pendenti tal-2020 ikkalkolati abbażi tal-IPSAS 39/EAR 12, dawn la jbiddlu l-ammont ta' benefiċċji li fil-fatt se jkollhom jitħallsu mill-UE, u lanqas, b'implikazzjoni, il-kontribuzzjonijiet tar-Renju Unit għal dawn il-pagamenti kif dovuti skont il-mekkaniżmu ta' saldu inadempjenti stabbilit fl-Artikolu 142(6).

Obbligazzjonijiet pendenti tal-2020 skont l-Artikolu 142(5)

Skont l-Artikolu 142(5), ir-Renju Unit jikkontribwixxi għall-obbligazzjonijiet relatati mal-Iskemi l-oħrajn ta' rtirar (pensjoni) hekk kif dawn ġew irreġistrati fil-kontijiet konsolidati tal-UE għas-sena finanzjarja 2020 f'10 pagamenti parzjali li bdew fil-31 ta' Ottubru 2021 (b'kull pagament parzjali annwali pagabbli fi 8 pagamenti parzjali ta' kull xahar minn Ottubru sa Mejju tas-sena ta' wara). Dawn l-obbligazzjonijiet fil-kontijiet annwali konsolidati tal-Unjoni għas-sena finanzjarja 2020 ammontaw għal EUR 2 344 biljun, li rriżultaw f'sehem tar-Renju Unit fil-31 ta' Diċembru 2020 ta' EUR 291 miljun. Meta jitqiesu l-ammonti riċevuti mir-Renju Unit sa tmiem l-2025, li jammontaw għal EUR 127 miljun, is-sehem pendenti tar-Renju Unit mill-iskemi l-oħrajn tal-irtirar (tal-pensjoni) kien naqas għal EUR 164 miljun fil-31 ta' Diċembru 2025, li minnhom, EUR 29 miljun għandhom jitħallsu fi żmien it-12-il xahar wara t-tmiem tas-sena.

Għal aktar informazzjoni dwar l-iskemi tal-benefiċċji tal-impjegati, jekk jogħġbok ara n-Nota **1.5.10** u n-Nota **2.9**.

Oġġetti oħrajn

(f'miljuni ta' EUR)

	31.12.2025	31.12.2024
Dovuti mir-Renju Unit:		
Artikolu 136	*133*	*8*
Artikolu 147	*33*	*107*
	166	**116**
Dovuti lir-Renju Unit:		
Artikolu 141	*(1 090)*	*(1 630)*
Artikolu 143	*(198)*	*(191)*
Artikolu 144	*(43)*	*(58)*
Artikolu 145	*–*	*(37)*
Artikolu 146	*–*	*(7)*
	(1 331)	**(1 922)**
Total	**(1 165)**	**(1 806)**
Mhux kurrenti	*(915)*	*(1 040)*
Kurrenti	*(250)*	*(766)*

L-Artikolu 136 – Dispożizzjonijiet applikabbli fir-rigward tar-riżorsi proprji

L-Artikolu 136 jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet applikabbli wara l-31 ta' Diċembru 2020 fir-rigward tar-riżorsi proprji. Ir-Renju Unit huwa intitolat li jirċievi s-sehem tiegħu jew obbligat iħallas is-sehem tiegħu, skont il-każ, meta r-riżorsi proprji relatati mas-snin finanzjarji sa tmiem l-2020 għandhom ikunu disponibbli, ikkoreġuti jew soġġetti għal aġġustamenti wara l-31 ta' Diċembru 2020. Għalhekk, ir-Renju Unit huwa soġġett għal kwalunkwe aġġustament tar-riżorsi proprji tal-VAT u tal-ING relatati mas-snin finanzjarji sa u inkluża l-2020. Madankollu, dawn l-aġġustamenti tal-VAT u tal-ING se jsiru biss jekk tittieħed deċiżjoni dwarhom sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2028.

F'konformità mal-Artikolu 136 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, l-awtoritajiet tar-Renju Unit ikomplu jibagħtu dikjarazzjonijiet tal-kont A ta' kull xahar li jipprovdu sommarju tal-ammonti ta' riżorsi proprji tradizzjonali dovuti lill-baġit tal-UE. Dawn l-ammonti (bit-tnaqqis tar-rata ta' retenzjoni applikabbli) huma inklużi fl-ammonti totali tal-fattura sussegwenti msemmija fl-Artikolu 148(2) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ (ara l-paragrafu li jmiss). Jekk dawk l-ammonti jitħallsu tard, l-imgħax ikun dovut skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 609/2014.

Għalhekk, ir-Renju Unit huwa meħtieġ iħallas ir-riżorsi proprji tradizzjonali miġburin minnu wara t-28 ta' Frar 2021, iżda relatati mas-sena 2020 u mas-snin ta' qabel. Is-sehem tiegħu mit-total magħmul disponibbli għandu jitnaqqas minn dan l-ammont. Il-kont separat għar-riżorsi proprji tradizzjonali jrid jiġi likwidat kompletament fil-31 ta' Diċembru 2025. Għalhekk, ir-Renju Unit se jagħmel disponibbli sehem, ikkalkolat skont l-Artikolu 136(3)f, tal-ammonti pendenti f'dik id-data li ma humiex soġġetti għas-sejbiet tal-ispezzjoni tal-Kummissjoni Ewropea.

L-ammont nett pendenti dovut mir-Renju Unit fil-31 ta' Diċembru 2025 huwa ta' EUR 133 miljun (2024: EUR 8 miljun), li minnhom EUR 130 miljun se jkollhom jitħallsu mir-Renju Unit fi żmien 12-il xahar wara tmiem is-sena u EUR 2 miljun wara.

(f'miljuni ta' EUR)

Ammont dovut lir-Renju Unit (-)/ mir-Renju Unit (+) fil-31.12.2024	**8**
Aġġustament tal-istima għall-ammonti fatturati fl-2025	*14*
Pagamenti magħmulin lir-Renju Unit fl-2025	*107*
Aġġustamenti tal-VAT u tal-ING (eżerċizzju tal-bilanċi 2024)	*(12)*
Imgħax ta' inadempjenza tar-riżorsi proprji tradizzjonali u tar-riżorsi proprji tal-VAT tar-Renju Unit	*5*
Is-sehem tat-TOR pendenti fil-kont separat tar-Renju Unit sal-31 ta' Diċembru 2025	*4*
Riżorsi proprji tradizzjonali netti tar-Renju Unit wara t-28 ta' Frar 2021	*3*
Aġġustamenti tal-VAT u tal-ING (eżerċizzju tal-bilanċi 2025)	*2*
Ammont dovut lir-Renju Unit (-)/ mir-Renju Unit (+) fil-31.12.2025	**133**
Mhux kurrenti	*2*
Kurrenti	*130*

L-ammont ippreżentat taħt "Aġġustamenti tal-VAT u tal-ING (eżerċizzju tal-bilanċi 2024)" jikkorrispondi għad-differenza bejn il-fattura reali ta' April 2026 (EUR 109 miljun) u l-istima diġà inkluża fir-riċevibbli ta' Brexit fi tmiem is-sena 2024 (EUR 121 miljun).

L-ammont ippreżentat taħt l-entrati f'linja "Imgħax fuq ħlas tard tar-riżorsi proprji tradizzjonali u tal-VAT tar-Renju Unit", "Sehem tar-RPT pendenti fil-kont separat tar-Renju Unit sal-31 ta' Diċembru 2025", u "Riżorsi proprji tradizzjonali netti tar-Renju Unit wara t-28 ta' Frar 2021" jikkorrispondi għall-ammonti ulterjuri fatturati f'April 2026.

L-ammont ippreżentat taħt "aġġustamenti tal-VAT u tal-ING (eżerċizzju tal-bilanċi 2025)" jikkorrispondi għall-ammont stmat li għandu jiġi fatturat f'April 2027.

Artikolu 141 - Multi

Ir-Renju Unit huwa intitolat għas-sehem tiegħu ta' multi deċiżi qabel il-31 ta' Diċembru 2020 kif ukoll dawk deċiżi mill-Unjoni wara l-31 ta' Diċembru 2020 fi proċedura msemmija fl-Artikolu 92(1) meta dawn isiru definittivi. L-ammont ta' multi rilevanti tar-Renju Unit li kienu pendenti fil-31 ta' Diċembru 2025 huwa ta' EUR 7,6 biljun (2024: EUR 8,9 biljun). It-tnaqqis nett f'dawn il-multi kien ta' EUR 1,3 biljun (EUR 0,0 ta' multi maħruġa fl-2025 bi tnaqqis ta' EUR 0,4 biljun ta' multi kkonfermati u mħallsa, imnaqqsa jew ikkanċellati minn sentenzi tal-qorti bi tnaqqis ta' EUR 0,9 biljun f'indeboliment). Is-sehem tar-Renju Unit mill-multi rilevanti tar-Renju Unit pendenti fil-31 ta' Diċembru 2025 huwa ta' EUR 0,9 biljun (2024: EUR 1,1 biljun), li minnhom ammont ta' EUR 89 miljun se jiġi inkluż fil-fattura ta' Settembru 2026 u jitħallas lir-Renju Unit fil-perjodu minn Ottubru 2026 sa Mejju 2027. Barra minn hekk, ir-Renju Unit huwa intitolat għas-sehem tiegħu ta' multi definittivi li ma kinux għadhom pendenti fil-31 ta' Diċembru 2025 (EUR 46 miljun, li għandhom jiġu inklużi fil-fattura ta' Settembru 2026 u mħallsa lir-Renju Unit fil-perjodu minn Ottubru 2026 sa Mejju 2027) u s-sehem tiegħu ta' multi definittivi li ġew fatturati f'Settembru 2025 iżda li kienu għadhom ma tħallsux fi tmiem is-sena (EUR 95 miljun, li għandhom jitħallsu lir-Renju Unit fil-perjodu minn Jannar sa Mejju 2026). Għalhekk, is-sehem totali ta' multi tar-Renju Unit jammonta għal EUR 1,09 biljun (2024: EUR 1,6 biljun), li minnhom EUR 146 miljun għandhom jitħallsu fi żmien it-12-il xahar wara d-data tar-rapportar (2024: EUR 431 miljun).

Artikoli 143 – Obbligazzjonijiet finanzjarji kontinġenti: self għal assistenza finanzjarja, FEIS, EFSD u ELM

Skont dan l-Artikolu, ir-Renju Unit għandu jkun responsabbli għall-finanzjament tas-sehem tiegħu mill-obbligazzjonijiet kontinġenti tal-UE fir-rigward tal-attivitajiet ta' teħid b'self, ta' għoti b'self u ta' garanzija tiegħu jekk dawn jikkristallizzaw u jekk ma jkunux koperti minn fondi ta' garanzija eżistenti – ara n-Nota **4.1** għall-obbligazzjonijiet kontinġenti relatati. L-UE se tirrimborża lir-Renju Unit ammonti li r-Renju Unit diġà kkontribwixxa għall-fondi ta' garanzija u li ma għadhomx aktar meħtieġa. Ir-Renju Unit għandu wkoll dritt għar-riflussi minn operazzjonijiet li għalihom huwa jikkondividi l-obbligazzjoni. Fil-31 ta' Diċembru 2025, l-ammont li għandu jitħallas lir-Renju Unit, fit-12-il xahar li ġejjin, huwa ta' EUR 198,3 miljun (2024: EUR 190,6 miljun). Dan l-ammont jinkludi s-sehem tar-Renju Unit mill-irkupri u mid-dħul nett miġburin fl-2025 (EUR 129,3 miljun), l-eċċess fil-proviżjonament (EUR 42,6 miljun) u d-dħul mill-ġestjoni tal-assi (EUR 26,5 miljun). Dan jinkludi wkoll it-tnaqqis ta' EUR 41 000 ta' aġġustamenti identifikati matul il-proċeduri ta' rieżami miftehmin: aġġustament għall-ammont ta' ħruġ koperti mill-influssi ġġenerati minn operazzjonijiet għall-ELM (EUR 49) u aġġustamenti bejn l-influssi u l-ħruġ ta' "qabel il-Brexit" u ta' "wara l-Brexit" koperti mill-influssi ġġenerati minn operazzjonijiet għall-FEIS (EUR 1 246); aġġustament tal-qsim tal-ammonti tal-2024 ta' operazzjonijiet garantiti pendenti "qabel il-Brexit" u "wara l-Brexit" għall-FEIS (nieqes EUR 41 899).

Artikolu 144 – Strumenti finanzjarji

Skont dan l-Artikolu, l-UE impenjat ruħha li tirrimborża lir-Renju Unit is-sehem tagħha tar-rimborżi li jirriżultaw minn operazzjonijiet finanzjarji approvati sad-data tal-ħruġ, kif ukoll is-sehem tagħha tal-iżborżi magħmula għal operazzjonijiet finanzjarji approvati wara d-data tal-ħruġ. Fil-31 ta' Diċembru 2025, l-ammont li għandu jitħallas lir-Renju Unit, fit-12-il xahar li ġejjin, huwa ta' EUR 42,7 miljun (2024: EUR 57,9 miljun).

Artikolu 145 – Il-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar f'Likwidazzjoni (KEFA f'Likwidazzjoni)

Ir-Renju Unit huwa intitolat għas-sehem tiegħu mill-assi netti tal-KEFA f'Likwidazzjoni fil-31 ta' Diċembru 2020, li għandu jitħallas lura f'5 pagamenti parzjali fit-30 ta' Ġunju ta' kull sena, mill-2021. L-assi netti tal-KEFA f'Likwidazzjoni fil-31 ta' Diċembru 2020 ammontaw għal EUR 1,5 biljun li minnhom is-sehem tar-Renju Unit huwa ta' EUR 184 miljun. Wara l-ħlas tal-ħames u l-aħħar pagament parzjali ta' EUR 37 miljun fl-2025, fil-31 ta' Diċembru 2025, ir-Renju Unit ħallas lura l-obbligi kollha tiegħu fir-rigward ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 146 – Investiment fil-Fond Ewropew tal-Investiment (FEI)

Ir-Renju Unit huwa intitolat għas-sehem tiegħu mill-investiment tal-UE fil-kapital azzjonarju mħallas tal-FEI fil-31 ta' Diċembru 2020, li għandu jitħallas lura f'5 pagamenti parzjali fit-30 ta' Ġunju ta' kull sena, mill-2021. L-investiment tal-UE fil-kapital azzjonarju mħallas tal-FEI fil-31 ta' Diċembru 2020 kien ta' EUR 267 miljun li minnhom is-sehem tar-Renju Unit huwa ta' EUR 33 miljun. Wara l-ħlas tal-ħames u l-aħħar pagament parzjali ta' EUR 6,6 miljun fl-2025, fil-31 ta' Diċembru 2025, ir-Renju Unit ħallas lura l-obbligi kollha tiegħu fir-rigward ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 147 – Kawżi legali

Ir-Renju Unit impenja ruħu li jikkontribwixxi s-sehem tiegħu tal-pagamenti tal-UE li jirriżultaw minn kawżi legali li jikkonċernaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni li jsiru dovuti, dment li l-fatti li jikkostitwixxu s-suġġett ta' dawk il-kawżi jkunu seħħew mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2020. Meta jitqiesu d-dispożizzjonijiet u d-dovuti fi tmiem is-sena, kif ukoll il-pagamenti reali magħmulin u riċevuti mill-UE għall-kawżi legali fl-2025, l-ammont stmat li r-Renju Unit se jkollu jħallas huwa ta' EUR 33 miljun (2024: EUR 107 miljuni), li minnhom EUR 7 miljun għandhom jitħallsu fi żmien 12-il xahar mid-data tar-rapportar.

2.6.1.3. Ammonti rekuperabbli minn multi imposti fuq kumpaniji

(f'miljuni ta' EUR)

	31.12.2025	31.12.2024
Ammont rekuperabbli minn ammont gross tal-multi	*15 604*	*12 247*
Ħlasijiet provviżorji	*(2 823)*	*(2 161)*
Indeboliment	*(1 817)*	*(934)*
Total	**10 964**	**9 152**
Mhux kurrenti	–	–
Kurrenti	*10 964*	*9 152*

Multi imposti fuq kumpaniji jinkludu multi tal-kompetizzjoni u multi oħrajn. Il-kumpaniji mmultati li nedew jew li qed jippjanaw li jniedu appell għandhom għażla li jagħmlu pagamenti provviżorji jew li jipprovdu garanziji bankarji lill-Kummissjoni. Għat-total tal-multi pendenti fi tmiem is-sena li ma huwiex kopert minn pagamenti provvizorji jew definittivi, EUR 10 729 miljun (2024: EUR 7 091 miljun) f'garanziji ġew riċevuti bħala kopertura.

Il-pagamenti riċevuti mill-kumpaniji mmultati jinżammu jew bħala investimenti (ara n-Nota **2.4.2.1**) jew f'kontijiet bankarji (ara n-Nota **2.8**).

L-ammonti mniżżlin fil-valur minħabba indeboliment jirriflettu l-valutazzjoni każ b'każ mill-Kummissjoni ta' dawk il-multi mhux imsarrfin jew mhux koperti b'garanzija, li l-Kummissjoni tistenna li ma hijiex se tirkupra, kif ukoll każijiet imnaqqsin mill-Qrati.

Dħul minn multi imposti fuq kumpaniji għas-sena ammontaw għal EUR 4 808 miljun (ara n-Nota **3.5**) filwaqt li l-ispejjeż, jiġifieri t-tnaqqis ta' multi permezz ta' sentenzi tal-Qorti, ammontaw għal EUR 214 miljun (ara n-Nota **3.16**).

Obbligazzjoni kontinġenti ta' EUR 2 035 miljun tiġi ddivulgata għall-possibbiltà li l-ammonti mħallsin b'mod provviżorju jkollhom jitħallsu lura lill-kumpaniji mmultati li jkunu qed jappellaw jew li għandhom id-dritt li jappellaw il-multi imposti fuqhom – ara n-Nota **4.2.1**.

2.6.1.4. Introjtu dovut u imposti differiti

(f'miljuni ta' EUR)

	31.12.2025	31.12.2024
Introjtu dovut	*1 679*	*756*
Imposti differiti relatati ma' tranżazzjonijiet mhux ta' skambju	*591*	*339*
Total	**2 269**	**1 095**
Mhux kurrenti	*0*	*10*
Kurrenti	*2 269*	*1 085*

L-introjtu dovut jinkludi EUR 0,3 biljun (2024: EUR 0,4 biljun) li l-Kummissjoni tistenna li tirkupra fil-qasam tal-koeżjoni bħala riżultat tal-eżaminazzjoni u tal-aċċettazzjoni tal-kontijiet annwali ppreżentati mill-Istati Membri.

2.6.2. *Riċevibbli minn tranżazzjonijiet ta' skambju*

(f'miljuni ta' EUR)

	31.12.2025	31.12.2024
Mhux kurrenti		
Riċevibbli ta' garanzija finanzjarja	*1 359*	*1 324*
Imgħax ta' inadempjenza	*319*	*323*
Riċevibbli oħrajn	*108*	*84*
	1 786	**1 731**
Kurrenti		
Riċevibbli ta' garanzija finanzjarja	*293*	*306*
Klijenti	*349*	*302*
Indeboliment fuq ir-riċevibbli mingħand il-klijenti	*(154)*	*(136)*
Imposti differiti relatati ma' tranżazzjonijiet ta' skambju	*411*	*363*
Imgħax ta' inadempjenza	*801*	*761*
Oħrajn	*753*	*339*
	2 452	**1 936**
Total	**4 238**	**3 666**

Ir-riċevibbli tal-kuntratt ta' garanzija finanzjarja (FGC) jirrappreżenta r-remunerazzjoni futura li l-UE tistenna li tirċievi għall-garanziji mogħtijin. Il-maġġoranza tal-garanziji tal-UE ma humiex remunerati jew huma pprezzati taħt ir-rata tas-suq. Għalhekk, ir-riċevibbli tal-FGC huwa ferm iżgħar mill-obbligazzjoni tal-FGC (ara n-Nota **2.11.2**). Mill-ammont totali ta' EUR 1 651 miljun tar-riċevibbli tal-FGC fil-31 ta' Diċembru 2025, EUR 1 564 miljun huma kklassifikati bħala assi finanzjarji fl-FVSD (livell ta' valur ġust 3). Meta mqabbel mal-bilanċ tal-ftuħ fl-1 ta' Jannar 2025 ta' EUR 1 629 miljun, il-FGC riċevibbli żdied b'kollox b'EUR 22 miljun minħabba primjums ta' garanzija ogħla ta' EUR 264 miljun li mistennija jiġu riċevuti fil-futur netti minn primjums ta' garanzija ta' EUR 242 miljun riċevuti matul is-sena.

L-imgħax ta' inadempjenza jikkonċerna prinċipalment każijiet ta' riżorsi proprji u imgħax dovut fuq multi koperti minn garanziji pprovduti minn kumpaniji mmultati. L-ammont mhux kurrenti (EUR 0,3 biljun) huwa relatat mal-każijiet li għadhom għaddejjin mal-Istati Membri msemmijin fin-Nota **2.6.1.1**.

2.7. INVENTARJI

(f'miljuni ta' EUR)

	31.12.2025	31.12.2024
Materjali xjentifiċi	*58*	*66*
Oħrajn	*22*	*19*
Total	**79**	**85**

2.8. FLUS U EKWIVALENTI TA' FLUS

(f'miljuni ta' EUR)

	Nota	31.12.2025	31.12.2024
Kontijiet ma' Teżori u Banek Ċentrali		*31 755*	*24 059*
Kontijiet kurrenti		*1 816*	*808*
Kontijiet tal-imprest		*7*	*10*
Trasferimenti (flus fi tranżitu)		*0*	–

(f'miljuni ta' EUR)

	Nota	31.12.2025	31.12.2024
Depożiti b'terminu oħrajn		–	–
Kontijiet bankarji għall-implimentazzjoni tal-bażit	*2.8.1*	**33 579**	**24 877**
Kontijiet mal-Banek Ċentrali		*23 596*	*33 926*
Depożiti b'terminu		*23 516*	–
Tranżazzjonijiet ta' retroriakkwisti		*18 115*	–
Likwidità għal finanzjament unifikat	*2.8.2*	**65 227**	**33 926**
Strumenti finanzjarji	*2.8.3*	**2 975**	**2 758**
Multi	*2.8.4*	**237**	**134**
Istituzzjonijiet, aġenziji u korpi oħrajn		**988**	**1 439**
Fondi fiduċjarji		**35**	**30**
Total		**103 041**	**63 163**

2.8.1. *Kontijiet bankarji għall-implimentazzjoni tal-bażit*

Din l-intestatura tkopri l-fondi li l-Kummissjoni żżomm fil-kontijiet bankarji tagħha f'kull Stat Membru u f'pajjiż tal-EFTA (teżor jew bank ċentrali), kif ukoll f'kontijiet kurrenti ta' banek kummerċjali, kontijiet tal-imprest u ammonti żgħar ta' flus kontanti.

Il-bilanċi tal-flus tal-Kummissjoni jsegwu xejra ċiklika: l-influssi ta' riżorsi (eż., il-ġbir tad-dħul) huma tipikament segwiti mill-infiq. Dan l-isparigġ taż-żmien iwassal biex il-bilanċi jvarjaw matul is-sena. Karatteristika ewlenija ta' dan iċ-ċiklu hija li porzjon sinifikanti tal-bilanċ tal-flus fi tmiem is-sena jintuża fil-bidu ta' Jannar biex ikopri pagament kbir, primarjament għan-nefqa taħt il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG).

Id-differenza fil-bilanċ tal-flus disponibbli fi tmiem l-2025 meta mqabbla mal-2024 kienet prinċipalment dovuta għal riport ogħla ta' approprjazzjonijiet ta' pagament, b'mod partikolari għall-Fond ta' Solidarjetà Ewropew biex jipprovdi għal pagamenti lil diversi pajjiżi milquta minn diżastri, id-dħul miġbur mill-irkant tal-kwoti tal-ETS biex jiġu ffinanzjati l-Pjanijiet tal-Fond Soċjali għall-Klima li bdew fl-2026, u ammont ogħla minn dak ibbaġitjat tar-Riżorsi Proprji Tradizzjonali. Barra minn hekk, kien hemm pass kemxejn aktar bil-mod f'ċertu nfiq milli previst.

2.8.2. *Likwidità għal finanzjament unifikat*

Skont l-istrateġija ta' finanzjament unifikat, parti mir-rikavati mis-self jinżamm jew bħala flus jew jiġi investit f'investimenti għal żmien qasir sabiex jaqdu l-obbligi ta' żborż li ġejjin.

Tranżazzjoni ta' retroriakkwist hija operazzjoni ta' self ta' flus miftiehma mill-UE ma' kontroparti għal perjodu fiss b'rata tal-imgħax fissa. It-tul tat-tranżazzjoni huwa ta' 7 jew ta' 14-il jum. Bħala kollateral, l-UE tirċievi bonds b'likwidità għolja għad-durata limitata tal-operazzjoni ta' retroriakkwist (EUR 18,1 biljun fil-31 ta' Diċembru 2025). Peress li r-riskji u l-benefiċċji tal-kollateral jibqgħu mal-oriġinatur, dan ma huwiex rikonoxxut fil-karta bilanċjali tal-UE.

Il-bilanċi ogħla ta' flus u ta' ekwivalenti ta' flus fi tmiem l-2025 huma minħabba l-iżborżi ppjanati għall-bidu tal-2026 biex jiffinanzjaw l-RRF u l-programmi SAFE.

2.8.3. *Strumenti finanzjarji*

L-ammonti murijin taħt din l-intestaura huma primarjament relatati ma' ekwivalenti ta' flus ġestiti mill-fiduċjarji f'isem il-Kummissjoni għall-iskop tal-implimentazzjoni ta' programmi ta' strumenti finanzjarji ffinanzjati mill-bażit tal-UE: EUR 2,0 biljun fil-31 ta' Diċembru 2025, li minnhom EUR 0,8 biljun huma relatati mal-Fond tal-EIC — ara n-Nota **2.4.2.1**. Dan jinkludi wkoll EUR 0,8 biljun ekwivalenti fi flus (depożiti b'terminu ta' żmien u kambjali kummerċjali b'terminu qasir) li jappartjenu għall-Fond għall-Innovazzjoni ġestit mill-BEI — ara n-Nota **2.4.2.1.** Din l-intestatura ma tkoprix ir-riżerva ta' likwidità relatata mas-CPF (EUR 0,2 biljun fil-31 ta' Diċembru 2025), li tinżamm fit-teżor ċentrali tal-Kummissjoni. Il-flus li jappartjenu għal strumenti finanzjarji jistgħu jintużaw biss fil-programmi kkonċernati.

2.8.4. *Multi*

Dawn huma flus riċevuti b'konnessjoni mal-multi maħruġin mill-Kummissjoni li għalihom għad hemm kawża miftuħa. Meta jkun ġie ppreżentat appell jew meta ma jkunx magħruf jekk hux se jsir appell mill-kumpanija mmultata, l-ammont sottostanti jintwera bħala obbligazzjoni kontinġenti fin-Nota **4.2.1**. Mill-2010, il-multi kollha msarrfa b'mod provviżorju lill-kumpaniji ġew ġestiti mill-Kummissjoni fil-fond BUFI u ġew investiti fi strumenti finanzjarji kkategorizzati bħala assi finanzjarji fl-FVSD mhux derivattivi (ara n-Nota **2.4.2**), b'xi wħud mill-assi tal-fond jissarrfu fi tmiem is-sena.

OBBLIGAZZJONIJIET

2.9. PENSJONI U BENEFIĊĊJI OĦRAJN TAL-IMPJEGATI

2.9.1. *Obbligazzjoni ta' skema ta' benefiċċji netti tal-impjegati*

(f'miljuni ta' EUR)

	Skema tal-Pensjoni tal-Uffiċjali Ewropej	Skemi ta' benefiċċji tal-irtirar oħrajn	Reġim Komuni tal-Assigurazzjoni tal-Mard	31.12.2025 Total	31.12.2024 Total
Obbligu ta' Benefiċċju Definit	*83 998*	*1 887*	*5 721*	*91 605*	*93 557*
Assi tal-pjan	*M/A*	*(11)*	*(467)*	*(477)*	*(461)*
Obbligazzjoni netta	**83 998**	**1 876**	**5 254**	**91 128**	**93 096**

L-obbligazzjoni totali tal-benefiċċji tal-impjegati baqgħet relattivament stabbli, bit-tnaqqis żgħir li kien primarjament xprunat minn tnaqqis fir-responsabbiltà netta tar-Reġim Komuni tal-Assigurazzjoni tal-Mard (JSIS). Dan huwa minħabba valur aġġornat tax-xejra tal-kostijiet mediċi fil-JSIS li wassal għal qligħ attwarjali minħabba bidliet fis-suppożizzjonijiet finanzjarji, u b'hekk naqqas ir-responsabbiltà totali. Barra minn hekk, ġie osservat tnaqqis żgħir ħafna fl-obbligazzjoni netta fl-Iskema tal-Pensjoni tal-Uffiċjali Ewropej (PSEO), l-akbar skema fis-seħħ. Il-qligħ attwarjali li jirriżulta miż-żieda fir-rata ta' skont reali tal-PSEO fis-sena kien parzjalment innettjat minn telf minħabba suppożizzjonijiet attwarjali relatati ma' bidliet fis-salarji (ara n-Noti **2.9.2** u **2.9.4**). Madankollu, ta' min jinnota li filwaqt li żieda jew tnaqqis fir-rata ta' skont reali għandhom impatt fuq id-daqs tal-obbligazzjoni fi tmiem is-sena, din ma tbiddilx l-ammont ta' benefiċċji li fil-fatt se jkollhom jitħallsu mill-baġit tal-UE lill-benefiċjarji fi snin futuri. It-tnaqqis addizzjonali fl-obbligazzjoni netta tal-PSEO minħabba l-qligħ attwarjali mill-esperjenza ġie nnettjat b'żieda minħabba l-kost tas-servizz kurrenti annwali u l-kost tal-imgħax (it-tneħħija tal-iskontar tal-obbligazzjoni), li kompla jnaqqas l-impatt tal-qligħ attwarjali minħabba bidliet fis-suppożizzjonijiet finanzjarji fuq l-obbligazzjoni totali (ara n-Nota **2.9.2**).

Skema tal-Pensjoni tal-Uffiċjali Ewropej

Dan l-obbligu tal-benefiċċju definit jirrappreżenta l-valur preżenti ta' pagamenti futuri mistennija li l-UE hija meħtieġa tagħmel sabiex issalda l-obbligi ta' pensjoni li jirriżultaw mis-servizz tal-impjegati fil-perjodi kurrenti u ta' qabel. L-iskema għadha għaddejja u, bħala tali, il-pagamenti kollha meħtieġa li jridu jsiru mill-iskema fuq bażi annwali jiġu inklużi fil-baġit tal-UE kull sena.

F'konformità mal-Artikolu 83 tar-Regolamenti tal-Persunal, il-ħlas tal-benefiċċji previsti fl-iskema tal-pensjoni tal-persunal jikkostitwixxi imposta fil-baġit tal-UE. L-iskema hija ffinanzjata nozzjonalment, u l-Istati Membri jiggarantixxu l-ħlas ta' dawn il-benefiċċji b'mod kollettiv. Mis-salarji bażiċi tal-membri attivi titnaqqas kontribuzzjoni tal-pensjoni obbligatorja, li bħalissa hija ta' 13,1 %. Dawn il-kontribuzzjonijiet huma trattati bħala dħul tal-baġit tas-sena u jikkontribwixxu għall-finanzjament tan-nefqa tal-UE b'mod ġenerali, ara wkoll in-Nota **3.8**.

L-obbligazzjonijiet tal-iskema tal-pensjoni ġew ivvalutati fuq il-bażi tan-numru ta' membri tal-persunal tal-PSEO (membri tal-persunal attivi, persuni rtirati, dawk li qabel kienu membri tal-persunal attivi u li issa qegħdin fuq invaliditá, kif ukoll dipendenti ta' membri tal-persunal deċeduti) fil-31 ta' Diċembru 2025 u abbażi tar-regoli tar-Regolamenti tal-Persunal applikabbli f'din id-data. Din il-valwazzjoni twettqet f'konformità mad-dispożizzjonijiet kontabilistiċi tal-IPSAS 39 (u għalhekk anki mar-regola kontabilistika tal-UE nru 12).

Skemi ta' benefiċċji tal-irtirar oħrajn

Din tirreferi għall-obbligazzjoni li tirrigwardja l-obbligi tal-pensjonijiet fil-konfront tal-Membri u tal-eks-Membri tal-Kummissjoni, tal-Qorti tal-Ġustizzja, u tal-Qorti tal-Awdituri, tal-Kunsill, tal-Ombudsman Ewropew u tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data. F'din l-intestatura hemm inklużi wkoll obbligazzjonijiet relatati mal-pensjonijiet tal-Membri tal-Parlament Ewropew.

Reġim Komuni tal-Assigurazzjoni tal-Mard

Barra mill-iskemi ta' benefiċċji għall-irtirar ta' hawn fuq, issir valutazzjoni għall-obbligazzjoni stmata li għandha l-UE rigward ir-Reġim Komuni tal-Assigurazzjoni tal-Mard (JSIS) fir-rigward tal-ispejjeż tal-kura tas-saħħa li jridu jitħallsu matul il-perjodi ta' wara l-attività (netti mill-kontribuzzjonijiet tagħhom). Kif iddikjarat fin-Nota **1.5.10**, il-kalkolu ta' din l-obbligazzjoni jqis il-perjodu sħiħ tas-servizz attiv, filwaqt li jiżgura li kemm l-iskema tal-pensjoni kif ukoll dik tal-assigurazzjoni tal-mard tal-pjan ta' wara l-impjieg tal-persunal jitqiesu b'mod konsistenti.

Meta wieħed iqis l-obbligazzjoni li tiġi ppreżentata b'mod leali s-sustanza ekonomika tat-tranżazzjoni sottostanti kif rikjest kemm mill-EAR kif ukoll mill-IPSAS, l-IPSAS 39 ma ġiex interpretat f'sens aktar strett meta ġew attribwiti l-benefiċċji għall-perjodi ta' servizz. Li kieku l-kost tas-servizz kellu jsir dovut għall-iskema JSIS bis-sħiħ fuq 10 snin għall-uffiċjali kollha, minflok tal-perjodu tas-servizz attiv tal-impjegat, l-impatt ta' approċċ bħal dan fuq l-obbligu tal-benefiċċju definit fi tmiem is-sena jkun żieda ta' EUR 0,8 biljun. Madankollu, kif diġà indikat, dan l-approċċ aktar strett ma jkunx kompatibbli mal-karatteristika kwalitattiva tar-rappreżentazzjoni leali, u għalhekk ma jkunx meqjus bħala li jipprovdi informazzjoni affidabbli f'konformità mal-EAR 1 u mal-Qafas Kunċettwali tal-IPSAS. Din l-istima hija sensittiva ħafna għall-evoluzzjoni tal-istatus amministrattiv tal-persunal attwali (b'mod partikolari l-għadd ta' membri b'kuntratt għal żmien fiss li wieħed jassumi li se jsiru uffiċjali fil-futur).

2.9.2. *Moviment fil-valur preżenti ta' obbligu ta' benefiċċju definit tal-benefiċċji tal-impjegati*

Il-valur preżenti tal-obbligu tal-benefiċċju definit huwa l-pagamenti futuri mistennija skontati meħtieġa biex jiġi saldat l-obbligu li jirriżulta mis-servizz tal-impjegati fil-perjodi kurrenti u ta' qabel.

Hawn taħt hija ppreżentata analiżi taċ-ċaqliq tas-sena kurrenti fl-obbligu tal-benefiċċju definit:

(f'miljuni ta' EUR)

	Skema tal-Pensjoni tal-Uffiċjali Ewropej	Skemi ta' benefiċċji tal-irtirar oħrajn	Reġim Komuni tal-Assigurazzjoni tal-Mard	Total
Il-valur preżenti fil-31.12.2024	**84 765**	**1 942**	**6 850**	**93 557**
Rikonoxxuti fir-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja				
Il-kost kurrenti tas-servizz	*2 874*	*77*	*241*	*3 192*
Kost tal-imgħax	*2 794*	*63*	*226*	*3 083*
Rikonoxxuti fl-assi netti				
Kejl mill-ġdid f'obbligazzjonijiet ta' benefiċċji tal-impjegati				
(Qligħ)/telf attwarju minn esperjenza	*(1 498)*	*17*	*(202)*	*(1 683)*
(Qligħ)/telf attwarju minn suppożizzjonijiet demografiċi	*237*	*6*	*15*	*259*
(Qligħ)/telf attwarju minn suppożizzjonijiet finanzjarji	*(2 608)*	*(134)*	*(1 270)*	*(4 012)*
Oħrajn				
Benefiċċji mħallsin	*(2 567)*	*(84)*	*(140)*	*(2 791)*
Il-valur preżenti fil-31.12.2025	**83 998**	**1 887**	**5 721**	**91 605**

Il-kost tas-servizz kurrenti huwa ż-żieda fil-valur preżenti tal-obbligu tal-benefiċċju definit li jirriżulta mis-servizz tal-membri kurrenti fil-perjodu kurrenti.

Il-kost tal-imgħax jirreferi għaż-żieda matul il-perjodu fil-valur preżenti tal-obbligu tal-benefiċċju definit minħabba li l-benefiċċji huma perjodu wieħed eqreb lejn is-saldu.

Il-qligħ u t-telf attwarji mill-esperjenza jirreferu għall-effetti ta' differenzi bejn dak li kien mistenni skont is-suppożizzjonijiet li saru s-sena l-oħra għall-2025 u dak li verament seħħ fl-2025. Din il-partita tirrifletti wkoll l-impatt ta' dawk li daħlu l-aħħar (membri tal-persunal preżenti fl-eżerċizzju attwali iżda mhux f'ta' qablu).

Il-qligħ u t-telf attwarju mill-bidliet fil-valuri tas-suppożizzjonijiet attwarji (varjabbli demografiċi bħad-dawran tal-impjegati u l-mortalità u varjabbli finanzjarji bħar-rati ta' skont u ż-żidiet mistennija fis-salarji) jirriżultaw meta l-valuri stmati ta' dawn is-suppożizzjonijiet jiġu aġġornati sabiex ikunu jirriflettu l-kondizzjonijiet sottostanti.

Il-benefiċċji (pereżempju, pensjonijiet jew rimborżi ta' kostijiet mediċi) jitħallsu matul is-sena skont ir-regoli tal-iskema. Dawn il-benefiċċji mħallsin iwasslu għal tnaqqis fl-obbligu ta' benefiċċju definit.

2.9.3. *Assi tal-pjan*

(f'miljuni ta' EUR)

	Skemi ta' benefiċċji tal-irtirar oħrajn	Reġim Komuni tal-Assigurazzjoni tal-Mard	Total
Il-valur preżenti fil-31.12.2024	**23**	**438**	**461**
Moviment nett fl-assi tal-pjan	*(12)*	*29*	*17*
Il-valur preżenti fil-31.12.2025	**11**	**467**	**477**

2.9.4. *Suppożizzjonijiet attwarji – benefiċċji tal-impjegati*

Is-suppożizzjonijiet attwarji prinċipali użati fil-valwazzjoni taż-żewġ skemi ewlenin ta' benefiċċji għall-impjegati tal-UE huma murija hawn taħt:

	2025	2024
Skema tal-Pensjoni tal-Uffiċjali Ewropej		
Ir-rata ta' skont nominali	*3,8 %*	*3,3 %*
Ir-rata tal-inflazzjoni mistennija	*2,0 %*	*2,0 %*
Rata ta' skont reali	*1,8 %*	*1,3 %*
Ir-rata mistennija ta' żidiet fis-salarju fil-futur	*1,4 %*	*1,3 %*
Età tal-irtirar	*63/64/66*	*63/64/66*
Reġim Komuni tal-Assigurazzjoni tal-Mard		
Ir-rata ta' skont nominali	*3,8 %*	*3,3 %*
Ir-rata tal-inflazzjoni mistennija	*2,0 %*	*2,0 %*
Rata ta' skont reali	*1,8 %*	*1,3 %*
Ir-rata mistennija ta' żidiet fis-salarju fil-futur	*1,4 %*	*1,3 %*
Tendenzi fir-rati tal-kost mediku	*0,9 %*	*1,6 %*
Età tal-irtirar	*63/64/66*	*63/64/66*

Ir-rati ta' mortalità għall-2025 huma bbażati fuq it-Tabella aġġornata tal-UE dwar il-Ħajja tal-Impjegati taċ-Ċivil – EULT 2023, li tinkorpora xejra dinamika fuq it-18-il sena li jmiss.

Ir-rata ta' skont nominali hija ddeterminata bħala l-valur tar-rendiment mingħajr kupun tal-Euro (b'maturità ta' 17-il sena minn Diċembru 2025 għall-PSEO, u ta' 17-il sena għar-Reġim Komuni tal-Assigurazzjoni tal-Mard). Ir-rata tal-inflazzjoni użata tkun ir-rata tal-inflazzjoni mistennija matul il-perjodu ekwivalenti: l-inflazzjoni ta' ekwilibriju tiġi rkuprata billi jiġu kkumparati r-rendimenti tal-bonds tal-gvern marbutin mal-inflazzjoni u dawk regolari tas-swieq finanzjarji Ewropej ewlenin. Ir-rata ta' skont reali tiġi kkalkolata mir-rata ta' skont nominali u mir-rata ta' inflazzjoni mistennija fit-tul.

2.9.5. *Analiżi tas-sensittività*

L-analiżi tas-sensittività hija bbażata fuq simulazzjonijiet li jibdlu, b'kull ħaġa oħra tkun ugwali, il-valur tas-suppożizzjonijiet ikkonċernati.

Sensittività tal-Iskema ta' Pensjonijiet tal-Uffiċjali Ewropej

Bidla ta' 10 punti bażi (0,1 %) fir-rata ta' skont reali preżunta jkollha l-effetti li ġejjin:

(f'miljuni ta' EUR)

	2025		2024	
	Żieda ta' 0,1 %	Tnaqqis ta' 0,1 %	Żieda ta' 0,1 %	Tnaqqis ta' 0,1 %
Obbligu ta' benefiċċju definit	*(1 436)*	*1 474*	*(1 516)*	*1 558*

Bidla ta' 10 punti bażi (0,1 %) fiż-żidiet mistennija fis-salarju jkollha l-effetti li ġejjin:

(f'miljuni ta' EUR)

	2025		2024	
	Żieda ta' 0,1 %	Tnaqqis ta' 0,1 %	Żieda ta' 0,1 %	Tnaqqis ta' 0,1 %
Obbligu ta' benefiċċju definit	*1 439*	*(1 404)*	*1 514*	*(1 476)*

Bidla ta' sena fl-età ta' rtirar preżunta jkollha l-effetti li ġejjin:

(f'miljuni ta' EUR)

	2025		2024	
	Żieda ta' sena	Tnaqqis ta' sena	Żieda ta' sena	Tnaqqis ta' sena
Obbligu ta' benefiċċju definit	*(751)*	*1 078*	*(799)*	*1 109*

Sensittività tar-Reġim Komuni tal-Assigurazzjoni tal-Mard

Bidla ta' 10 punti bażi fir-rati tax-xejriet tal-kostijiet mediċi preżunti jkollha l-effetti li ġejjin:

(f'miljuni ta' EUR)

	2025		2024	
	Żieda ta' 0,1 %	Tnaqqis ta' 0,1 %	Żieda ta' 0,1 %	Tnaqqis ta' 0,1 %
L-aggregat tal-kost ta' servizz kurrenti u l-komponenti tal-kost tal-imgħax tal-kostijiet mediċi netti perjodiċi ta' wara l-impjieg	*11*	*(10)*	*11*	*(11)*
Obbligu ta' benefiċċju definit	*131*	*(127)*	*166*	*(162)*

Bidla ta' 10 punti bażi (0,1 %) fir-rata ta' skont nominali prežunta jkollha l-effetti li ġejjin:

(f'miljuni ta' EUR)

	2025		2024	
	Żieda ta' 0,1 %	Tnaqqis ta' 0,1 %	Żieda ta' 0,1 %	Tnaqqis ta' 0,1 %
Obbligu ta' benefiċċju definit	*(96)*	*99*	*(130)*	*133*

Bidla ta' 10 punti bażi (0,1 %) fiż-żidiet mistennija fis-salarju jkollha l-effetti li ġejjin:

(f'miljuni ta' EUR)

	2025		2024	
	Żieda ta' 0,1 %	Tnaqqis ta' 0,1 %	Żieda ta' 0,1 %	Tnaqqis ta' 0,1 %
Obbligu ta' benefiċċju definit	*(26)*	*25*	*(27)*	*26*

Bidla ta' sena fl-età ta' rtirar prežunta jkollha l-effetti li ġejjin:

(f'miljuni ta' EUR)

	2025		2024	
	Żieda ta' sena	Tnaqqis ta' sena	Żieda ta' sena	Tnaqqis ta' sena
Obbligu ta' benefiċċju definit	*(150)*	*161*	*(185)*	*197*

2.10. **PROVVEDIMENTI**

(f'miljuni ta' EUR)

	Ammont fil-31.12.2024	Provvedimenti addizzjonali	Ammonti mhux użati mroddin lura	Ammonti użati	Trasferimenti bejn kategoriji	Bidla fl-istima	Ammont fil-31.12.2025
Kawżi legali:							
Agrikoltura	*204*	*9*	*(178)*	–	–	–	*35*
Oħrajn	*100*	*149*	*(8)*	*(59)*	–	*0*	*182*
Żarmar ta' siti nukleari	*1 796*	–	–	*(53)*	–	*137*	*1 880*
Servizzi Finanzjarji	*7 082*	*1*	*(7 081)*	*(0)*	–	–	*3*
Oħrajn	*633*	*164*	*(206)*	*(17)*	–	*(61)*	*514*
Total	**9 816**	**323**	**(7 473)**	**(129)**	–	**76**	**2 613**
Mhux kurrenti	**2 280**	**58**	**(181)**	**(22)**	**(63)**	**76**	**2 149**
Kurrenti	**7 536**	**265**	**(7 292)**	**(107)**	**63**	–	**464**

Il-provvedimenti huma ammonti stmati b'mod affidabbli, li jirriżultaw minn avvenimenti tal-passat, li probabbilment se jkollhom jitħallsu mill-bażit tal-UE fil-ġejjieni.

Disposizzjonijiet finanzjarji

Fl-2024, l-UE rrikonoxxiet EUR 7,1 biljun ta' provvedimenti għall-ECL fuq l-impenn ta' self irrevokabbli għas-self tal-AMF ULCM. Is-self ġie żborżat kompletament lill-Ukrajna fl-2025, u b'hekk il-provvediment treġġa' lura u minflok ġie rikonoxxut provvediment għal indeboliment fil-31 ta' Diċembru 2025 — ara n-Nota **2.4.1.1**.

Kawżi legali

Din hija l-istima tal-ammonti li probabbilment ikollhom jitħallsu wara tmiem is-sena b'rabta ma' għadd ta' kawżi legali li għadhom għaddejjin. L-ammonti tal-Agrikoltura huma relatati ma' azzjonijiet legali tal-Istati Membri kontra d-deċiżjonijiet tal-approvazzjoni tal-konformità għall-FAEG u għall-FAEŻR.

Żarmar ta' siti nukleari

Mill-2017, il-bażi għall-provvediment ġiet aġġornata skont il-"JRC Decommissioning & Waste Management Programme Strategy (D&WMP) – Updated in 2017". Ir-rieżami tal-istrateġija, flimkien mal-ħtiġijiet tal-baġit u tal-persunal, twettaq flimkien mal-Grupp ta' Esperti indipendenti tad-D&WMP (Decommissioning & Waste Management Programme Strategy). Dan jirrappreżenta l-aħjar stima disponibbli tal-baġit u tal-persunal meħtieġa biex jitlesta d-dekummissjonar tas-siti tal-JRC ta' Geel, Karlsruhe u Petten. Għas-sit ta' Ispra, fl-2025 ġiet żviluppata stima riveduta tal-kostijiet għall-attivitajiet ta' dekummissjonar u din hija riflessa fid-dispożizzjoni.

F'konformità mar-regoli kontabilistiċi tal-UE, dan il-provvediment huwa indiċizzat għall-inflazzjoni u mbagħad skontat għall-valur preżenti nett tiegħu (bl-użu tal-kurva tal-iswap tal-euro). Fil-31 ta' Diċembru 2025, dan irriżulta fi provvediment ta' EUR 1 880 miljun, maqsum bejn l-ammonti li mistennijin jintużaw fl-2026 (EUR 45 miljun) u wara (EUR 1 834 miljun).

Irid jiġi nnotat li inċertezzi kbar, li huma inerenti għall-ippjanar fit-tul tad-dekummissjonar nukleari, jistgħu jaffettwaw din l-estima, li tista' tiżdied b'mod sinifikanti fil-ġejjieni. Is-sorsi ewlenin ta' inċertezza huma relatati mal-istat aħħari tas-sit dekummissjonat, il-materjali nukleari, l-aspetti tal-immaniġġar u r-rimi tal-iskart, id-definizzjoni inkompleta jew nieqsa tal-oqfsa regolatorji nazzjonali, il-proċessi kkumplikati u li jieħdu ħafna żmien tal-liċenzjar u l-iżviluppi futuri tas-suq industrijali tad-dekummissjonar.

2.11. OBBLIGAZZJONIJIET FINANZJARJI

(f'miljuni ta' EUR)

	Nota	31.12.2025	31.12.2024
Mhux kurrenti			
Obbligazzjonijiet finanzjarji b'kost amortizzat	*2.11.1*	*643 928*	*539 522*
Obbligazzjonijiet finanzjarji abbażi tal-valur ġust permezz ta' surplus jew defiċit	*2.4.2.2*	*9*	*13*
Obbligazzjonijiet tal-garanziji finanzjarji	*2.11.2*	*81*	*39*
		644 018	**539 575**
Kurrenti			
Obbligazzjonijiet finanzjarji b'kost amortizzat	*2.11.1*	*89 069*	*55 904*
Obbligazzjonijiet finanzjarji abbażi tal-valur ġust permezz ta' surplus jew defiċit	*2.4.2.2*	*53*	*84*
Obbligazzjonijiet tal-garanziji finanzjarji	*2.11.2*	*7 647*	*6 340*
		96 769	**62 328**
Total		**740 787**	**601 903**

2.11.1. *Obbligazzjonijiet finanzjarji b'kost amortizzat*

(f'miljuni ta' EUR)

	Nota	31.12.2025	31.12.2024
Teħid ta' self	*2.11.1.1*	*731 224*	*594 028*
Obbligazzjonijiet finanzjarji oħrajn	*2.11.1.2*	*1 773*	*1 398*
Total		**732 997**	**595 426**
Mhux kurrenti		*643 928*	*539 522*
Kurrenti		*89 069*	*55 904*

2.11.1.1. Teħid ta' self

(f'miljuni ta' EUR)

	Finanzjament Unifikat	SURE	EFSM	BOP	AMF	Euratom	Total
Total fil-31.12.2024	*437 628*	*98 839*	*42 297*	*201*	*14 762*	*301*	*594 028*
Teħid ta' self ġdid - nominali	*221 526*	*–*	*–*	*–*	*–*	*–*	*221 526*
Ripagamenti	*(73 266)*	*(8 000)*	*(2 400)*	*(200)*	*(20)*	*–*	*(83 886)*
Bidliet fl-ammont riportat	*(300)*	*(135)*	*(15)*	*(1)*	*7*	*(0)*	*(443)*
Movimenti oħrajn	*2 500*	*–*	*(2 500)*	*–*	*–*	*–*	*–*
Total fil-31.12.2025	**588 088**	**90 705**	**37 382**	**–**	**14 749**	**301**	**731 224**
Mhux kurrenti	*514 099*	*82 594*	*30 818*	*–*	*14 495*	*300*	*642 305*
Kurrenti	*73 989*	*8 111*	*6 564*	*–*	*255*	*0*	*88 919*

L-ammont nominali tat-teħid b'self fil-31 ta' Diċembru 2025 kien ta' EUR 738,9 biljun (2024: EUR 601,3 biljun). Il-maġġoranza ta' dan it-teħid b'self kien ħruġ ta' bonds fit-tul, ħlief għal finanzjament unifikat fejn il-Kambjali tal-UE fuq terminu qasir ta' EUR 36,8 biljun (2024: EUR 23,1 biljun) kienu wkoll pendenti fi tmiem is-sena. It-teħid b'self nett addizzjonali fl-2025 kien ta' EUR 137,6 biljun (nominali).

L-ammonti meħudin b'self għal self ta' SURE, EFSM, Euratom u AMF iffirmat qabel l-2023 huma tranżazzjonijiet "back-to-back", li jfisser li l-UE toħroġ bond iddedikat biex tiffinanzja ftehim ta' self speċifiku skont l-istess termini u kondizzjonijiet — ara n-Nota **2.4.1.1**.

Il-"finanzjament unifikat" jiffinanzja s-self tal-RRF (inkluż REPowerEU) u l-appoġġ mhux ripagabbli, kif ukoll il-faċilitajiet tal-Ukrajna, tal-Balkani tal-Punent u tal-Moldova u s-self tal-AMF iffirmat mill-2023. Il-Kummissjoni tuża approċċ ta' finanzjament aggregat li bih it-teħid b'self individwali ma jiffinanzjax żborżi speċifiċi direttament. Minflok, id-dejn jinħareġ skont pjan ta' self annwali, b'bonds fit-tul u kambjali b'terminu qasir. Il-Kummissjoni tuża rkanti u sindakazzjonijiet sabiex toħroġ dawn it-titoli. Imbagħad tgħaddi l-kostijiet, f'konformità mal-metodoloġija tal-allokazzjoni tal-kostijiet miftiehma mal-Istati Membri, lill-Istati Membri u lil pajjiżi benefiċjarji oħrajn għas-self u lill-baġit tal-UE għall-appoġġ mhux ripagabbli. Din il-flessibbiltà fil-finanzjament teħtieġ ukoll riżerva ta' likwidità għal ġestjoni effiċjenti tal-likwidità, ara n-Nota **2.8.2**. Fil-kuntest tal-istrateġija ta' finanzjament unifikat, l-Unjoni toħroġ Kambjali tal-UE fuq terminu qasir (3 sa 12-il xahar), li jistgħu jitħallsu lura matul l-istess sena jew fis-sena ta' wara. Il-linja "Ripagamenti" tirreferi għal EUR 55,3 biljun ta' tali teħid b'self għal terminu qasir.

Il-linja "Bidliet fl-ammont riportat" tikkorrispondi għall-bidla fl-imgħax dovut u għall-bidla fil-primjums/fl-iskontijiet (primjums/skontijiet ġodda u amortizzament).

Il-linja "Movimenti oħra" hija relatata ma' trasferiment ta' EUR 2,5 biljun ta' bonds (nominali) mill-programm tal-EFSM għall-finanzjament unifikat wara l-ħlas lura bikri ta' żewġ selfiet mill-Portugall — ara n-Nota **2.4.1.1**.

Il-ħlas lura tas-self meħud imsemmi hawn fuq huwa fl-aħħar mill-aħħar garantit mill-baġit tal-UE — ara n-Nota **2.4.1.1**.

2.11.1.2. Obbligazzjonijiet finanzjarji oħrajn

(f'miljuni ta' EUR)

	31.12.2025	31.12.2024
Mhux kurrenti		
Obbligazzjonijiet ta' lokazzjonijiet finanzjarji	*511*	*605*
Binjiet imħallsin b'pagamenti parzjali	*244*	*283*
Kontribuzzjonijiet b'kondizzjonijiet	*617*	*234*
Oħrajn	*251*	*134*
	1 623	**1 256**
Kurrenti		
Obbligazzjonijiet ta' lokazzjonijiet finanzjarji	*90*	*79*
Binjiet imħallsin b'pagamenti parzjali	*57*	*55*
Kontribuzzjonijiet b'kondizzjonijiet	*3*	*8*
Oħrajn	–	–
	150	**142**
Total	**1 773**	**1 398**

Obbligazzjonijiet ta' lokazzjonijiet finanzjarji

(f'miljuni ta' EUR)

	Ammonti futuri li jridu jitħallsu			
	< sena 1	1-5 snin	> 5 snin	Obbligazzjoni Totali
Art u bini	*87*	*256*	*248*	*592*
Assi fissi oħrajn	*3*	*6*	–	*9*
Total fil-31.12.2025	**90**	**263**	**248**	**601**
Element tal-imgħax	*20*	*64*	*59*	*143*
Total tal-pagamenti minimi futuri tal-lokazzjonijiet fil-31.12.2025	**110**	**327**	**308**	**744**
Total tal-pagamenti minimi futuri tal-lokazzjonijiet fil-31.12.2024	*102*	*361*	*393*	*856*

L-ammonti relatati mal-kiri u l-bini hawn fuq iridu jiġu ffinanzjati minn baġits futuri.

Il-kontribuzzjonijiet b'kondizzjonijiet huma relatati ma' kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri u minn donaturi oħrajn għall-programmi tal-UE, b'mod partikolari għal InvestEU (ara n-Nota **4.1.1**), fejn l-UE għandha obbligu li tirritorna kwalunkwe fond mhux użat lill-kontributur.

2.11.2. *Obbligazzjonijiet tal-garanziji finanzjarji*

(f'miljuni ta' EUR)

	31.12.2025		31.12.2024	
	Riċevibbli ta' garanzija finanzjarja (Nota 2.6.2)	Obbligazzjoni ta' garanzija finanzjarja	Riċevibbli ta' garanzija finanzjarja (Nota 2.6.2)	Obbligazzjoni ta' garanzija finanzjarja
Programmi ta' garanziji baġitarji tal-UE				
Garanziji tal-ELM tal-BEI	*11*	*1 806*	*19*	*1 862*
Garanziji tal-FEIS	*1 248*	*1 307*	*1 345*	*1 402*
Garanzija tal-EFSD	*9*	*89*	*7*	*192*
Garanzija ta' InvestEU	*276*	*1 841*	*190*	*1 606*
Garanzija tal-UE tal-NDICI	*60*	*915*	*30*	*582*
Garanzija għall-Ukrajna	*24*	*1 248*	*10*	*61*
	1 629	**7 205**	**1 600**	**5 707**
Programmi ta' strumenti finanzjarji tal-UE				
COSME	–	*219*	–	*304*
Orizzont 2020	*4*	*126*	*6*	*198*
Oħrajn	*18*	*179*	*23*	*171*
	22	**523**	**29**	**673**
Total	**1 651**	**7 729**	**1 629**	**6 379**
Mhux kurrenti	*1 359*	*81*	*1 324*	*39*
Kurrenti	*293*	*7 647*	*306*	*6 340*

L-UE tapplika l-preżentazzjoni grossa tal-kuntratti ta' garanzija finanzjarja, fejn id-dħul li għad irid jiġi riċevut skont il-garanzija huwa rikonoxxut bħala komponent ta' riċevibbli ta' garanzija finanzjarja (ippreżentat taħt l-intestatura tar-riċevibbli tal-kambju — ara n-Nota **2.6.2**) u obbligazzjoni ta' garanzija finanzjarja hija rikonoxxuta wkoll li tirrappreżenta l-obbligazzjoni tal-UE għall-kopertura tal-pretensjonijiet ta' garanzija futuri.

Filwaqt li l-obbligazzjonijiet tal-garanzija finanzjarja tal-ELM u tal-FEIS għadhom sinifikanti, il-garanziji taħt programmi ġodda f'dan il-QFP, jiġifieri InvestEU, NDICI, u l-garanzija għall-Ukrajna bdew fl-2024, ikomplu jiżdiedu minħabba l-firem ta' operazzjonijiet ġodda mis-sħab ta' implimentazzjoni tal-UE (ara wkoll in-Nota **4.1.1**).

Ħlief għall-garanzija tal-FEIS, li biha l-UE hija intitolata għal remunerazzjoni mistennija – rikonoxxuta bħala riċevibbli ta' garanzija finanzjarja – li tkopri fil-biċċa l-kbira l-obbligazzjoni, għall-programmi li jifdal id-dħul mistenni jkopri biss frazzjoni żgħira tal-garanzija. Dan huwa dovut għal sehem għoli ta' sussidjar tal-UE għal dawk il-programmi, b'mod partikolari dawk previsti għal finanzjament b'riskju ogħla għall-SMEs jew għas-settur tal-innovazzjoni, kif ukoll garanziji għal proġetti f'pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw.

2.12. **AMMONTI PAGABBLI**

(f'miljuni ta' EUR)

	Ammont Gross	Aġġustamenti	Ammont Nett fil-31.12.2025	Ammont Gross	Aġġustamenti	Ammont Nett fil-31.12.2024
Pretensjonijiet tal-kostijiet u fatturi riċevuti minn:						
Stati Membri						
Il-FAEŻR u strumenti oħrajn tal-iżvilupp rurali	*1 892*	*–*	*1 892*	*269*	*(0)*	*269*
Il-FEŻR u l-FK	*13 463*	*(2 250)*	*11 213*	*6 036*	*(2 258)*	*3 778*
FSE	*8 720*	*(557)*	*8 164*	*2 156*	*(447)*	*1 708*
RRF (NGEU)	*22 707*	*(1 646)*	*21 061*	*28 016*	*(724)*	*27 292*
Oħrajn	*1 463*	*(217)*	*1 247*	*1 824*	*(318)*	*1 506*
Entitajiet pubbliċi u privati	*1 187*	*(15)*	*1 172*	*1 957*	*(334)*	*1 623*
Pretensjonijiet tal-kostijiet u fatturi totali riċevuti	**49 433**	**(4 684)**	**44 749**	**40 258**	**(4 082)**	**36 176**
FAEG	**15 344**	**M/A**	**15 344**	**15 086**	**M/A**	**15 086**
Ammonti pagabbli tar-riżorsi proprji	**47**	**M/A**	**47**	**–**	**M/A**	**–**
Ammonti pagabbli varji	**4 344**	**M/A**	**4 344**	**3 624**	**M/A**	**3 624**
Oħrajn	**553**	**M/A**	**553**	**528**	**M/A**	**528**
Total	**69 721**	**(4 684)**	**65 037**	**59 496**	**(4 082)**	**55 414**

L-ammonti pagabbli jinkludu l-fatturi u l-pretensjonijiet tal-kostijiet riċevuti iżda li jkunu għadhom ma ħallsux sa tmiem is-sena. Huma jiġu rikonoxxuti inizjalment fil-mument tal-wasla tal-fatturi jew tal-pretensjonijiet tal-kost għall-ammonti mitlubin. L-ammonti pagabbli sussegwentement jiġu aġġustati sabiex ikunu jirriflettu biss l-ammonti aċċettati wara r-rieżami tal-kostijiet, u l-ammonti stmati li huma eliġibbli. L-ammonti stmati li ma humiex eliġibbli huma inklużi fil-kolonna "Aġġustamenti"; l-akbar ammonti jirrigwardaw l-azzjonijiet strutturali.

It-tnaqqis b'EUR 6,2 biljun fl-ammonti pagabbli tal-RRF jindika li kien hemm anqas talbiet għal ħlas riċevuti lejn it-tmiem tas-sena li għalihom il-valutazzjoni tal-istadji importanti u tal-miri kienet għadha pendenti.

Iż-żieda fl-ammonti pagabbli tal-FAEŻR hija minħabba li l-2025 kienet l-aħħar sena ta' implimentazzjoni tal-perjodu ta' programmazzjoni preċedenti, bil-biċċa l-kbira tal-programmi jkunu laħqu l-limitu massimu ta' 95 %. B'riżultat ta' dan, ir-rimborż tal-pretensjonijiet tal-kost relatati huwa sospiż, li huwa rifless fil-livell ogħla ta' ammonti pagabbli.

Iż-żieda fl-ammonti pagabbli fiż-żona ta' koeżjoni hija minħabba għadd ogħla ta' pretensjonijiet tal-kost li ġew riċevuti għall-ħlas sal-31 ta' Diċembru meta mqabbla mas-sena preċedenti, li għalihom il-verifika tal-eliġibbiltà u l-ħlas kienu għadhom pendenti.

Ir-RDK (ir-Regolamenti dwar Dispożizzjonijiet Komuni (UE) Nru 1303/2013 [34] u (UE) 2021/1060 [35] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) applikabbli għall-Fondi Strutturali (FEŻR u FSE), għall-Fond ta' Koeżjoni u għall-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS) jipprevedi li l-bażit tal-UE huwa protett permezz ta' żamma fuq il-pagamenti interim magħmulin. Sa Frar wara t-tmiem tas-sena kontabilistika tar-RDK (mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Ġunju), iċ-ċiklu ta' kontroll jitlesta, kemm permezz ta' verifiki ta' ġestjoni mill-awtoritajiet ta' ġestjoni kif ukoll permezz ta' awditi mill-awtoritajiet tal-awditjar. Il-Kummissjoni teżamina d-dokumenti ta' assigurazzjoni u l-kontijiet ippruvduti mill-awtoritajiet rilevanti fl-Istati Membri. Il-ħlas jew l-irkupru tal-bilanċ finali jsir biss wara li tiġi ffinalizzata din il-valutazzjoni u wara li jiġu aċċettati l-kontijiet. L-ammont miżmum skont dan il-provvediment fi tmiem l-2025 kien jammonta għal total ta' EUR 11,2 biljun. Parti minn dan l-ammont (EUR 1,3 biljun) hija stmata bħala mhux eliġibbli abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri fil-kontijiet tagħhom u hija inkluża wkoll fil-kolonna "Aġġustamenti".

Ammonti Pagabbli tar-Riżorsi Proprji

Il-pagabbli tar-riżorsi proprji jirreferu għall-kontribuzzjonijiet bażitarji tal-UE lill-Istati Membri li għandhom jiġu rimborżati fi tmiem is-sena. Il-bażits emendatorji huma implimentati skont l-Artikolu 10a(3) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 609/2014. Il-bilanċ fil-31 ta' Diċembru 2025 kien dovut għall-adozzjoni tal-bażit emendatorju Nru 3/2025 fis-26 ta' Novembru 2025. Skont din id-dispożizzjoni legali, l-ammonti li rriżultaw intraddu lura lill-Istati Membri fl-ewwel jum tax-xogħol ta' Jannar 2026.

2.13. IMPOSTI DOVUTI U INTROJTU DIFFERIT

(f'miljuni ta' EUR)

	31.12.2025	31.12.2024
Imposti dovuti	*76 785*	*66 792*
Introjtu differit	*197*	*159*
Oħrajn	*66*	*140*
Total	**77 048**	**67 091**

L-imposti dovuti jitqassmu kif ġej:

(f'miljuni ta' EUR)

	31.12.2025	31.12.2024
RRF (NGEU)	*12 688*	*4 371*
FAEG	*25 337*	*25 586*
Il-FAEŻR u strumenti oħrajn tal-iżvilupp rurali	*15 786*	*17 374*
Il-FEŻR u l-FK	*3 670*	*3 101*
FSE	*2 929*	*2 318*
Oħrajn	*16 376*	*14 042*
Total	**76 785**	**66 792**

([34]) Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1303/oj).

([35]) Ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1060/oj).

L-imposti dovuti jirreferu għall-ispejjeż rikonoxxuti li għalihom l-Unjoni għad trid tirċievi pretensjonijiet tal-kost. L-akbar moviment jikkonċerna l-RRF, fejn iż-żieda qed tirrifletti l-pass tal-implimentazzjoni ta' dan l-istrument peress li l-istima hija bbażata fuq tbassir ta' pagamenti fuq terminu qasir. Għall-FAEŻR, l-Istati Membri ddikjaraw infiq ogħla taħt programmi mill-perjodu preċedenti tal-QFP, peress li kienet l-aħħar sena ta' implimentazzjoni, li wasslet għal tnaqqis fid-dovuti.

ASSI NETTI

2.14. RIŻERVI

L-ammont tar-riżervi tal-UE huwa ta' EUR 941 miljun (EUR 986 miljun fl-2024). L-ammont huwa primarjament relatat mar-riżervi tal-KEFA f'likwidazzjoni, li jammontaw għal EUR 533 miljun (EUR 593 miljun fl-2024) għall-assi tal-Fond tar-Riċerka għall-Faħam u l-Azzar, li nħolqu fil-kuntest tal-istralċ tal-KEFA f'likwidazzjoni. Dan huwa relatat ukoll mal-fond ta' riżerva tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea, li jiżgura l-kontinwità tal-operazzjonijiet tiegħu, li jammontaw għal EUR 292 miljun (EUR 293 miljun fl-2024).

2.15. AMMONTI LI JRIDU JIĠU EŻERĊITATI MILL-ISTATI MEMBRI

(f'miljuni ta' EUR)

Ammonti li għandhom jiġu eżerċitati mill-Istati Membri fil-31.12.2024	**309 810**
Riżultat tal-bażit tal-2024 ikkreditat lill-Istati Membri	*1 348*
Kejl mill-ġdid f'obbligazzjonijiet ta' benefiċċji tal-impjegati	*(5 603)*
Oħrajn	*(85)*
Riżultat ekonomiku tas-sena	*54 639*
Ammonti totali li għandhom jiġu eżerċitati mill-Istati Membri fil-31.12.2025	**360 108**

Dan l-ammont jirrappreżenta dik il-parti mill-ispejjeż imġarrba mill-UE sal-31 ta' Diċembru li trid titħallas minn bażits futuri. Ħafna mill-ispejjeż huma rikonoxxuti skont ir-regoli dwar il-kontabbiltà bbażata fuq id-dovuti fis-sena N, għalkemm effettivament jistgħu jitħallsu fis-sena N+1 (jew aktar tard) u, għalhekk, jiġu ffinanzjati billi jintuża l-bażit tas-sena N+1 (jew aktar tard). L-inklużjoni fil-kontijiet ta' dawn l-obbligazzjonijiet flimkien mal-fatt li l-ammonti li jikkorrispondu magħhom huma ffinanzjati minn bażits futuri, iwasslu biex ikun hemm ħafna aktar obbligazzjonijiet milli assi fi tmiem is-sena. L-aktar ammonti sinifikanti li għandhom jiġu enfasizzati jikkonċernaw it-teħid b'self fir-rigward tal-appoġġ mhux ripagabbli meħud taħt l-NGEU, l-attivitajiet tal-FAEG u l-obbligazzjonijiet tal-benefiċċji tal-impjegati.

Għandu jiġi nnotat ukoll li dan ta' hawn fuq ma għandu l-ebda effett fuq ir-riżultat tal-bażit – id-dħul tal-bażit dejjem għandu jkun daqs jew akbar min-nefqa tal-bażit u kwalunkwe dħul eċċessiv jintradd lura lill-Istati Membri.

Il-kejl mill-ġdid fl-obbligazzjonijiet tal-benefiċċji tal-impjegati huwa relatat mal-qligħ u t-telf attwarji li jirriżultaw mill-valwazzjoni attwarji ta' dawn l-obbligazzjonijiet.

Iż-żieda konsiderevoli tal-ammonti li għandhom jintalbu mill-Istati Membri f'dawn l-aħħar snin hija primarjament dovuta għas-self fir-rigward ta' appoġġ mhux ripagabbli meħud taħt l-NGEU f'dan il-perjodu.

3. NOTI GĦAR-RAPPORT TAL-PRESTAZZJONI FINANZJARJA

DĦUL

DĦUL MINN TRANŻAZZJONIJIET MHUX TA' SKAMBJU: RIŻORSI PROPRJI

3.1. RIŻORSI TAL-ING

Id-dħul mir-riżorsi proprji huwa l-element primarju tad-dħul operazzjonali tal-UE. Id-dħul tal-ING (introjtu nazzjonali gross) huwa l-aktar sinifikanti mill-4 kategoriji ta' riżorsi proprji. Jiġi impost perċentwal uniformi fuq l-ING ta' kull Stat Membru. Id-dħul tal-ING jibbilanċja d-dħul u l-infiq, jiġifieri jiffinanzja l-parti mill-bażit li ma hijiex koperta minn sorsi oħrajn ta' introjtu. Iż-żieda fid-dħul tal-ING fl-2025 meta mqabbel mal-2024 huwa spjegat fil-biċċa l-kbira b'żieda tal-ħtiġijiet tal-approprjazzjonijiet ta' pagament.

3.2. RIŻORSI PROPRJI TRADIZZJONALI

Ir-riżorsi proprji tradizzjonali huma relatati prinċipalment mad-dazji doganali fejn l-Istati Membri jżommu, permezz tal-kostijiet tal-ġbir, 25 % tal-ammonti, u għalhekk iċ-ċifri ta' hawn fuq huma netti minn dan it-tnaqqis. Il-livell ta' dazji fuq l-importazzjoni tirrifletti b'mod essenzjali l-kombinazzjoni ta' fluttwazzjonijiet fil-valur tal-importazzjonijiet minn barra l-UE u bidliet fit-tariffa komuni, li tnaqqset matul numru ta' okkażjonijiet wara n-negozjati fi ħdan l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO, World Trade Organisation), u ftehimiet speċifiċi li jagħtu preferenzi tariffarji lil ċerti sħab kummerċjali jew lil ċerti prodotti. Għaldaqstant, il-livell jiddependi wkoll fuq is-sitwazzjoni ekonomika ġenerali, il-livell tal-prezzijiet dinjija u l-impatt tar-rati tal-kambju.

3.3. RIŻORSI TAL-VAT

Ir-riżorsa proprja tal-VAT tiġi kkalkolata abbażi tal-bażijiet tal-VAT tal-Istati Membri, li huma armonizzati għal dan l-għan f'konformità mar-regoli tal-UE. Rata uniformi ta' ġbir ta' 0,30 % tapplika għall-ammont totali ta' riċevuti tal-VAT ta' kull Stat Membru miġburin għall-provvisti taxxabbli kollha diviż bir-rata medja ponderata tal-VAT. Il-bażi tal-VAT għandha limitu massimu ta' 50 % tal-ING ta' kull Stat Membru.

3.4. RIŻORSI PROPRJI TAL-PLASTIKS

Rata uniformi ta' ġbir ta' EUR 0,80 għal kull kilogramma tapplika għall-piż tal-iskart mill-imballaġġ tal-plastik iġġenerat minn kull Stat Membru li mhux irriċiklat. L-iskart mill-imballaġġ tal-plastik li ma jiġix irriċiklat f'sena partikolari jiġi kkalkolat bħala d-differenza bejn l-iskart mill-imballaġġ tal-plastik iġġenerat u l-iskart mill-imballaġġ tal-plastik irriċiklat f'dik is-sena fi Stat Membru. Il-Bulgarija, iċ-Ċekja, l-Estonja, il-Greċja, Spanja, il-Kroazja, l-Italja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja u s-Slovakkja huma intitolati għal tnaqqis annwali speċifiku fis-somma f'daqqa fil-kontribuzzjonijiet rispettivi tagħhom tar-riżorsi proprji tal-plastiks. Din ir-riżorsa proprja relattivament ġdida ġiet introdotta fl-2021 bid-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni l-ġdida dwar ir-Riżorsi Proprji (id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053) ([36]).

DĦUL MINN TRANŻAZZJONIJIET MHUX TA' SKAMBJU: TRASFERIMENTI

3.5. MULTI

Dħul ta' EUR 5 370 miljun (2024: EUR 4 039 miljun) huwa relatat prinċipalment ma' multi li l-Kummissjoni imponiet fuq kumpaniji għall-ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni tal-UE (EUR 3 971 miljun) u multi oħrajn imposti fuq kumpaniji (EUR 837 miljun).

3.6. IRKUPRU TAL-ISPEJJEŻ

(f'miljuni ta' EUR)

	2025	2024
Spejjeż delegati lill-Istati Membri	*1 291*	*755*
Għotjiet	*34*	*157*
Kontribuzzjonijiet/Ftehimiet ta' Delega	*50*	*44*
Oħrajn	*1*	-
Total	**1 376**	**957**

Din l-intestatura tirrappreżenta prinċipalment l-ordnijiet ta' rkupru maħruġa mill-Kummissjoni li huma msarrfin jew paċuti kontra (jiġifieri mnaqqsa minn) pagamenti sussegwenti rreġistrati fis-sistema kontabilistika tal-Kummissjoni. L-ordnijiet ta' rkupru jinħarġu sabiex tiġi rkuprata n-nefqa li qabel kienet tħallset mill-baġit tal-UE. L-irkupri huma bbażati fuq kontrolli, verifiki jew analiżi tal-eliġibbiltà u, għalhekk, dawn l-operazzjonijiet jipproteġu l-baġit tal-UE minn nefqa mġarrba bi ksur tal-liġi.

([36]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 tal-14 ta' Diċembru 2020 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea u li tħassar id-Deċiżjoni 2014/335/UE, Euratom, (ĠU L 424, 15.12.2020, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2020/2053/oj).

Ġew inklużi wkoll l-ordnijiet ta' rkupru maħruġa mill-Istati Membri lill-benefiċjarji tan-nefqa tal-FAEG, kif ukoll il-varjazzjoni tal-estimi tal-introjtu dovut minn tmiem is-sena preċedenti sa tmiem is-sena kurrenti.

L-ammonti inklużi fit-tabella ta' hawn fuq jirrappreżentaw dħul li jsir permezz tal-ħruġ ta' ordnijiet ta' rkupru. Għal din ir-raġuni, dawn iċ-ċifri ma jistgħux juru l-firxa sħiħa tal-miżuri meħuda biex ikun protett il-baġit tal-UE, partikolarment għall-politika ta' koeżjoni fejn hemm fis-seħħ mekkaniżmi speċifiċi sabiex jiżguraw il-korrezzjoni ta' nefqa ineliġibbli, li ħafna minnha ma tinvolvix il-ħruġ ta' ordni ta' rkupru. Il-baġit tal-UE huwa protett ukoll bl-irtirar tan-nefqa u l-irkupri tal-prefinanzjament. L-irkupri relatati mal-ispejjeż delegati lill-Istati Membri jiffurmaw il-maġġoranza tat-total:

L-Agrikoltura: il-FAEG u l-iżvilupp rurali

Fil-qafas tal-FAEG u tal-FAEŻR, l-ammonti kontabilizzati bħala dħul għas-sena taħt din l-intestatura huma korrezzjonijiet finanzjarji tas-sena u rimborżi ddikjarati mill-Istati Membri u rkuprati matul is-sena, kif ukoll iż-żieda netta fl-ammonti pendenti ddikjarati mill-Istati Membri li jridu jiġu rkuprati fi tmiem is-sena fir-rigward ta' frodi u irregolaritajiet.

Il-politika ta' koeżjoni

L-ammonti ewlenin relatati mal-politika ta' koeżjoni huma l-ammonti li l-Kummissjoni tistenna li tirkupra mill-Istati Membri. L-irkupru se jsir wara l-eżami u l-aċċettazzjoni tal-kontijiet annwali ppreżentati mill-Istati Membri fil-bidu tal-2026. L-ammonti li għandhom jiġu rkuprati jirrappreżentaw essenzjalment id-differenza bejn l-ammonti inizjalment iddikjarati bħala eliġibbli matul is-sena kontabilistika u l-ammonti kkonfermati bħala eliġibbli fil-kontijiet annwali tal-Istati Membri. Ammont baxx ifisser li l-kontrolli fis-seħħ fil-livell tal-Istati Membri ppermettew l-identifikazzjoni ta' ammonti ineliġibbli kmieni fil-proċess.

3.7. FTEHIM DWAR IL-ĦRUĠ TAR-RENJU UNIT

Dan id-dħul huwa relatat mal-ammonti netti dovuti mir-Renju Unit skont il-Ftehim dwar il-Ħruġ iffirmat wara l-ħruġ tiegħu mill-Unjoni fl-2020 (ara n-Nota **2.6.1.2**), aġġustati kull sena f'konformità mar-rekwiżiti tal-Ftehim. Fl-2025, ma kien hemm l-ebda dħul tal-parametru uniku li jirriżulta mill-Ftehim dwar il-Ħruġ tar-Renju Unit; minflok, ġiet rikonoxxuta spiża ta' EUR 465 miljun.

3.8. DĦUL IEĦOR MINN TRANŻAZZJONIJIET MHUX TA' SKAMBJU

(f'miljuni ta' EUR)

	2025	2024
Kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri:		
Fond għall-Innovazzjoni	*2 614*	*2 297*
RePowerEU	*6 360*	*5 869*
Il-Fond Soċjali għall-Klima	*3 668*	*-*
Għajnuna esterna	*1 001*	*671*
InvestEU	*58*	*207*
Taxxi u kontribuzzjonijiet tal-persunal	*1 882*	*1 754*
Kontribuzzjoni minn entitajiet oħra lill-KE	*3 293*	*524*
Kontribuzzjoni mill-EFTA, pajjiżi terzi u pajjiżi ta' adeżjoni	*4 874*	*4 527*
Trasferiment ta' assi	*–*	*307*
Aġġustamenti baġitarji	*(5 811)*	*(6 169)*
Aġġustament tal-provvedimenti	*459*	*426*
Oħrajn	*175*	*261*
Total	**18 572**	**10 673**

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri għall-Fond għall-Innovazzjoni huma dħul relatat primarjament mal-bejgħ ta' kwoti tal-emissjonijiet li għandhom jintużaw sabiex jappoġġaw l-innovazzjoni f'teknoloġiji b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju. Iż-żieda meta mqabbla mal-2024 hija marbuta prinċipalment ma' żieda fil-prezz tal-karbonju. Id-dħul mill-irkant iġġenerat taħt il-kwoti tal-ETS intuża wkoll biex jipprovdi appoġġ addizzjonali lill-Istati Membri permezz tal-kapitoli ta' REPowerEU (EUR 6,4 biljun) kif ukoll biex jiffinanzja l-Fond Soċjali għall-Klima, li se jipprovdi appoġġ finanzjarju lill-Istati Membri għall-miżuri u għall-investimenti inklużi fil-Pjanijiet Soċjali għall-Klima tagħhom għall-perjodu 2026-2032 (EUR 3,7 biljun). Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri għall-għajnuna esterna jinkludu primarjament il-kontribuzzjonijiet tar-rata tal-imgħax għas-self tal-AMF+ lill-Ukrajna (EUR 0,6 biljun).

Id-dħul mit-taxxi u mill-kontribuzzjonijiet tal-persunal huwa relatat primarjament mat-tnaqqis mis-salarji tal-persunal. Il-kontribuzzjonijiet tal-irtirar u t-taxxa fuq l-introjtu jirrappreżentaw l-ammonti sostanzjali fi ħdan din il-kategorija.

Il-kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi tal-EFTA jammontaw għal EUR 1,5 biljun u l-kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi terzi u mill-pajjiżi ta' adeżjoni primarjament jinkludu kontribuzzjonijiet finanzjarji għal Orizzont Ewropa (EUR 2,8 biljun).

L-aġġustament baġitarju huwa primarjament marbut mal-aġġustamenti fil-VAT u fl-ING abbażi tar-riżorsi proprji minn snin finanzjarji preċedenti. B'din l-operazzjoni, il-Kummissjoni tqassam mill-ġdid il-bilanċi totali tal-VAT u tal-ING, pożittivi jew negattivi, lill-Istati Membri f'konformità mal-koeffiċjent tal-ING tagħhom. Iż-żieda żgħira hija marbuta prinċipalment ma' surplus baġitarju ogħla mis-sena preċedenti paċut parzjalment minn ammonti ogħla li għandhom jiġu ridistribwiti għall-ING, għall-VAT u għar-riżorsi proprji tal-plastiks.

DĦUL MINN TRANŻAZZJONIJIET TA' SKAMBJU

3.9. **DĦUL FINANZJARJU**

(f'miljuni ta' EUR)

	2025	2024
Imgħax fuq:		
Self	*5 720*	*4 129*
Flus u ekwivalenti ta' flus	*1 823*	*1 726*
Inadempjenza	*237*	*224*
Teħid ta' self	*217*	*228*
Oħrajn	*39*	*38*
Dħul mill-FGCs	*1 245*	*971*
Qligħ fuq l-assi jew fuq l-obbligazzjonijiet finanzjarji fl-FVSD:		
Mhux derivattivi	*1 357*	*1 490*
Derivattivi	*772*	*165*
Qligħ mill-irtirar tar-rikonoxximent mis-self	*24*	*–*
Dividendi	*9*	*31*
Oħrajn	*202*	*4*
Total	**11 646**	**9 005**

Id-dħul mill-imgħax ta' inadempjenza jirriżulta prinċipalment minn multi u minn kontribuzzjonijiet mir-riżorsi proprji dovuti u mhux imħallsin fil-ħin.

L-imgħaxijiet fuq is-self żdiedu l-aktar minħabba self ġdid taħt l-RRF/ir-REPowerEU, l-AMF u l-Faċilità għall-Ukrajna. Għall-RRF/għar-REPPower, l-imgħaxijiet kienu ta' EUR 3,1 biljun fl-2025 meta mqabblin ma' EUR 2,0 biljun fis-sena ta' qabel. Kien hemm żborżi ġodda fl-2025 u l-iżborżi tat-tieni nofs tal-2024 kisbu mgħax ta' sena sħiħa fl-2025. Għall-AMF, l-imgħaxijiet kienu ta' EUR 1,1 biljun meta mqabblin ma' EUR 0,8 biljun fl-2024. Iż-żieda ġejja prinċipalment mill-iżborżi tal-AMF ULCM tal-2024. Għall-Faċilità għall-Ukrajna, l-interessi kienu ta' EUR 0,5 biljun, meta mqabbla ma' EUR 0,2 biljun fl-2024, fejn l-iżborżi bdew biss matul it-tieni semestru.

Id-dħul mill-imgħax minn flus u ekwivalenti ta' flus jikkonsisti prinċipalment minn EUR 1,6 biljun ta' mgħax fuq il-parteċipazzjonijiet ta' likwidità għall-finanzjament unifikat (pjazzamenti f'kont bankarju miżmum fil-BĊE, depożiti għal żmien qasir u tranżazzjonijiet ta' riakkwist) — ara n-Nota **2.8.2**.

Id-dħul mill-imgħax minn teħid b'self huwa relatat prinċipalment ma' SURE u jirriżulta mir-rati tal-imgħax effettivi negattivi għal ċertu ħruġ tal-passat.

Id-dħul minn kuntratti ta' garanzija finanzjarja jirrigwarda primarjament l-amortizzament tal-obbligazzjonijiet ta' garanzija finanzjarja. Dan jista' jiġi interpretat bħala rilaxx tal-UE minn obbligazzjonijiet ta' garanzija għall-perjodu li l-UE kienet lesta li tikkumpensa lid-detenturi tal-garanziji għat-telf ta' kreditu tagħhom. Għalhekk, ir-rikonoxximent tad-dħul għall-garanziji finanzjarji jirrifletti l-mogħdija taż-żmien u l-volum garantit. L-amortizzazzjonijiet japplikaw għaż-żewġ tipi ta' garanziji, dawk li huma remunerati u dawk li għalihom l-UE ma titlob l-ebda remunerazzjoni jew titlob remunerazzjoni nominali (ara n-Nota **2.11.2**). Mill-garanziji remunerati, l-aktar sinifikanti hija l-garanzija tal-FEIS ipprovduta lill-BEI għall-portafoll tad-dejn tat-Tieqa għall-Infrastruttura u l-Innovazzjoni ("IIW") u kkombinata mal-portafolli tad-dejn ta' InvestEU (ara n-Nota **4.1.1**). Fl-2025, id-dħul miksub mill-garanzija tal-FEIS fir-rigward ta' dawk il-portafolli tad-dejn kombinati kien jammonta għal EUR 202 miljun.

Id-dħul relatat ma' kuntratti ta' garanzija finanzjarja ta' EUR 1 245 miljun huwa kkumpensat minn telf minn indeboliment għal obbligazzjonijiet ta' garanzija finanzjarja li jammontaw għal EUR 1 199 miljun relatati ma': talbiet għal ħlas ta' garanzija netti mill-irkupri ta' EUR 683 miljun u telf minn indeboliment mhux realizzat ta' EUR 516-il miljun (ara n-Noti **3.15** u **6.6**). Barra minn hekk, l-UE ssussidjat programmi ta' garanzija finanzjarja għal EUR 1 942 miljun billi ma talbet l-ebda primjum ta' garanzija bir-rata tas-suq jew inqas (ara n-Nota **3.15**). B'kollox, ir-riżultat nett mill-programmi ta' garanziji finanzjarji huwa defiċit ta' EUR 1 896 miljun.

Il-qligħ mill-assi finanzjarji mhux derivattivi fuq l-FVSD jirreferi l-aktar għas-CPF (EUR 0,8 biljun) u għall-Fond għall-Innovazzjoni (EUR 0,3 biljun). It-tnaqqis fir-rata tal-imgħax kellu impatt pożittiv fuq il-valur ġust tat-titoli.

Il-qligħ mill-irtirar tar-rikonoxximent fuq is-self huwa relatat ma' ħlas lura bikri ta' self tal-EFSM ta' EUR 1,8 biljun mill-Portugall bil-valur tas-suq tal-bond sottostanti — ara n-Nota **2.4.1.1**.

3.10. DĦUL IEĦOR MINN TRANŻAZZJONIJIET TA' SKAMBJU

(f'miljuni ta' EUR)

	2025	2024
Dħul mit-tariffi għall-għoti ta' servizzi (aġenziji)	*927*	*855*
Qligħ mir-rata tal-kambju	*490*	*325*
Bejgħ ta' prodotti	*64*	*58*
Sehem mir-riżultat nett tal-FEI	*69*	*83*
Dħul relatat ma' assi fissi	*230*	*907*
Oħrajn	*720*	*364*
Total	**2 500**	**2 592**

Id-dħul mit-tariffi għall-għoti ta' servizzi jinkludi prinċipalment it-tariffi tal-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni mitluba mill-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini u t-tariffi tat-trademarks miġbura mill-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea.

SPEJJEŻ

3.11. DELEGATI LILL-ISTATI MEMBRI

(f'miljuni ta' EUR)

	2025	2024
Il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija	*40 914*	*40 267*
Il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u strumenti oħrajn tal-iżvilupp rurali	*17 017*	*14 779*
Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni	*31 032*	*28 833*

(f'miljuni ta' EUR)

	2025	2024
Fond Soċjali Ewropew	*17 308*	*18 037*
Oħrajn	*4 514*	*3 854*
Total	**110 784**	**105 770**

Iż-żieda tikkonċerna l-politika ta' koeżjoni (FEŻR, FK) fejn kważi l-ispejjeż kollha (EUR 28,1 biljun) huma relatati mal-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027, bl-attivitajiet ikomplu javvanzaw. Kien hemm ukoll żieda fl-infiq iddikjarat skont il-pjanijiet strateġiċi tal-PAK, li jkomplu l-progressjoni tagħhom.

Spejjeż oħrajn huma prinċipalment relatati mal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (EUR 1,4 biljun), mal-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (EUR 0,8 biljun), mal-Ażil u l-Migrazzjoni (EUR 0,6 biljun), kif ukoll mal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (EUR 0,8 biljun).

3.12. TRASFERIMENTI INKLUŻI GĦOTJIET U APPOĠĠ BAĠITARJU

(f'miljuni ta' EUR)

	2025	2024
Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza	*46 815*	*65 787*
Oħrajn	*32 025*	*32 992*
Total	**78 841**	**98 779**

Minkejja t-tnaqqis sinifikanti fl-ispejjeż tal-RRF, l-implimentazzjoni tal-istadji importanti u tal-miri tkompli timxi 'l quddiem.

Il-bqija tal-ispejjeż relatati mat-trasferimenti jikkonċernaw l-implimentazzjoni tal-Politika tar-Riċerka (EUR 10 biljun) u l-Azzjonijiet Esterni, li jinkludu l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali u l-prekursuri tiegħu (EUR 3,1 biljun), kif ukoll l-operazzjonijiet ta' Għajnuna Umanitarja (EUR 1,1 biljun). EUR 4,6 biljun oħrajn huma relatati mal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, il-fond ta' infrastruttura komuni għall-introduzzjoni ta' networks intelliġenti fil-qasam tat-trasport, tal-enerġija u tat-telekomunikazzjoni.

3.13. FTEHIMIET TA' KONTRIBUZZJONI

(f'miljuni ta' EUR)

	2025	2024
Kontribuzzjonijiet	*13 200*	*16 820*
Total	**13 200**	**16 820**

L-ispejjeż relatati mal-ftehimiet ta' kontribuzzjoni jikkonċernaw prinċipalment l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u l-prekursuri tiegħu (EUR 4,5 biljun), il-programmi spazjali (EUR 3,2 biljun), Erasmus+ (EUR 2,9 biljun) u l-Politika tar-Riċerka (EUR 1,9 biljun).

3.14. IL-KOSTIJIET TAL-PERSUNAL U TAL-PENSJONIJIET

(f'miljuni ta' EUR)

	2025	2024
Il-kostijiet tal-persunal	*9 679*	*9 070*
Il-kostijiet tal-pensjonijiet	*6 275*	*5 896*
Total	**15 954**	**14 966**

Il-kostijiet tal-pensjonijiet jirrappreżentaw elementi tal-movimenti li rriżultaw wara l-valwazzjoni attwarja tal-obbligazzjonijiet tal-benefiċċji tal-impjegati minbarra dawk rikonoxxuti fl-assi netti. Għalhekk, huma ma jirrappreżentawx il-pagamenti tal-pensjoni attwali tas-sena, li huma ferm aktar baxxi, b'valur ta' EUR 2,8 biljun.

3.15. **KOSTIJIET TAL-FINANZJAMENT**

(f'miljuni ta' EUR)

	2025	2024
Spejjeż tal-imgħax:		
Teħid ta' self	*14 037*	*9 780*
Self	*148*	*159*
Lokazzjonijiet finanzjarji	*26*	*31*
Oħrajn	*42*	*32*
FGCs – remunerazzjoni sussidjata	*1 942*	*1 156*
Telf nett minn indeboliment fuq:		
Kuntratti ta' garanzija finanzjarja	*1 199*	*474*
Self, impenji ta' self u riċevibbli	*8 066*	*14 134*
Telf fuq l-assi jew fuq l-obbligazzjonijiet finanzjarji fl-FVSD:		
Mhux derivattivi	*170*	*153*
Derivattivi	*153*	*252*
Telf minħabba modifika	*1 131*	*763*
Telf mill-irtirar tar-rikonoxximent fuq is-self	*94*	–
Kostijiet ta' finanzjament garantiti	*119*	*151*
Oħrajn	*28*	*140*
Total	**27 156**	**27 226**

Iż-żieda ta' EUR 4,3 biljun fl-ispejjeż tas-self tirriżulta mill-attivitajiet ta' finanzjament unifikati, li għalihom l-imgħaxijiet kienu ta' EUR 12,7 biljun meta mqabblin ma' EUR 8,4 biljun fis-sena preċedenti. Ir-raġunijiet għal dan huma teħid b'self ġdid fl-2025 u minħabba l-fatt li l-ħruġ tat-tieni semestru tal-2024, iġġarrab imgħax ta' sena sħiħa fl-2025.

L-ispiża tal-imgħax fuq is-self hija r-riżultat ta' ċerti tranżazzjonijiet ta' SURE, li fihom il-fondi meħudin b'self fi żminijiet ta' rati tal-imgħax negattivi ngħataw b'self "back-to-back" lill-Istati Membri, bl-istess termini u kondizzjonijiet.

Għal aktar dettalji dwar l-ispejjeż relatati mal-garanziji finanzjarji (FGC), ara n-Nota **3.9**.

It-telf nett minn indeboliment fuq self, impenji ta' self u riċevibbli huma relatati prinċipalment mal-ECL fuq is-self tal-Faċilità għall-Ukrajna u tal-AMF ULCM fl-2025. Ara n-Noti **2.4.1.1** u **6.6**.

It-telf minħabba modifika huwa relatat mas-sussidju fuq ir-rata tal-imgħax mogħti lill-Ukrajna għall-AMF+, is-self eċċezzjonali tal-AMF u tal-Faċilità għall-Ukrajna — ara n-Nota **2.4.1.1**.

It-telf mill-irtirar tar-rikonoxximent fuq is-self huwa relatat ma' ħlas lura bikri ta' self tal-EFSM ta' EUR 0,7 biljun mill-Portugall bil-valur tas-suq tal-bond sottostanti — ara n-Nota **2.4.1.1**.

Il-kostijiet ta' finanzjament garantiti huma kostijiet imġarrba mis-sħab ta' implimentazzjoni biex jiffinanzjaw investimenti ta' ekwità ggarantiti mill-UE. Fuq il-bażi tal-ftehimiet ta' garanzija, l-UE tiggarantixxi dawn il-kostijiet, flimkien mal-investimenti fl-ekwità assoċjati.

3.16. **SPEJJEŻ TA' AKKWIST, AMMINISTRATTIVI U SPEJJEŻ OĦRA**

(f'miljuni ta' EUR)

	2025	2024
Spejjeż amministrattivi, tal-IT u spejjeż oħra	*6 687*	*3 956*
Spejjeż relatati ma' assi fissi u spejjeż ta' ġestjoni tal-art u tal-bini	*2 164*	*2 662*
Telf mir-rata tal-kambju	*621*	*282*
Spejjeż ta' lokazzjonijiet operatorji	*589*	*560*
Aġġustament tal-provvedimenti	*458*	*415*
Tnaqqis tal-multi permezz ta' deċiżjoni tal-Qorti	*214*	*1 123*
Total	**10 733**	**8 997**

Spejjeż amministrattivi, fuq l-IT u oħrajn primarjament jinkludu spejjeż ta' konsulenza (EUR 1,5 biljun), spejjeż relatati mal-IT (EUR 1,3 biljun) u diversi spejjeż operatorji (EUR 2,3 biljun), pereżempju provvisti tal-uffiċċju, avvenimenti, konferenzi u spejjeż ta' komunikazzjoni.

Il-linja "Tnaqqis tal-multi b'deċiżjoni tal-Qorti" turi ammont aktar baxx fl-2025 meta mqabbel mal-2024 peress li multi ta' ammonti relattivament iżgħar ġew ikkanċellati fl-2025 meta mqabbla mal-2024 (fejn multa ta' EUR 432 miljun tħassret minħabba li l-Kummissjoni rtirat id-deċiżjoni dwar il-multi imposta fuq Illumina / Grail fi proċediment ta' fużjoni, u multa ta' EUR 684 miljun imposta fl-2009 fuq Intel tħassret parzjalment bħala riżultat ta' deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja maħruġa f'Ottubru 2024).

L-ammont aggregat tan-nefqa għar-riċerka u l-iżvilupp rikonoxxut bħala spiża matul l-2025 huwa kif ġej:

(f'miljuni ta' EUR)

	2025	2024
Kostijiet tar-riċerka	*468*	*479*
Kostijiet tal-iżvilupp mhux kapitalizzati	*127*	*119*
Total	**594**	**598**

3.17. **RAPPORTAR FUQ IS-SEGMENTI SKONT L-OQSMA EWLENIN TA' NFIQ**

(f'miljuni ta' EUR)

	Fondi Agrikoli	Fond ta' Koeżjoni u Fondi Strutturali oħra	RRF u attivitajiet finanzjarji	Riċerka u Innovazzjoni	Azzjoni esterna	Tranżizzjoni Ekoloġika u Saħħa Pubblika	Politiki oħra [1]	KE Totali	Istituzzjonijiet u Aġenziji oħra tal-UE	UE Totali
Riżorsi tal-ING	–	–	–	–	–	–	*106 342*	*106 342*	–	*106 342*
Riżorsi proprji tradizzjonali	–	–	–	–	–	–	*23 436*	*23 436*	–	*23 436*
VAT	–	–	–	–	–	–	*25 728*	*25 728*	–	*25 728*
Riżorsi proprji tal-plastiks	–	–	–	–	–	–	*7 524*	*7 524*	–	*7 524*
Multi	–	–	–	*358*	–	*101*	*4 912*	*5 370*	–	*5 370*
Irkupru tal-ispejjeż	*948*	*348*	–	*21*	*12*	*0*	*37*	*1 365*	*10*	*1 376*
Ftehim dwar il-Ħruġ tar-Renju Unit	–	–	–	–	–	–	–	–	–	–
Oħrajn	*319*	*3 792*	*6 360*	*3 884*	*593*	*2 952*	*(4 590)*	*13 310*	*5 262*	*18 572*
Dħul Mhux Minn Skambju	**1 268**	**4 139**	**6 360**	**4 262**	**605**	**3 053**	**163 389**	**183 077**	**5 272**	**188 348**
Dħul finanzjarju	*0*	*1*	*16 506*	*1 844*	*(258)*	*340*	*(6 856)*	*11 579*	*68*	*11 646*
Oħrajn	*(5)*	*(4)*	*142*	*344*	*183*	*(40)*	*823*	*1 443*	*1 057*	*2 500*
Dħul minn Skambju	**(5)**	**(3)**	**16 649**	**2 188**	**(74)**	**300**	**(6 033)**	**13 021**	**1 125**	**14 146**
Dħul totali	**1 263**	**4 136**	**23 009**	**6 450**	**531**	**3 353**	**157 355**	**196 098**	**6 397**	**202 495**
Spejjeż delegati lill-Istati Membri										
FAEG	*(40 914)*	–	–	–	–	–	–	*(40 914)*	–	*(40 914)*
FAEŻR u oħrajn	*(17 017)*	–	–	–	–	–	–	*(17 017)*	–	*(17 017)*
Il-FEŻR u l-FK	–	*(31 032)*	–	–	–	–	–	*(31 032)*	–	*(31 032)*
FSE	–	*(17 308)*	–	–	–	–	–	*(17 308)*	–	*(17 308)*
Oħrajn	–	*(3 081)*	–	–	–	–	*(1 432)*	*(4 514)*	–	*(4 514)*

(f'miljuni ta' EUR)

	Fondi Agrikoli	Fond ta' Koeżjoni u Fondi Strutturali oħra	RRF u attivitajiet finanzjarji	Riċerka u Innovazzjoni	Azzjoni esterna	Tranżizzjoni Ekoloġika u Saħħa Pubblika	Politiki oħra [1]	KE Totali	Istituzzjonijiet u Aġenziji oħra tal-UE	UE Totali
Trasferimenti inklużi għotjiet u appoġġ baġitarju							–	–	–	
RRF	–	–	*(46 815)*	–	–	–	–	*(46 815)*	–	*(46 815)*
Oħrajn	*(38)*	*(203)*	*(1 489)*	*(18 938)*	*(5 901)*	*(104)*	*(1 615)*	*(28 289)*	*(3 737)*	*(32 025)*
Ftehimiet ta' kontribuzzjoni, inklużi l-korpi tal-UE	*(124)*	*(546)*	*197*	*(5 159)*	*(7 190)*	*(526)*	*(5 988)*	*(19 337)*	*6 137*	*(13 200)*
Kostijiet tal-persunal u tal-pensjonijiet	*3*	*1*	–	*(3)*	*(0)*	*1*	*(10 695)*	*(10 694)*	*(5 260)*	*(15 954)*
Kostijiet tal-finanzjament	*(7)*	*0*	*(22 718)*	*(1 658)*	*(1 943)*	*(1)*	*(773)*	*(27 100)*	*(56)*	*(27 156)*
Ftehim dwar il-Ħruġ tar-Renju Unit	–	–	–	–	–	–	*(465)*	*(465)*	–	*(465)*
Infiq fuq l-akkwist, l-amministrazzjoni u nefqa oħra	*(54)*	*(141)*	*(62)*	*(2 260)*	*(1 027)*	*(316)*	*(3 563)*	*(7 423)*	*(3 310)*	*(10 733)*
Spejjeż totali	**(58 152)**	**(52 311)**	**(70 888)**	**(28 018)**	**(16 062)**	**(946)**	**(24 531)**	**(250 907)**	**(6 226)**	**(257 134)**
Riżultat ekonomiku tassena	**(56 889)**	**(48 174)**	**(47 879)**	**(21 568)**	**(15 531)**	**2 407**	**132 825**	**(54 810)**	**171**	**(54 639)**

([1]) Id-dħul ippreżentat taħt "Politiki oħra" jinkludi prinċipalment id-dħul mir-riżorsi proprji tal-UE li jaqa' taħt il-prinċipju tal-universalità u jintuża mingħajr distinzjoni biex jiffinanzja n-nefqa kollha mdaħħla fil-baġit annwali tal-Unjoni.

ELI: http://data.europa.eu/eli/communic/C/2026/4821/oj

ELI: http://data.europa.eu/eli/communic/C/2026/4821/oj

3.18. **RIKLASSIFIKAZZJONI TA' ĊIFRI KOMPARATTIVI FIR-RAPPORT TAL-PRESTAZZJONI FINANZJARJA**

Mill-kontijiet annwali tal-2025, l-ispejjeż prinċipali fir-Rapport tal-prestazzjoni finanzjarja huma ppreżentati fi struttura ġdida, li tiffoka fuq it-tip ta' strument aktar milli fuq it-tip ta' implimentazzjoni tal-baġit (Ġestjoni Kondiviża, Ġestjoni Diretta, Ġestjoni Indiretta). Kif meħtieġ mir-regoli kontabilistiċi tal-UE, iċ-ċifri komparattivi tal-2024 ġew riklassifikati kif xieraq. L-impatt tar-riklassifikazzjoni huwa muri hawn taħt:

(f'miljuni ta' EUR)

	Implimentat minn									
	Ġestjoni Kondiviża	Ġestjoni Diretta	Ġestjoni Indiretta							
	Stat Stati Membri	Kummissjoni, aġenziji eżekuttivi u fondi fiduċjarji	Aġenziji u korpi oħra tal-UE	Pajjiżi terzi u organizzazzjoni-jiet internazzjonali	Oħrajn oħrajn	Kostijiet tal-persunal u tal-pensjonijiet	Kostijiet tal-finanzjament	Ftehim dwar il-Ħruġ tar-Renju Unit	Oħrajn Spejjeż oħrajn	**Spejjeż totali 2024 (riklassifikati)**
Delegati lill-Istati Membri	*(105 770)*									*(105 770)*
Trasferimenti inklużi għotjiet u appoġġ baġitarju										
RRF		*(65 787)*								*(65 787)*
Oħrajn		*(32 992)*								*(32 992)*
Ftehimiet ta' kontribuzzjoni inklużi l-korpi tal-UE		*(194)*	*(4 388)*	*(6 639)*	*(5 599)*					*(16 820)*
Kostijiet tal-persunal u tal-pensjonijiet						*(14 966)*				*(14 966)*
Spejjeż finanzjarji							*(27 226)*			*(27 226)*
Ftehim dwar il-Ħruġ tar-Renju Unit								*(315)*		*(315)*
Spejjeż ta' akkwist, spejjeż amministrattivi u spejjeż oħra		*2*							*(8 999)*	*(8 997)*
Spejjeż totali	**(105 770)**	**(98 971)**	**(4 388)**	**(6 639)**	**(5 599)**	**(14 966)**	**(27 226)**	**(315)**	**(8 999)**	**(272 873)**

4. OBBLIGAZZJONIJIET U ASSI KONTINĠENTI

L-obbligazzjonijiet kontinġenti huma obbligi ta' ħlas futuri possibbli għall-UE li jistgħu jirriżultaw minħabba avvenimenti li seħħew fil-passat jew impenji legalment vinkolanti meħudin, iżda li jiddependu fuq avvenimenti futuri li ma humiex kompletament taħt il-kontroll tal-UE. Dawn huma relatati prinċipalment ma' garanziji mogħtijin u ma' riskji legali. **L-obbligazzjonijiet kontinġenti kollha, għajr dawk relatati mal-multi, il-garanziji u l-istrumenti finanzjarji sal-punt li huma koperti mill-fondi (ara n-Nota 2.4.2.1), jiġu ffinanzjati, jekk ikunu dovuti, mill-baġit tal-UE (u b'hekk mill-Istati Membri tal-UE) fis-snin li ġejjin.**

4.1. Garanziji mogħtijin mill-baġit tal-UE

4.1.1. *Garanziji mogħtijin skont il-programmi ta' garanziji baġitarji tal-UE (nominali)*

(f'miljuni ta' EUR)

	31.12.2025			
	Garanziji mogħtija			Assi proviżjonati [1]
	Limitu Massimu	Iffirmati	Żborżati	
Garanziji tal-ELM tal-BEI	*20 880*	*20 880*	*16 826*	*3 529*
Garanziji tal-FEIS	*25 119*	*21 449*	*19 982*	*9 234*
Garanzija tal-EFSD	*583*	*573*	*451*	*809*
Garanzija ta' InvestEU	*28 469*	*15 519*	*6 010*	*8 912*
Garanzija għall-azzjoni esterna tal-NDICI	*33 965*	*16 461*	*2 949*	*3 583*
Garanzija għall-Ukrajna	*3 540*	*2 699*	*1 181*	*614*
Total	**112 556**	**77 580**	**47 399**	**26 681**

[1] L-EUR 3,5 biljun ta' assi pprovduti għall-garanziji tal-ELM tal-BEI jkopru wkoll self u teħid b'self relatat taħt l-AMF u l-Euratom ta' legat (ara n-Nota 2.4.1.1).

(f'miljuni ta' EUR)

	31.12.2024			
	Garanziji mogħtija			Assi proviżjonati [1]
	Limitu Massimu	Iffirmati	Żborżati	
Garanziji tal-ELM tal-BEI	*25 772*	*25 772*	*19 184*	*3 400*
Garanziji tal-FEIS	*25 373*	*22 998*	*21 033*	*8 941*
Garanzija tal-EFSD	*759*	*667*	*521*	*785*
Garanzija ta' InvestEU	*27 042*	*11 769*	*3 468*	*6 802*
Garanzija għall-azzjoni esterna tal-NDICI	*30 173*	*11 228*	*1 341*	*2 943*
Garanzija għall-Ukrajna	*790*	*172*	*132*	*202*
Total	**109 909**	**72 606**	**45 678**	**23 073**

[1] L-EUR 3,4 biljun ta' assi pprovduti għall-garanziji tal-ELM tal-BEI jkopru wkoll self u teħid b'self relatat taħt l-AMF u l-Euratom ta' legat (ara n-Nota 2.4.1.1).

It-tabelli ta' hawn fuq juru l-firxa tal-iskopertura tal-baġit tal-UE għall-pagamenti futuri possibbli relatati mal-garanziji mogħtija lill-grupp tal-BEI jew lil istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn. L-ammonti żborżati jirrappreżentaw l-ammonti diġà mogħtija lill-benefiċjarji finali, filwaqt li l-ammonti ffirmati jinkludu dawn il-flejjes żborżati flimkien ma' ftehimiet diġà ffirmati ma' benefiċjarji jew ma' intermedjarji finanzjarji iżda li għadhom ma ġewx żborżati fi tmiem is-sena (EUR 30,2 biljun). Il-limitu massimu jirrappreżenta l-garanzija totali li l-baġit tal-UE, u għalhekk l-Istati Membri tagħha, impenjaw ruħhom li jkopru, peress li sabiex tiġi żvelata l-iskopertura massima ffaċċjata mill-UE fil-31 ta' Diċembru 2025, iridu jiġu inklużi l-operazzjonijiet awtorizzati li għad iridu jiġu ffirmati iżda li għadhom ma ġewx iffirmati (EUR 35,0 biljun).

Il-programmi ta' garanzija baġitarja huma appoġġati minn dispożizzjonijiet mibnija gradwalment mill-baġit u miżmuma fis-CPF bħala riżerva ta' likwidità biex ikopru talbiet futuri għal ħlas ta' garanzija (ara n-Nota **2.4.2.1**). Jekk jogħġbok irreferi għan-Nota **6.2** għall-miżuri implimentati biex jiġi żgurat li l-proviżjonament ikun biżżejjed biex ikopri t-talbiet għal ħlas ta' garanzija fuq terminu medju. Kwalunkwe telf imġarrab taħt il-programmi ta' garanziji baġitarji, lil hinn mill-proviżjonament imwarrab, fi kwalunkwe każ ikun jeħtieġ li jiġi kopert minn baġits futuri. Għall-kompartiment tal-InvestEU tal-Istati Membri, l-UE tirċievi wkoll kontrogaranziji mill-Istati Membri u mill-pajjiżi taż-ŻEE (ara hawn taħt).

Garanziji tal-ELM tal-BEI

Il-baġit tal-UE jiggarantixxi s-self iffirmat u mogħti mill-BEI mir-riżorsi proprji tal-BEI lil pajjiżi terzi. Fil-31 ta' Diċembru 2025, l-ammont ta' self pendenti u kopert mill-garanzija tal-UE kien jammonta għal EUR 16 826 miljun. Il-garanziji tal-baġit tal-UE:

— EUR 16 680 miljun permezz tal-kompartiment tal-Fond ta' Garanzija għall-azzjonijiet esterni tas-CPF; u

— EUR 146 miljun direttament għas-self mogħti lill-Istati Membri qabel l-adeżjoni.

Inklużi fil-garanziji mogħtija fil-31 ta' Diċembru 2025 hemm EUR 0,7 biljun ta' self iffirmat iżda mhux żborżat li għalih l-iżborżi futuri huma kondizzjonali għall-approvazzjoni mill-UE (EUR 2,1 biljun fl-2024). It-tnaqqis mill-2024, huwa parzjalment dovut għat-trasferiment ta' ċerti operazzjonijiet mill-ELM għall-Garanzija għall-Ukrajna.

Il-garanzija tal-ELM tal-UE relatata ma' self mogħti mill-BEI hija limitata għal 65 % tal-bilanċi pendenti għal ftehimiet iffirmati wara l-2007 (mandati 2007–2013 u 2014–2021). Għall-ftehimiet li saru qabel l-2007, il-garanzija tal-UE hija limitata għal perċentwal tal-limitu massimu tal-linji ta' kreditu awtorizzati, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet 65 %, iżda wkoll 70 %, 75 % jew 100 %. Meta l-limitu massimu ma jintlaħaqx, il-garanzija tal-UE tkopri l-ammont sħiħ.

Bid-Deċiżjoni (UE) 2018/412 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([37]), ġie stabbilit mandat ta' self għas-settur privat għal proġetti mmirati lejn ir-reżiljenza ekonomika fit-tul tar-refuġjati, tal-migranti, tal-komunitajiet ospitanti u ta' tranżitu taħt l-Inizjattiva ta' Reżiljenza tal-BEI ("ERI", EIB Resilience Initiative). Il-baġit tal-Unjoni huwa remunerat għar-riskju meħud b'rabta mal-garanziji mogħtija għall-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI skont il-Mandat Privat tal-ERI, li jispjega l-primjum riċevibbli għall-garanzija tal-ELM, li mill-bqija hija garanzija mhux remunerata (ara n-Nota **2.11.2**).

Il-mandat tal-ELM 2014–2020, li skada fl-2021, kien l-aħħar mandat taħt il-Fond ta' Garanzija għall-azzjonijiet esterni. Il-mandat il-ġdid tal-BEI huwa kopert mill-Garanzija għall-Azzjoni Esterna stabbilita bir-Regolament NDICI.

Il-pagamenti ta' garanzija tal-UE jsiru mill-kompartiment tal-Fond ta' Garanzija għall-azzjonijiet esterni tas-CPF. Matul l-2025, l-irkupri riċevuti qabżu t-talbiet ta' garanzija b'EUR 0,3 miljun (2024: L-UE ħallset EUR 11-il miljun f'talbiet ta' garanzija netti mill-irkupri).

Il-garanzija tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS)

Il-FEIS huwa inizjattiva li għandha l-għan li żżid il-kapaċità tal-Grupp tal-BEI li jġorr ir-riskju billi tippermetti lill-BEI jestendi l-investimenti tiegħu fl-UE. L-objettiv tal-FEIS huwa li jappoġġa investimenti addizzjonali fl-UE u l-aċċess għall-finanzjament għal kumpaniji żgħar. Il-baġit tal-UE jipprovdi garanzija sa EUR 26 biljun ("garanzija tal-UE tal-FEIS") skont ftehim bejn l-UE u l-BEI, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-"Ftehim tal-FEIS", sabiex il-BEI jiġi protett minn telf potenzjali li jista' jġarrab mill-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment tiegħu.

([37]) Id-Deċiżjoni (UE) 2018/412 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2018 li temenda d-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE li tagħti garanzija tal-UE lill-Bank Ewropew tal-Investiment kontra telf minn operazzjonijiet ta' finanzjament li jappoġġaw proġetti ta' investiment barra mill-Unjoni (ĠU L 76, 19.3.2018, p. 30, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2018/412/oj).

L-operazzjonijiet tal-FEIS jitwettqu f'żewġ twieqi: it-Tieqa tal-Infrastruttura u l-Innovazzjoni (IIW, Infrastructure and Innovation Window) implimentata mill-BEI (garanzija tal-UE tal-FEIS ta' EUR 19 250 biljun) u t-Tieqa tal-SMEs (SMEW, SME Window) implimentata mill-FEI (garanzija tal-UE tal-FEIS ta' EUR 6 750 miljun), li t-tnejn li huma għandhom portafoll tad-dejn u portafoll tal-ekwità. Il-FEI jaġixxi skont ftehim mal-BEI abbażi ta' garanzija tal-BEI, li hija kontrogarantita mill-Garanzija tal-UE tal-FEIS skont il-Ftehim dwar il-FEIS. Sabiex tissaħħaħ l-effiċjenza tal-Garanzija tal-UE u tiżdied il-kapaċità ta' rfigħ tar-riskji tagħha, fl-2022 saret effettiva taħlita ta' żewġ portafolli tad-dejn tal-FEIS ma' InvestEU. Kwalunkwe talba ta' garanzija, irkupru u dħul jitqassmu bejn il-FEIS u l-Garanzija InvestEU fuq il-bażi ta' allokazzjonijiet garantiti effettivi.

L-UE u l-BEI għandhom rwoli distinti fi ħdan il-FEIS. Il-FEIS huwa stabbilit fil-BEI, li jiffinanzja l-operazzjonijiet (dejn u investimenti ta' ekwità) u, biex jagħmel dan, jissellef il-fondi meħtieġa fis-swieq kapitali. Il-Grupp tal-BEI jieħu d-deċiżjonijiet ta' investiment b'mod indipendenti u jiġġestixxi l-operazzjonijiet f'konformità mar-regoli u l-proċeduri tiegħu. L-UE tipprovdi l-garanzija għal dawk l-operazzjonijiet u tkopri t-telf imġarrab mill-BEI sal-limitu massimu ta' din il-garanzija.

Billi l-kriterji ta' kontroll u r-rekwiżiti ta' kontabilità għal konsolidazzjoni skont ir-regoli kontabilistiċi tal-UE (u l-IPSAS) ma humiex issodisfati, l-assi garantiti relatati ma jiġux kontabilizzati fil-kontijiet annwali konsolidati tal-UE.

Il-garanzija tal-UE mogħtija lill-Grupp tal-BEI skont il-FEIS hija kontabilizzata bħala obbligazzjoni ta' garanzija finanzjarja fir-rigward tal-portafoll tad-dejn tal-IIW u tal-portafoll tad-dejn tal-SMEW (ara n-Nota **2.11.2**) u bħala derivattiv (assi jew obbligazzjoni finanzjarja abbażi tal-valur ġust permezz ta' surplus jew defiċit) għaż-żewġ portafolli ta' ekwità (ara n-Nota **2.4.2.2**). Il-garanzija tal-FEIS mogħtija tinkludi operazzjonijiet tal-programmi COSME, H2020, CCS u EaSI għall-parti koperta mill-garanzija tal-UE tal-FEIS taħt il-portafoll tad-dejn tal-SMEW.

Matul l-2025, tħallsu EUR 296 miljun f'talbiet netti ta' garanzija mill-kompartiment tal-FEIS tas-CPF, inklużi xi talbiet għal ħlas ta' garanzija mġarrba fis-snin preċedenti iżda temporanjament koperti mid-dħul tal-UE fil-kont tas-saldu tal-FEIS fil-BEI (2024: EUR 151 miljun).

Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli (EFSD)

Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli, stabbilit bir-Regolament tal-EFSD ([38]), huwa inizjattiva li għandha l-għan li tappoġġa l-investimenti fl-Afrika u fil-Viċinat Ewropew bħala mezz li jikkontribwixxi għall-ilħuq tal-iżvilupp sostenibbli u li jindirizza l-kawżi soċjoekonomiċi speċifiċi sottostanti għall-migrazzjoni. Skont ir-Regolament tal-EFSD, l-UE kienet awtorizzata tagħmel disponibbli garanziji ta' EUR 1,5 biljun (miżjudin ulterjorment permezz ta' kontribuzzjonijiet esterni) lis-sħab ta' implimentazzjoni għall-operazzjonijiet ta' investiment u ta' finanzjament tagħhom, sabiex tnaqqas ir-riskji ta' investiment tagħhom. Il-Garanzija tal-EFSD hija appoġġata mis-CPF – ara n-Nota **2.4.2.1**.

Għal wieħed mill-ftehimiet ta' garanzija tal-EFSD (fejn l-UE tiggarantixxi l-adegwatezza kapitali ta' fond għall-iħħeġġjar tal-munita għal ammont ta' EUR 145 miljun), f'każ ta' sejħa ta' garanzija, l-UE għandha dritt ta' rimborż sabiex tirċievi ishma tal-fond li jiswew daqs l-ammont imħallas.

Garanzija għall-azzjoni esterna tal-NDICI

Ir-Regolament (UE) 2021/947 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([39]), stabbilixxa l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali — Ewropa Globali, inkluż il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli Plus (l-"EFSD+") u l-Garanzija għall-Azzjoni Esterna, għall-perjodu tal-QFP 2021–2027. L-objettiv tal-EFSD+ huwa li jippromwovi investimenti sostenibbli fil-pajjiżi sħab tal-UE.

Il-Garanzija għall-Azzjoni Esterna tappoġġa l-operazzjonijiet tal-EFSD+ koperti minn garanziji baġitarji, minn assistenza makrofinanzjarja u minn self lil pajjiżi terzi. Hija appoġġata mis-CPF – ara n-Nota **2.4.2.1**.

([38]) Ir-Regolament (UE) 2017/1601 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Settembru 2017 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli (EFSD), il-Garanzija tal-EFSD u l-Fond ta' Garanzija tal-EFSD (ĠU L 249, 27.9.2017, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2017/1601/oj).

([39]) Ir-Regolament (UE) 2021/947 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali, li jemenda u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE u jħassar ir-Regolament (UE) 2017/1601 u r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009, (ĠU L 209, 14.6.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/947/oj).

Fil-31 ta' Diċembru 2025, il-ftehimiet ta' garanzija baġitarja kienu effettivi għal limitu massimu pendenti totali ta' EUR 34,0 biljun, li minnhom EUR 26,6 biljun huma relatati ma' garanziji pprovduti lill-BEI għas-self estern tagħhom lil kontropartijiet sovrani u sottosovrani taħt it-Twieqi għall-Investiment tal-NDICI 1 u 2 (suċċessuri tal-ELM).

Għal wieħed mill-ftehimiet ta' garanzija tal-NDICI (fejn l-UE tiggarantixxi l-adegwatezza kapitali ta' fond għall-ilħħeġġjar tal-munita għal ammont ta' EUR 150 miljun), f'każ ta' talba ta' garanzija, l-UE għandha dritt ta' rimborż sabiex tirċievi ishma tal-fond li jiswew daqs l-ammont imħallas.

Garanzija ta' InvestEU

Fl-2025, l-UE adottat ir-Regolament InvestEU rivedut bħala parti mill-pakkett Omnibus II. Skont ir-reviżjoni, il-garanzija baġitarja tal-UE żdiedet b'EUR 2,9 biljun, u b'hekk it-total żdied minn EUR 26,2 biljun għal EUR 29,1 biljun.

Din il-garanzija tal-UE tappoġġa investimenti privati u pubbliċi f'4 oqsma tal-politika: l-infrastruttura sostenibbli, ir-riċerka, l-innovazzjoni u d-diġitalizzazzjoni, il-kumpaniji żgħar u ta' daqs medju, u l-investiment soċjali u l-ħiliet. Diversi sħab finanzjarji bħal banek promozzjonali nazzjonali qegħdin jirċievu l-garanzija tal-UE. Huma jappoġġaw l-investimenti billi jipprovdu self, garanziji jew kapital ta' ekwità. Pereżempju, is-sħab tal-implimentazzjoni jistgħu jipprovdu self lill-SMEs, jipparteċipaw f'fondi ta' ekwità jew jagħtu garanziji lill-banek kummerċjali għal self li jiżborżaw. Il-Kummissjoni tista' talloka wkoll baġit tal-UE minn programmi oħrajn tal-UE għall-Fond tal-InvestEU, pereżempju mill-HERA Invest (saħħa), mill-Programm Spazjali Ewropew jew mill-Katalizzatur (innovazzjoni).

Sabiex jinħoloq bafer kapitali għat-telf mill-investimenti garantiti, il-Kummissjoni qiegħda b'mod gradwali twarrab flus ("proviżjonament") mill-baġit tal-UE fis-CPF. Ir-Regolament InvestEU stabbilixxa r-rata ta' proviżjonament għal 40 % tal-garanzija tal-UE.

Minbarra l-EUR 29,1 biljun imsemmijin hawn fuq, b'appoġġ mill-Istati Membri u mill-pajjiżi taż-ŻEE, il-garanzija tal-UE tista' tkompli tiżdied. Huma jistgħu jikkontribwixxu flus mill-Politika ta' Koeżjoni, mill-fondi RRF jew mill-baġits nazzjonali tagħhom. Għall-Istati Membri, il-proviżjonament huwa stabbilit fuq bażi ta' każ b'każ, filwaqt li l-garanzija addizzjonali tal-UE, appoġġata mill-pajjiżi taż-ŻEE, hija pprovduta b'kontribuzzjonijiet fi flus li jammontaw għal 40 %. Il-flus mill-Istati Membri u mill-pajjiżi taż-ŻEE jinżammu fis-CPF. L-ammont mhux proviżjonat huwa kopert minn kontrogaranziji mill-Istati Membri u mill-pajjiżi taż-ŻEE. Fil-31 ta' Diċembru 2025, kien hemm ftehimiet ma' tmien Stati Membri u ma' żewġ pajjiżi taż-ŻEE għal EUR 3,3 biljun, li minnhom EUR 2,6 biljun għandhom jiġu appoġġati b'kontribuzzjonijiet fi flus u EUR 0,6 biljun b'kontrogaranziji. Dawn l-ammonti ntużaw biex jiġu ffirmati EUR 3,3 biljun ta' ftehimiet ta' garanzija addizzjonali ma' diversi sħab ta' implimentazzjoni sal-lum.

Matul l-2025, tħallsu EUR 272 miljun ta' talbiet ta' garanzija netti mill-kompartimenti tal-InvestEU tas-CPF (2024: EUR 140 miljun).

Garanzija għall-Ukrajna

Wara r-Regolament dwar il-Faċilità tal-Ukrajna, l-UE stabbiliet il-Garanzija għall-Ukrajna għal kapaċità massima tal-garanzija ta' EUR 7,8 biljun, sabiex tagħti spinta lill-investimenti għall-irkupru u għar-rikostruzzjoni tal-Ukrajna.

Mill-31 ta' Diċembru 2025, ġew iffirmati u saru effettivi tmien ftehimiet ta' garanzija baġitarja għal-limitu ta' kopertura totali ta' EUR 3,5 biljun.

Obbligi tar-Renju Unit li jirriżultaw mit-tluq tiegħu mill-UE

F'konformità mal-Artikolu 143 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, ir-Renju Unit għandu jkun responsabbli lejn l-Unjoni għas-sehem tiegħu ta' obbligazzjonijiet finanzjarji kontinġenti relatati mal-FEIS, mal-EFSD u mal-operazzjonijiet tal-mandat ta' self estern tal-BEI approvati fid-data tal-ħruġ, il-31 ta' Jannar 2020. L-Artikolu 143 jirrikjedi li f'każ ta' talba għal ħlas ta' garanzija għal operazzjoni finanzjarja li tkun ġiet approvata qabel id-data tal-ħruġ, ir-Renju Unit ikun responsabbli lejn l-Unjoni għas-sehem tiegħu ta' pagamenti magħmulin mill-Unjoni taħt dawk l-operazzjonijiet, sakemm dan ma jkunx jista' jiġi kopert mis-sehem tar-Renju Unit ta' proviżjonament miżmum fil-fond ta' garanzija, fejn dan ikun rilevanti.

Għas-self tal-ELM tal-BEI, il-valur tal-garanzija baġitarja tal-UE fid-data tal-ħruġ, għall-operazzjonijiet approvati sad-data tal-ħruġ, kien ta' EUR 33,7 biljun. Fil-31 ta' Diċembru 2025 dan kien inbidel għal EUR 17,3 biljun (2024: EUR 20,6 biljun). Għalhekk, is-sehem tar-Renju Unit ta' din l-obbligazzjoni kontinġenti fil-31 ta' Diċembru 2025 huwa ta' EUR 2,1 biljun (31 ta' Diċembru 2024: EUR 2,6 biljun). Madankollu, kif iddikjarat hawn fuq, kwalunkwe inadempjenza fuq dan is-self tiġi koperta qabel kollox mill-kompartiment tal-Fond ta' Garanzija għall-azzjonijiet esterni tas-CPF u l-ammonti jinġabru biss mir-Renju Unit jekk il-proviżjonament tar-Renju Unit għal dan il-fond, ta' EUR 244 miljun fil-31 ta' Diċembru 2025, ma kienx biżżejjed.

Għar-rigward tal-operazzjonijiet tal-FEIS. il-valur tal-garanzija baġitarja tal-UE fid-data tal-ħruġ, għall-operazzjonijiet approvati sad-data tal-ħruġ, kien ta' EUR 23,5 biljun. Fil-31 ta' Diċembru 2025, dan baqa' EUR 16,7 biljun (2024: EUR 17,0 biljun). Għalhekk, is-sehem tar-Renju Unit ta' din l-obbligazzjoni kontinġenti fil-31 ta' Diċembru 2025 huwa ta' EUR 2,1 biljun. Kull talba ta' garanzija skont il-FEIS tiġi koperta qabel kollox mill-kompartiment tal-fond ta' garanzija tal-FEIS tas-CPF u l-ammonti jinġabru biss mir-Renju Unit jekk il-proviżjonament tar-Renju Unit għal dan il-fond, ta' EUR 443 miljun fil-31 ta' Diċembru 2025, ma kienx biżżejjed.

Peress li l-ebda operazzjoni ma kienet ġiet approvata mis-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni fir-rigward tal-Garanzija tal-EFSD qabel id-data tal-ħruġ, ir-Renju Unit ma għandu l-ebda obbligu hawnhekk.

Is-sehem tar-Renju Unit mill-pagamenti li saru fl-2025 għall-operazzjonijiet approvati fid-data tal-ħruġ jew wara, u sal-31 ta' Diċembru 2020, ammonta għal EUR 98 miljun (EUR 97 miljun għall-FEIS u EUR 1 miljun għall-ELM), u b'hekk naqqas b'mod korrispondenti l-proviżjonament tar-Renju Unit. L-ammont dovut lir-Renju Unit fl-2025 huwa ta' EUR 198,3 miljun (ara n-Nota **2.6.1.2**).

4.1.2. *Garanziji mogħtijin skont il-programmi tal-istrumenti finanzjarji tal-UE (nominali)*

(f'miljuni ta' EUR)

	31.12.2025	31.12.2024
Orizzont 2020	*2 027*	*2 145*
Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa	*644*	*649*
COSME	*236*	*378*
Oħrajn	*536*	*471*
Total	**3 443**	**3 642**

L-ammonti fit-tabella ta' hawn fuq jippreżentaw l-ammonti nominali pendenti tal-garanziji mogħtija skont il-programmi tal-istrumenti finanzjarji tal-UE.

Kif deskritt fl-Artikolu 213(1) tar-RF, in-nefqa baġitarja relatata ma' strument finanzjarju u l-obbligazzjoni finanzjarja tal-UE ma għandhom **fl-ebda każ jaqbżu l-ammont tal-impenn baġitarju rilevanti magħmul għaliha**, u b'hekk jiġu evitati l-obbligazzjonijiet kontinġenti għall-baġit. Fil-prattika, dan ifisser li dawn l-obbligazzjonijiet għandhom kontroparti fuq in-naħa tal-assi tal-karta bilanċjali jew huma koperti mill-impenji baġitarji pendenti li jkunu għadhom ma ġewx iddebitati.

Il-Faċilità ta' Garanzija ta' Self (LGF) tal-Programm COSME tikkonsisti primarjament f'garanziji limitati għal portafolli ta' finanzjament ta' dejn b'riskju ogħla (primarjament self) offrut minn intermedjarji finanzjarji lill-SMEs. Il-COSME LGF hija implimentata mill-FEI f'isem l-UE.

Għal aktar dettalji dwar Orizzont 2020 u l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, ara wkoll in-Nota **2.4.2.1**.

Obbligi tar-Renju Unit li jirriżultaw mit-tluq tiegħu mill-UE

Fir-rigward tal-obbligazzjonijiet kontinġenti tal-UE għal ammonti approvati sad-data tal-ħruġ fir-rigward tal-istrumenti finanzjarji tal-UE, inklużi dawk imsemmija hawn fuq, jekk xi waħda minn dawn il-kontinġenzi tkun kristalizzata, dawn ikunu koperti mill-baġit tal-UE bl-użu ta' flejjes miżmuma f'kontijiet fiduċjarji. Għalhekk, fil-prinċipju, ma jintalab l-ebda ammont mir-Renju Unit għajr is-sehem tiegħu fir-RAL baġitarju kif deskritt fl-Artikolu 140 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ — ara n-Nota **2.6.1.2**.

4.2. Obbligazzjonijiet kontinġenti relatati ma' kawżi legali

4.2.1. *Kawżi legali fil-qasam tal-multi*

Fil-31 ta' Diċembru 2025, l-obbligazzjonijiet kontinġenti relatati mal-multi ammontaw għal EUR 2 336 miljun (2024: EUR 2 178 miljun). Dan l-ammont jinkludi l-multi imposti fuq kumpaniji (EUR 2 035 miljun), ara n-Nota **2.6.1.3**) u l-multi imposti fuq l-Istati Membri (EUR 301 miljun) li tħallsu b'mod provviżorju u li għalihom jew tressaq appell jew għadu ma huwiex magħruf jekk huwiex se jsir appell. L-obbligazzjoni kontinġenti se tinżamm sakemm deċiżjoni meħuda mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ssir finali jew sakemm jiskadi l-perjodu għall-appell. L-imgħax miksub fuq pagamenti provviżorji huwa inkluż fir-riżultat ekonomiku tas-sena, kif ukoll bħala obbligazzjoni kontinġenti biex tkun riflessa l-inċertezza tat-titolu tal-Kummissjoni għal dawn l-ammonti. Jekk l-UE titlef kwalunkwe waħda mill-kawżi relatati mal-multi imposti, l-ammonti li ġew riċevuti b'mod provviżorju jitraddu lura lill-kumpaniji jew lill-Istati Membri mingħajr impatt baġitarju. L-ammont ta' multi jiġi rikonoxxut biss bħala dħul tal-baġit meta l-multi jkunu definittivi (l-Artikolu 107 tar-RF).

4.2.2. *Kawżi legali oħrajn*

(f'miljuni ta' EUR)

	31.12.2025	31.12.2024
Agrikoltura	*617*	*77*
Oħrajn	*157*	*67*
Total	**774**	**144**

Agrikoltura

Dawn huma obbligazzjonijiet kontinġenti lejn l-Istati Membri konnessi mad-deċiżjonijiet ta' konformità tal-FAEG u tal-iżvilupp rurali, sakemm tingħata sentenza mill-Qorti tal-Ġustizzja. Id-determinazzjoni tal-ammont finali tal-obbligazzjoni u s-sena li fiha l-effett ta' appell li jirnexxi jkun attribwit lill-baġit jiddependu fuq it-tul tal-proċedura quddiem il-Qorti.

Kawżi legali oħrajn

Din l-intestatura tirrigwardja l-azzjonijiet għad-danni li bħalissa qed jinġiebu kontra l-UE, tilwim legali ieħor u l-ispejjeż legali stmati. Għandu jiġi osservat li f'azzjoni għad-danni skont l-Artikolu 340 tat-TFUE, l-applikant jeħtieġlu juri ksur serju biżżejjed, mill-istituzzjoni, tal-istat tad-dritt maħsub sabiex jagħti drittijiet lill-individwi, dannu reali mġarrab mill-applikant u rabta kawżali diretta bejn l-att illegali u d-dannu.

Obbligi tar-Renju Unit li jirriżultaw mit-tluq tiegħu mill-UE

Skont l-Artikolu 147 tat-Trattat dwar il-Ħruġ, ir-Renju Unit għandu jkun responsabbli għas-sehem tiegħu tal-pagamenti meħtieġa sabiex jiġu rrilaxxati l-obbligazzjonijiet kontinġenti tal-Unjoni li jsiru dovuti f'relazzjoni ma' kawżi legali li jikkonċernaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, dment li l-fatti li jifformaw is-suġġett ta' dawk il-kawżi jkunu seħħew mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2020. Hawnhekk, l-iskopertura massima stmata tar-Renju Unit hija ta' EUR 80,6-il miljun (2024: EUR 15-il miljun). Għal kawżi legali li fihom jitqies li jkun probabbli li l-ammonti se jitħallsu mill-baġit tal-UE (ara n-Nota **2.10**), is-sehem tar-Renju Unit huwa inkluż bħala parti mill-ammont globali dovut mir-Renju Unit – ara d-dettalji taħt in-Nota **2.6.1.2**.

4.3. **ASSI KONTINĠENTI**

(f'miljuni ta' EUR)

	31.12.2025	31.12.2024
Garanziji riċevuti:		
Garanziji ta' prestazzjoni	*253*	*275*
Garanziji oħrajn	*4*	*5*
Assi kontinġenti oħrajn	*13*	*15*
Total	**269**	**295**

Garanziji tal-prestazzjoni jintalbu biex jiżguraw li l-benefiċjarji tal-finanzjament tal-UE jissodisfaw l-obbligi tal-kuntratti tagħhom mal-UE.

5. **IMPENJI LEGALI U BAĠITARJI**

Din in-nota tipprovdi informazzjoni dwar il-proċess baġitarju u l-ħtiġijiet ta' finanzjament fil-futur u mhux dwar l-obbligazzjonijiet li kienu jeżistu fil-31 ta' Diċembru 2025.

Il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) maqbul mill-Istati Membri jiddefinixxi l-programmi u jistabbilixxi l-limiti massimi tal-intestaturi għall-approprjazzjonijiet ta' impenn u t-total għall-approprjazzjonijiet ta' pagament li fihom l-UE tista' tidħol f'impenji baġitarji u legali, u fl-aħħar mill-aħħar tagħmel pagamenti għal perjodu ta' 7 snin – ara t-Tabella **3.2** fin-noti għar-rapporti dwar l-implimentazzjoni baġitarja.

L-impenji legali jikkorrespondu għall-programmi, għall-proġetti, għall-ftehimiet jew għall-kuntratti ffirmati, sabiex b'hekk jorbtu legalment lill-UE. Impenn legali huwa l-att li permezz tiegħu l-uffiċjal awtorizzanti jidħol f'obbligu jew jistabbilixxi obbligu (għall-UE) li jirriżulta f'imposta (l-Artikolu 2(39) tar-RF).

Fil-prinċipju, impenn baġitarju jsir qabel l-impenn legali, iżda għal xi programmi/proġetti pluriennali jsir bil-maqlub, bl-impenji baġitarji rilevanti jsiru f'pagamenti parzjali annwali, fuq medda ta' diversi snin, meta l-att bażiku hekk jipprevedi. Pereżempju, għall-koeżjoni, l-Artikolu 86 tar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni (RDK) (ir-Regolament (UE) 2021/1060) jistabbilixxi li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tadotta programm għandha tikkostitwixxi impenn legali skont it-tifsira tar-Regolament Finanzjarju, iżda li l-impenji tal-baġit tal-Unjoni fir-rigward ta' kull programm għandhom isiru f'pagamenti parzjali annwali għal kull fond matul il-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2021 u l-31 ta' Diċembru 2027. Bażijiet legali oħrajn jistgħu jinkludu dispożizzjonijiet simili. Għal din ir-raġuni, hemm ammonti li l-UE tkun impenjat ruħha legalment li tħallas, iżda fejn l-impenn baġitarju jkun għadu ma sarx – ara n-Nota **5.2** ta' hawn taħt.

Jekk l-impenn baġitarju jkun sar, iżda l-pagamenti sussegwenti jkunu għadhom ma sarux, l-ammont ta' impenn pendenti jissejjaħ "Reste à Liquider" (RAL). Dan jista' jirrappreżenta programmi jew proġetti, spiss pluriennali, li huma ffirmati u li għalihom il-pagamenti se jsiru biss fi snin aktar tard. Huma jirrappreżentaw l-obbligi ta' ħlas għas-snin futuri. Billi r-rapporti finanzjarji jitħejjew fuq bażi tad-dovuti, filwaqt li r-rapporti dwar l-implimentazzjoni baġitarja jitħejjew fuq bażi ta' flus, parti mill-ammont globali mhux imħallas (RAL) diġà ġiet iddebitata u hija rikonoxxuta bħala obbligazzjoni fuq il-karta bilanċjali (ara n-Noti **2.12** u **2.13**). Il-kalkolu ta' dawn l-ispejjeż isir abbażi jew tal-pretensjonijiet tal-kostijiet/fatturi riċevuti jew fuq l-implimentazzjoni stmata ta' programm jew ta' proġett meta ma tkun għadha ġiet innotifikata l-ebda pretensjoni lill-UE sad-data tar-rapportar. Ladarba jsiru l-pagamenti li jirrigwardaw ir-RAL, l-obbligazzjoni fuq il-karta bilanċjali ma tibqax rikonoxxuta. Il-parti tar-RAL li għadha ma ġietx iddebitata għadha ma hijiex inkluża taħt l-obbligazzjonijiet iżda minflok hija divulgata hawn taħt, ara n-Nota **5.1**.

B'hekk, id-divulgazzjonijiet ta' hawn taħt jirrappreżentaw ammonti fil-31 ta' Diċembru 2025, li l-UE impenjat ruħha li tħallas fuq il-bażi tal-issodisfar tal-ftehimiet kuntrattwali u li għalhekk huma maħsubin sabiex jiġu ffinanzjati minn baġits futuri tal-UE.

(f'miljuni ta' EUR)

	Nota	31.12.2025	31.12.2024
Impenji baġitarji pendenti li għadhom ma ġewx iddebitati	*5,1*	*380 780*	*428 588*
Impenji legali sinifikanti	*5,2*	*180 699*	*257 256*
Total		**561 479**	**685 844**

5.1. IMPENJI BAĠITARJI PENDENTI LI GĦADHOM MA ĠEWX IDDEBITATI

(f'miljuni ta' EUR)

	31.12.2025	31.12.2024
Impenji baġitarji pendenti li għadhom ma ġewx iddebitati	*380 780*	*428 588*

L-ammont divulgat hawn fuq huwa r-RAL ("Reste à Liquider") baġitarju ta' EUR 501 084 miljun (ara t-tabella **6.4** fir-rapporti dwar l-implimentazzjoni baġitarja), li minnu jitnaqqsu l-ammonti relatati li ġew inklużi bħala obbligazzjonijiet fuq il-karta bilanċjali u bħala spejjeż fir-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja. L-RAL baġitarju huwa ammont li jirrappreżenta l-impenji miftuħa li għalihom għadhom ma sarux il-pagamenti u/jew id-diżimpenji. Din hija l-konsegwenza normali tal-eżistenza ta' programmi pluriennali.

Għandu li jiġi nnotat li l-avvanzi tal-prefinanzjament pendenti fil-31 ta' Diċembru 2025 kienu jammontaw għal total ta' EUR 78,3 biljun – ara n-Nota **2.5**. Dan jirrappreżenta l-impenji baġitarji li tħallsu, li jnaqqsu r-RAL, iżda meta l-ammonti mħallsin ikunu għadhom meqjusa bħala li jappartjenu lill-UE u mhux lill-benefiċjarju, sakemm jiġu ssodisfati l-obbligi kuntrattwali rilevanti. B'hekk, bħar-RAL divulgat hawn fuq, huma għadhom ma ġewx iddebitati.

5.2. IMPENJI LEGALI SINIFIKANTI

(f'miljuni ta' EUR)

	31.12.2025	31.12.2024
Koeżjoni Ekonomika, Soċjali u Territorjali	*113 279*	*177 459*
Riżorsi Naturali u Ambjent	*30 946*	*46 659*
Migrazzjoni u Ġestjoni tal-Fruntieri	*4 657*	*4 153*
Sigurtà u Difiża	*377*	*520*
ITER	*10 291*	*9 898*
Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa	*9 043*	*7 313*
Fond għall-Innovazzjoni	*4 779*	*521*
Programmi Spazjali	*1 838*	*2 672*
Il-Faċilità għall-Ukrajna	*837*	*2 270*
Orizzont UE	*365*	*519*
Programm għal Konnettività Sigura ([1])	*253*	*631*
Ftehimiet dwar is-sajd	*133*	*234*
NDICI	*120*	–
RESCUE	*91*	*106*
Impenji ta' lokazzjoni operatorja	*2 997*	*2 721*
Impenji kuntrattwali oħrajn	*692*	*856*
Impenji ta' appoġġ mhux ripagabbli tal-RRF	–	*558*
Euratom	–	*166*
Total	**180 699**	**257 256**

([1]) *Mill-2025, il-Programm għal Konnettività Sigura huwa ppreżentat separatament mill-Programmi Spazjali, u għalhekk l-ammont tal-2024 huwa maqsum ukoll kif xieraq.*

Dawn l-ammonti jirriflettu l-impenji legali fit-tul li kienu għadhom ma humiex koperti mill-approprjazzjonijiet ta' impenn fil-baġit fi tmiem is-sena. Dawn l-obbligi vinkolanti se jiġu bbaġitjati u jitħallsu fis-snin li ġejjin.

Ċerti programmi importanti (ara hawn taħt) jistgħu jiġu implimentati b'pagamenti parzjali annwali skont l-Artikolu 112(2) tar-RF. Dan jippermetti lill-UE tieħu impenji legali (tiffirma ftehimiet ta' għotja, ftehimiet ta' delega u kuntratti ta' akkwist) li jisbqu l-approprjazzjonijiet ta' impenn disponibbli ta' sena partikolari. Għalhekk, ammont sostanzjali tal-allokazzjoni globali għall-QFP attwali jista' jkun impenjat diġà. Dan japplika b'mod partikolari għall-programmi deskritti hawn taħt:

Fondi taħt ġestjoni kondiviża

Dawn huma obbligi legali li l-UE impenjat ruħha li tħallas meta tadotta l-programmi operazzjonali relatati mal-ġestjoni kondiviża. Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tadotta programm operazzjonali tikkostitwixxi deċiżjoni ta' finanzjament skont it-tifsira tal-Artikolu 110 tar-RF u, ladarba tiġi nnotifikata lill-Istat Membru kkonċernat, impenn legali skont it-tifsira ta' dak ir-Regolament.

L-Artikolu 86(2) tar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni (RDK) għall-fondi b'ġestjoni kondiviża jiddikjara:

"L-impenji baġitarji tal-Unjoni fir-rigward ta' kull programm għandhom isiru mill-Kummissjoni f'pagamenti akkont annwali għal kull Fond matul il-perijodu ta' bejn l-1 ta' Jannar 2021 u l-31 ta' Diċembru 2027".

L-ammonti divulgati fl-ewwel 4 linji tat-tabella ta' hawn fuq huma relatati mal-Intestatura 2 A (Koeżjoni Ekonomika, Soċjali u Territorjali), mal-Intestatura 3 (Riżorsi Naturali u Ambjent). mal-Intestatura 4 (Migrazzjoni u Ġestjoni tal-Fruntieri) u mal-Intestatura 5 (Sigurtà u Difiża) tal-QFP 2021–2027. Dawn jirrappreżentaw l-ammonti pendenti li l-UE se timpenja ruħha għalihom b'mod baġitarju u mbagħad tħallas wara l-31 ta' Diċembru 2025.

Reattur Termonukleari Sperimentali Internazzjonali – ITER (International Thermonuclear Experimental Reactor)

Dawn l-impenji huma maħsuba biex ikopru l-kostijiet tal-kostruzzjoni tal-faċilitajiet tal-ITER. Il-kontribuzzjoni tal-UE (Euratom) lill-ITER Internazzjonali tingħata permezz tal-Aġenzija Fużjoni għall-Enerġija, inklużi wkoll il-kontribuzzjonijiet minn Stati Membri u mill-Iżvizzera. L-ITER inħoloq sabiex jiġġestixxi u jinkoraġġixxi l-esplojtazzjoni tal-faċilitajiet tal-ITER, jippromwovi l-fehim pubbliku u l-aċċettazzjoni tal-enerġija mill-fużjoni u jwettaq kwalunkwe attività oħra li tkun meħtieġa sabiex jilħaq l-iskop tiegħu. L-ITER jinvolvi lill-UE flimkien ma' diversi pajjiżi oħrajn.

Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE2)

Il-FNE2 tipprovdi assistenza finanzjarja lin-networks trans-Ewropej sabiex tappoġġa proġetti ta' interess komuni fis-setturi tal-infrastrutturi tat-trasport, tat-telekomunikazzjoni u tal-enerġija. L-impenji legali għall-programm FNE jkopru perjodu ta' implimentazzjoni mill-2021 sal-2027 għall-FNE Enerġija u l-FNE Trasport (bil-possibbiltà li jiġu estiżi). Il-bażi legali ta' dawn l-impenji hija r-Regolament (UE) 2021/1153 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([40]) bl-artikolu 4.5 li jiddikjara li "L-impenji baġitarji għal azzjonijiet li jkunu ta' aktar minn sena finanzjarja waħda jistgħu jinqasmu fi ħlasijiet parzjali annwali, fuq sentejn jew aktar".

Fond għall-Innovazzjoni

Id-Direttiva (UE) 2023/959 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([41]), li temenda d-Direttiva 2003/87/KE li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u d-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 dwar l-istabbiliment u l-funzjonament ta' riżerva tal-istabbiltà tas-suq għas-sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-Unjoni, tipprevedi fl-Artikolu 10, il-paragrafu 8, li "L-impenji baġitarji għal azzjonijiet li jestendu fuq aktar minn sena finanzjarja waħda jistgħu jiġu diżaggregati f'pagamenti akkont annwali fuq diversi snin". Din id-dispożizzjoni hija applikabbli għall-azzjonijiet il-ġodda ffirmati mill-2024, inklużi l-azzjonijiet iffinanzjati permezz ta' sejħiet għal proposti jew fi ħdan mekkaniżmu ta' offerti kompetittivi.

([40]) Ir-Regolament (UE) 2021/1153 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1316/2013 u (UE) Nru 283/2014 (ĠU L 249, 14.7.2021, p. 38, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1153/oj).

([41]) Id-Direttiva (UE) 2023/959 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u d-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 dwar l-istabbiliment u l-funzjonament ta' riżerva tal-istabbiltà tas-suq għas-sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-Unjoni (ĠU L 130, 16.5.2023, p. 134, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2023/959/oj).

Programmi Spazjali

Il-programm spazjali jinkludi l-komponenti li ġejjin: Galileo, EGNOS (European Geostationary Navigation Overlay Service), Copernicus, Govsatcom u SSA (Space Situational Awareness). L-aktar sinifikanti huma Galileo, li qiegħed jiżviluppa s-Sistema Globali Ewropea ta' Navigazzjoni bis-Satellita, u Copernicus, li huwa relatat mal-osservazzjoni Ewropea tad-Dinja. Dawn l-impenji huma magħmulin għall-perjodu sal-2027. Fuq il-bażi tar-Regolament (UE) 2021/696 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([42]), il-Kummissjoni ffirmat ftehimiet ta' kontribuzzjoni mal-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA), mal-EUMETSAT, ma' Mercator u maċ-Ċentru Ewropew għall-Previżjonijiet Metereoloġiċi fuq Perjodu Medju. L-Artikolu 11.6 tar-Regolament (UE) 2021/696 jawtorizza l-użu ta' pagamenti parzjali annwali.

Impenji ta' appoġġ mhux ripagabbli tal-Faċilità għall-Ukrajna

Il-Faċilità għall-Ukrajna ġiet stabbilita sabiex tappoġġa lill-Ukrajna fl-indirizzar tan-nuqqas ta' finanzjament tagħha. Ġiet stabbilita permezz tar-Regolament (UE) 2024/792 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għall-perjodu mill-2024 sal-2027. Skont l-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) 2024/792, ir-riżorsi għall-implimentazzjoni tal-Faċilità għandhom ikunu disponibbli permezz tar-Riżerva għall-Ukrajna mmobilizzata fil-qafas tal-proċedura baġitarja annwali f'konformità mal-Artikolu 10b tar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093. Din l-approprjazzjoni tiffinanzja appoġġ taħt 3 pilastri (il-Pjan għall-Ukrajna, il-Qafas ta' Investiment għall-Ukrajna, l-Assistenza għall-Adeżjoni tal-Unjoni u l-Miżuri ta' Appoġġ Relatati) f'konformità mad-distribuzzjoni indikattiva stabbilita fir-Regolament. Fl-2025 kien hemm kontribuzzjoni finanzjarja addizzjonali magħmula mill-Iżvezja – ta' SEK 750 000 000 (ekwivalenti għal EUR 67 miljun) – li żiedet il-kontribuzzjoni totali mhux ripagabbli minn EUR 5,27 biljun għal EUR 5,337 biljun. L-addendum 1 għall-Ftehim ta' Finanzjament tal-UA ffirmat f'Novembru 2025 – fil-forma ta' skambju ta' ittri – irrifletta l-ammont prinċipali aggregat il-ġdid ta' EUR 5,337 biljun għall-perjodu 2024-2027.

Orizzont Ewropa

Dawn huma ammonti impenjati għall-programm Orizzont Ewropa għal attivitajiet b'konnettività sigura upstream, u għal attivitajiet upstream u downstream għad-diversi komponenti spazjali. Dawn l-impenji huma magħmulin għall-perjodu sal-2027. Fuq il-bażi r-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([43]), il-Kummissjoni ffirmat ftehim ta' kontribuzzjoni mal-ESA. L-Artikolu 12.8 tar-Regolament jawtorizza l-użu ta' pagamenti parzjali annwali.

Programm għal Konnettività Sigura

Il-Programm għal Konnettività Sigura għandu l-għan li jtejjeb is-servizzi ta' komunikazzjoni tal-UE billi jiżviluppa u jopera infrastruttura tal-konnettività multiorbitali, ibbażata fuq mudell ta' sħubija pubblika. Dan jiżgura l-forniment ta' servizzi ta' komunikazzjoni satellitari siguri, flessibbli u reżiljenti madwar id-dinja lill-entitajiet governattivi tal-Unjoni u tal-Istati Membri. F'dan ir-rigward, fuq il-bażi tar-Regolament (UE) 2023/588) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([44]), ingħata kuntratt ta' konċessjoni lil raggruppament ta' kumpaniji.

Ftehimiet dwar is-sajd

Dawn jirrappreżentaw impenji konklużi ma' pajjiżi terzi għal operazzjonijiet skont il-ftehimiet internazzjonali dwar is-sajd sal-2032. L-impenji li saru huma bbażati fuq id-deċiżjonijiet tal-Kunsill għal kull pajjiż terz u huma kkunsidrati bħala trattati internazzjonali speċifiċi bi drittijiet u obbligi pluriennali.

([42]) Ir-Regolament (UE) 2021/696 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Programm Spazjali tal-Unjoni u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 912/2010, (UE) Nru 1285/2013 u, (UE) Nru 377/2014 u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 69, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/696/oj).

([43]) Ir-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jistabbilixxi r-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1290/2013 u (UE) Nru 1291/2013 (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/695/oj).

([44]) Ir-Regolament (UE) 2023/588 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2023 li jistabbilixxi l-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura għall-perjodu 2023–2027 (ĠU L 179, 17.3.2023, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/588/oj).

L-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI)

L-istrument prinċipali tal-Unjoni Ewropea għall-azzjoni esterna għall-perjodu 2021-2027. Il-fondi jintużaw għat-titjib tas-servizzi ta' komunikazzjoni bis-satellita f'xi pajjiżi terzi permezz ta' xiri ta' servizzi kummerċjali skont il-kuntratt ta' konċessjoni. Il-qafas għall-kuntratti huwa stabbilit mir-Regolament (UE) 2021/947.

RESCEU

RescEU hija riżerva Ewropea ta' assi u kapaċità ta' rispons stabbilita skont il-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili, bħala parti mir-reviżjoni leġiżlattiva tal-2019 tad-Deċiżjoni Nru 1313/2013/Ueb tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([45]). Ir-riżerva RescEU ġiet stabbilita sabiex taġixxi bħala l-aħħar alternattiva meta l-kapaċitajiet nazzjonali u dawk il-kapaċitajiet impenjati fir-Riżerva Ewropea ta' Protezzjoni Ċivili ma jkunux jistgħu jiżguraw rispons effettiv għad-diversi tipi ta' diżastri. L-Unjoni Ewropea tiffinanzja dawk il-kapaċitajiet ta' rispons bħala miżura ta' tħejjija għall-operazzjonijiet ta' rispons sabiex ikunu disponibbli f'każ ta' bżonn skont il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili. L-oqsma ta' prijorità tal-kapaċitajiet li qegħdin jiżviluppaw skont RescEU huma l-oqsma ta' tifi tan-nar fil-foresti mill-ajru, inċidenti kimiċi, bijoloġiċi, radjoloġiċi u nukleari, rispons mediku ta' emerġenza, kif ukoll trasport u loġistika.

Impenji ta' appoġġ mhux ripagabbli tal-RRF

L-RRF hija programm importanti tal-NGEU, l-Istrument tal-UE għall-Irkupru. Ġiet stabbilita bir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([46]) li jiffinanzja riformi u investimenti fl-Istati Membri mill-bidu tal-pandemija tal-coronavirus fi Frar tal-2020 sal-2026. L-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) 2021/241 jawtorizza l-użu ta' pagamenti parzjali annwali. Fl-2023, l-RRF ġiet emendata bir-Regolament (UE) 2023/435 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([47]) sabiex jiġi pprovdut appoġġ addizzjonali lill-Istati Membri permezz tal-kapitoli REPowerEU għar-riformi u għall-investimenti li jrawmu l-indipendenza, is-sigurtà u s-sostenibbiltà tal-provvista tal-enerġija tal-Unjoni.

EURATOM

Il-Euratom huwa programm ibbażat fuq ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) 2021/765 ([48]). L-Artikolu 4 tar-Regolament jipprevedi l-użu tal-pagamenti parzjali annwali.

L-objettiv ġenerali tal-Programm huwa li jwettaq attivitajiet ta' riċerka u ta' taħriġ nukleari, b'enfasi fuq it-titjib kontinwu tas-sikurezza, tas-sigurtà u tal-protezzjoni mir-radjazzjoni nukleari, kif ukoll li jikkomplementa l-ilħuq tal-objettivi ta' Orizzont Ewropa fost l-oħrajn fil-kuntest tat-tranżizzjoni tal-enerġija. Il-programm Euratom jipprovdi għotjiet għar-riċerka permezz ta' sejħiet kompetittivi għal proposti u lill-benefiċjarji msemmijin.

([45]) Id-Deċiżjoni 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 924, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2013/1313/oj).

([46]) Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/241/oj).

([47]) Ir-Regolament (UE) 2023/435 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2023 li jemenda r-Regolament (UE) 2021/241 fir-rigward tal-kapitoli REPowerEU fil-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1303/2013, (UE) 2021/1060 u (UE) 2021/1755, u d-Direttiva 2003/87/KE (ĠU L 63, 28.2.2023, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/435/oj).

([48]) Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) 2021/765 tal-10 ta' Mejju 2021 li jistabbilixxi l-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika għall-perjodu 2021–2025 li jikkumplementa Orizzont Ewropa — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni u li jħassar ir-Regolament (Euratom) 2018/1563 (ĠU L 167I, 12.5.2021, p. 81, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/765/oj).

Impenji ta' lokazzjoni operatorja

L-ammonti minimi li ġew impenjati sabiex jitħallsu skont il-kuntratti sottostanti matul il-bqija tat-terminu ta' dawn il-kuntratti ta' lokazzjoni huma kif ġej:

(f'miljuni ta' EUR)

	Pagamenti minimi ta' lokazzjoni			
	< sena 1	1-5 snin	> 5 snin	Total
Binjiet	*490*	*1 183*	*1 267*	*2 939*
Materjali tal-IT u tagħmir ieħor	*14*	*37*	*7*	*58*
Total	**504**	**1 220**	**1 273**	**2 997**

F'Marzu 2019, fil-kuntest tan-notifika tar-Renju Unit bl-intenzjoni tiegħu li joħroġ mill-UE, u bħala riżultat tar-Regolament (UE) 2018/1718 ([49]), is-sede tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA, European Medicines Agency) ġiet rilokata minn Londra għal Amsterdam. Fit-2 ta' Lulju 2019, l-Aġenzija laħqet ftehim ma' sid il-kera tagħha u minn dak iż-żmien 'l hawn tat il-bini tagħha b'sullokazzjoni lil subinkwilin taħt kondizzjonijiet li huma konsistenti ma' dawk tal-lokazzjoni prinċipali, inkluż it-terminu ta' sullokazzjoni li jiġi estiż sal-iskadenza tal-lokazzjoni prinċipali tal-EMA f'Ġunju 2039.

L-ammonti divulgati fit-tabella ta' hawn fuq jinkludu EUR 328 miljun li għadhom dovuti skont il-kuntratt tal-lokazzjoni prinċipali.

Impenji kuntrattwali oħrajn

L-ammonti inklużi f'din id-divulgazzjoni jikkorrespondu għall-ammonti impenjati li għandhom jitħallsu matul it-terminu tal-kuntratti. L-aktar ammont sinifikanti inkluż hawnhekk jirrigwardja kuntratt ta' bini (JMO2) tal-Kummissjoni fil-Lussemburgu (EUR 328 miljun).

6. ĠESTJONI TAR-RISKJU FINANZJARJU

Id-divulgazzjonijiet tal-ġestjoni tar-riskju finanzjarju tal-UE jkopru diversi oqsma ewlenin:

— L-attivitajiet ta' teħid b'self u ta' għoti b'self tal-Kummissjoni għall-assistenza finanzjarja permezz ta' programmi bħall-NGEU, l-EFSM, il-BOP, l-AMF, SURE, il-Faċilità għall-Ukrajna, il-Faċilità għall-Balkani tal-Punent, il-Faċilità għall-Moldova u l-Euratom.

— L-operazzjonijiet tat-teżor tal-Kummissjoni sabiex jeżegwixxu l-baġit tal-UE.

— L-assi miżmumin f'fondi bħas-CPF, il-KEFA f'Likwidazzjoni, u l-portafoll tal-BUFI.

— Programmi ta' strument finanzjarji. ([50])

— Il-programmi ta' garanzija baġitarja tal-UE.

6.1. TIPI TA' RISKJU FINANZJARJU

L-UE qiegħda tiffaċċja riskji finanzjarji mill-istrumenti finanzjarji tagħha:

Riskju tas-suq: Dan huwa l-inċertezza tal-valur tal-investiment minħabba bidliet fil-prezzijiet tas-suq. Dan jinkludi riskji bħal:

— *Riskju tal-kambju*: Il-bidliet fir-rati tal-kambju jistgħu jaffettwaw l-operazzjonijiet u l-investimenti tal-UE.

— *Riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax*: Rati tal-imgħax ogħla jistgħu jnaqqsu l-valur ta' ċerti investimenti, bħall-bonds.

([49]) Ir-Regolament (UE) 2018/1718 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 726/2004 dwar il-post tas-sede tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (ĠU L 291, 16.11.2018, p. 3, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1718/oj).

([50]) Matul din in-nota, it-terminu "programmi ta' strumenti finanzjarji" jirreferi għall-"istrumenti finanzjarji" kif definit fl-Artikolu 2(30) tar-RF.

— *Riskju ieħor tal-prezz*: Dan jinkludi diversi fatturi (minbarra r-rati tal-imgħax u r-rati tal-kambju) li jistgħu jaffettwaw il-valuri tal-investimenti, bħal bidliet fil-prezzijiet tas-suq jew fatturi speċifiċi għal investimenti individwali.

Riskju ta' kreditu: Dan huwa r-riskju li mutwatarju ma jħallasx lura self jew li ma jissodisfax l-obbligi kuntrattwali tiegħu, li jwassal għal avvenimenti ta' inadempjenza bħal pagamenti mdewmin jew falliment.

Riskju ta' likwidità: Dan huwa r-riskju li entità tal-UE ma jkollhiex biżżejjed flus jew assi sabiex tissodisfa l-obbligi finanzjarji tagħha.

6.2. POLITIKI TAL-ĠESTJONI TAR-RISKJU

Il-kejl tal-istrumenti finanzjarji

Il-klassijiet li ġejjin ta' assi u ta' obbligazzjonijiet finanzjarji ma jitkejlux abbażi tal-valur ġust: flus u ekwivalenti ta' flus, self b'kost amortizzat, riċevibbli ta' skambju minbarra riċevibbli ta' kuntratti ta' garanziji finanzjarji meta jiġu kklassifikati ma' assi finanzjarji b'FVSD, teħid b'self, kuntratti ta' garanzija finanzjarja u obbligazzjonijiet finanzjarji oħrajn imkejlin abbażi tal-kost amortizzat. L-ammont riportat ta' dawk l-assi u l-obbligazzjonijiet finanzjarji huwa meqjus bħala approssimizzazzjoni raġonevoli tal-valur ġust tagħhom.

Governanza tar-riskju għat-teħid b'self, għall-ġestjoni tad-dejn u għall-operazzjonijiet ta' self relatati, għall-garanziji baġitarji u għall-operazzjonijiet ta' ġestjoni tal-assi

Il-qafas tal-ġestjoni tar-riskju tal-UE huwa mfassal sabiex jipproteġi l-interessi finanzjarji u reputazzjonali tal-Unjoni, filwaqt li jiżgura l-ġestjoni tajba tal-operazzjonijiet tagħha ta' teħid b'self u ta' għoti b'self, il-garanziji baġitarji tagħha, l-istrumenti finanzjarji u l-operazzjonijiet ta' ġestjoni tal-assi tagħha. Għalkemm il-Kummissjoni Ewropea ma hijiex istituzzjoni finanzjarja, hija tuża prattiki avvanzati ta' ġestjoni tar-riskju mfasslin għall-istruttura unika u għar-rekwiżiti tal-programmi tal-UE. L-għan primarju tal-qafas huwa li jiġu ssalvagwardjati l-interessi finanzjarji tal-Unjoni u li jinżammu l-integrità, it-trasparenza u l-affidabbiltà tal-operazzjonijiet tagħha.

Il-qafas, żviluppat mill-Uffiċjal Kap tar-Riskji (CRO, Chief Risk Officer), jinkludi politiki ewlenin bħall-Politika ta' Livell Għoli dwar ir-Riskju u l-Konformità, il-Politika dwar ir-Riskju tas-Suq u ta' Likwidità tal-Finanzjament, u l-Politika Operazzjonali dwar il-Ġestjoni tar-Riskju. Is-CRO jistabbilixxi limiti ta' riskju vinkolanti u mhux vinkolanti u Indikaturi tar-Riskju Ewlenin għall-monitoraġġ u għall-evalwazzjoni tar-riskji.

Rapporti regolari dwar ir-riskju jiżguraw il-konformità mal-limiti, jenfasizzaw l-iskoperturi għar-riskju, u jipproponu strateġiji ta' mitigazzjoni. Mudell ta' "3 linji tad-difiża" jsaħħaħ il-governanza billi jissegrega l-poteri, jiddefinixxi l-awtorità, u jiċċara r-rwoli fil-ġestjoni u fil-kontroll tar-riskji.

Is-CRO, appoġġat mill-Kumitat dwar ir-Riskji u l-Konformità, jimplimenta l-qafas ta' ġestjoni tar-riskju permezz ta' politiki u proċeduri interni. Dan il-kumitat jagħti pariri lis-CRO dwar kwistjonijiet relatati mar-riskju.

L-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni *(UE, Euratom) 2025/369* ([51]) *affermat mill-ġdid u* espandiet ir-responsabbiltajiet tas-CRO sabiex jissorvelja:

— *Self ipprovdut direttament mill-Unjoni, kemm jekk previst kif ukoll jekk le.*

— *Il-garanziji baġitarji tal-Unjoni li jkopru l-operazzjonijiet abbażi ta' ftehimiet ta' garanzija mas-sħab ta' implimentazzjoni.*

— *Operazzjonijiet ta' ħruġ ta' dejn u ta' ġestjoni tad-dejn inklużi operazzjonijiet relatati ta' ġestjoni tal-likwidità.*

— *Operazzjonijiet u kompiti tal-ġestjoni tal-assi relatati mal-funzjoni ta' servizzi dežinjati għall-ġestjoni tal-assi għall-ġestjoni tal-portafolli esternalizzati.*

([51]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2025/369 tal-21 ta' Frar 2025 li tistabbilixxi r-rwol tal-Uffiċjal Kap tar-Riskji li jissorvelja r-riskji finanzjarji li jirriżultaw mill-operazzjonijiet finanzjarji tal-Unjoni (ĠU L, 2025/369, 25.2.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2025/369/oj).

Is-CRO jgawdi minn awtonomija fit-twettiq tal-kompiti u tar-responsabbiltajiet tiegħu, u jirrapporta għand il-Membru tal-Kulleġġ responsabbli għall-Baġit skont id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2023/2825 ([52]). Dan jiżgura l-indipendenza fit-twettiq tal-kompiti u tar-responsabbiltajiet assenjati.

Attivitajiet ta' teħid u ta' għoti b'self

L-UE ma tissellifx flus sabiex tiffinanzja n-nefqa operazzjonali tagħha, ħlief għas-self relatat mal-NGEU.

L-operazzjonijiet ta' teħid u ta' għoti b'self tal-UE huma ġestiti f'konformità mar-regolamenti, mad-deċiżjonijiet u mal-linji gwida interni rilevanti. Manwali dettaljati jirregolaw attivitajiet bħat-teħid u l-għoti b'self, u l-unitajiet rilevanti jivvalutaw kontinwament ir-riskji finanzjarji u operazzjonali filwaqt li jiżguraw il-konformità.

Storikament, l-operazzjonijiet ta' teħid b'self tal-UE ġew iffinanzjati permezz ta' teħid b'self "back-to-back", li naqqas ir-rata tal-imgħax miftuħa jew ir-riskji tal-kambju. Madankollu, mill-2021, l-UE bdiet tieħu b'self primarjament flus taħt approċċ ta' finanzjament unifikat.

L-approċċ ta' finanzjament unifikat, oriġinarjament żviluppat għall-programm NGEU, juża diversi strumenti u tekniki ta' finanzjament biex jissodisfa kemm il-ħtiġijiet ta' finanzjament fuq terminu twil kif ukoll dawk fuq terminu qasir. Dan jinkludi l-ħruġ ta' bonds bil-marka tal-UE, li jissostitwixxi l-prattika preċedenti ta' ħruġ separat għal kull programm. Minn Diċembru 2022, din l-istrateġija ġiet estiża għal self tal-AMF+ għall-Ukrajna, fl-2024 għall-programm tal-Faċilità għall-Ukrajna u self tal-AMF, fl-2025 għal self tal-AMF ULCM għall-Ukrajna, il-Faċilità għall-Balkani tal-Punent u l-programmi tal-Faċilità għall-Moldova. L-użu ta' approċċ ta' finanzjament unifikat qed itejjeb il-flessibbiltà u l-kosteffiċjenza u huwa l-uniku approċċ ta' finanzjament li għandu jintuża għal żborżi futuri ta' self.

It-Teżor

Ir-regoli u l-prinċipji għall-ġestjoni tal-operazzjonijiet tat-teżor tal-Kummissjoni huma stabbiliti fir-Regolament (UE, Euratom) Nru 609/2014, kif emendat bir-Regolamenti tal-Kunsill (UE, Euratom) 2016/804 ([53]) u (UE, Euratom) 2022/615 ([54]) (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ ir-"Regolament (UE, Euratom) Nru 609/2014") u fir-Regolament Finanzjarju. Japplikaw il-prinċipji ewlenin li ġejjin:

— Ir-riżorsi proprji jitħallsu mill-Istati Membri f'kontijiet miftuħa għal dan l-iskop għan-nom tal-Kummissjoni mat-Teżor jew mal-bank ċentrali nazzjonali.

— Ir-Riżorsi Proprji jitħallsu mill-Istati Membri fil-muniti nazzjonali tagħhom, filwaqt li l-pagamenti tal-Kummissjoni jiġu denominati l-aktar f'EUR.

— Il-kontijiet bankarji miftuħa f'isem il-Kummissjoni ma jistgħux jinġibdu flus minnhom b'tali mod li dawn ikollhom bilanċ negattiv.

— Il-fondi miżmumin f'kontijiet bankarji denominati f'muniti oħrajn minbarra f'EUR jintużaw jew għall-pagamenti fl-istess muniti jew inkella jinqalbu perjodikament f'EUR.

Minbarra l-kontijiet tar-riżorsi proprji, infetħu kontijiet bankarji oħrajn mill-Kummissjoni, ma' banek ċentrali u ma' banek kummerċjali, għall-finijiet tal-eżekuzzjoni tal-pagamenti u sabiex jiġu riċevuti ammonti oħrajn għajr il-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri għall-baġit.

L-operazzjonijiet tat-teżor u tal-pagamenti huma awtomatizzati ħafna u jiddependu fuq sistemi ta' informazzjoni moderni. Il-proċeduri jiġu applikati sabiex jiggarantixxu s-sigurtà tas-sistema, jissegregaw id-dmirijiet, u jiżguraw il-konformità mar-RF, mal-istandards ta' kontroll intern, u mal-prinċipji tal-awditjar.

([52]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2023/2825 tat-12 ta' Diċembru 2023 li tistabbilixxi l-arranġamenti għall-amministrazzjoni u l-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet ta' teħid b'self u ta' ġestjoni tad-dejn tal-Unjoni skont l-istrateġija ta' finanzjament diversifikata u operazzjonijiet ta' għoti b'self relatati (ĠU L, 2023/2825, 18.12.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2023/2825/oj).

([53]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2016/804 tas-17 ta' Mejju 2016 li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) Nru 609/2014 dwar il-metodi u l-proċedura li jintużaw biex jitqiegħdu għad-dispożizzjoni r-riżorsi proprji tradizzjonali, dawk ibbażati fuq il-VAT u dawk ibbażati fuq l-ING u dwar il-miżuri li jissodisfaw il-ħtiġijiet fi flus kontanti (ĠU L 132, 21.5.2016, p. 85, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/804/oj).

([54]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2022/615 tal-5 ta' April 2022 li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) Nru 609/2014 sabiex tittejjeb il-prevedibbiltà għall-Istati Membri u biex jiġu ċċarati l-proċeduri għas-soluzzjoni tat-tilwim meta jitqiegħdu għad-dispożizzjoni r-riżorsi proprji tradizzjonali, dawk ibbażati fuq il-VAT u l-ING (ĠU L 115, 13.4.2022, p. 51, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2022/615/oj).

Linji gwida u proċeduri jirregolaw il-ġestjoni tal-operazzjonijiet tat-teżor u tal-pagament tal-Kummissjoni, bl-għan li jillimitaw ir-riskju operazzjonali u finanzjarju u jiżguraw kontroll adegwat. Dawn il-linji gwida jkopru oqsma bħall-eżekuzzjoni tal-pagamenti, il-ġestjoni tal-flus, it-tbassir tal-fluss tal-flus u l-kontinwità tal-operat. Il-konformità magħhom tiġi mmonitorjata b'mod regolari.

Il-ġestjoni tal-assi

Il-kontroll tad-diversi riskji relatati mal-attivitajiet ta' ġestjoni tal-assi huwa bbażat fuq governanza dedikata u fuq proċeduri ta' ħidma adottati wara valutazzjoni komparattiva mal-oġħla standards adottati minn istituzzjonijiet internazzjonali pari. Dawn il-proċeduri, li kienu soġġetti għal diversi awditi interni u esterni, jiżguraw il-kisba ta' ġestjoni tajba tal-assi.

Il-Kummissjoni stabbiliet il-governanza xierqa sabiex tirrieżamina u tapprova d-deċiżjonijiet tekniċi u strateġiċi fir-rigward tal-operazzjonijiet ta' mmaniġġjar tal-assi. L-operazzjonijiet ta' mmaniġġjar tal-assi huma ssorveljati minn żewġ kumitati: Il-Kumitat tar-Riskju, magħmul minn rappreżentanti tad-DĠ BUDG u tal-Bord għall-Ġestjoni tal-Assi, magħmul minn rappreżentanti tad-DĠ BUDG, tad-DĠ ECFIN u tad-DĠ FISMA. Id-deċiżjonijiet tekniċi jiġu diskussi u approvati fil-Kumitat tar-Riskju, filwaqt li d-deċiżjonijiet strateġiċi jiġu approvati mill-Kumitat tar-Riskju u mill-Bord ta' Ġestjoni tal-Assi qabel l-approvazzjoni finali tad-Direttur Ġenerali tad-DĠ BUDG, bi qbil mal-Uffiċjal tal-Kontabilità. Il-governanza tal-ġestjoni tal-assi tiggarantixxi delega ċara tat-teħid tad-deċiżjonijiet u tal-linji ta' responsabbiltà u segregazzjoni adegwata tad-dmirijiet bejn il-Front Office, l-Unità tal-Ġestjoni tar-Riskju u l-Back Office. Il-proċeduri ta' konformità jipprovdu l-qafas għal regoli adegwati għal kodiċijiet ta' kondotta għall-ġestjoni ta' kunflitti ta' interess personali potenzjali kif ukoll regoli għall-ġestjoni tar-riskji ta' abbuż minn informazzjoni privileġġata.

Il-Linji Gwida dwar il-Ġestjoni tal-Assi u r-restrizzjonijiet fuq l-investiment intern jipprovdu qafas ta' kontroll intern solidu sabiex tiġi żgurata s-salvagwardja tal-assi. It-titoli jinżammu mal-kustodji tagħna f'konformità mal-aħjar prattiki tas-suq, filwaqt li l-flus u d-depożiti jinżammu ma' istituzzjonijiet finanzjarji bi klassifikazzjoni għolja. Is-salvagwardja tal-assi finanzjarji hija żgurata wkoll mis-segregazzjoni tad-dmirijiet bejn it-tim responsabbli għall-bidu ta' negozji ta' titoli u t-tim tal-back-office responsabbli għas-saldu u għar-rikonċiljazzjoni bankarja tagħhom. Saff addizzjonali ta' kontroll huwa żgurat mit-tim tal-kontabilità matul il-proċess ta' rikonċiljazzjoni tal-għeluq ta' kull xahar meta l-portafoll tat-titoli jiġi rrikonċiljat mad-dikjarazzjoni tal-kustodju tat-titoli. Kwalunkwe diskrepanza fis-saldu u pagament tard ikkawżati minn kontropartijiet ikunu segwiti mit-timijiet tar-rikonċiljazzjoni tal-kontijiet bankarji u tal-back-office.

Għall-monitoraġġ tar-rispett tal-qafas ta' kontroll, sett eżawrjenti ta' metriki tal-prestazzjoni u tar-riskju għall-assi mmaniġġjati jiġi rrapportat perjodikament lill-partijiet ikkonċernati rilevanti.

Il-linji gwida dwar il-ġestjoni tal-assi u l-istrateġiji ta' riskju u ta' investiment jiddefinixxu ċerti limiti u restrizzjonijiet biex jillimitaw l-iskopertura għar-riskju ta' kreditu tal-portafoll, li huwa limitat għall-grad tal-investiment, ħlief għall-iskopertura tal-Istati Membri tal-UE.

Fond ta' Proviżjonament Komuni

Is-CPF huwa ġestit skont il-linji gwida dwar il-ġestjoni tal-assi stabbiliti mill-Kummissjoni, skont id-Deċiżjoni C(2020)1896 tal-25 ta' Marzu 2020 ([55]). Id-Direttur Ġenerali tad-DĠ BUDG huwa responsabbli għall-ġestjoni tal-assi finanzjarji tas-CPF.

L-objettiv tas-CPF huwa li tiġi żgurata l-likwidità neċessarja sabiex jiġi ssodisfat il-ħruġ kollu meħtieġ bħal talbiet għal ħlas ta' garanzija b'mod sħiħ u fil-ħin, u li tiġi pprovduta l-preżervazzjoni tal-kapital tul il-perjodu ta' investiment tal-fond, b'livell għoli ta' fiduċja.

Il-portafoll tas-CPF huwa mfassal sabiex ikun diversifikat ħafna fost il-klassijiet differenti ta' assi, iż-żoni ġeografiċi, l-emittenti, u l-maturitajiet, f'konformità mal-linji gwida dwar l-immaniġġjar tal-assi. Fil-31 ta' Diċembru 2025, il-portafoll kien jinkludi investimenti fi strumenti tas-suq monetarju, bonds, kif ukoll bonds korporattivi u ETFs ta' ekwità.

Minħabba li, sal-31 ta' Diċembru 2025, l-unika kontroparti għall-forwards tal-muniti pendenti kollha hija l-Bank għall-Ħlasijiet Internazzjonali, ma ġie implimentat ebda tisħiħ fil-kreditu, bħal kollateral, ftehimiet ta' netting jew garanziji, sa din id-data. L-iskopertura massima għar-riskju ta' kreditu għad-derivattivi f'munita barranija li għandhom valur ġust pożittiv fl-aħħar tal-perjodu tar-rapportar hija ugwali għall-ammont riportat fuq il-karta bilanċjali.

([55]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-25 ta' Marzu 2020 dwar il-linji gwida tal-immaniġġjar tal-assi tal-fond ta' proviżjonament komuni 2020/C 131/03 (ĠU C 131, 22.4.2020, p. 3).

Multi

Multi mħallsin b'mod proviżorju: Portafoll BUFI

Il-multi imposti u mħallsin b'mod provviżorju huma investiti fil-portafoll BUFI.

Il-Kummissjoni timmaniġġa l-portafoll BUFI f'konformità mal-linji gwida u mal-proċeduri interni dwar il-ġestjoni tal-assi. L-objettivi tal-attivitajiet ta' ġestjoni tal-assi huma li:

— Jiġi żgurat li l-fondi jkunu disponibbli faċilment meta jkunu meħtieġa;

— Jitnaqqsu r-riskji assoċjati mas-swieq finanzjarji; Jiġi mmirat li jinkiseb redditu li jkun konformi mal-Parametru Referenzjarju tal-BUFI, filwaqt li jiġi ppreżervat l-ammont nominali għall-multi.

F'konformità mal-gwida dwar il-ġestjoni tal-assi kif aġġornata f'Diċembru 2025, l-investimenti fil-portafoll tal-BUFI huma ristretti għal:

— Depożiti b'terminu.

— Strumenti tas-suq monetarju u fondi tas-suq monetarju.

— Strumenti ta' dejn, bħal bonds, kontijiet u noti.

— Impriżi ta' investiment kollettiv inklużi fondi negozjati fil-borża li jinvestu f'ekwità jew fi strumenti ta' dejn fejn it-telf massimu ma jistax jaqbeż l-ammonti investiti.

— Ftehimiet ta' riakkwist u ftehimiet ta' retroriakkwist.

— Operazzjonijiet ta' self ta' titoli.

Il-garanziji finanzjarji riċevuti

Il-Kummissjoni għandha ammonti sinifikanti ta' garanziji maħruġa minn istituzzjonijiet finanzjarji fir-rigward ta' multi imposti fuq kumpaniji li jiksru r-regoli tal-UE (ara n-Nota **2.6.1.3**). Dawn il-garanziji huma pprovduti minn kumpaniji mmultati bħala alternattiva minflok jagħmlu pagamenti provviżorji.

Il-Kummissjoni tiġġestixxi dawn il-garanziji f'konformità mal-politika interna tagħha dwar il-ġestjoni tar-riskju. Din il-politika tiżgura li r-riskji finanzjarji u operazzjonali jiġu identifikati u evalwati b'mod regolari, u li l-konformità mal-politiki u mal-proċeduri interni tiġi vverifikata fuq bażi regolari.

Programmi ta' garanziji baġitarji tal-UE

Ir-RF implimenta diversi salvagwardji sabiex jipproteġi l-baġit tal-UE kontra r-riskji finanzjarji maħluqin mill-garanziji baġitarji. Dawn is-salvagwardji jistgħu jinġabru f'4 kategoriji ewlenin:

(a) *Miżuri sabiex jiġu limitati l-obbligazzjonijiet kontinġenti*

Il-garanzija tal-UE hija limitata b'mod definit biċ-ċar, u r-responsabbiltà finanzjarja ma tistax taqbeż l-ammont tal-garanzija baġitarja awtorizzata mill-att bażiku tagħha. L-obbligazzjoni kontinġenti ġġenerata minn garanzija baġitarja tista' biss taqbeż l-assi finanzjarji pprovduti sabiex tkopri l-obbligazzjoni finanzjarja tal-UE jekk dan ikun previst fl-att bażiku sottostanti u skont il-kondizzjonijiet speċifiċi.

Il-profil tar-riskju mixtieq tal-operazzjonijiet/tal-prodotti finanzjarji garantiti mill-UE huwa ddeterminat *ex ante,* jiġifieri qabel l-iffirmar tal-ftehimiet ta' garanzija.

(b) *Miżuri li jikkonċernaw l-għażla tas-sħab ta' implimentazzjoni*

Il-programmi ta' garanzija baġitarja jiġu implimentati ma' sħab affidabbli vvalutati fuq il-bażi tal-pilastri. Dawn is-sħab jimpenjaw irwieħhom li jużaw ir-riżorsi proprji tagħhom, filwaqt li jiżguraw l-allinjament tal-interessi mal-UE.

(c) *Miżuri sabiex tiġi żgurata kapaċità baġitarja ex ante adegwata sabiex jiġu assorbiti talbiet għal ħlas ta' garanzija*

Il-programmi ta' garanzija baġitarja huma appoġġati minn assi proviżjonati miżmumin fis-CPF. Ir-rata ta' proviżjonament hija stabbilita fl-att bażiku ta' kull programm sabiex tippermetti li l-programmazzjoni tal-approprjazzjonijiet baġitarji tikkostitwixxi provvediment li jippermetti l-assorbiment tat-telf mingħajr tfixkil baġitarju. Il-Kummissjoni tiżgura kull sena li r-rata ta' proviżjonament tkun adegwata u allinjata mal-prinċipji tar-RF u mal-programmazzjoni finanzjarja.

(d) *Miżuri sabiex jiġi indirizzat it-telf realizzat li jaqbeż l-estima ex ante*

Ir-RF jinkludi żewġ limiti ta' twissija bikrija (jiġifieri meta jibqgħu disponibbli 50 % u 30 % tar-rata ta' proviżjonament). Dawn il-limiti jippermettu lill-Kummissjoni tantiċipa l-eżawriment potenzjali tal-proviżjonament u tevalwa jekk għandhiex tipproponi proviżjonament addizzjonali. Fil-każ ta' ħtiġijiet ta' likwidità addizzjonali temporanji, hemm fis-seħħ proċeduri, li jinkludu trasferimenti bejn il-kompartimenti tas-CPF, l-użu tal-likwidità tat-teżor ċentrali, u l-użu tal-ispazju baġitarju disponibbli.

Programmi ta' strumenti finanzjarji

Il-baġit tal-UE ilu ħafna snin jibbaża fuq programmi ta' strumenti finanzjarji. Dawn il-programmi jintużaw sabiex jiffinanzjaw riċevituri finali aktar riskjużi li għandhom diffikultà sabiex jiksbu finanzjament minn mutwanti/investituri kummerċjali. Il-Kummissjoni tiddelega l-implimentazzjoni ta' dawn il-programmi lill-Grupp tal-BEI jew lil istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn permezz ta' ftehimiet mal-Kummissjoni. Ara n-Nota **2.4.2.1** għal eżempji ta' dawn.

Ladarba tiġi impenjata kontribuzzjoni finanzjarja għal strument finanzjarju, il-fondi meħtieġa jiġu ttrasferiti għal kont fiduċjarju miftuħ mill-istituzzjoni finanzjarja f'isimha iżda għan-nom tal-Kummissjoni jew għall-kompartiment tas-CPF rilevanti għall-istrumenti finanzjarji fil-forma ta' garanziji użati f'operazzjonijiet ta' taħlit. L-istituzzjoni finanzjarja tista' tuża dawn il-fondi sabiex tipprovdi self, toħroġ strumenti ta' dejn, tinvesti fi strumenti ta' ekwità, jew tkopri talbiet għal ħlas ta' garanzija.

Ir-riskju assoċjat ma' dawn l-istrumenti finanzjarji huwa limitat għal-limitu massimu stabbilit fil-ftehimiet sottostanti, li huwa l-ammont ibbaġitjat previst għall-istrument. Peress li l-Kummissjoni spiss iġġarrab l-ewwel telf, huwa probabbli li jseħħ xi telf fil-baġit tal-UE.

Il-ftehimiet tal-Kummissjoni mal-istituzzjonijiet finanzjarji jinkludu kondizzjonijiet u obbligi stretti sabiex jiġu żgurati ġestjoni u rapportar xierqa tal-fondi tal-UE. Ir-rikavat mill-istrumenti finanzjarji ġeneralment jiġi rimborżat lill-baġit tal-UE.

6.3. RISKJU TAL-KAMBJU

Skopertura tal-istrumenti finanzjarji tal-UE għar-riskju tal-kambju fi tmiem is-sena – il-pożizzjoni netta

(f'miljuni ta' EUR)

	31.12.2025						
	USD	RON	PLN	SEK	Oħrajn	EUR	Total
Assi finanzjarji							
Assi finanzjarji fl-AC[1]	*51*	*5*	*–*	*–*	*7*	*548*	*611*
Assi finanzjarji fl-FVSD							
Mhux derivattivi	*1 558*	*–*	*–*	*18*	*124*	*49 380*	*51 080*
Derivattivi	*(1 122)*	*87*	*134*	*93*	*164*	*2 229*	*1 585*
Riċevibbli[2]	*138*	*8*	*84*	*2*	*159*	*3 351*	*3 742*
Flus u ekwivalenti ta' flus	*219*	*594*	*1 480*	*612*	*1 517*	*98 619*	*103 041*
	845	**694**	**1 698**	**725**	**1 972**	**154 127**	**160 060**

(f'miljuni ta' EUR)

	31.12.2025						
	USD	RON	PLN	SEK	Oħrajn	EUR	Total
Obbligazzjonijiet finanzjarji							
Obbligazzjoni ta' garanziji finanzjarji	*(469)*	*(51)*	*(77)*	*(9)*	*(110)*	*(7 012)*	*(7 729)*
Obbligazzjonijiet finanzjarji abbażi tal-FVSD	*(6)*	*221*	*–*	*–*	*(3)*	*(273)*	*(62)*
	(475)	**170**	**(77)**	**(9)**	**(114)**	**(7 285)**	**(7 790)**
Total	**369**	**864**	**1 621**	**715**	**1 858**	**146 842**	**152 269**

(f'miljuni ta' EUR)

	31.12.2024						
	USD	RON	PLN	SEK	Oħrajn	EUR	Total
Assi finanzjarji							
Assi finanzjarji fl-AC [1]	*40*	*5*	*–*	*–*	*7*	*414*	*466*
Assi finanzjarji fl-FVSD							
Mhux derivattivi	*2 148*	*–*	*–*	*45*	*120*	*41 336*	*43 648*
Derivattivi	*–*	*–*	*–*	*–*	*–*	*1 110*	*1 110*
Riċevibbli [2]	*72*	*1*	*17*	*1*	*111*	*3 039*	*3 240*
Flus u ekwivalenti ta' flus	*111*	*258*	*573*	*314*	*966*	*60 941*	*63 163*
	2 371	**264**	**590**	**360**	**1 204**	**106 839**	**111 628**
Obbligazzjonijiet finanzjarji							
Obbligazzjoni ta' garanziji finanzjarji	*(518)*	*(36)*	*(59)*	*(12)*	*(112)*	*(5 643)*	*(6 379)*
Obbligazzjonijiet finanzjarji abbażi tal-FVSD	*(1 712)*	*285*	*76*	*75*	*138*	*1 040*	*(98)*
	(2 230)	**248**	**17**	**63**	**26**	**(4 603)**	**(6 477)**
Total	**141**	**512**	**607**	**423**	**1 230**	**102 237**	**105 151**

(1) Eskluż is-self lill-Istati Membri u lil pajjiżi terzi.
(2) Eskluż l-imposti differiti.

Kieku l-euro ssaħħet jew iddgħajfet kontra muniti oħrajn b' 10 %, allura kien ikollha l-impatt li ġej fuq ir-riżultat ekonomiku:

(f'miljuni ta' EUR)

Żieda (+)/ Tnaqqis (-) fir-Rata tal-Kambju	2025			
	USD	RON	PLN	SEK
+ 10 %	*(34)*	*(79)*	*(147)*	*(65)*
- 10 %	*41*	*96*	*180*	*79*

(f'miljuni ta' EUR)

Żieda (+)/ Tnaqqis (-) fir-Rata tal-Kambju	2024			
	USD	RON	PLN	SEK
+ 10 %	*(13)*	*(47)*	*(55)*	*(38)*
- 10 %	*16*	*57*	*67*	*47*

Attivitajiet ta' teħid u ta' għoti b'self

Peress li l-assi u l-obbligazzjonijiet finanzjarji kollha tal-UE bħalissa huma f'EUR, l-UE ma hijiex skoperta għar-riskju tal-kambju.

It-Teżor

Ir-riżorsi proprji mħallsin mill-Istati Membri f'muniti għajr l-EUR jinżammu fil-kontijiet tar-riżorsi proprji. Meta dawn il-fondi jkunu meħtieġa għall-pagamenti, jiġu kkonvertiti f'EUR. F'xi każijiet, jintużaw direttament għall-pagamenti fl-istess muniti.

Il-Kummissjoni għandha wkoll kontijiet f'muniti tal-UE għajr l-EUR, bħall-USD u l-GBP, ma' banek kummerċjali sabiex jeżegwixxu pagamenti f'dawn il-muniti. Dawn il-kontijiet jiġu rikostitwiti kif meħtieġ, u dan itaffi r-riskju tal-kambju.

Meta jasal dħul mixxellanju f'muniti għajr l-EUR, dan jew jiġi ttrasferit f'kontijiet tal-Kummissjoni fl-istess muniti jew jiġi kkonvertit f'EUR u jiġi ttrasferit f'kontijiet f'EUR.

Il-kontijiet tal-imprest f'muniti għajr l-EUR jiġu riforniti fuq il-bażi tal-ħtiġijiet stmati ta' ħlas għal terminu qasir u jinżammu fil-limiti massimi rispettivi tagħhom.

Multi

Il-multi kollha imposti, imħallsin jew proviżorjament koperti huma f'EUR, sabiex b'hekk ma joħolqu l-ebda riskju tal-kambju meta jinżammu fil-Fond BUFI.

Garanziji baġitarji

Il-garanziji baġitarji tipikament ikunu limitati għal ammont massimu f'EUR. Madankollu, xi operazzjonijiet sottostanti jistgħu jiġu ddenominati f'muniti oħrajn, bħall-USD jew muniti lokali, f'liema każ l-UE tista' tkopri wkoll it-telf FX.

Il-Kummissjoni tqis ir-riskju tal-munita meta tiddetermina l-ħtiġijiet ta' proviżjonament għall-garanziji baġitarji.

Fond ta' Proviżjonament Komuni

Is-CPF jopera kemm f'EUR kif ukoll f'USD. Għall-ġestjoni tar-riskju tal-kambju, is-CPF jidħol f'kuntratti forward tal-kambju sabiex jiħħeġġja l-valur tas-suq tal-investimenti f'USD tiegħu, mal-limitu għall-iskopertura mhux iħħeġġjata massima tal-kambju stabbilit għal 1 % tal-valur totali tal-portafoll fi ħdan il-parametru referenzjarju u l-allokazzjonijiet tal-istrateġija annwali, kif definit fl-istrumenti finanzjarji rilevanti.

Is-CPF juża din l-istrateġija ta' ħħeġġjar sabiex jaġġusta jew ireġġa' lura l-pożizzjoni ħħeġġjata kif xieraq, skont kif ikun meħtieġ. Madankollu, is-CPF ma jiħħeġġjax ir-riskju tal-kambju għal self surrogat (ara n-Nota **2.4.1.2**) li jingarr fil-munita oriġinali tiegħu, li jesponi lill-UE għar-riskju tal-kambju. Għal dan is-self, ma hemm l-ebda attività li tikkumpensa għall-varjazzjonijiet tal-kambju, minħabba inċertezza li tirrigwarda t-twaqqit tar-ripagament tas-self.

6.4. **RISKJU TAĊ-ĊAQLIQ FIR-RATA TAL-IMGĦAX**

It-tabella li ġejja turi kif bidla ta' 1 % fir-rati tal-imgħax (± 100 punt bażi) taffettwa r-riżultat ekonomiku tal-UE għat-titoli tad-dejn, il-fondi tas-suq monetarju u l-ETFs.

(f'miljuni ta' EUR)

	Żieda (+) / tnaqqis (-) f'punti bażi	Riżultat ekonomiku
2025: Assi finanzjarji fl-FVSD	*+ 100*	*(1 448)*
	- 100	*1 536*
2024: Assi finanzjarji fl-FVSD	*+ 100*	*(1 172)*
	- 100	*1 246*

Is-sensittività ta' portafoll ta' bonds għall-bidliet fir-rati tal-imgħax tiżdied mad-durata tiegħu. Id-durata tal-portafolli tal-assi ewlenin ġestiti mill-Kummissjoni hija spjegata hawn taħt.

Attivitajiet ta' teħid u ta' għoti b'self

Minħabba l-attivitajiet tagħha ta' għoti u ta' teħid b'self, l-UE għandha assi u obbligazzjonijiet sinifikanti li jġarrbu l-imgħax. Għall-istrumenti ta' assistenza finanzjarja ta' legat taħt approċċ "back to back", ma hemm ebda riskju tar-rata tal-imgħax peress li t-teħid b'self huwa paċut b'self ekwivalenti skont l-istess termini u kondizzjonijiet.

Għall-approċċ ta' finanzjament unifikat, ir-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax huwa kopert minn proċeduri u minn mekkaniżmi ta' implimentazzjoni li jtaffu r-riskju. Il-prinċipju sottostanti tal-approċċ ta' finanzjament unifikat huwa li jalloka l-kost tal-finanzjament u l-kostijiet relatati lill-benefiċjarji tas-self u lill-baġit tal-UE b'mod trasparenti, l-aktar kosteffettiv u ekwitabbli, fuq il-bażi tal-kalkoli tal-imgħax ta' kuljum. Il-finanzjament unifikat huwa bbażat fuq il-prinċipju tal-allokazzjoni sħiħa tal-kost, u għalhekk kwalunkwe kost tal-imgħax li jiġi minn strumenti ta' teħid b'self, żamma ta' flus, jew strumenti oħra ta' investiment jiġi riallokat u fatturat bis-sħiħ lill-benefiċjarji tas-self bħala kost tal-finanzjament jew kostijiet tal-ġestjoni tal-likwidità.

Il-kostijiet tal-finanzjament huma allokati lill-benefiċjarji tas-self fuq il-bażi tal-ammont pendenti ta' self. Il-kostijiet tal-finanzjament mhux allokati għal self jew għal appoġġ mhux ripagabbli jiġu fatturati lill-benefiċjarji tas-self u lill-baġit tal-UE fil-forma ta' kostijiet tal-ġestjoni tal-likwidità, li jistgħu jkunu pożittivi jew negattivi skont l-evoluzzjoni tar-rati tal-imgħax applikati fuq il-bilanċi tal-flus.

Skont l-approċċ ta' finanzjament unifikat, il-flus jinżammu f'finanzjament kollettiv tal-UE sabiex tinżamm riżerva ta' sikurezza definita li tippermetti l-iżborżi fi żmien qasir, filwaqt li jiġu evitati bilanċi eċċessivi. Ir-riżerva ta' sikurezza tikkonsisti fi flus fil-bank, depożiti b'terminu tas-suq monetarju ma' banek nazzjonali u aġenziji ta' finanzjament tal-Istat kif ukoll tranżazzjonijiet ta' retroriakkwist b'durata ta' 7 ijiem jew ta' 14-il jum (ara n-Nota **2.8.2**). Il-flus kontanti jinżammu prinċipalment fil-BĊE fejn ir-rata tal-imgħax fuq terminu qasir tas-suq monetarju tal-euro nieqes 20 punt bażi tapplika għal kwalunkwe bilanċ ta' flus pendenti. Kwalunkwe dħul minn bilanċ tal-flus u minn strumenti oħrajn ta' investiment huwa parti mill-fatturazzjoni tal-kost tal-ġestjoni tal-likwidità.

It-Teżor

Il-Kummissjoni għandha miżuri fis-seħħ sabiex tiżgura li l-imgħax akkumulat fil-kontijiet bankarji tagħha jkun jirrifletti regolarment ir-rati tal-imgħax tas-suq u l-fluttwazzjonijiet possibbli tagħhom.

Il-kontijiet tar-riżorsi proprji huma protetti minn kwalunkwe kost peress li huma mingħajr kwalunkwe imposta jew imgħax f'konformità mal-Artikolu 9.1 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 609/2014.

Il-kontijiet li jinfetħu mat-teżori tal-Istati Membri għar-riċevuti ta' riżorsi proprji ma jkollhomx imgħaxijiet u jkunu mingħajr ħlas. Il-kontijiet miżmuma ma' banek ċentrali nazzjonali (riżorsi proprji u oħrajn) jistgħu jiġu remunerati bir-rati uffiċjali applikati minn kull istituzzjoni.

Il-Kummissjoni tadatta l-proċeduri ta' ġestjoni tal-flus tagħha skont il-kondizzjonijiet kurrenti tal-interess tas-suq. Tinżamm riżerva ta' sikurezza tal-flus f'kontijiet ta' depożitu ċentrali fuq il-bażi ta' finanzjament fil-ġimgħa mill-kontijiet ta' riżorsi proprji sabiex ikunu koperti l-ħtiġijiet tal-ħlas għall-implimentazzjoni tal-baġit filwaqt li jiġu evitati bilanċi eċċessivi.

Il-bilanċi mil-lum għall-għada miżmumin f'kontijiet tal-banek kummerċjali u ċentrali jaqilgħu l-imgħax kuljum, fuq il-bażi tar-rati tas-suq varjabbli b'marġni kuntrattwali (pożittiv jew negattiv) applikat.

Multi

Il-multi msarrfin b'mod proviżorju jiġu investiti f'portafoll ta' bonds fit-tul b'durata medja tal-portafoll ta' 1,81 snin.

Fond ta' Proviżjonament Komuni

Il-portafoll tas-CPF għandu durata medja totali ta' 3,56 snin.

KEFA f'Likwidazzjoni

L-ammonti tal-KEFA f'Likwidazzjoni jiġu investiti f'portafoll ta' bonds fit-tul b'durata medja ta' 3,83 snin.

6.5. **RISKJU IEĦOR TAL-PREZZ**

Mill-31 ta' Diċembru 2025, l-UE hija esposta għar-riskju ta' ekwità minn diversi investimenti, inklużi:

— Investimenti ta' ekwità mhux ikkwotati (bħall-kapital ta' riskju u fondi ta' investiment oħrajn);

— Fondi tas-suq monetarju (bħall-Fond Unitarju tal-BEI);

— ETFs;

— Investimenti f'portafolli miġburin flimkien (ara n-Nota **2.4.2.1**).

L-UE hija esposta wkoll għal riskju ta' ekwità permezz ta' garanziji li jkopru investimenti ta' ekwità u kważi ekwità mhux ikkwotati, li huma ttrattati bħala derivattivi fuq il-bażi tal-valur ġust permezz ta' surplus jew defiċit (ara n-Nota **2.4.2.2**).

Ir-riskju tal-prezz tal-ekwità huwa r-riskju li l-valuri ġusti ta' investimenti ta' ekwità jinbidlu minħabba fluttwazzjonijiet fil-prezzijiet tal-ekwità u/jew fil-valur tal-investimenti ta' ekwità garantiti.

L-effett fuq is-surplus jew fuq id-defiċit ta' żieda jew ta' tnaqqis fil-valur ta' 10 % tal-istrumenti msemmijin hawn fuq ikun kif ġej:

(f'miljuni ta' EUR)

	10 %	(10) %
Investimenti fl-ekwità	*380*	*(380)*
MMFs, ETFs u investimenti f'portafolli kollettivi	*681*	*(681)*
Garanzija fuq ekwità ([1])	*695*	*(695)*
Total fil-31.12.2025	**1 756**	**(1 756)**
Investimenti fl-ekwità	*320*	*(320)*
MMFs, ETFs u investimenti f'portafolli kollettivi	*598*	*(598)*
Garanzija fuq ekwità ([1])	*606*	*(606)*
Total fil-31.12.2024	**1 523**	**(1 523)**

([1]) *Ir-riskju ta' garanziji fuq l-ekwità huwa bbażat fuq l-ammont nozzjonali li huwa kopert mill-garanzija.*

L-UE tiggarantixxi jew tinvesti f'assi mhux ikkwotati li l-valuri tagħhom ma humiex disponibbli pubblikament. Dawn l-assi huma tipikament implimentati minn entitajiet fdati, li huma esperti fl-industrija u jivvalutaw u jimmonitorjaw regolarment il-valur tagħhom.

6.6. **RISKJU TA' KREDITU**

Skopertura massima għar-riskju ta' kreditu

(f'miljuni ta' EUR)

	31.12.2025	31.12.2024
Assi finanzjarji		
Self	*333 432*	*283 580*
Flus u ekwivalenti ta' flus	*103 041*	*63 163*
Riċevibbli ta' skambju ([1])	*3 742*	*3 240*
Assi finanzjarji fl-FVSD - titoli ta' dejn	*40 462*	*34 465*
Assi finanzjarji fl-FVSD - derivattivi	*1 585*	*1 110*
Assi finanzjarji fl-FVSD - self	*9*	–
Garanziji mogħtijin u impenji ta' self		
FGCs	*65 474*	*60 857*
Impenji ta' self	*24*	*18 193*
Total	**547 771**	**464 607**

([1]) *Eskluži l-imposti differiti.*

Barra minn hekk, l-UE hija esposta indirettament għar-riskju ta' kreditu permezz tal-investimenti tagħha f'MMFs, f'ETFs ta' bonds korporattivi u f'portafolli aggregati ta' titoli ta' dejn (ara n-Nota **2.4.2.1**), li jista' jkollhom impatt fuq il-prezzijiet tagħhom (ara n-Nota **6.5**).

Self: kwalità tal-kreditu

(f'miljuni ta' EUR)

31.12.2025					
	Stadju Nru 1	Stadju Nru 2	Stadju Nru 3	POCI	Total
Aġenzija					
Grad prim u għoli	*33 176*	–	–	–	*33 176*
Grad medju superjuri	*102 243*	–	–	–	*102 243*
Grad medju inferjuri	*151 363*	–	–	–	*151 363*
Grad mhux ta' investiment (inkl. inadempjenza)	*4 340*	*72 630*	*28*	*21*	*77 019*
Ammont riportat gross	**291 122**	**72 630**	**28**	**21**	**363 801**
Nieqes il-kopertura għal telf	*(12)*	*(30 357)*	*(24)*	*24*	*(30 369)*
Ammont nett riportat	**291 110**	**42 273**	**4**	**45**	**333 432**

(f'miljuni ta' EUR)

31.12.2024					
	Stadju Nru 1	Stadju Nru 2	Stadju Nru 3	POCI	Total
Aġenzija					
Grad prim u għoli	*35 593*	–	–	–	*35 593*
Grad medju superjuri	*87 005*	–	–	–	*87 005*
Grad medju inferjuri	*129 200*	–	–	–	*129 200*

(f'miljuni ta' EUR)

31.12.2024					
	Stadju Nru 1	Stadju Nru 2	Stadju Nru 3	POCI	Total
Grad mhux ta' investiment (inkl. inadempjenza)	*3 593*	*44 139*	*14*	*27*	*47 773*
Ammont riportat gross	**255 391**	**44 139**	**14**	**27**	**299 571**
Nieqes il-kopertura għal telf	*(31)*	*(15 969)*	*(14)*	*24*	*(15 991)*
Ammont nett riportat	**255 360**	**28 170**	**(1)**	**51**	**283 580**

Il-kategoriji ta' riskju msemmijin hawn fuq huma fil-prinċipju bbażati fuq l-iskali ta' klassifikazzjoni ta' aġenziji tal-klassifikazzjoni esterni. Dawn il-kategoriji jikkorrispondu għal:

— Grad prim u għoli: Moody's P-1, Aaa – Aa3; S&P A-1+, A-1, AAA – AA -; Fitch F1+, F1, AAA – AA- u l-ekwivalenti;

— Grad medju superjuri: Moody's P-2, A1 – A3; S&P A-2, A+ – A-; Fitch F2, A+ – A- u l-ekwivalenti;

— Grad medju inferjuri: Moody's P-3, Baa1 – Baa3, S&P A-3, BBB+ – BBB-; Fitch F3, BBB+ – BBB- u l-ekwivalenti;

— Grad mhux ta' investiment: Moody's mhux prim, Ba1 – C; S&P B, C, D, BB+ – D; Fitch B, C, D, BB+ – D u l-ekwivalenti.

L-UE tuża dawn il-kategoriji ta' klassifikazzjoni bħala punt ta' riferiment għall-istrumenti finanzjarji u għall-banek kummerċjali. Madankollu, l-UE tista' żżomm l-ammonti f'kategorija ta' riskju partikolari anke jekk aġenzija tal-klassifikazzjoni tkun naqqset il-kontroparti, wara li tagħmel l-analiżi tagħha stess ta' każijiet individwali.

Is-self fil-grad mhux ta' investiment huwa prinċipalment self ta' assistenza finanzjarja lil pajjiżi terzi f'diffikultajiet finanzjarji. Is-self kollu lill-Istati Membri jinsab fil-grad ta' investiment u fl-Istadju 1. Is-self fl-Istadju 2 jinkludi prinċipalment is-self tal-AMF, tal-AMF+, tal-Faċilità għall-Ukrajna, tal-AMF UCLM u tal-Euratom lill-Ukrajna. Is-self POCI huwa self surrogat mill-programmi tal-ELM.

Attivitajiet ta' teħid u ta' għoti b'self

F'każ ta' inadempjenza mid-debituri, il-Kummissjoni tista' tibbaża fuq l-assi miżmuma fis-CPF biex tħallas kwalunkwe dejn dovut relatat ma' self tal-AMF (ħlief self tal-AMF+ u tal-ULCM tal-AMF), self tal-Euratom lil pajjiżi terzi u self ibbażat fuq il-politika pprovdut skont il-Faċilitajiet tal-Balkani tal-Punent u tal-Moldova.

Is-self ipprovdut lill-Ukrajna taħt il-programm eċċezzjonali tal-AMF (EUR 6 biljun żborżati fl-2022) huwa kopert qabel kollox mill-kompartiment tiegħu fis-CPF, u mbagħad anke bi EUR 3,7 biljun addizzjonali f'garanziji tal-Istati Membri, li huma kkunsidrati bħala tisħiħ fil-kreditu għal dak is-self u b'hekk jitnaqqas provvediment għal indeboliment rikonoxxut fir-rigward ta' dak is-self.

Is-self tal-AMF ULCM lill-Ukrajna huwa mistenni li jitħallas lura mill-Ukrajna minn flussi ta' dħul straordinarju li jirriżultaw mill-assi sovrani Russi immobilizzati mogħtija lill-Ukrajna bħala appoġġ mhux ripagabbli taħt il-mekkaniżmu tal-ULCM. Fl-2025, l-Unjoni ġabret u tat lill-Ukrajna EUR 622 miljun. Dan l-ammont jinżamm fil-kont bankarju dedikat fi tmiem is-sena u se jintuża biss biex tiġi sservizzjata l-AMF - u b'hekk jitnaqqas it-telf ta' kreditu mistenni minn dak is-self.

Il-Kummissjoni timmaniġġa l-iskopertura għar-riskju ta' kreditu għas-self tal-Euratom billi tikseb garanziji mill-Istat, li jammontaw għal total ta' EUR 300 miljun fil-31 ta' Diċembru 2025 (2024: EUR 300 miljun).

Self ipprovdut lill-Istati Membri taħt l-istrument SURE huwa sostnut minn sistema ta' garanziji volontarji mill-Istati Membri, li tammonta għal 25 % tal-limitu massimu disponibbli għall-assistenza finanzjarja relatata.

Għal kull telf ta' kreditu fuq is-self lill-Istati Membri, lill-AMF+, lill-AMF ULCM u lill-Faċilità għall-Ukrajna, il-Kummissjoni tista' tagħmel talba lill-Istati Membri, filwaqt li tirrispetta l-limiti massimi tar-riżorsi proprji tagħhom ("il-marġni ta' manuvra baġitarju"; ara n-Nota **6.7**).

Self: Ċaqliq fil-provvediment għat-telf minn indeboliment

(f'miljuni ta' EUR)

	Stadju Nru 1	Stadju Nru 2	Stadju Nru 3	POCI	Total
Kopertura għal telf fl-1.1.2025	*31*	*15 969*	*14*	*(24)*	*15 991*
Trasferiment għall-Istadju Nru 1	*1*	*(1)*	–	–	–
Trasferiment għall-Istadju Nru 2	*(1)*	*1*	–	–	–
Trasferiment għall-Istadju Nru 3	–	*(1)*	*1*	–	–
Self ġdid	*2*	*13 483*	*4*	–	*13 488*
Irtirar tar-rikonoxximent - ripagamenti	*(0)*	*(1)*	*(0)*	–	*(2)*
Irtirar tar-rikonoxximent - tħassir	–	–	*(3)*	–	*(3)*
Kejl mill-ġdid tal-provvediment għat-telf	*(22)*	*907*	*(0)*	–	*885*
Oħrajn	*2*	*2*	*8*	–	*11*
Provvediment għat-telf fil-31.12.2025	**12**	**30 357**	**24**	**(24)**	**30 369**

Il-kopertura addizzjonali għal telf minn indeboliment fuq self tal-Istadju 2 hija prinċipalment dovuta għal self ġdid lill-Ukrajna żborżat taħt il-Faċilità għall-Ukrajna u l-ULCM tal-AMF (ara n-Nota **2.4.1.1**) u għal aġġornament tal-parametri tar-riskju applikati fl-istimi tar-riskju ta' kreditu.

Fl-2025, l-UE tat EUR 1,1 biljun (2024: EUR 763 miljun) ta' sussidji tar-rata tal-imgħax lill-Ukrajna għall-imgħax dovut fuq xi whud mis-self eċċezzjonali tal-AMF, tal-AMF+ u tas-self mill-Faċilità għall-Ukrajna. Il-kost amortizzat qabel il-modifika kien ta' EUR 37,7 biljun (2024: EUR 17,3 biljun). Din il-modifika tat-termini kuntrattwali ġiet ikkontabbilizzata bħala telf ta' modifika fir-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja (ara n-Nota **3.15**). Is-sussidju fuq ir-rati tal-imgħax ma kellux impatt sinifikanti fuq il-valutazzjoni tar-riskju ta' kreditu, u s-self baqa' jiġi kklassifikat bħala Stadju 2 fil-31 ta' Diċembru 2025.

Jekk jogħġbok irreferi għan-Nota **1.5.5** għall-politiki fi stadji tal-UE għas-self.

Self: Kejl tal-ECL

L-UE tuża stima ponderata skont il-probabbiltà sabiex tkejjel it-telf ta' kreditu mistenni. Dan jinvolvi l-istima tad-differenza bejn il-flussi ta' flus kuntrattwali u l-flussi ta' flus mistennijin.

L-UE tuża 3 parametri tar-riskju ta' kreditu għal din l-istima:

— Probabbiltà ta' inadempjenza (PD, Probability of Default): Dan huwa perċentwal li jirrappreżenta l-probabbiltà li kontroparti tispiċċa inadempjenti fir-rigward tal-obbligu finanzjarju tagħha, jew tul it-12-il xahar li jmiss jew tul il-bqija tal-ħajja tal-obbligu.

— Telf fil-każ ta' inadempjenza (LGD, Loss Given Default): Dan huwa perċentwal li juri n-nuqqas ta' flus mistenni, filwaqt li jitqiesu l-irkupri u l-kollaterali.

— Skopertura fl-inadempjenza (EAD, Exposure At Default): Din hija l-iskopertura (ammont) pendenti fil-ħin ta' inadempjenza.

L-UE tqis l-istatus ta' kreditur preferut *de facto* tagħha meta tistma l-LGD fuq skoperturi sovrani.

Il-flussi tal-flus stmati matul il-ħajja mistennija tal-assi finanzjarju jiġu skontati bir-rata effettiva tal-imgħax.

L-UE tqis informazzjoni raġonevoli u ġustifikata li tħares 'il quddiem, disponibbli mingħajr kost u sforz żejda, u taġġusta l-parametri tal-mudell, meta jkun neċessarju.

Flus u ekwivalenti ta' flus: kwalità tal-kreditu

(f'miljuni ta' EUR)

	31.12.2025	31.12.2024
Aġenzija		
Grad primjum u għoli	*101 584*	*57 251*
Grad medju superjuri	*821*	*4 161*
Grad medju inferjuri	*533*	*1 722*
Grad mhux ta' investiment	*104*	*28*
Ammont riportat gross	**103 041**	**63 163**
Nieqes il-kopertura għal telf	-	–
Ammont nett riportat	**103 041**	**63 163**

It-Teżor

Il-biċċa l-kbira tar-riżorsi tat-teżor tal-Kummissjoni jinżammu f'kontijiet tar-riżorsi proprji miftuħin mill-Istati Membri għall-ħlas tal-kontribuzzjonijiet tar-riżorsi proprji tagħhom, l-aktar l-ING, il-VAT u t-TOR. Dawn il-kontijiet jinżammu mat-teżori tal-Istati Membri jew mal-banek ċentrali nazzjonali, li jġorru l-anqas riskju ta' kreditu (jew tal-kontroparti) għall-Kummissjoni.

Għall-porzjon tar-riżorsi tat-teżor tal-Kummissjoni miżmumin mal-banek kummerċjali, ir-riforniment ta' dawn il-kontijiet isir fuq bażi tal-prinċipju ta' "eżatt fil-ħin" u jiġi ġestit awtomatikament mis-sistema ta' ġestjoni tal-likwidità tat-teżor. Il-livelli ta' flus f'kull kont kummerċjali jinżammu biex jiġi żgurat li l-ammont totali matul il-lejl jibqa' b'mod konsistenti taħt il-limiti rispettivi tal-iskopertura tal-kontroparti.

Huma applikati linji gwida speċifiċi għall-għażla tal-banek kummerċjali sabiex ikompli jiġi minimizzat ir-riskju tal-kontroparti li għalih hija skoperta l-Kummissjoni. Dawn il-linji gwida jinkludu:

— L-għażla ta' banek kummerċjali permezz ta' sejħiet għall-offerti, bi klassifikazzjoni tal-kreditu minima fit-tul ta' S&P A- jew ekwivalenti.

— Il-monitoraġġ tal-klassifikazzjonijiet u d-definizzjoni ta' skopertura massima għal kull istituzzjoni finanzjarja, filwaqt li jitqiesu l-affidabbiltà kreditizja u l-kapitalizzazzjoni tal-entità tas-settur finanzjarju.

— Iż-żamma ta' kontijiet tal-imprest ma' banek lokali magħżulin bi proċedura ta' sejħa għall-offerti simplifikata f'delegazzjonijiet barra mill-UE, b'rekwiżiti ta' klassifikazzjoni skont is-sitwazzjoni lokali. Sabiex tiġi limitata l-iskopertura għar-riskju, il-bilanċi fil-kontijiet tal-imprest jinżammu fl-aktar livelli baxxi possibbli, jiġu riforniti regolarment, u l-limiti applikati jiġu rieżaminati fuq bażi annwali.

Flus miżmumin skont il-finanzjament unifikat

Skont l-approċċ ta' finanzjament unifikat, jinżammu biżżejjed flus kontanti sabiex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet ta' żborż pendenti kollha u tinżamm riżerva ta' sikurezza definita, filwaqt li jiġi evitat kwalunkwe bilanċ eċċessiv. Il-flus kontanti jitqiegħdu f'kont bankarju fil-BĊE, f'depożiti tas-suq monetarju għal żmien qasir ma' banek ċentrali nazzjonali jew ma' aġenziji ta' finanzjament tal-Istat, jew jiġu investiti fi ftehimiet ta' retroriakkwist garantiti b'bonds likwidi. Għalhekk, ir-riskju ta' kreditu tar-riżerva ta' likwidità huwa baxx ħafna.

Riċevibbli: kwalità tal-kreditu

(f'miljuni ta' EUR)

	Mhux dovuti	Skaduti	Skaduti	Skaduti	Skaduti	Total
		0-30 jum	31-90 jum	> sena 1	91 jum - sena	
Ammont riportat gross	2 063	18	22	52	179	*2 335*
Nieqes il-kopertura għal telf	(5)	(3)	(9)	(24)	(115)	*(156)*
Ammont nett riportat fil-31.12.2025	**2 058**	**15**	**14**	**28**	**64**	**2 178**
Ammont riportat gross	1 508	15	33	27	207	*1 789*
Nieqes il-kopertura għal telf	(5)	(2)	(3)	(13)	(115)	*(138)*
Ammont nett riportat fil-31.12.2024	**1 502**	**13**	**30**	**14**	**92**	**1 652**

L-ammonti f'din it-tabella ma jinkludux l-imposti differiti u l-komponent tar-riċevibbli tal-FGC imkejla fl-FVSD (ara n-Nota 2.6.2), peress li ma humiex soġġetti għar-rekwiżiti ta' indeboliment.

Assi finanzjarji fl-FVSD – titoli ta' dejn: kwalità tal-kreditu

Fond ta' Provižjonament Komuni

Il-klassifikazzjoni tal-kreditu medja ponderata tal-portafoll CPF hija ta' A (S&P jew ekwivalenti).

Multi msarrfin b'mod provviżorju: Portafoll BUFI

Il-klassifikazzjoni tal-kreditu medja ponderata tal-portafoll hija A (S&P jew l-ekwivalenti).

Il-garanziji finanzjarji riċevuti

Il-politika dwar il-ġestjoni tar-riskji applikata għall-aċċettazzjoni ta' garanziji finanzjarji tiżgura kwalità tal-kreditu għolja għall-Kummissjoni. Din il-politika tinkludi:

— Id-definizzjoni ta' skopertura ta' kreditu massima bbażata fuq il-klassifikazzjoni tal-kreditu u l-livell kapitali ta' entità tas-settur finanzjarju, kif irrapportati fir-rapporti finanzjarji tagħha tal-IFRS (International Financial Reporting Standards).

— Ir-rieżami regolari tal-konformità tal-garanziji pendenti mar-rekwiżiti tal-politika.

KEFA f'Likwidazzjoni

Il-klassifikazzjoni tal-kreditu medja ponderata tal-portafoll hija A (S&P jew ekwivalenti).

Assi finanzjarji fl-FVSD – derivattivi: kwalità tal-kreditu

L-assi derivattivi tal-UE huma prinċipalment relatati ma' garanziji fuq il-portafolli tal-ekwità. Ir-riskju ta' kreditu huwa limitat għar-riskju tal-kontroparti. Il-garanzija fuq l-ekwità tiġi saldata prinċipalment mal-Grupp tal-BEI, li għandu klassifikazzjoni ta' AAA, u dan inaqqas ir-riskju ta' kreditu.

L-unika kontroparti għall-kuntratti forward tal-muniti pendenti kollha fil-31 ta' Diċembru 2025 hija l-Bank għall-Ħlasijiet Internazzjonali. B'riżultat ta' dan, ma huwa meħtieġ l-ebda tisħiħ fil-kreditu, bħal kollateral jew garanziji.

Kuntratti ta' garanziji finanzjarji: kwalità tal-kreditu

(f'miljuni ta' EUR)

	31.12.2025			31.12.2024		
	Stadju Nru 1	Stadju Nru 2	Total	Stadju Nru 1	Stadju Nru 2	Total
Klassifikazzjoni fit-tul						
Grad prim u għoli	*19*	*1*	*20*	*1*	*–*	*1*
Grad medju superjuri	*69*	*12*	*81*	*5*	*–*	*5*
Grad medju inferjuri	*108*	*2*	*109*	*137*	*–*	*137*
Grad mhux ta' investiment	*39 396*	*25 813*	*65 209*	*34 912*	*25 746*	*60 658*
Immaniġġati fuq bażi kollettiva / mhux klassifikati	*10*	*45*	*55*	*10*	*47*	*56*
Total	**39 602**	**25 872**	**65 474**	**35 064**	**25 793**	**60 857**

Kuntratti ta' garanziji finanzjarji: Ċaqliq fil-provvediment għat-telf

(f'miljuni ta' EUR)

	Stadju Nru 1	Stadju Nru 2	Total
Kopertura għal telf fl-1.1.2025	*1 930*	*2 075*	*4 005*
Trasferiment għall-Istadju Nru 2 ([1])	*(48)*	*48*	*–*
Trasferiment għall-Istadju Nru 1 ([1])	*28*	*(28)*	*–*
Żidiet	*377*	*1 257*	*1 634*
Rilaxx tal-garanziji	*(340)*	*(2)*	*(342)*
Kejl mill-ġdid	*397*	*107*	*504*
Provvediment għat-telf fil-31.12.2025	**2 345**	**3 456**	**5 800**
Ammont riportat tal-obbligazzjoni ta' garanzija finanzjarja fil-31.12.2025	**4 061**	**3 668**	**7 729**

([1]) *It-trasferimenti minn u lejn l-istadju 1 / l-istadju 2 jitkejlu fil-provvediment għal indeboliment tal-bilanċ tal-ftuħ, filwaqt li l-bidliet fl-ammont li jirriżultaw mill-bidla fl-istadju (jiġifieri l-kejl tal-ECL fuq 12-il xahar jew tul il-ħajja) huma parti mill-kejl mill-ġdid.*

Iż-żieda fil-provvediment għat-telf għall-garanziji fl-Istadju 2 fl-2025 kienet prinċipalment dovuta għal operazzjonijiet ġodda ffirmati taħt il-Garanzija għall-Ukrajna (ara n-Nota **4.1.1**).

Mill-ECL pendenti għall-garanziji fl-Istadju 2 ta' EUR 3,5 biljun fil-31 ta' Diċembru 2025, EUR 1,7 biljun huma relatati mal-garanziji tal-ELM (ara n-Nota **4.1.1**). Dan jinkludi EUR 0,9 biljun f'ECL tul il-ħajja għall-iskopertura tal-BEI fl-Ukrajna (EUR 3,4 biljun f'self pendenti tal-BEI lill-kontropartijiet fl-Ukrajna ggarantit mill-UE).

Jekk jogħġbok irreferi għan-Nota **1.5.12** għall-politiki ta' stadji tal-UE għall-kuntratti ta' garanzija finanzjarja.

Garanziji baġitarji

L-UE hija skoperta l-aktar għar-riskju ta' kreditu permezz tal-operazzjonijiet li tiggarantixxi. Meta l-kwalità tal-kreditu tal-operazzjonijiet sottostanti tiddeterjora, l-avvenimenti ta' inadempjenza jsiru aktar probabbli u, b'hekk, it-talbiet għal ħlas ta' garanziji tal-UE jiżdiedu wkoll.

Sabiex timmonitorja u timmaniġġja dan ir-riskju, il-Kummissjoni tibbaża fuq Mudell tar-Riskju ta' Kreditu li jivvaluta t-telf potenzjali. Il-mudell juża l-inputs mis-sħab ta' implimentazzjoni u jgħaqqadhom mal-ġudizzju espert sabiex jikseb valutazzjoni tar-riskju li tkun koerenti mat-tranżazzjoni u maċ-ċirkostanzi ekonomiċi rilevanti.

6.7. **RISKJU TA' LIKWIDITÀ**

Analiżi tal-maturità tal-obbligazzjonijiet finanzjarji mhux derivattivi skont il-maturità kuntrattwali li jifdal

(f'miljuni ta' EUR)

	Flussi ta' flus kuntrattwali mhux skontati				Ammont riportat
	< sena 1	1-5 snin	> 5 snin	Total	
Teħid ta' self	*(98 561)*	*(240 053)*	*(578 604)*	*(917 217)*	*(731 224)*
Ammonti pagabbli	*(65 037)*	*–*	*–*	*(65 037)*	*(65 037)*
Oħrajn	*(180)*	*(608)*	*(1 157)*	*(1 944)*	*(1 773)*
Total fil-31.12.2025	**(163 777)**	**(240 661)**	**(579 760)**	**(984 199)**	**(798 034)**
Teħid ta' self	*(61 589)*	*(201 152)*	*(468 669)*	*(731 410)*	*(594 028)*
Ammonti pagabbli	*(55 414)*	*–*	*–*	*(55 414)*	*(55 414)*
Oħrajn	*(168)*	*(560)*	*(850)*	*(1 578)*	*(1 398)*
Total fil-31.12.2024	**(117 171)**	**(201 711)**	**(469 519)**	**(788 401)**	**(650 839)**

Analiżi tal-maturità tal-obbligazzjonijiet finanzjarji derivattivi skont il-maturità kuntrattwali li jifdal

(f'miljuni ta' EUR)

	Flussi ta' flus kuntrattwali mhux skontati				Ammont riportat
	< sena 1	1-5 snin	> 5 snin	Total	
Stadju ta' pagament ta' derivattiv	*(1 184)*	*(11)*	*–*	*(1 195)*	
Stadju ta' riċeviment ta' derivattiv	*1 138*	*7*	*–*	*1 145*	
Flussi tal-flus netti fil-31.12.2025	**(46)**	**(4)**	**–**	**(50)**	**(48)**
Stadju ta' pagament ta' derivattiv	*(1 779)*	*(7)*	*(4)*	*(1 790)*	
Stadju ta' riċeviment ta' derivattiv	*1 691*	*–*	*–*	*1 691*	
Flussi tal-flus netti fil-31.12.2024	**(88)**	**(7)**	**(4)**	**(99)**	**(98)**

Analiżi tal-maturità tal-kuntratti ta' garanziji finanzjarji maħruġin skont l-aktar perjodu kmieni li fih tista' ssir talba għal ħlas tal-garanzija

(f'miljuni ta' EUR)

	Ammont massimu tal-garanzija				Ammont riportat
	< sena 1	1-5 snin	> 5 snin	Total	
FGCs fil-31.12.2025	*(63 617)*	*(1 637)*	*(13 966)*	*(79 220)*	*(7 729)*
FGCs fil-31.12.2024	*(64 115)*	*(2 211)*	*(10 271)*	*(76 597)*	*(6 379)*

Analiżi tal-maturità ta' impenji ta' self mhux prelevati

(f'miljuni ta' EUR)

	Ammont massimu tal-impenn ta' self mhux prelevat				Ammont riportat
	< sena 1	1-5 snin	> 5 snin	Total	
Impenji ta' self mhux prelevati fil-31.12.2025	–	*15*	*9*	*24*	*3*
Impenji ta' self mhux prelevati fil-31.12.2024	*18 152*	*41*	–	*18 193*	*7 082*

Attivitajiet ta' teħid b'self

L-ewwel rikors tal-UE għall-ħlas lura tat-teħid b'self huwa l-ġbir f'waqtu tal-ħlasijiet lura relatati tas-self għall-assistenza finanzjarja relatata u għall-NGEU. Madankollu, hemm fis-seħħ salvagwardji addizzjonali f'każ ta' inadempjenzi fil-ħlas jew dewmien fil-ħlas mill-mutwatarji.

Il-Kummissjoni stabbiliet miżura temporanja għal terminu qasir imsejħa kopertura baġitarja, li tipprovdi likwidità sabiex tkopri l-ħlas ta' obbligi li jirriżultaw minn programmi ta' assistenza finanzjarja back-to-back.

Għas-self lil pajjiżi terzi taħt l-AMF (minbarra l-AMF+ u l-AMF ULCM), l-Euratom, il-Faċilità għall-Balkani tal-Punent u l-Faċilità għall-Moldova, is-CPF jipprovdi riżerva ta' likwidità. Din ir-riżerva tista' tintuża biex jitħallas lura t-teħid b'self relatat.

Jekk l-assi disponibbli fir-riżerva ma jkunux biżżejjed sabiex ikopru t-telf attwali, il-Kummissjoni tattiva miżuri sabiex tipprovdi riżorsi addizzjonali, bħall-użu temporanju tal-likwidità tat-teżor tal-Kummissjoni, trasferimenti temporanji, jew nefqa addizzjonali mill-baġit tal-UE.

Is-self ipprovdut lill-Ukrajna taħt il-programm eċċezzjonali tal-AMF huwa kopert mill-kompartiment tiegħu fis-CPF, kif ukoll minn garanziji addizzjonali tal-Istati Membri (ara n-Nota **6.6**).

Għal self mogħti u meħud li jinħareġ skont l-approċċ ta' finanzjament unifikat, il-Kummissjoni tista' tapplika wkoll ġestjoni attiva tal-likwidità u teħid b'self fuq terminu qasir sabiex jiġu sservizzjati d-djun tal-UE. Il-ġestjoni tar-riskju ta' likwidità skont dan l-approċċ teħtieġ l-implimentazzjoni ta' proċeduri ta' ġestjoni tal-likwidità u għodod iddedikati li jippermettu l-monitoraġġ u l-ġestjoni tal-likwidità fuq bażi ta' kuljum.

Il-Kummissjoni tista' wkoll titlob riżorsi mingħand l-Istati Membri sal-limitu massimu tar-riżorsi proprji għas-servizzjar tad-djun tal-UE. Id-deċiżjoni dwar ir-riżorsi proprji tistabbilixxi l-limitu massimu għar-riżorsi proprji sabiex jiġu koperti l-approprjazzjonijiet annwali għall-pagamenti għal 1,40 % tal-Introjtu Nazzjonali Gross (ING) tal-Istati Membri, flimkien ma' żieda temporanja addizzjonali ta' 0,6 punti perċentwali esklużivament għall-NGEU. Il-baġit tal-2025 kien jinkludi total ta' riżorsi proprji ta' 0,83 % tal-ING tal-UE sabiex jiffinanzja n-nefqa. Dan ifisser li, fil-31 ta' Diċembru 2025, kien jeżisti marġni disponibbli ta' 1,17 % sabiex ikopri l-obbligazzjonijiet tiegħu.

Fl-aħħar nett, self ipprovdut lill-Istati Membri taħt l-istrument SURE huwa sostnut minn sistema ta' garanziji volontarji mill-Istati Membri, li tammonta għal 25 % tal-limitu massimu disponibbli għall-assistenza finanzjarja relatata. Qabel ma titlob dawn il-garanziji, il-Kummissjoni hija mistennija teżamina l-ambitu għall-użu tal-marġni disponibbli taħt il-limitu massimu tar-riżorsi proprji għall-approprjazzjonijiet ta' pagament.

L-impenji ta' self mhux prelevati fil-31 ta' Diċembru 2024 huma prinċipalment relatati mas-self tal-AMF taħt l-ULCM għal EUR 18,1 biljun (ara n-Nota **2.4.1.1**). Dan is-self ġie żborżat kompletament fl-2025.

It-Teżor

Il-prinċipji tal-baġit tal-UE jiżguraw li r-riżorsi tal-flus ġenerali għal sena partikolari jkunu dejjem suffiċjenti għall-eżekuzzjoni tal-pagamenti kollha.

Il-kontribuzzjonijiet totali tal-Istati Membri flimkien mad-dħul mixxellanju huma daqs l-ammont tal-approprjazzjonijiet ta' pagament għas-sena baġitarja. Madankollu, il-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri jiġu riċevuti fi 12-il pagament parzjali kull xahar matul is-sena kollha, ibbażati fuq il-baġit adottat, filwaqt li l-pagamenti huma soġġetti għall-ħtiġijiet operazzjonali.

Il-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri relatati mal-baġits emendatorji approvati f'xahar partikolari (N) isiru disponibbli biss fl-ewwel jum tax-xogħol tax-xahar N+1 jew N+2, filwaqt li l-approprjazzjonijiet ta' pagament relatati ikunu disponibbli minnufih.

Sabiex jiġi żgurat li r-riżorsi tat-teżor disponibbli jkunu dejjem biżżejjed sabiex ikopru l-pagamenti li għandhom jiġu eżegwiti fi kwalunkwe xahar partikolari, hemm fis-seħħ proċeduri dwar it-tbassir regolari tal-flus. Ir-riżorsi proprji jew il-finanzjament addizzjonali jistgħu jintalbu minn qabel mill-Istati Membri jekk ikunu meħtieġa, sa ċerti limiti u f'ċerti kondizzjonijiet previsti fir-Regolament (UE, Euratom) Nru 609/2014.

Minbarra dawn il-proċeduri, l-għodod awtomatizzati għall-ġestjoni tal-likwidità jiżguraw li jkun hemm biżżejjed likwidità disponibbli f'kull kont bankarju tal-Kummissjoni, bħala parti mill-operazzjonijiet tat-teżor ta' kuljum tal-Kummissjoni.

Multi

Il-fond BUFI huwa ġestit sabiex jinżamm livell suffiċjenti ta' likwidità u ta' mobilizzazzjoni sabiex jiġu ssodisfati l-impenji fuq terminu qasir. Il-portafoll huwa magħmul l-aktar minn titoli likwidi ħafna li jistgħu jinbiegħu faċilment sabiex ikopru l-ħruġ ta' flus. Is-sehem ta' flus, ta' ekwivalenti ta' flus u ta' titoli li jimmaturaw fi żmien sena huwa ta' madwar 41 %.

Garanziji baġitarji

L-analiżi tal-maturità tal-UE għall-garanziji finanzjarji tuża approċċ prudenti, li jalloka l-ammont massimu tal-garanzija għall-aktar perjodu bikri li fih tista' tintalab il-garanzija. Madankollu, il-probabbiltà li l-UE tintalab l-ammont kollu fl-ewwel perjodu hija remota, u t-telf mistenni spiss ikun anqas mil-limitu massimu tal-garanzija. Għalhekk, ir-riskju ta' likwidità jeħtieġ li jiġi kkunsidrat flimkien mal-ammont riportat tal-obbligazzjonijiet ta' garanzija.

Objettiv ewlieni tal-qafas ta' ġestjoni tar-riskju huwa li jiġi żgurat li l-baġit tal-UE jkun jista' jirrispetta l-obbligi tiegħu mingħajr ma jfixkel l-implimentazzjoni normali tal-baġit. Dan jinkludi l-mitigazzjoni tar-riskju ta' likwidità relatat mal-garanziji baġitarji, li huwa r-riskju ta' fondi insuffiċjenti sabiex jiġu ssodisfati l-obbligi ta' pagament fil-ħin.

Sabiex jiġi indirizzat dan ir-riskju, kull garanzija baġitarja hija appoġġata minn proviżjonament suffiċjenti mħallas fis-CPF sabiex jiġi żgurat il-ħlas f'waqtu tat-talbiet ta' garanzija. L-UE timmonitorja b'mod regolari l-adegwatezza tar-rata ta' proviżjonament ta' kull programm ta' garanzija baġitarja u kull sena tirrapporta dwar jekk l-ammonti humiex biżżejjed sabiex ikopru r-riskju għall-5 snin li ġejjin b'livell definit ta' ċertezza.

Barra minn hekk, l-UE għandha proċeduri ta' salvagwardja fis-seħħ, li jinkludu t-trasferimenti temporanji bejn il-kompartimenti tas-CPF u l-użu tal-likwidità tat-teżor ċentrali, sabiex tiżgura li jkun hemm likwidità suffiċjenti disponibbli meta jinqala' l-bżonn.

Fond ta' Proviżjonament Komuni

Is-CPF huwa ġestit sabiex jiżgura li l-assi tiegħu jkollhom grad suffiċjenti ta' likwidità u ta' mobilizzazzjoni sabiex jissodisfa l-impenji fuq terminu qasir. Il-portafoll huwa magħmul minn assi likwidi li jistgħu jinbiegħu faċilment sabiex jissodisfaw il-ħruġ ta' flus, jekk ikun meħtieġ. Madwar 10 % tal-portafoll huwa magħmul minn flus, minn ekwivalenti ta' flus, u minn titoli li jimmaturaw fi żmien sena.

Is-saldu tal-kuntratti tad-derivattivi huwa gross u huwa bbażat fuq il-maturità kuntrattwali tagħhom. Jekk ikun neċessarju, l-obbligi jiġu onorati bil-bejgħ ta' assi denominati f'USD jew permezz ta' tranżazzjoni ta' swap, li tista' tirriżulta fi ħruġ ta' flus minħabba differenzi fil-valuta.

7. **DIKJARAZZJONIJIET TAL-PARTIJIET RELATATI**

7.1. **IL-PARTIJIET RELATATI**

Il-partijiet relatati tal-UE huma l-entitajiet ikkonsolidati tal-UE, l-assoċjati u l-persunal prinċipali tal-maniġment ta' dawn l-entitajiet. It-tranżazzjonijiet bejn dawn l-entitajiet iseħħu bħala parti mill-operazzjonijiet normali tal-UE u, minħabba li dan huwa l-każ, ma huwa meħtieġ ebda rekwiżit speċifiku ta' divulgazzjoni għal dawn it-tranżazzjonijiet f'konformità mar-regoli tal-kontabbiltà tal-UE.

7.2. **INTITOLAMENTI PRINĊIPALI TAL-ĠESTJONI**

Għall-finijiet tal-preżentazzjoni ta' informazzjoni dwar tranżazzjonijiet tal-partijiet relatati rigward il-membri kruċjali tal-maniġment tal-UE, tali persuni huma murija hawnhekk taħt 5 kategoriji:

Kategorija 1: il-Presidenti tal-Kunsill Ewropew, tal-Kummissjoni u tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

Kategorija 2: il-Viċi President tal-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli tal-UE għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Viċi Presidenti l-oħrajn tal-Kummissjoni

Kategorija 3: is-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill, il-Membri tal-Kummissjoni, l-Imħallfin u l-Avukati Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, il-President u l-Membri tal-Qorti Ġenerali, l-Ombudsman u l-Kontrollur Ewropew tal-Protezzjoni tad-*Data*

Kategorija 4: il-President u l-Membri tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri

Kategorija 5: l-oġħla uffiċjali fiċ-ċivil tal-Istituzzjonijiet u l-Aġenziji

Sommarju tal-intitolamenti tagħhom huwa mogħti hawn taħt – aktar informazzjoni tista' tinstab fir-Regolamenti tal-Persunal ippubblikati fuq is-sit web Europa, li huwa d-dokument uffiċjali li jiddeskrivi d-drittijiet u l-obbligi tal-uffiċjali kollha tal-UE. Il-persunal prinċipali tal-maniġment ma rċieva ebda self preferenzjali mill-UE.

INTITOLAMENTI FINANZJARJI PRINĊIPALI TAL-ĠESTJONI

(EUR)

Intitolament (għal kull impjegat)	Kategorija 1	Kategorija 2	Kategorija 3	Kategorija 4	Kategorija 5
Salarju bażiku (fix-xahar)	*35 860,91*	*32 482,71 - 33 782,02*	*25 986,17 - 29 234,44*	*28 065,06 - 29 884,10*	*16 523,41 - 25 986,17*
Allowance Residenzjali jew tal-Espatrijazzjoni	*15 %*	*15 %*	*15 %*	*15 %*	*0-4 %-16 %*
Benefiċċji tal-familja:					
Unità domestika (% tas-salarju)	*2 % + 241,21*	*2 % + 241,21*	*2 % + 241,21*	*2 % + 241,21*	*2 % + 241,21*
Wild dipendenti	*527,06*	*527,06*	*527,06*	*527,06*	*527,06*
Edukazzjoni preprimarja	*128,76*	*128,76*	*128,76*	*128,76*	*128,76*
Edukazzjoni, jew	*357,63*	*357,63*	*357,63*	*357,63*	*357,63*
Edukazzjoni barra mill-post tax-xogħol	*715,26*	*715,26*	*715,26*	*715,26*	*715,26*
Benefiċċju għall-imħallfin li jippresjedu	M/A	M/A	*1 111,04*	M/A	M/A
Benefiċċju għar-rappreżentanza	*1 943,34*	*1 248,97*	*832,83*	M/A	M/A
Kostijiet tal-ivvjaġġar annwali	M/A	M/A	M/A	M/A	*Rimborżati*
Trasferimenti lil Stat Membru:					
Allowance għall-edukazzjoni ([1])	*Iva*	*Iva*	*Iva*	*Iva*	*Iva*
% tas-salarju ([1])	*5 %*	*5 %*	*5 %*	*5 %*	*5 %*
% tas-salarju mingħajr cc	*massimu ta' 25 %*	*massimu ta' 25 %*	*massimu ta' 25 %*	*massimu ta' 25 %*	*massimu ta' 25 %*
Spejjeż tar-rappreżentanza	*Rimborżati*	*Rimborżati*	*Rimborżati*	M/A	M/A

(EUR)

Intitolament (għal kull impjegat)	Kategorija 1	Kategorija 2	Kategorija 3	Kategorija 4	Kategorija 5
Bidu tal-impieg:					
Spejjeż tal-installazzjoni	*71 721,82*	*64 965,42 - 67 564,04*	*51 972,34 - 58 468,88*	*56 130,12 - 59 768,20*	*Rimborżati*
Spejjeż tal-ivvjaġġar tal-familja	*Rimborżati*	*Rimborżati*	*Rimborżati*	*Rimborżati*	*Rimborżati*
Spejjeż tar-rilokazzjoni	*Rimborżati*	*Rimborżati*	*Rimborżati*	*Rimborżati*	*Rimborżati*
Tluq mill-kariga:					
Spejjeż tar-risistemazzjoni	*35 860,91*	*32 482,71 - 33 782,02*	*25 986,17 - 29 234,44*	*28 065,06 - 29 884,10*	*Rimborżati*
Spejjeż tal-ivvjaġġar tal-familja	*Rimborżati*	*Rimborżati*	*Rimborżati*	*Rimborżati*	*Rimborżati*
Spejjeż tar-rilokazzjoni	*Rimborżati*	*Rimborżati*	*Rimborżati*	*Rimborżati*	*Rimborżati*
Tranżizzjoni (% tas-salarju) ([2])	*40 % - 65 %*	*40 % - 65 %*	*40 % - 65 %*	*40 % - 65 %*	*M/A*
Assigurazzjoni medika	*Koperta*	*Koperta*	*Koperta*	*Koperta*	*Koperta*
Pensjoni (% tas-salarju, qabel it-taxxa)	*Massimu ta' 70 %*	*Massimu ta' 70 %*	*Massimu ta' 70 %*	*Massimu ta' 70 %*	*Massimu ta' 70 %*
Tnaqqis:					
Taxxa Komunitarja	*8 % - 45 %*	*8 % - 45 %*	*8 % - 45 %*	*8 % - 45 %*	*8 % - 45 %*
Assigurazzjoni medika (% tas-salarju)	*1,7 %*	*1,7 %*	*1,7 %*	*1,7 %*	*1,7 %*
Imposta speċjali fuq is-salarju	*7 %*	*7 %*	*7 %*	*7 %*	*6-7 %*
Tnaqqis tal-pensjoni	*M/A*	*M/A*	*M/A*	*M/A*	*13,10 %*
Għadd ta' persuni fi tmiem is-sena	***3***	***8***	***93***	***27***	***116***

([1]) *bl-applikazzjoni tal-koeffiċjent tal-korrezzjoni ("cc")*
([2]) *imħallsa għall-ewwel 3 snin wara t-tluq*

8. **EVENTI WARA D-DATA TAL-KARTA BILANĊJALI**

Fid-data tal-iffirmar ta' dawn il-kontijiet, ma ġiet irrapportata u ma nġiebet l-ebda kwistjoni materjali għall-attenzjoni tal-Uffiċjal tal-Kontabilità tal-Kummissjoni li teħtieġ divulgazzjoni separata f'din it-taqsima. Il-kontijiet u n-noti relatati tħejjew billi ntużat l-aktar informazzjoni riċenti disponibbli u dan huwa rifless fl-informazzjoni ppreżentata.

9. **AMBITU TAL-KONSOLIDAZZJONI**

A. **ENTITAJIET IKKONTROLLATI (54)**

1. **Istituzzjonijiet u korpi konsultattivi (11)**

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea	*Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data*
Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea	*Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Il-Kummissjoni Ewropea	*Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna*
Il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni	*L-Ombudsman Ewropew*
Il-Kunsill Ewropew	*Il-Parlament Ewropew*
Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri	

2. **Aġenziji U Korpi Oħrajn tal-UE: (41)**

2.1. ***Aġenziji Eżekuttivi (6)***

L-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Klima, għall-Infrastruttura u għall-Ambjent (CINEA, European Climate, Infrastructure and Environment Executive Agency)	*L-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni u għall-SMEs (EISMEA, European Innovation Council and SMEs Executive Agency)*
L-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u għall-Kultura (EACEA, European Education and Culture Executive Agency)	*L-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Kunsill Ewropew tar-Riċerka (ERCEA, European Research Council Executive Agency)*
L-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea Diġitali u tas-Saħħa (HaDEA, European Health and Digital Executive Agency)	*L-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għar-Riċerka (REA, European Research Executive Agency)*

2.2. ***Aġenziji Deċentralizzati u Korpi Oħrajn (35)***

L-Aġenzija għal Appoġġ għall-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (l-Uffiċċju BEREC, Agency for Support for the Body of European Regulators for Electronic Communications)	*L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE)*
L-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti (CPVO, Community Plant Variety Office)	*L-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA, European Securities and Markets Authority)*
L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA)	*Il-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ (ETF, European Training Foundation)*
L-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA, European Banking Authority)	*L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil (EUAA, European Union Agency for Asylum)*
L-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex)	*L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust)*
Iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC, European Centre for Disease Prevention and Control)	*L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà (ENISA)*
Iċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop)	*L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA)*
L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA, European Chemicals Agency)	*L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (EUROPOL)*
L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA, European Environment Agency)	*L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL)*
L-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd (EFCA, European Fisheries Control Agency)	*L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji (ERA, European Union Agency for Railways)*
L-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA, European Food Safety Authority)	*L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER, European Union Agency for the Cooperation of Energy Regulators)*

Il-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (Eurofound)	*L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl- Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA)*
L-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE, European Institute for Gender Equality)	*Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali (EUSPA)*
L-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA, European Insurance and Occupational Pensions Authority)	*L-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea (EASA, European Union Aviation Safety Agency)*
Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni (Fużjoni għall-Enerġija)	*L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar id-Drogi (EUDA, European Union Drugs Agency)*
L-Awtorità Ewropea tax-Xogħol (ELA, European Labour Authority)	*L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO, European Union Intellectual Property Office)*
L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA, European Maritime Safety Agency)	*Iċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea (CdT)*
L-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA, European Medicines Agency)	
3. **Entitajiet ikkontrollati oħrajn (2)**	
Il-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar f'Likwidazzjoni (KEFA f'Likwidazzjoni)	*L-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT, European Institute of Innovation and Technology)*
B. **KUMPANIJI ASSOĊJATI (1)**	
Il-Fond Ewropew tal-Investiment (FEI)	

ENTITAJIET MINURI

L-entitajiet elenkati hawn taħt ma ġewx ikkonsolidati bl-użu tal-metodu tal-ekwità fir-rapporti finanzjarji kkonsolidati tal-UE għall-2025 abbażi tal-immaterjalità:

ENTITÀ MINURI (11)

L-Impriża Konġunta taċ-Ċipep (Chips JU)

L-Impriża Konġunta Ewropa b'Bażi Bijoloġika (CBE JU, Circular Bio-based Europe Joint Undertaking)

L-Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa (CAJU, Clean Aviation Joint Undertaking)

L-Impriża Konġunta Idroġenu Nadif (Clean H2 JU)

L-Impriża Konġunta Sistema Ferrovjarja Ewropea (EU-RAIL JU)

Iċ-Ċentru Ewropew ta' Kompetenza fil-qasam taċ-Ċibersigurtà (ECCC, European Cybersecurity Competence Centre)

L-Impriża Konġunta għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew (EuroHPC JU, European High Performance Computing Joint Undertaking)

L-Impriża Konġunta Saħħa Globali EDCTP3 (GH EDCP3 JU)

L-Impriża Konġunta Inizjattiva għal Saħħa Innovattiva (IHI JU, Innovative Health Initiative Joint Undertaking)

L-Impriża Konġunta Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru Uniku Ewropew 3 (SESAR 3 JU, Single European Sky ATM Research 3 Joint Undertaking)

L-Impriża Konġunta Networks u Servizzi Intelliġenti (SNS JU, Smart Networks and Services Joint Undertaking)

Il-kontijiet annwali tal-entitajiet imsemmija hawn fuq huma disponibbli għall-pubbliku fuq is-siti web rispettivi tagħhom.

RAPPORTI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI BAĠITARJA U NOTI TA' SPJEGA ([56])

WERREJ

Paġna

1. RIŻULTAT TAL-BAĠIT TAL-UE 143
2. DIKJARAZZJONI TAT-TQABBIL TAL-BAĠIT U L-AMMONTI REALI 144
3. NOTI GĦAR-RAPPORTI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI BAĠITARJA 145
   - 3.1. IL-QAFAS TAL-BAĠIT TAL-UE 145
   - 3.2. QAFAS FINANZJARJU PLURIENNALI 2021-2027 145
   - 3.3. INTESTATURI DETTALJATI TAL-QFP (PROGRAMMI) 148
   - 3.4. NextGenerationEU 149
   - 3.5. BAĠIT ANNWALI 149
   - 3.6. DĦUL 150
   - 3.7. KALKOLU TAR-RIŻULTAT TAL-BAĠIT 152
   - 3.8. RIKONĊILJAZZJONI TAR-RIŻULTAT EKONOMIKU MAR-RIŻULTAT TAL-BAĠIT 152
4. L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-BAĠIT TAL-UE 2025 154
5. IMPLIMENTAZZJONI TAD-DĦUL TAL-BAĠIT TAL-UE 155
   - 5.1. SOMMARJU TAL-IMPLIMENTAZZJONI TAD-DĦUL TAL-BAĠIT TAL-UE 155
6. IMPLEMENTAZZJONI TAL-INFIQ TAL-BAĠIT TAL-UE 156
   - 6.1. QFP: TQASSIM U BIDLIET FL-APPROPRJAZZJONIJIET TA' IMPENN U TA' PAGAMENT 156
   - 6.2. QFP: IMPLIMENTAZZJONI TAL-APPROPRJAZZJONIJIET TA' IMPENN 158
   - 6.3. QFP: IMPLIMENTAZZJONI TAL-APPROPRJAZZJONIJIET TA' PAGAMENT 159
   - 6.4. QFP: MOVIMENTI FL-IMPENJI PENDENTI (RAL) 160
   - 6.5. QFP: IMPENJI PENDENTI SKONT IS-SENA TAL-ORIĠINI 160
   - 6.6. QFP DETTALJAT: TQASSIM U BIDLIET FL-APPROPRJAZZJONIJIET TA' IMPENN U TA' PAGAMENT .. 161
   - 6.7. QFP DETTALJAT: IMPLIMENTAZZJONI TAL-APPROPRJAZZJONIJIET TA' IMPENN 172
   - 6.8. QFP DETTALJAT: IMPLIMENTAZZJONI TAL-APPROPRJAZZJONIJIET TA' PAGAMENT 190
   - 6.9. QFP DETTALJAT: MOVIMENTI FL-IMPENJI PENDENTI (RAL) 203
   - 6.10. QFP DETTALJAT: IMPENJI PENDENTI SKONT IS-SENA TAL-ORIĠINI 210
7. IMPLIMENTAZZJONI TAL-BAĠIT SKONT L-ISTITUZZJONI 216
   - 7.1. IMPLIMENTAZZJONI TAD-DĦUL TAL-BAĠIT 216
   - 7.2. IMPLIMENTAZZJONI TAL-APPROPRJAZZJONIJIET TA' IMPENN 217
   - 7.3. IMPLIMENTAZZJONI TAL-APPROPRJAZZJONIJIET TA' PAGAMENT 219
8. IMPLIMENTAZZJONI TAL-BAĠIT TAL-AĠENZIJI 220
   - 8.1. DĦUL TAL-BAĠIT 220
   - 8.2. APPROPRAZZJONIJIET TA' IMPENN U TA' PAGAMENT SKONT L-AĠENZIJA 221

([56]) Għandu jiġi nnotat li minħabba l-ittondjar taċ-ċifri f'miljuni ta' euro, xi data finanzjarja fit-tabelli t'hawn taħt tista' tidher li ma taqbilx fl-għadd finali.

1. **RIŻULTAT TAL-BAĠIT TAL-UE**

(f'miljuni ta' EUR)

Nota		2025	2024
a	Dħul għas-sena finanzjarja	224 398	250 609
b	Pagamenti kontra l-approprjazzjonijiet tas-sena attwali	(212 797)	(244 309)
c	Approprjazzjonijiet ta' pagament riportati għas-sena N+1	(6 087)	(3 848)
d	Kanċellazzjoni ta' approprjazzjonijiet mhux użati riportati mis-sena N-1	273	334
e	*Evoluzzjoni tad-dħul assenjat (B)-(A)*	(3 579)	(1 486)
	Approprjazzjonijiet mhux użati fi tmiem is-sena kurrenti (A)	28 271	24 692
	Approprjazzjonijiet mhux użati fi tmiem is-sena preċedenti (B)	24 692	23 206
f	*Differenzi fir-rata tal-kambju għas-sena*	(130)	44
	Riżultat tal-baġit	**2 078**	**1 345**

Ir-riżultat tal-baġit tal-UE jintradd lura lill-Istati Membri matul is-sena ta' wara permezz ta' tnaqqis tal-ammonti dovuti minnhom għal dik is-sena. Jiġi kkalkolat f'konformità mal-Artikolu 1(1) tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 608/2014 ([57]) li jistabbilixxi miżuri li jimplimentaw is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea. Aktar informazzjoni tista' tinstab taħt it-Taqsima **3.7** Kalkolu tar-riżultat tal-baġit.

a. Dħul għas-sena finanzjarja: it-tabella 5.1 "Sommarju tal-implimentazzjoni tad-Dħul tal-Baġit tal-UE", il-kolonna 8 "Dħul Totali".

b. Pagamenti kontra l-approprjazzjonijiet tas-sena kurrenti: it-tabella 6.3 "QFP – Implimentazzjoni tal-Approprjazzjonijiet ta' Pagament", il-kolonna 2 "Pagamenti magħmula mill-baġit adottat" u l-kolonna 4 "Pagamenti magħmula mid-dħul assenjat".

c. Approprjazzjonijiet ta' pagament riportati għas-sena N+1: it-tabella 6.3 "QFP – Implimentazzjoni tal-Approprjazzjonijiet ta' Pagament", il-kolonna 7 riporti awtomatiċi flimkien mal-kolonna 8 riport permezz ta' deċiżjoni.

d. Kanċellazzjoni ta' approprjazzjonijiet ta' pagament mhux użati riportati mis-sena N-1: tqis l-ammont tal-approprjazzjonijiet ta' pagament riportati (awtomatikament u permezz ta' deċiżjoni) fi tmiem is-sena ta' qabel u l-"Pagamenti magħmula minn riporti" tas-sena kurrenti bħal fil-kolonna 3 tat-tabella 6.3 "QFP – Implimentazzjoni tal-Approprjazzjonijiet ta' Pagament".

e. Evoluzzjoni tal-approprjazzjonijiet ta' dħul assenjati totali fi tmiem is-sena: tikkalkula d-differenza fl-ammont ta' approprjazzjonijiet ta' dħul assenjati fi tmiem is-sena ta' qabel (flimkien) u l-ammont tal-approprjazzjonijiet ta' dħul assenjati fi tmiem is-sena kurrenti (bħal fil-kolonna 8 tat-tabella 6.3 "QFP – Implimentazzjoni tal-Approprjazzjonijiet ta' pagament" - imnaqqsa) sabiex tinkiseb il-varjazzjoni netta tad-dħul assenjat fis-sena kurrenti.

f. Id-differenzi fir-rata tal-kambju jinkludu differenzi realizzati u mhux realizzati fir-rata tal-kambju.

([57]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 608/2014 tas-26 ta' Mejju 2014 li jistabbilixxi miżuri li jimplimentaw is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 168, 7.6.2014, p. 29, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/608/oj).

2. **DIKJARAZZJONI TAT-TQABBIL TAL-BAĠIT U L-AMMONTI REALI**

Dħul tal-baġit

(f'miljuni ta' EUR)

	Titolu	Baġit inizjali adottat	Baġit finali adottat	Intitolamenti stabbiliti	Dħul
1	Riżorsi Proprji	151 161	154 322	155 448	155 418
2	Surpluses, Bilanċi u Aġġustamenti	–	1 345	1 362	1 362
3	*Dħul Amministrattiv*	*2 425*	*2 425*	*3 272*	*3 226*
4	*Dħul Finanzjarju, Imgħax ta' Inadempjenza U Multi*	*183*	*1 659*	*18 874*	*2 618*
5	*Garanziji Baġitarji, Operazzjonijiet ta' Teħid b'Self u ta' Għoti b'Self*	–	–	*40 815*	*40 766*
6	*Dħul, Kontribuzzjonijiet u Rifużjonijiet Relatati mal-Politiki tal-Unjoni*	*1 440*	*1 412*	*24 016*	*21 008*
	Total	**155 209**	**161 163**	**243 787**	**224 398**
	li minnhom Next Generation EU (NGEU)	-	-	*40 219*	*40 213*

Nefqa baġitarja: impenji skont l-intestatura tal-qafas finanzjajru pluriennali (QFP)

(f'miljuni ta' EUR)

	Intestatura tal-QFP	Baġit inizjali adottat	Baġit finali adottat	Approprjazzjonijiet totali disponibbli	Impenji magħmula
1	Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali	21 480	21 539	30 466	27 095
2	Koeżjoni, Reżiljenza u Valuri	77 980	77 979	80 804	78 884
3	*Riżorsi Naturali u Ambjent*	*56 731*	*56 700*	*58 961*	*57 658*
4	*Migrazzjoni u Ġestjoni tal-Fruntieri*	*4 791*	*4 645*	*5 338*	*4 738*
5	Sigurtà u Difiża	2 633	2 633	2 742	2 666
6	*Viċinat u d-Dinja*	*16 308*	*16 892*	*20 828*	*19 645*
7	Amministrazzjoni Pubblika Ewropea	12 845	12 766	15 115	13 955
O	Barra mill-QFP	4 320	4 320	11 767	6 409
S	Mekkaniżmi ta' solidarjetà fl-Unjoni u barra minnha (strumenti speċjali)	2 349	1 766	2 085	1 065
	Total	**199 438**	**199 239**	**228 104**	**212 116**
	li minnhom Next Generation EU (NGEU)	–	–	*232*	*39*

Nefqa baġitarja: pagamenti skont l-intestatura tal-qafas finanzjajru pluriennali (QFP)

(f'miljuni ta' EUR)

	Intestatura tal-QFP	Baġit inizjali adottat	Baġit finali adottat	Approprjazzjonijiet totali disponibbli	Pagamenti magħmula
1	Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali	20 461	20 255	34 035	24 483
2	Koeżjoni, Reżiljenza u Valuri	44 445	47 141	96 601	92 306
3	*Riżorsi Naturali u Ambjent*	*52 092*	*56 039*	*61 329*	*59 589*
4	*Migrazzjoni u Ġestjoni tal-Fruntieri*	*3 204*	*3 564*	*4 386*	*3 819*
5	Sigurtà u Difiża	2 143	1 839	1 947	1 872
6	*Viċinat u d-Dinja*	*14 426*	*15 010*	*18 469*	*17 170*
7	Amministrazzjoni Pubblika Ewropea	12 845	12 766	16 133	13 767
O	Barra mill-QFP	3 274	2 805	15 994	2 319
S	Mekkaniżmi ta' solidarjetà fl-Unjoni u barra minnha (strumenti speċjali)	2 320	1 744	2 063	1 048
	Total	**155 209**	**161 163**	**250 956**	**216 373**
	li minnhom Next Generation EU (NGEU)	–	–	*43 760*	*41 739*

3. NOTI GĦAR-RAPPORTI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI BAĠITARJA

3.1. IL-QAFAS TAL-BAĠIT TAL-UE

Il-kontijiet baġitarji jinżammu f'konformità mar-Regolament Finanzjarju (RF). Il-baġit ġenerali huwa l-istrument li jipprovdi għal u li jawtorizza d-dħul u l-infiq tal-Unjoni kull sena, fil-limiti massimi u dispożizzjonijiet oħrajn stipulati fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali skont l-atti leġiżlattivi li jikkonċernaw il-programmi pluriennali adottati skont dak il-qafas.

3.2. QAFAS FINANZJARJU PLURIENNALI 2021-2027

f'miljuni ta' EUR fi prezzijiet kurrenti

	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	Total
1. Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali	20 919	21 878	21 727	21 598	21 596	22 210	20 991	150 919
2. Koeżjoni, Reżiljenza u Valuri	6 364	67 806	70 137	73 289	75 697	67 523	70 128	430 944
2a. Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali	1 769	61 345	62 939	64 683	66 361	56 593	58 484	372 174

f'miljuni ta' EUR fi prezzijiet kurrenti

	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	Total
2b. Reżiljenza u Valuri	4 595	6 461	7 198	8 606	9 336	10 930	11 644	58 770
3. Riżorsi Naturali u Ambjent	56 841	56 965	57 295	57 449	57 336	57 100	57 316	400 302
Li minnhom: Nefqa relatata mas-suq u pagamenti diretti	40 368	40 639	40 693	40 603	40 529	40 542	40 496	283 870
4. Migrazzjoni u Ġestjoni tal-Fruntieri	1 791	3 360	3 814	4 020	4 871	5 103	5 619	28 578
5. Sigurtà u Difiża	1 696	1 896	1 946	2 380	2 617	2 810	3 080	16 425
6. Viċinat u d-Dinja	16 247	16 802	16 329	16 331	16 303	15 614	16 071	113 697
7. Amministrazzjoni Pubblika Ewropea	10 635	11 058	11 419	11 773	12 124	12 506	12 959	82 474
Li minnhom: Nefqa amministrattiva tal-istituzzjonijiet	8 216	8 528	8 772	9 006	9 219	9 464	9 786	62 991
TOTAL TAL-APPROPRJAZZJONIJIET TA' IMPENN	**114 493**	**179 765**	**182 667**	**186 840**	**190 544**	**182 866**	**186 164**	**1 223 339**
TOTAL TAL-APPROPRJAZZJONIET TA' PAGAMENT	**163 496**	**166 534**	**162 053**	**142 601**	**175 378**	**201 170**	**195 246**	**1 206 478**
bħala perċentwali tal-ING	1,18 %	1,12 %	0,99 %	0,81 %	0,95 %	1,04 %	0,98 %	1,01 %

Ir-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093 li jistabbilixxi l-QFP 2021-2027 ġie adottat fis-17 ta' Diċembru 2020. It-tabella ta' hawn fuq turi l-limiti massimi tal-QFP bil-prezzijiet kurrenti kif adottati fl-aġġustament tekniku għall-QFP 2021-2027 għall-2026 ([58]), f'konformità mad-deflatur annwali fiss ta' 2 % stabbilit fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament dwar il-QFP. Kif stipulat fir-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093 li jistabbilixxi l-QFP 2021–2027, għall-approprjazzjonijiet ta' impenn l-ammonti jinqasmu skont l-Intestatura; għall-approprjazzjonijiet ta' pagament il-limiti massimi japplikaw biss fil-livell totali. L-2025 kienet il-ħames sena finanzjarja koperta mill-QFP 2021-2027.

([58]) L-aġġustament tekniku tal-qafas finanzjarju pluriennali għall-2026 f'konformità mal-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/365 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027, COM (2025) 800 final, 4.6.2025.

Wara l-qbil politiku dwar ir-reviżjoni ta' Nofs it-terminu tal-QFP 2021–2027 li ntlaħaq fil-Kunsill Ewropew tal-1 ta' Frar u mal-Parlament Ewropew fis-6 ta' Frar 2024, ir-Regolament QFP rivedut ([59]) ġie adottat fid-29 ta' Frar 2024. Ir-reviżjoni ta' nofs it-terminu saħħet il-baġit tal-UE għall-perjodu 2024-2027 b'EUR 64,6 biljun, li minnhom EUR 33 biljun f'self, f'numru ta' oqsma ta' prijorità inklużi l-appoġġ għall-Ukrajna, l-istabbiliment tal-pjattaforma tat-teknoloġiji strateġiċi għall-Ewropa (STEP, Strategic Technologies for Europe Platform), il-ħolqien tal-mekkaniżmu sabiex jiġu koperti l-kostijiet addizzjonali sabiex jiġi ffinanzjat l-istrument għall-irkupru Next Generation EU, li jirriżulta minn rati ogħla ta' imgħax kif ukoll mill-finanzjament addizzjonali għall-ġestjoni tal-migrazzjoni u għas-sħubijiet internazzjonali, u mit-tisħiħ ta' xi strumenti speċjali. Mill-1 ta' Jannar 2024, ir-Riżerva ta' Solidarjetà u Għajnuna ta' Emerġenza (SEAR, Solidarity and Emergency Aid Reserve) inqasmet f'żewġ strumenti separati (ir-Riżerva ta' Solidarjetà Ewropea u r-Riżerva ta' Għajnuna f'Emerġenza). Sabiex jiġi integrat l-impatt tar-Reviżjoni ta' nofs it-terminu fuq il-Baġit Annwali għall-2024, ġie adottat il-Baġit Emendatorju 1/2024 ([60]).

Il-limitu massimu globali għall-approprjazzjonijiet ta' impenn għall-2025 kien ta' EUR 190 544 miljun, filwaqt li l-limitu massimu korrispondenti għall-approprjazzjonijiet ta' pagament kien ta' EUR 175 378 miljun.

Skont l-Artikolu 312(3) tat-TFUE, il-QFP jiddetermina l-ammonti tal-limiti massimi annwali għall-approprjazzjonijiet ta' impenn skont il-kategorija tan-nefqa ("intestaturi") u tal-limiti massimi annwali għall-approprjazzjonijiet ta' pagament. L-intestaturi tal-QFP jikkorrispondu għas-setturi ewlenin ta' attività tal-Unjoni. Spjegazzjoni tal-intestaturi varji tal-QFP 2021-2027 hija mogħtija hawn taħt.

Il-QFP 2021-2027 jammonta għal EUR 1 223 biljun (EUR 1 083 biljun bil-prezzijiet tal-2018), inkluż il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ). Barra minn hekk, NextGenerationEU jipprovdi ammont addizzjonali ta' EUR 806,9 biljun (EUR 750 biljun bil-prezzijiet tal-2018) sal-2023 f'impenji u sal-2026 f'pagamenti. Dan l-ammont inizjali ġie aġġustat għal EUR 698,3 biljun, peress li l-appoġġ totali disponibbli għas-self ma ntalabx kompletament mill-Istati Membri.

Għall-proċedura tal-baġit annwali, in-nomenklatura tal-baġit hija strutturata aktar mill-politika "raggruppamenti", u tipprovdi aktar ċarezza dwar kif il-programmi ta' nfiq individwali jikkontribwixxu għall-għanijiet tal-politika tal-Unjoni.

Intestatura 1 – Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali

Din l-intestatura tinkludi programmi ewlenin tal-UE li jappoġġaw l-oqsma tar-riċerka u l-innovazzjoni, tat-trasformazzjoni diġitali, tal-infrastruttura strateġika, tat-tisħiħ tas-suq uniku u ta' proġetti spazjali strateġiċi. Il-programmi taħt din l-intestatura jinkludu Orizzont Ewropa, il-Fond InvestEU, il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, il-programm tas-Suq uniku u l-programm spazjali Ewropew.

Programmi li jirċievu kontribuzzjonijiet mill-NGEU (dħul assenjat estern) taħt din l-intestatura: Orizzont Ewropa u l-Fond InvestEU.

Intestatura 2 – Tkabbir sostenibbli: riżorsi naturali

Din l-intestatura hija maqsuma f'żewġ sottointestaturi: Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali (2a), u Reżiljenza u valuri (2b).

L-infiq taħt din l-intestatura għandu l-għan li jsaħħaħ ir-reżiljenza u l-koeżjoni bejn l-Istati Membri tal-UE. Il-finanzjament jgħin sabiex jitnaqqsu d-disparitajiet fir-reġjuni tal-UE u bejniethom, u fi ħdan u bejn l-Istati Membri, u jippromwovi l-iżvilupp territorjali sostenibbli (il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Soċjali Ewropew Plus). Jappoġġa wkoll is-solidarjetà u l-kooperazzjoni tal-Unjoni fit-tħejjija u fir-rispons għad-diżastri (Il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili u RescEU). Barra minn hekk, il-programmi taħt din l-intestatura jfittxu li jagħmlu lill-UE aktar reżiljenti għall-isfidi preżenti u futuri billi jinvestu fit-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, fiż-żgħażagħ (Erasmus), fis-saħħa (EU4Health) u fl-azzjoni sabiex jiġu protetti l-valuri tal-UE (Ġustizzja, Drittijiet u Valuri) u jippromwovu d-diversità kulturali (Ewropa Kreattiva).

Din l-intestatura tinkludi l-RRF, li taħdem bil-maġġoranza l-kbira tal-finanzjament ipprovdut mill-NGEU matul il-perjodu 2021-2023. Programmi oħrajn li jirċievu kontribuzzjonijiet mill-NGEU (dħul assenjat estern) f'din l-intestatura: REACT-EU, Il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (RescEU). Għal ħarsa ġenerali aktar dettaljata tal-attivitajiet tal-RRF, ikkonsulta t-taqsimiet dwar l-NGEU **3** u **4** tal-Punti Ewlenin Finanzjarji tas-Sena.

([59]) Kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2024/765 tad-29 ta' Frar 2024 bir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (ĠU L, 2024/765, 29.2.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/765/oj).

([60]) AB 1/2024, ĠU L, 2024/1430, 5.6.2024.

Intestatura 3 – Riżorsi Naturali u Ambjent

In-nefqa taħt din l-intestatura tinvesti f'agrikoltura sostenibbli (politika agrikola komuni) u fil-politika tas-sajd u dik marittima (il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura), kif ukoll fi programmi ddedikati għall-ħarsien tal-ambjent u għall-azzjoni klimatika (il-programm LIFE, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta).

Programmi li jirċievu kontribuzzjonijiet mill-NGEU (dħul assenjat estern) taħt din l-intestatura: l-iżvilupp rurali, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta.

Intestatura 4 – Migrazzjoni u Ġestjoni tal-Fruntieri

Il-programmi (il-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri) u l-aġenziji deċentralizzati (bħall-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex) u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil) iffinanzjati taħt din l-intestatura jfittxu li jindirizzaw l-isfidi marbutin mal-migrazzjoni u mal-ġestjoni tal-fruntieri esterni tal-UE u mas-salvagwardja tas-sistema tal-ażil fl-UE.

Intestatura 5 – Sigurtà u Difiża

Din l-intestatura tirrifletti l-ħtieġa akbar għal kooperazzjoni fil-livell tal-Unjoni sabiex jiġu indirizzati t-theddidiet għas-sigurtà u tiżdied l-awtonomija strateġika tagħha. Tinkludi programmi li r-rwol tagħhom huwa li jtejbu s-sigurtà u s-sikurezza taċ-ċittadini tal-Ewropa (il-Fond għas-Sigurtà Interna), li jsaħħu l-kapaċitajiet ta' difiża tal-Ewropa (il-Fond Ewropew għad-Difiża), u li jipprovdu l-għodod meħtieġa sabiex jirrispondu għall-isfidi tas-sigurtà interna u esterna.

Intestatura 6 – Viċinat u d-Dinja

Il-programmi taħt din l-intestatura jsaħħu l-impatt soċjoekonomiku tal-UE fil-viċinat tagħha, fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw u fil-bqija tad-dinja. L-istrument il-ġdid tal-NDICI- Ewropa Globali jgħaqqad diversi eks strumenti ta' finanzjament estern tal-UE, inkluża l-kooperazzjoni mal-pajjiżi Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP) li qabel kienu ffinanzjati mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp. L-intestatura tinkludi wkoll assistenza għall-pajjiżi li jħejju għall-adeżjoni mal-UE (Assistenza ta' qabel l-adeżjoni) u l-programm ta' Għajnuna Umanitarja tal-Unjoni.

Intestatura 7 - Amministrazzjoni Pubblika Ewropea

Din l-intestatura tkopri n-nefqa amministrattiva għall-istituzzjonijiet kollha, għall-pensjonijiet u għall-Iskejjel Ewropej.

S - Strumenti speċjali

Il-mekkaniżmi ta' flessibbiltà fil-baġit tal-UE jippermettu lill-UE timmobilizza l-fondi neċessarji sabiex tirreaġixxi għal avvenimenti mhux previsti bħal sitwazzjonijiet ta' kriżi u ta' emerġenza. L-ambitu, l-allokazzjoni finanzjarja u l-modalitajiet operattivi tagħhom huma previsti fir-Regolament tal-QFP u fil-Ftehim Interistituzzjonali. Jiżguraw li r-riżorsi baġitarji jkunu jistgħu jirrispondu għall-prijoritajiet li qegħdin jevolvu, sabiex b'hekk kull euro jintuża fejn ikun l-aktar meħtieġ.

Fin-nomenklatura u l-implimentazzjoni baġitarji annwali, dawn huma identifikati bħala strumenti speċjali ("S"), peress li jistgħu jiġu mobilizzati lil hinn mil-limiti massimi tan-nefqa tal-QFP, kemm għall-approprjazzjonijiet ta' impenn kif ukoll għal dawk ta' pagament.

3.3. INTESTATURI DETTALJATI TAL-QFP (PROGRAMMI)

L-intestaturi tal-QFP ikomplu jinqasmu f'intestaturi dettaljati, li jikkorrespondu għall-programmi ta' nfiq ewlenin (eż. Orizzont 2020, Erasmus+, eċċ.). Il-bażijiet legali sottostanti għall-implimentazzjoni tal-baġit huma adottati f'dan il-livell tal-programm. Il-programmi huma l-istruttura li tintuża b'mod komuni għar-rapportar dwar l-implimentazzjoni u r-riżultati. It-tabelli skont il-programmi huma disponibbli fir-rapporti dwar l-implimentazzjoni baġitarja (ara t-tabelli **6.6 - 6.10** hawn taħt).

3.4. NEXTGENERATIONEU


B'baġit ta' EUR 420,8 biljun għall-appoġġ mhux ripagabbli, l-NGEU għandu impatt kbir fuq il-baġits annwali totali tal-UE għall-2021 sal-2026 u fuq l-implimentazzjoni tagħhom. Fl-2021, dan l-ammont iddaħħal kollu kemm hu bħala approprjazzjonijiet tad-dħul assenjat. L-impenji kollha għall-appoġġ mhux ripagabbli ddaħħlu sal-31 ta' Diċembru 2023 u se jiġu onorati b'pagamenti sal-31 ta' Diċembru 2026, f'konformità mal-Artikoli 3(4) u 3(9) tar-Regolament dwar l-EURI ([61]).

Għal ħarsa ġenerali komprensiva lejn l-attivitajiet tal-NGEU, ikkonsulta t-Taqsima 3 tal-Punti Ewlenin Finanzjarji tas-Sena.

3.5. BAĠIT ANNWALI

Il-proċedura tal-adozzjoni tal-baġit hija stabbilita fl-Artikolu 314 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE. Id-dijagramma li ġejja tippreżenta l-iskadenzi kif ukoll il-passi tal-adozzjoni tal-baġit.

Skeda taż-żmien tat-Trattat1[1]



1. Fil-prattika, it-3 istituzzjonijiet jagħmlu ħilithom biex jippreżentaw id-dokumenti rispettivi tagħhom aktar kmieni fis-sena sabiex jiffaċilitaw il-proċess.

([61]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2094 tal-14 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi Strument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru biex jappoġġa l-irkupru wara l-kriżi tal-COVID-19 (ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 23, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2020/2094/oj).

2. Il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni huwa magħmul mill-membri tal-Kunsill jew mir-rappreżentanti tagħhom u minn numru ugwali ta' membri li jirrappreżentaw lill-Parlament Ewropew. Il-Kummissjoni tieħu sehem fil-proċeduri tal-Kumitat ta' Konċiljazzjoni u tieħu l-inizjattivi kollha neċessarji sabiex tirrikonċilja l-pożizzjonijiet tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

3. Il-Parlament Ewropew japprova t-test konġunt u mbagħad, fi żmien 14-il jum mir-rifjut tal-Kunsill, jiddeċiedi (b'maġġoranza tal-membri komponenti tiegħu u bi 3/5 tal-voti mitfugħa) li jikkonferma l-emendi kollha tiegħu jew uħud minnhom.

L-istruttura tal-baġit għall-Kummissjoni tikkonsisti f'approprjazzjonijiet amministrattivi u operattivi. L-Istituzzjonijiet l-oħrajn għandhom biss approprjazzjonijiet amministrattivi. Barra minn hekk, il-baġit jiddistingwi bejn żewġ tipi ta' approprjazzjonijiet: approprjazzjonijiet mhux differenzjati u approprjazzjonijiet differenzjati. L-approprjazzjonijiet mhux differenzjati jintużaw sabiex jiffinanzjaw operazzjonijiet ta' natura annwali (li huma konformi mal-prinċipju tal-annwalità). L-approprjazzjonijiet differenzjati jintużaw sabiex jirrikonċiljaw il-prinċipju tal-annwalità mal-ħtieġa li jiġu ġestiti l-operazzjonijiet pluriennali. L-approprjazzjonijiet differenzjati jinqasmu f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament:

— approprjazzjonijiet ta' impenn: ikopru l-kost totali tal-obbligi legali konklużi għas-sena finanzjarja kurrenti, għal operazzjonijiet mifruxa fuq għadd ta' snin. Madankollu, l-impenji baġitarji għal azzjonijiet mifruxa fuq aktar minn sena finanzjarja waħda jistgħu jinqasmu fuq bosta snin, f'pagamenti parzjali annwali, meta l-att bażiku jistipula hekk.

— approprjazzjonijiet ta' pagament: ikopru l-infiq li jirriżulta mill-impenji konklużi fis-sena finanzjarja kurrenti u/jew fi snin finanzjarji preċedenti.

Fil-kontijiet, it-tipi ta' finanzjament huma miġbura flimkien f'żewġ entrati ewlenin:

— Approprjazzjonijiet baġitarji finali adottati; u

— Approprjazzjonijiet addizzjonali li fihom:

  — Riporti mis-sena preċedenti (ir-Regolament Finanzjarju jippermetti numru limitat ta' każijiet fejn l-ammonti mhux minfuqin jistgħu jiġu riportati mis-sena preċedenti għas-sena kurrenti); u

  — Dħul assenjat li jirriżulta minn rimborżi, kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi/pajjiżi għal programmi tal-UE u ħidma mwettqa għal partijiet terzi; dawn huma assenjati direttament għal-linji baġitarji tan-nefqa korrispondenti u jikkostitwixxu t-tielet pilastru tal-finanzjament.

It-tipi ta' finanzjament kollha flimkien jiffurmaw l-approprjazzjonijiet disponibbli.

3.6. **DĦUL**

3.6.1. *Dħul mir-riżorsi proprji*

Il-maġġoranza kbira tad-dħul jiġi minn riżorsi proprji, li jikkonsistu fil-kategoriji li ġejjin:

(1) Riżorsi proprji tradizzjonali (TOR): irrappreżentat madwar 14 % tad-dħul minn riżorsi proprji fl-2025.

(2) Riżorsi bbażati fuq it-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT): irrappreżentat madwar 17 % tad-dħul minn riżorsi proprji fl-2025.

(3) Ir-riżorsa bbażata fuq l-iskart mill-imballaġġ tal-plastik li ma jiġix irriċiklat: irrappreżentat madwar 5 % tad-dħul minn riżorsi proprji fl-2025.

(4) Ir-riżorsa bbażata fuq l-introjtu nazzjonali gross (ING): irrappreżentat madwar 64 % tad-dħul minn riżorsi proprji fl-2024.

Id-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2020/2053 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-UE (id-Deċiżjoni tal-2020 dwar ir-Riżorsi Proprji) tispeċifika l-kategoriji tar-riżorsi proprji u tistabbilixxi l-metodi għall-kalkolu tagħhom. Din id-deċiżjoni daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2021 u bdiet tapplika b'mod retroattiv mill-1 ta' Jannar 2021.

Id-Deċiżjoni tal-2020 dwar ir-Riżorsi Proprji tistipula l-ammont totali ta' riżorsi proprji allokat lill-Unjoni sabiex ikopri l-approprjazzjonijiet annwali għall-pagamenti ma għandux jaqbeż il-1,40 % tat-total tal-ING tal-Istati Membri kollha. Barra minn hekk, id-deċiżjoni tagħti s-setgħa lill-Kummissjoni fuq bażi eċċezzjonali li tissellef temporanjament sa EUR 750 biljun bil-prezzijiet tal-2018 fis-swieq kapitali f'isem l-Unjoni sabiex tindirizza l-konsegwenzi tal-pandemija tal-COVID-19 permezz tal-istrument għall-irkupru NextGenerationEU. Il-limitu massimu tar-riżorsi proprji għall-approprjazzjonijiet għall-pagamenti se jiżdied temporanjament b'0,6 ta' punt perċentwali sabiex ikopri l-obbligazzjonijiet kollha li jirriżultaw minn dan is-self.

Mill-2021, "dħul ieħor" tal-baġit tal-UE jinkludi l-kontribuzzjonijiet finanzjarji mir-Renju Unit li jirriżultaw mis-saldu finanzjarju skont il-Ftehim dwar il-Ħruġ tar-Renju Unit.

3.6.2. *Riżorsi proprji tradizzjonali (TOR)*

It-TOR jikkonsistu f'dazji doganali imposti fuq l-importazzjonijiet minn pajjiżi terz, li jingħabru mill-Istati Membri f'isem l-UE. Madankollu, l-Istati Membri jżommu 25 % sabiex ikopru l-kostijiet tal-ġbir tagħhom. L-ammonti kollha stabbiliti tat-TOR iridu jiddaħħlu f'wieħed mill-kontijiet li ġejjin miżmumin mill-awtoritajiet kompetenti:

Fil-kontijiet ordinarji previsti fl-Artikolu 6(3) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 609/2014: l-ammonti kollha rkuprati jew garantiti.

Fil-kontijiet separati previsti wkoll fl-istess Artikolu: l-ammonti kollha li għadhom ma ġewx irkuprati u/jew garantiti; l-ammonti garantiti iżda kkontestati jistgħu jiddaħħlu wkoll f'dan il-kont.

L-Istati Membri jeħtiġilhom jirreġistraw it-TOR fil-kont tal-Kummissjoni permezz tat-teżor tagħhom jew permezz tal-bank ċentrali nazzjonali sa mhux aktar tard mill-ewwel jum ta' xogħol wara d-19-il jum tat-tieni xahar wara x-xahar li fih ikun stabbilit (jew irkuprat, fil-każ ta' kont separat) l-intitolament.

3.6.3. *Taxxa fuq il-valur miżjud (VAT)*

Ir-riżorsa proprja tal-VAT tiġi kkalkolata abbażi tal-bażijiet tal-VAT tal-Istati Membri, li huma armonizzati għal dan l-għan f'konformità mar-regoli tal-UE. Rata uniformi ta' ġbir ta' 0,30 % tapplika għall-ammont totali ta' riċevuti tal-VAT ta' kull Stat Membru miġburin għall-provvisti taxxabbli kollha diviż bir-rata medja ponderata tal-VAT. Il-bażi tal-VAT għandha limitu massimu ta' 50 % tal-ING ta' kull Stat Membru.

3.6.4. *Skart mill-imballaġġ tal-plastik mhux irriċiklat*

Rata uniformi ta' ġbir ta' EUR 0,80 għal kull kilogramma tapplika għall-piż tal-iskart mill-imballaġġ tal-plastik iġġenerat minn kull Stat Membru li mhux irriċiklat. L-iskart mill-imballaġġ tal-plastik li ma jiġix irriċiklat f'sena partikolari jiġi kkalkolat bħala d-differenza bejn l-iskart mill-imballaġġ tal-plastik iġġenerat u l-iskart mill-imballaġġ tal-plastik irriċiklat f'dik is-sena fi Stat Membru. Il-Bulgarija, iċ-Ċekja, l-Estonja, il-Greċja, Spanja, il-Kroazja, l-Italja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja u s-Slovakkja huma intitolati għal tnaqqis annwali speċifiku fis-somma f'daqqa fil-kontribuzzjonijiet rispettivi tagħhom tar-riżorsi proprji tal-plastiks.

3.6.5. *Introjtu nazzjonali gross (ING)*

Ir-riżorsa bbażata fuq l-introjtu nazzjonali gross (ING) tintuża sabiex tiffinanzja l-parti tal-baġit li ma hijiex koperta minn sorsi oħrajn sors ta' dħul. Rata uniformi ta' ġbir tiġi imposta fuq l-ING ta' kull Stat Membru u hija stabbilita f'konformità mar-regoli tal-UE.

3.6.6. *Tnaqqis gross*

Għall-perjodu 2021–2027, l-Istati Membri li ġejjin jibbenefikaw minn tnaqqis gross fil-kontribuzzjonijiet annwali tagħhom ibbażati fuq l-ING; EUR 565 miljun għall-Awstrija, EUR 377 miljun għad-Danimarka, EUR 3 671 miljun għall-Ġermanja, EUR 1 921 miljun għan-Netherlands u EUR 1 069 miljun għall-Iżvezja. Dan it-tnaqqis gross jitkejjel bil-prezzijiet tal-2020 u jiġi ffinanzjat mill-Istati Membri kollha.

3.6.7. *Aġġustamenti għar-riżorsi proprji tas-snin finanzjarji preċedenti*

Ir-riżorsi bbażati fuq il-VAT u fuq l-ING jiġu ddeterminati fuq il-bażi tal-previżjonijiet tal-bażijiet rilevanti magħmulin meta jkun qiegħed jitħejja l-abbozz tal-baġit. Sussegwentement, dawn il-previżjonijiet jiġu riveduti u aġġornati matul is-sena finanzjarja kkonċernata permezz ta' baġit emendatorju. Id-differenzi bejn l-ammonti dovuti mill-Istati Membri b'referenza għall-bażijiet attwali, u l-ammonti attwalment imħallsa abbażi tal-previżjonijiet (riveduti), pożittivi jew negattivi, jintalbu mill-Kummissjoni mill-Istati Membri għall-ewwel jum tax-xogħol ta' Marzu tat-tielet sena wara s-sena baġitarja kkonċernata. Jistgħu jibqgħu jsiru korrezzjonijiet għall-bażijiet attwali tal-VAT u tal-ING matul l-4 snin sussegwenti, sakemm ma tinħariġx riżerva. Dawn ir-riżervi jirrappreżentaw pretensjonijiet potenzjali fuq l-Istati Membri għal ammonti mhux stabbiliti, billi l-impatt finanzjarju tagħhom ma jistax jiġi stmat b'akkuratezza. Meta jkun jista' jiġi ddeterminat l-ammont eżatt, ir-riżorsi korrispondenti bbażati fuq il-VAT u l-ING jintalbu jew b'rabta mal-eżerċizzju tal-bilanċi tal-VAT u tal-ING jew permezz ta' sejħiet individwali għal fondi. Il-previżjoni tar-riżorsa proprja bbażata fuq il-plastik tiġi aġġustata b'mod simili. Madankollu, id-differenzi bejn l-ammonti dovuti mill-Istati Membri skont id-dikjarazzjonijiet annwali tagħhom bid-data tal-eżitu, u l-ammonti attwalment imħallsa abbażi tal-previżjonijiet (riveduti), pożittivi jew negattivi, jintalbu mill-Kummissjoni mill-Istati Membri għall-ewwel jum tax-xogħol ta' Ġunju tat-tielet sena wara s-sena baġitarja kkonċernata. Xorta jistgħu jsiru korrezzjonijiet fil-bażijiet attwali matul il-5 snin sussegwenti, sakemm ma tinħariġx riżerva.

3.7. KALKOLU TAR-RIŻULTAT TAL-BAĠIT

Ir-riżultat tal-baġit tal-UE jintradd lura lill-Istati Membri matul is-sena ta' wara permezz ta' tnaqqis tal-ammonti dovuti minnhom għal dik is-sena.

L-ammonti ta' riżorsi proprji mdaħħlin fil-kontijiet huma dawk ikkreditati matul is-sena għall-kontijiet miftuħa f'isem il-Kummissjoni mill-gvernijiet tal-Istati Membri. Id-dħul jinvolvi wkoll, fil-każ ta' bilanċ pożittiv, ir-riżultat tal-baġit għas-sena finanzjarja preċedenti. Id-dħul l-ieħor imdaħħal fil-kontijiet huwa l-ammont effettivament riċevut matul is-sena.

Għall-finijiet tal-kalkolu tar-riżultat tal-baġit għas-sena, in-nefqa tinkludi l-pagamenti li saru għall-approprjazzjonijiet tas-sena flimkien ma' kwalunkwe waħda mill-approprjazzjonijiet għal dik is-sena li huma riportati għas-sena ta' wara. Il-pagamenti magħmulin għall-approprjazzjonijiet tas-sena jfissru l-pagamenti li jsiru mill-Uffiċjal tal-Kontabilità sal-31 ta' Diċembru tas-sena finanzjarja. Għall-FAEG, il-pagamenti huma dawk effettwati mill-Istati Membri bejn is-16 ta' Ottubru N-1 u l-15 ta' Ottubru N, diment li l-Uffiċjal tal-Kontabilità jkun ġie nnotifikat bl-impenn u bl-awtorizzazzjoni sal-31 ta' Jannar N+1. In-nefqa tal-FAEG tista' tkun soġġetta għal deċiżjoni ta' konformità wara kontrolli fl-Istati Membri.

F'konformità mal-Artikolu 1(1) tar-Regolament Nru 608/2014 li jistabbilixxi miżuri li jimplimentaw is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea, ir-riżultat tal-baġit jirrappreżenta d-differenza bejn:

— id-dħul totali riċevut għas-sena finanzjarja; u

— il-pagamenti totali magħmula għall-approprjazzjonijiet tas-sena kurrenti flimkien mal-ammont totali tal-approprjazzjonijiet ta' dik is-sena riportati għas-sena ta' wara.

Dawn li ġejjin jiżidiedu maċ-ċifra li tirriżulta jew jitnaqqsu minnha:

— il-bilanċ nett tal-kanċellazzjonijiet tal-approprjazzjonijiet ta' pagament riportati mis-snin preċedenti u kwalunkwe pagament li, minħabba l-varjazzjonijiet fir-rata tal-euro, jaqbżu l-approprjazzjonijiet mhux differenzjati riportati mis-sena preċedenti;

— l-evoluzzjoni tad-dħul assenjat; u

— il-qligħ jew it-telf nett mir-rati tal-kambju rreġistrati matul is-sena.

L-approprjazzjonijiet riportati mis-sena finanzjarja preċedenti fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi u x-xogħol għalihom, li min-natura tagħhom qatt ma jiskadu, huma inklużi bħala approprjazzjonijiet addizzjonali għas-sena finanzjarja. Dan jispjega d-differenza bejn ir-riporti mis-sena preċedenti fir-rapporti tal-implimentazzjoni tal-baġit tas-sena N u dawk riportati għas-sena ta' wara fir-rapporti tal-implimentazzjoni tal-baġit tas-sena N-1. L-approprjazzjonijiet ta' impenn magħmula disponibbli mill-ġdid wara l-ħlas lura tal-pagamenti akkont jiġu injorati meta jkun qed jiġi kkalkolat ir-riżultat tal-baġit.

L-approprjazzjonijiet ta' pagament riportati jinkludu r-riporti awtomatiċi u r-riporti b'deċiżjoni. Il-kanċellazzjoni tal-approprjazzjonijiet ta' pagament mhux użati riportati mis-sena preċedenti tinkludi l-kanċellazzjonijiet tal-approprjazzjonijiet riportati awtomatikament u permezz ta' deċiżjoni.

3.8. RIKONĊILJAZZJONI TAR-RIŻULTAT EKONOMIKU MAR-RIŻULTAT TAL-BAĠIT

(f'miljuni ta' EUR)

	2025	2024
RIŻULTAT EKONOMIKU TAS-SENA	**(54 639)**	**(97 208)**
Dħul		
Intitolamenti stabbiliti fis-sena kurrenti iżda li għadhom ma nġabrux	*(5 188)*	*(6 773)*
Intitolamenti stabbiliti fi snin preċedenti u miġbura fis-sena kurrenti	*3 339*	*9 925*
Intitolamenti miġbura li ma għandhomx jitqiesu bħala dħul fir-riżultat ekonomiku	*42 358*	*83 953*
Dħul dovut (nett)	*(1 284)*	*(723)*
	39 225	**86 382**

(f'miljuni ta' EUR)

	2025	2024
Spejjeż		
Spejjeż dovuti (netti)	*45 735*	*10 599*
Spejjeż tas-sena preċedenti mħallsa fis-sena kurrenti	*(10 067)*	*(2 220)*
Prefinanzjament b'effett nett	*(11 778)*	*(11 678)*
Approprjazzjonijiet ta' pagament riportati għas-sena li jmiss	*(6 296)*	*(4 031)*
Pagamenti magħmula minn riporti u kanċellazzjoni ta' approprjazzjonijiet ta' pagament mhux użati	*478*	*1 711*
Moviment fil-proviżjonijiet	*(3 485)*	*9 948*
Oħrajn	*3 075*	*7 757*
	17 662	**12 086**
Riżultat ekonomiku tal-Aġenziji u tal-KEFA f'likwidazzjoni	**(170)**	**85**
RIŻULTAT TAL-BAĠIT TAS-SENA	**2 078**	**1 344**

F'konformità mar-Regolament Finanzjarju, ir-riżultat ekonomiku tas-sena jiġi kkalkolat abbażi tal-prinċipji kontabilistiċi fuq id-dovuti u tar-Regoli Kontabilistiċi tal-UE, filwaqt li r-riżultat tal-baġit huwa bbażat fuq regoli modifikati tal-kontabilità abbażi tal-ħlasijiet. Billi r-riżultat ekonomiku u r-riżultat tal-baġit ikopru l-istess tranżazzjonijiet sottostanti — bl-eċċezzjoni tkun is-sorsi l-oħrajn (mhux baġitarji) tad-dħul u tan-nefqa tal-aġenziji u tal-KEFA f'likwidazzjoni li huma inklużi fir-riżultat ekonomiku biss — ir-rikonċiljazzjoni tar-riżultat ekonomiku tas-sena mar-riżultat tal-baġit tas-sena sservi bħala kontroll utli tal-konsistenza.

Il-partiti ta' rikonċiljazzjoni — Dħul

Id-dħul baġitarju reali għal sena finanzjarja jikkorrispondi għad-dħul miġbur mill-intitolamenti stabbiliti matul is-sena u għall-ammonti miġbura mill-intitolamenti stabbiliti fis-snin preċedenti. Għaldaqstant, l-intitolamenti stabbiliti fis-sena kurrenti iżda li jkunu għadhom ma nġabrux għandhom jitnaqqsu mir-riżultat ekonomiku għal skopijiet ta' rikonċiljazzjoni peress li ma jifformawx parti mid-dħul baġitarju. Għall-kuntrarju, l-intitolamenti stabbiliti fis-snin preċedenti u miġbura fis-sena kurrenti jridu jiżdiedu mar-riżultat ekonomiku għall-finijiet ta' rikonċiljazzjoni. Xi intitolamenti miġbura ma għandhomx jiġu ttrattati bħala dħul fir-riżultat ekonomiku u għandhom jiżdiedu wkoll għal skopijiet ta' rikonċiljazzjoni. Dawn huma l-aktar relatati mal-finanzjament tan-Next Generation EU.

Id-dħul dovut jikkonsisti prinċipalment f'ammonti relatati ma' korrezzjonijiet finanzjarji, riżorsi proprji, imgħaxijiet u dividendi. Huwa biss l-effett nett, jiġifieri d-dħul dovut għas-sena kurrenti nieqes id-dħul dovut mit-treġġigħ lura mis-sena preċedenti, li jiġi kkunsidrat.

Il-partiti ta' rikonċiljazzjoni — Nefqa

L-ispejjeż dovuti jikkonsistu prinċipalment f'dovuti magħmula għall-finijiet ta' "cut-off" fl-aħħar tas-sena, jiġifieri l-ispejjeż eliġibbli mġarrba mill-benefiċjarji tal-fondi tal-UE iżda li jkunu għadhom ma ġewx irrapportati lill-Kummissjoni. Huwa biss l-effett nett, jiġifieri l-ispejjeż dovuti għas-sena kurrenti neqsin l-ispejjeż dovuti mit-treġġigħ lura mis-sena preċedenti, li jiġi kkunsidrat. Il-pagamenti magħmula fis-sena kurrenti b'rabta mal-fatturi rreġistrati fis-snin preċedenti huma parti min-nefqa baġitarja tas-sena kurrenti u, għalhekk, iridu jiżdiedu mar-riżultat ekonomiku għal finijiet ta' rikonċiljazzjoni. Minħabba l-adozzjoni ta' sistema tal-IT finanzjarja ġdida fl-2025, intużat metodoloġija temporanja għal din is-sena li tista' tirriżulta f'xi trasferimenti bejn dawn iż-żewġ kategoriji.

L-effett nett tal-prefinanzjament huwa l-kombinazzjoni ta' (1) l-ammonti ġodda tal-prefinanzjament imħallsa fis-sena kurrenti u rikonoxxuti bħala nefqa baġitarja tas-sena u (2) l-ikklerjar tal-prefinanzjament permezz tal-kostijiet eliġibbli aċċettati matul is-sena kurrenti. Dawn tal-aħħar jirrappreżentaw spiża f'termini tad-dovuti iżda mhux fil-kontijiet tal-baġit ladarba l-ħlas tal-prefinanzjament inizjali diġà kien ġie kkunsidrat bħala nefqa baġitarja fiż-żmien ta' meta tħallas.

Minbarra l-pagamenti magħmula kontra l-approprjazzjonijiet tas-sena, l-approprjazzjonijiet għal dik is-sena li huma riportati għas-sena ta' wara jridu jiġu kkunsidrati wkoll fil-kalkolu tar-riżultat tal-baġit għas-sena (f'konformità mal-Artikolu 1(1) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 608/2014). L-istess japplika għal pagamenti baġitarji li jsiru fis-sena kurrenti minn riporti minn snin preċedenti u l-kanċellazzjoni ta' approprjazzjonijiet ta' pagament mhux użati.

Il-moviment fil-provvedimenti jirrigwarda l-estimi fi tmiem is-sena magħmula fir-rapporti finanzjarji (prinċipalment benefiċċji tal-impjegati) li ma għandhomx impatt fuq il-kontijiet baġitarji. Ammonti ta' rikonċiljazzjoni oħrajn jinkludu elementi differenti, bħall-amortizzament/id-deprezzament tal-assi, l-akkwiżizzjonijiet tal-assi, il-pagamenti ta' lokazzjonijiet ta' kapital u l-parteċipazzjonijiet finanzjarji li għalihom it-trattamenti tal-baġit u tal-kontabbiltà bbażata fuq id-dovuti huma differenti.

Partita ta' rikonċiljazzjoni — Riżultat ekonomiku tal-Aġenziji u tal-KEFA f'likwidazzjoni

Ir-riżultat tal-baġit tas-sena huwa ċifra mhux konsolidata u ma jinkludix is-sorsi l-oħra (mhux baġitarji) ta' dħul u nfiq tal-aġenziji konsolidati u tal-KEFA f'likwidazzjoni (ara n-nota **6**). Sabiex jiġi rrikonċiljat ir-riżultat ekonomiku tas-sena — ċifra konsolidata li tinkludi dawn l-ammonti — mar-riżultat baġitarju tas-sena, ir-riżultat ekonomiku konsolidat sħiħ tas-sena tal-aġenziji u tal-KEFA f'likwidazzjoni huwa ppreżentat bħala partita ta' rikonċiljazzjoni.

4. L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-BAĠIT TAL-UE 2025

Jekk jogħġbok ara t-Taqsima **2**, "Sommarju tal-implimentazzjoni tal-baġit" fil-Punti Ewlenin Finanzjarji tas-Sena għan-noti ta' spjegazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-2025 għad-dħul u n-nefqa, l-impenji pendenti u r-riżultat tal-baġit.

5. IMPLIMENTAZZJONI TAD-DĦUL TAL-BAĠIT TAL-UE

5.1. SOMMARJU TAL-IMPLIMENTAZZJONI TAD-DĦUL TAL-BAĠIT TAL-UE

(f'miljuni ta' EUR)

Titolu		Approprjazzjonijiet tal-introjtu		Intitolamenti stabbiliti			Dħul			Dħul bħala % tal-baġit	Pen-denti
		Baġit inizjali adottat	Baġit finali adottat	Sena kurrenti	Riportati	Total	Dwar l-intitolamenti tas-sena kurrenti	Dwar l-intitolamenti riportati	Dħul		
1	Riżorsi Proprji	151 161	154 322	155 417	32	155 448	155 414	4	155 418	101 %	30
2	Surpluses, Bilanċi u Aġġustamenti	–	1 345	1 362	–	1 362	1 362	–	1 362	101 %	–
3	Dħul Amministrattiv	2 425	2 425	3 228	44	3 272	3 200	26	3 226	133 %	45
4	Dħul Finanzjarju, Imgħax ta' Inadempjenza U Multi	183	1 659	5 722	13 152	18 874	1 388	1 230	2 618	158 %	16 256
5	Garanziji Baġitarji, Operazzjonijiet ta' Teħid b'Self u ta' Għoti b'Self	–	–	40 771	44	40 815	40 722	44	40 766		49
6	Dħul, Kontribuzzjonijiet u Rifużjonijiet Relatati mal-Politiki tal-Unjoni	1 440	1 412	21 024	2 992	24 016	18 960	2 048	21 008	1 487 %	3 008
	TOTAL	**155 209**	**161 163**	**227 523**	**16 264**	**243 787**	**221 046**	**3 352**	**224 398**	**139 %**	**19 389**

DETTALL DWAR IT-TITOLU 1: Riżorsi Proprji

Kapitolu		Approprjazzjonijiet tal-introjtu		Intitolamenti stabbiliti			Dħul			Dħul bħala % tal-baġit	Pen-denti
		Baġit inizjali adottat	Baġit finali adottat	Sena kurrenti	Riportati	Total	Dwar l-intitolamenti tas-sena kurrenti	Dwar l-intitolamenti riportati	Dħul		
1 1	Imposti U Dazji Oħra Pprovduti Taħt l-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq fiz-Zokkor			–	(0)	(0)	–	–	–		(0)
1 2	Dazji Doganali u Dazji Oħra	21 082	22 179	23 037	32	23 068	23 034	4	23 038	104 %	30

DETTALL DWAR IT-TITOLU 1: Riżorsi Proprji											
		Approprjazzjonijiet tal-introjtu		Intitolamenti stabbiliti			Dħul			Dħul bħala % tal-baġit	Pendenti
	Kapitolu	Baġit inizjali adottat	Baġit finali adottat	Sena kurrenti	Riportati	Total	Dwar l-intitolamenti tas-sena kurrenti	Dwar l-intitolamenti riportati	Dħul		
1 3	Riżorsi Proprji Bbażati fuq it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud	24 395	23 815	23 860	–	23 860	23 860	–	23 860	100 %	–
1 4	Riżorsi Proprji Bbażati fuq l-Introjtu Nazzjonali Gross	98 563	101 480	101 682	–	101 682	101 682	–	101 682	100 %	(0)
1 6	Tnaqqis ta' Somma f'Daqqa tal-ING Mogħti lil Ċerti Stati Membri u l-Finanzjament Tagħhom	–	–	(25)	–	(25)	(25)	–	(25)		–
1 7	Riżorsi Proprji Bbażati fuq l-Iskart tal-Plastik mill-Imballaġġ Mhux Irriċiklat	7 121	6 848	6 863	–	6 863	6 863	–	6 863	100 %	–
	TOTAL	**151 161**	**154 322**	**155 417**	**32**	**155 448**	**155 414**	**4**	**155 418**	**101 %**	**30**

6. **IMPLEMENTAZZJONI TAL-INFIQ TAL-BAĠIT TAL-UE**

6.1. **QFP: TQASSIM U BIDLIET FL-APPROPRJAZZJONIJIET TA' IMPENN U TA' PAGAMENT**

(f'miljuni ta' EUR)

		Approprjazzjonijiet ta' impenn						Approprjazzjonijiet ta' pagament					
		Approprjazzjonijiet ta' baġit			Approprjazzjonijiet addizzjonali		Approprjazzjonijiet totali disponibbli	Approprjazzjonijiet ta' baġit			Approprjazzjoni addizzjonali		Approprjazzjonijiet totali disponibbli
	Intestatura tal-QFP	Baġit inizjali adottat	Baġits emendatorji u trasferimenti	Baġit finali adottat	Riporti	Dħul assenjat		Baġit inizjali adottat	Baġits emendatorji u trasferimenti	Baġit finali adottat	Riporti	Dħul assenjat	
		1	2	3 = 1 + 2	4	5	6 = 3 + 4+5	7	8	9 = 7 + 8	10	11	12 = 9 + 10 + 11
1	Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali	21 480	59	21 539	116	8 810	30 466	20 461	(205)	20 255	107	13 673	34 035
2	Koeżjoni, Reżiljenza u Valuri	77 980	(1)	77 979	0	2 825	80 804	44 445	2 696	47 141	1 897	47 563	96 601
3	Riżorsi Naturali u Ambjent	56 731	(32)	56 700	366	1 894	58 961	52 092	3 948	56 039	375	4 914	61 329

(f'miljuni ta' EUR)

	Intestatura tal-QFP	Approprjazzjonijiet ta' impenn						Approprjazzjonijiet ta' pagament					
		Approprjazzjonijiet ta' bażit			Approprjazzjonijiet addizzjonali		Approprjazzjonijiet totali disponibbli	Approprjazzjonijiet ta' bażit			Approprjazzjoni addizzjonali		Approprjazzjonijiet totali disponibbli
		Bażit inizjali adottat	Bażits emendatorji u trasferimenti	Bażit finali adottat	Riporti	Dħul assenjat		Bażit inizjali adottat	Bażits emendatorji u trasferimenti	Bażit finali adottat	Riporti	Dħul assenjat	
		1	2	3 = 1 + 2	4	5	6 = 3 + 4+5	7	8	9 = 7 + 8	10	11	12 = 9 + 10 + 11
4	Migrazzjoni u Ġestjoni tal-Fruntieri	4 791	(146)	4 645	–	693	5 338	3 204	360	3 564	28	794	4 386
5	Sigurtà u Difiża	2 633	0	2 633	–	109	2 742	2 143	(304)	1 839	6	103	1 947
6	Viċinat u d-Dinja	16 308	584	16 892	970	2 966	20 828	14 426	584	15 010	116	3 343	18 469
7	Amministrazzjoni Pubblika Ewropea	12 845	(79)	12 766	1	2 348	15 115	12 845	(79)	12 766	927	2 440	16 133
O	Barra mill-QFP	4 320	(0)	4 320	31	7 415	11 767	3 274	(469)	2 805	121	13 069	15 994
S	Mekkaniżmi ta' solidarjetà fl-Unjoni u barra minnha (strumenti speċjali)	2 349	(584)	1 766	310	9	2 085	2 320	(576)	1 744	310	9	2 063
	TOTAL	**199 438**	**(199)**	**199 239**	**1 795**	**27 070**	**228 104**	**155 209**	**5 953**	**161 163**	**3 887**	**85 907**	**250 956**

6.2. **QFP: IMPLIMENTAZZJONI TAL-APPROPRJAZZJONIJIET TA' IMPENN**

(f'miljuni ta' EUR)

	Intestatura tal-QFP	Approprjazzjonijiet totali disponibbli	Impenji magħmula					Approprjazzjonijiet riportati għall-2026			Approprjazzjonijiet li jiskadu			
			mill-baġit finali adottat	minn riporti	mid-dħul assenjat	Total	%	mill-baġit finali adottat	mid-dħul assenjat	Total	mill-baġit finali adottat	minn riporti	mid-dħul assenjat	Total
		1	2	3	4	5 = 2 + 3+4	6 = 5/1	7	8	9 = 7 + 8	10	11	12	13 = 10+ 11 + 12
1	Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali	30 466	21 532	116	5 446	27 095	89 %	0	3 362	3 362	7	(0)	2	9
2	Koeżjoni, Reżiljenza u Valuri	80 804	76 865	0	2 019	78 884	98 %	(1)	776	776	1 113	1	30	1 144
3	Riżorsi Naturali u Ambjent	58 961	56 472	192	995	57 658	98 %	391	705	1 096	11	(0)	195	206
4	Migrazzjoni u Ġestjoni tal-Fruntieri	5 338	4 644	–	94	4 738	89 %	–	599	599	0	–	0	1
5	Sigurtà u Difiża	2 742	2 620	–	46	2 666	97 %	12	63	75	0	–	0	0
6	Viċinat u d-Dinja	20 828	16 218	929	2 498	19 645	94 %	682	468	1 151	0	32	0	32
7	Amministrazzjoni Pubblika Ewropea	15 115	12 707	1	1 247	13 955	92 %	0	1 099	1 099	59	(0)	3	62
O	Barra mill-QFP	11 767	4 269	31	2 110	6 409	54 %	51	5 306	5 357	0	1	–	1
S	Mekkaniżmi ta' solidarjetà fl-Unjoni u barra minnha (strumenti speċjali)	2 085	755	310	–	1 065	51 %	997	1	998	14	–	7	21
	Somma:	**228 104**	**196 083**	**1 580**	**14 454**	**212 116**	**93 %**	**2 133**	**12 379**	**14 512**	**1 206**	**33**	**237**	**1 476**

6.3. **QFP: IMPLIMENTAZZJONI TAL-APPROPRJAZZJONIJIET TA' PAGAMENT**

(f'miljuni ta' EUR)

	Intestatura tal-QFP	Approprjazzjonijiet totali disponibbli	mill-baġit finali adottat	minn riporti	mid-dħul assenjat	Total	%	mill-baġit finali adottat	mid-dħul assenjat	Total	mill-baġit finali adottat	minn riporti	mid-dħul assenjat	Total
		1	2	3	4	5 = 2 + 3+4	6 = 5/1	7	8	9 = 7 + 8	10	11	12	13 = 10+ 11 + 12
1	Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali	34 035	20 128	96	4 258	24 483	72 %	107	9 414	9 521	20	10	0	31
2	Koeżjoni, Reżiljenza u Valuri	96 601	45 231	1 895	45 180	92 306	96 %	1 906	2 377	4 283	4	2	6	11
3	Riżorsi Naturali u Ambjent	61 329	55 799	200	3 590	59 589	97 %	399	1 323	1 722	16	0	0	17
4	Migrazzjoni u Ġestjoni tal-Fruntieri	4 386	3 560	19	239	3 819	87 %	3	554	557	1	9	0	10
5	Sigurtà u Difiża	1 947	1 814	5	52	1 872	96 %	22	51	73	3	0	0	3
6	Viċinat u d-Dinja	18 469	14 444	89	2 637	17 170	93 %	584	706	1 290	7	2	0	9
7	Amministrazzjoni Pubblika Ewropea	16 133	11 775	847	1 144	13 767	85 %	932	1 291	2 222	59	80	5	144
O	Barra mill-QFP	15 994	1 693	113	514	2 319	15 %	1 120	12 555	13 675	0	0	–	0
S	Mekkaniżmi ta' solidarjetà fl-Unjoni u barra minnha (strumenti speċjali)	2 063	729	310	9	1 048	51 %	1 015	–	1 015	0	0	–	0
	TOTAL	**250 956**	**155 173**	**3 575**	**57 624**	**216 373**	**86 %**	**6 087**	**28 271**	**34 358**	**110**	**104**	**12**	**226**

6.4. **QFP: MOVIMENTI FL-IMPENJI PENDENTI (RAL)**

(f'miljuni ta' EUR)

	Intestatura tal-QFP	Impenji riportati mis-sena preċedenti	Impenji li saru matul is-sena	Varjazzjonijiet fuq l-Impenji riportati	Pagamenti	Impenji totali pendenti fi tmiem is-sena
		1	2	3	4	5 = 1 + 2+3 + 4
1	Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali	51 164	27 095	(583)	(24 482)	53 194
2	Koeżjoni, Reżiljenza u Valuri	344 088	78 884	(275)	(92 361)	330 336
3	Riżorsi Naturali u Ambjent	50 867	57 658	(263)	(59 544)	48 718
4	Migrazzjoni u Ġestjoni tal-Fruntieri	5 754	4 738	(0)	(3 809)	6 683
5	Sigurtà u Difiża	4 445	2 666	(1)	(1 872)	5 239
6	Viċinat u d-Dinja	42 097	19 645	(443)	(17 170)	44 129
7	Amministrazzjoni Pubblika Ewropea	1 011	13 955	(65)	(13 767)	1 134
O	Barra mill-QFP	7 899	6 409	(410)	(2 319)	11 578
S	Mekkaniżmi ta' solidarjetà fl-Unjoni u barra minnha (strumenti speċjali)	53	1 065	–	(1 048)	71
	TOTAL	**507 378**	**212 116**	**(2 039)**	**(216 371)**	**501 084**

6.5. **QFP: IMPENJI PENDENTI SKONT IS-SENA TAL-ORIĠINI**

(f'miljuni ta' EUR)

	Intestatura tal-QFP	< 2018	2018	2019	2020	2021	2022	2023	2024	2025	Total
1	Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali	617	411	1 430	2 551	2 771	4 555	6 282	15 261	19 315	53 194
2	Koeżjoni, Reżiljenza u Valuri	1 368	225	538	1 061	878	13 776	52 352	190 270	69 869	330 336
3	Riżorsi Naturali u Ambjent	2 507	907	896	946	275	2 859	3 882	19 889	16 558	48 718
4	Migrazzjoni u Ġestjoni tal-Fruntieri	72	47	97	553	69	110	679	1 920	3 138	6 683
5	Sigurtà u Difiża	27	55	78	125	364	410	725	1 367	2 089	5 239
6	Viċinat u d-Dinja	1 032	943	1 047	1 370	2 908	6 392	7 312	10 589	12 534	44 129
7	Amministrazzjoni Pubblika Ewropea							1	51	1 083	1 134
O	Barra mill-QFP								8 287	3 291	11 578
S	Mekkaniżmi ta' solidarjetà fl-Unjoni u barra minnha (strumenti speċjali)							–	0	71	71
	Total	**5 623**	**2 588**	**4 086**	**6 605**	**7 265**	**28 101**	**71 232**	**247 636**	**127 948**	**501 084**

ELI: http://data.europa.eu/eli/communic/C/2026/4821/oj

6.6. **QFP DETTALJAT: TQASSIM U BIDLIET FL-APPROPRJAZZJONIJIET TA' IMPENN U TA' PAGAMENT**

(f'miljuni ta' EUR)

Intestatura tal-QFP	Approprjazzjonijiet ta' impenn						Approprjazzjonijiet ta' pagament					
	Approprjazzjonijiet ta' bażit			Approprjazzjonijiet addizzjonali		Approprjazzjonijiet totali disponibbli	Approprjazzjonijiet ta' bażit			Approprjazzjonijiet addizzjonali		Approprjazzjonijiet totali disponibbli
	Bażit inizjali adottat	Bażits emendatorji u trasferimenti	Bażit finali adottat	Riporti	Dħul assenjat		Bażit inizjali adottat	Bażits emendatorji u trasferimenti	Bażit finali adottat	Riporti	Dħul assenjat	
	1	2	3 = 1 + 2	4	5	6 = 3 + 4+5	7	8	9 = 7 + 8	10	11	12 = 9 + 10 + 11
1 Orizzont Ewropa	12 762	1	12 763	116	6 334	19 213	11 119	3	11 122	67	9 936	21 125
Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Euratom	288	(1)	287	0	118	405	264	(3)	261	18	135	414
Reattur Termonukleari Sperimentali Internazzjonali (ITER)	487	–	487	–	4	490	642	–	642	1	4	647
Azzjonijiet oħra	–	–	–	–	629	629	–	–	–	–	413	413
Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji	10	–	10	–	0	10	20	(4)	17	–	0	17
Fond InvestEU	378	–	378	–	916	1 294	530	(29)	501	1	1 991	2 493
Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) - Trasport	1 674	1	1 675	–	70	1 745	2 398	(2)	2 396	1	48	2 445
Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) - Enerġija	927	(1)	926	–	71	996	708	25	733	1	70	804
Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) - Qasam Diġitali	226	0	226	–	4	230	183	(10)	173	0	3	177
Programm Ewropa Diġitali	1 097	(0)	1 097	–	92	1 189	1 136	(83)	1 053	6	96	1 154
Aġenziji deċentralizzati	231	(2)	230	–	10	240	231	(2)	230	–	10	240
Azzjonijiet oħra	–	1	1	–	168	169	–	1	1	–	226	227
Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji	9	(0)	9	–	0	9	13	(0)	13	–	0	13

(f'miljuni ta' EUR)

Intestatura tal-QFP	Approprjazzjonijiet ta' impenn						Approprjazzjonijiet ta' pagament					
	Approprjazzjonijiet ta' bażit			Approprjazzjonijiet addizzjonali		Approprjazzjonijiet totali disponibbli	Approprjazzjonijiet ta' bażit			Approprjazzjonijiet addizzjonali		Approprjazzjonijiet totali disponibbli
	Bażit inizjali adottat	Bażits emendatorji u trasferimenti	Bażit finali adottat	Riporti	Dħul assenjat		Bażit inizjali adottat	Bażits emendatorji u trasferimenti	Bażit finali adottat	Riporti	Dħul assenjat	
	1	2	3 = 1 + 2	4	5	6 = 3 + 4+5	7	8	9 = 7 + 8	10	11	12 = 9 + 10 + 11
Azzjonijiet iffinanzjati taħt il-prerogattivi tal-Kummissjoni u kompetenzi speċifiċi kkonferiti lill-Kummissjoni	25	1	26	0	4	29	24	3	27	–	3	30
Programm tas-Suq Uniku (inkl. l-SMEs)	613	1	614	0	48	663	615	88	704	7	69	780
Programm tal-UE għal Kontra l-Frodi	27	0	27	0	1	28	31	(2)	29	–	1	30
Kooperazzjoni fil-qasam tat-tassazzjoni (Fiscalis)	39	(0)	39	–	1	40	31	12	43	0	1	44
Kooperazzjoni fil-qasam tad-dwana (Dwana)	138	60	198	–	10	208	113	31	144	0	10	153
Aġenziji deċentralizzati	154	(2)	152	–	12	165	154	(2)	152	–	12	164
Azzjonijiet oħra	7	(0)	7	–	1	8	8	(0)	7	–	0	8
Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji	13	–	13	–	–	13	13	(2)	11	–	–	11
Programm Spazjali Ewropew	2 051	(0)	2 051	–	317	2 368	1 983	(159)	1 823	4	640	2 467
Aġenziji deċentralizzati	80	–	80	–	3	83	80	–	80	–	3	83
Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji	45	–	45	–	–	45	16	(10)	6	–	–	6
Konnettività Sigura tal-Unjoni	196	–	196	–	–	196	150	(61)	89	0	–	89
Total tal-Intestatura 1: Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali	21 480	59	21 539	116	8 810	30 466	20 461	(205)	20 255	107	13 673	34 035

ELI: http://data.europa.eu/eli/communic/C/2026/4821/oj

(f'miljuni ta' EUR)

	Intestatura tal-QFP	Approprjazzjonijiet ta' impenn						Approprjazzjonijiet ta' pagament					
		Approprjazzjonijiet ta' bażit			Approprjazzjonijiet addizzjonali		Approprjazzjonijiet totali disponibbli	Approprjazzjonijiet ta' bażit			Approprjazzjonijiet addizzjonali		Approprjazzjonijiet totali disponibbli
		Bażit inizjali adottat	Bażits emendatorji u trasferimenti	Bażit finali adottat	Riporti	Dħul assenjat		Bażit inizjali adottat	Bażits emendatorji u trasferimenti	Bażit finali adottat	Riporti	Dħul assenjat	
		1	2	3 = 1 + 2	4	5	6 = 3 + 4+5	7	8	9 = 7 + 8	10	11	12 = 9 + 10 + 11
2	Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR)	40 455	2	40 457	–	410	40 867	21 327	(488)	20 839	0	2 555	23 394
	Fond ta' Koeżjoni (FK)	7 053	(2)	7 052	–	233	7 285	3 078	2 445	5 523	0	233	5 756
	Fond ta' Koeżjoni (FK), kontribuzzjoni għall-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) — Trasport	1 668	–	1 668	–	21	1 688	1 303	46	1 350	–	14	1 364
	Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji	4	–	4	–	0	4	2	(0)	2	–	0	2
	Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+)	17 184	0	17 184	–	105	17 288	7 550	693	8 243	1	2 722	10 966
	Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji	2	–	2	–	–	2	0	0	0	–	0	1
	Appoġġ lill-Komunità Ċiprijotta Torka	35	–	35	–	0	36	34	6	40	0	0	41
	Faċilità Ewropea għall-Irkupru u r-Reżiljenza (inkl. l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku)	126	(5)	121	–	560	681	125	(5)	120	2	40 222	40 344
	Protezzjoni tal-euro kontra l-falsifikazzjoni (il-"programm Pericles IV")	1	–	1	–	0	1	1	(0)	1	–	0	1
	Il-kost ta' finanzjament tal-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru (EURI)	4 967	0	4 967	–	144	5 111	4 967	0	4 967	1 863	145	6 976
	Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (RescEU)	211	0	211	0	38	250	108	25	133	–	314	446

(f'miljuni ta' EUR)

Intestatura tal-QFP	Approprjazzjonijiet ta' impenn						Approprjazzjonijiet ta' pagament					
	Approprjazzjonijiet ta' bażit			Approprjazzjonijiet addizzjonali		Approprjazzjonijiet totali disponibbli	Approprjazzjonijiet ta' bażit			Approprjazzjonijiet addizzjonali		Approprjazzjonijiet totali disponibbli
	Bażit inizjali adottat	Bażits emendatorji u trasferimenti	Bażit finali adottat	Riporti	Dħul assenjat		Bażit inizjali adottat	Bażits emendatorji u trasferimenti	Bażit finali adottat	Riporti	Dħul assenjat	
	1	2	3 = 1 + 2	4	5	6 = 3 + 4+5	7	8	9 = 7 + 8	10	11	12 = 9 + 10 + 11
L-UE għas-Saħħa	583	0	583	–	27	609	585	(52)	532	4	21	557
Strument għall-appoġġ ta' emerġenza fi ħdan l-Unjoni (ESI)	–	–	–	–	1	1	1	(1)	–	–	26	26
Aġenziji deċentralizzati	286	0	286	–	26	312	273	1	274	–	25	299
Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji	–	–	–	–	–	–	–	–	–	–	–	–
Azzjonijiet iffinanzjati taħt il-prerogattivi tal-Kummissjoni u kompetenzi speċifiċi kkonferiti lill-Kummissjoni	12	3	16	–	–	16	12	1	13	–	–	13
Impjiegi u Innovazzjoni Soċjali	109	(2)	107	–	9	116	76	3	78	1	11	91
Erasmus+	3 969	(0)	3 969	–	1 135	5 105	3 766	31	3 797	18	1 151	4 966
Korp Ewropew ta' Solidarjetà (KES)	147	0	147	–	74	221	133	5	138	3	78	220
Ewropa Kreattiva	352	(0)	352	–	21	373	347	(23)	324	2	23	350
Ġustizzja	42	(0)	42	0	1	43	38	4	41	1	1	43
Drittijiet u Valuri	236	1	238	–	2	240	188	3	191	1	2	194
Aġenziji deċentralizzati	324	–	324	–	12	336	322	(1)	321	–	12	333
Azzjonijiet oħra	9	(0)	9	–	0	9	7	2	9	–	0	9
Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji	19	–	19	–	0	19	26	(1)	25	–	0	25

(f'miljuni ta' EUR)

	Intestatura tal-QFP	Approprjazzjonijiet ta' impenn						Approprjazzjonijiet ta' pagament					
		Approprjazzjonijiet ta' bażit			Approprjazzjonijiet addizzjonali		Approprjazzjonijiet totali disponibbli	Approprjazzjonijiet ta' bażit			Approprjazzjonijiet addizzjonali		Approprjazzjonijiet totali disponibbli
		Bażit inizjali adottat	Bażits emendatorji u trasferimenti	Bażit finali adottat	Riporti	Dħul assenjat		Bażit inizjali adottat	Bażits emendatorji u trasferimenti	Bażit finali adottat	Riporti	Dħul assenjat	
		1	2	3 = 1 + 2	4	5	6 = 3 + 4+5	7	8	9 = 7 + 8	10	11	12 = 9 + 10 + 11
	Azzjonijiet iffinanzjati taħt il-prerogattivi tal-Kummissjoni u kompetenzi speċifiċi kkonferiti lill-Kummissjoni	186	1	186	–	5	191	176	2	178	–	5	183
	Total tal-Intestatura 2: Koeżjoni, Reżiljenza u Valuri	77 980	(1)	77 979	0	2 825	80 804	44 445	2 696	47 141	1 897	47 563	96 601
3	Il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG)	39 976	0	39 976	366	995	41 338	40 031	(16)	40 014	367	995	41 377
	Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR)	13 226	–	13 226	0	343	13 569	10 497	3 912	14 409	0	1 964	16 373
	Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura (FEMSA)	946	(0)	946	–	23	969	661	8	668	1	2	671
	Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli (SFPA) u Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd (RFMO)	157	(40)	117	–	–	117	141	(30)	111	–	–	111
	Aġenziji deċentralizzati	30	–	30	–	1	32	30	–	30	–	1	32
	Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji	1	–	1	–	–	1	5	(2)	4	–	–	4
	Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE)	776	6	782	(0)	9	791	596	78	675	8	7	690
	Fond għal Tranżizzjoni Ġusta	1 514	–	1 514	–	86	1 600	6	(3)	3	–	1 432	1 436
	Faċilità ta' self għas-settur pubbliku permezz tal-Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta (JTM)	–	–	–	–	428	428	25	–	25	–	503	528

(f'miljuni ta' EUR)

	Intestatura tal-QFP	Approprjazzjonijiet ta' impenn						Approprjazzjonijiet ta' pagament					
		Approprjazzjonijiet ta' bażit			Approprjazzjonijiet addizzjonali		Approprjazzjonijiet totali disponibbli	Approprjazzjonijiet ta' bażit			Approprjazzjonijiet addizzjonali		Approprjazzjonijiet totali disponibbli
		Bażit inizjali adottat	Bażits emendatorji u trasferimenti	Bażit finali adottat	Riporti	Dħul assenjat		Bażit inizjali adottat	Bażits emendatorji u trasferimenti	Bażit finali adottat	Riporti	Dħul assenjat	
		1	2	3 = 1 + 2	4	5	6 = 3 + 4+5	7	8	9 = 7 + 8	10	11	12 = 9 + 10 + 11
	Aġenziji deċentralizzati	77	(6)	71	–	9	79	77	(6)	71	–	9	79
	Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji	2	–	2	–	–	2	5	(1)	4	–	–	4
	Azzjonijiet iffinanzjati taħt il-prerogattivi tal-Kummissjoni u kompetenzi speċifiċi kkonferiti lill-Kummissjoni	26	8	35	–	–	35	16	9	25	–	–	25
	Total tal-Intestatura 3: Riżorsi Naturali u Ambjent	56 731	(32)	56 700	366	1 894	58 961	52 092	3 948	56 039	375	4 914	61 329
4	Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni	1 869	48	1 917	–	243	2 159	1 165	42	1 207	2	241	1 450
	Aġenziji deċentralizzati	234	(48)	186	–	9	195	234	(38)	196	–	9	205
	Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri (IBMF) — Strument għall-ġestjoni tal-fruntieri u għall-viżi (BMVI)	1 235	–	1 235	–	369	1 603	462	357	819	1	471	1 291
	Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri (IBMF) - Strument ta' appoġġ finanzjarju għat-tagħmir ta' kontroll doganali (CCEI)	147	(146)	0	–	0	0	56	(48)	8	24	–	32
	Aġenziji deċentralizzati	1 307	–	1 307	–	73	1 380	1 287	47	1 334	–	73	1 407
	Total tal-Intestatura 4: Migrazzjoni u Ġestjoni tal-Fruntieri	4 791	(146)	4 645	–	693	5 338	3 204	360	3 564	28	794	4 386

(f'miljuni ta' EUR)

	Intestatura tal-QFP	Approprjazzjonijiet ta' impenn						Approprjazzjonijiet ta' pagament					
		Approprjazzjonijiet ta' bażit			Approprjazzjonijiet addizzjonali		Approprjazzjonijiet totali disponibbli	Approprjazzjonijiet ta' bażit			Approprjazzjonijiet addizzjonali		Approprjazzjonijiet totali disponibbli
		Bażit inizjali adottat	Bażits emendatorji u trasferimenti	Bażit finali adottat	Riporti	Dħul assenjat		Bażit inizjali adottat	Bażits emendatorji u trasferimenti	Bażit finali adottat	Riporti	Dħul assenjat	
		1	2	3 = 1 + 2	4	5	6 = 3 + 4+5	7	8	9 = 7 + 8	10	11	12 = 9 + 10 + 11
5	Fond għas-Sigurtà Interna (ISF)	337	(0)	337	–	51	388	227	16	244	1	51	296
	Dekummissjonar tas-siti nukleari (il-Litwanja)	75	–	75	–	–	75	90	–	90	–	–	90
	Sikurezza Nukleari u dekummissjonar (inkl. għall-Bulgarija u s-Slovakkja)	70	(0)	70	–	0	70	91	(28)	63	2	–	64
	Aġenziji deċentralizzati	288	–	288	–	10	298	288	2	290	–	10	300
	Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji	–	–	–	–	–	–	–	1	1	–	–	1
	Azzjonijiet iffinanzjati taħt il-prerogattivi tal-Kummissjoni u kompetenzi speċifiċi kkonferiti lill-Kummissjoni	23	(0)	23	–	0	24	22	(0)	22	–	0	22
	Fond Ewropew għad-Difiża (Riċerka)	404	(14)	390	–	10	400	314	(27)	287	1	8	296
	Fond Ewropew għad-Difiża (Mhux tar-Riċerka)	1 030	(31)	999	–	28	1 027	702	(157)	545	2	19	566
	Mobilità Militari	252	–	252	–	0	252	137	–	137	0	0	137
	Strument tad-Difiża fuq Medda Qasira dwar l-akkwist pubbliku	40	–	40	–	1	41	100	(40)	60	–	3	63
	Strument għat-Tisħiħ tal-Industrija tad-Difiża	–	–	–	–	8	8	120	(70)	50	–	11	61
	Programm għall-Industrija tad-Difiża Ewropea	2	(2)	–	–	–	–	2	(2)	–	–	–	–

(f'miljuni ta' EUR)

	Intestatura tal-QFP	Approprjazzjonijiet ta' impenn						Approprjazzjonijiet ta' pagament					
		Approprjazzjonijiet ta' bażit			Approprjazzjonijiet addizzjonali		Approprjazzjonijiet totali disponibbli	Approprjazzjonijiet ta' bażit			Approprjazzjonijiet addizzjonali		Approprjazzjonijiet totali disponibbli
		Bażit inizjali adottat	Bażits emendatorji u trasferimenti	Bażit finali adottat	Riporti	Dħul assenjat		Bażit inizjali adottat	Bażits emendatorji u trasferimenti	Bażit finali adottat	Riporti	Dħul assenjat	
		1	2	3 = 1 + 2	4	5	6 = 3 + 4+5	7	8	9 = 7 + 8	10	11	12 = 9 + 10 + 11
	Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji	–	–	–	–	–	–	–	–	–	–	–	–
	Konnettività Sigura tal-Unjoni	111	47	158	–	–	158	50	1	51	–	–	51
	Total tal-Intestatura 5: Sigurtà u Difiża	2 633	–	2 633	–	109	2 742	2 143	(304)	1 839	6	103	1 947
6	Strument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali — Ewropa Globali (NDICI — Ewropa Globali)	10 891	20	10 911	736	645	12 292	9 672	121	9 793	70	919	10 782
	Strument Ewropew għal Kooperazzjoni Internazzjonali fil-qasam tas-Sikurezza Nukleari (INSC)	44	0	44	1	21	66	38	17	54	1	14	69
	Għajnuna Umanitarja (HUMA)	1 944	625	2 569	–	19	2 588	1 860	610	2 470	6	16	2 493
	Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK)	394	(0)	393	–	36	429	394	6	399	1	38	439
	Pajjiżi u Territorji ekstra-Ewropej (PTEE) (inkluża Greenland)	73	–	73	2	34	108	76	(15)	61	4	25	90
	AMF+	0	0	0	–	591	591	0	0	0	–	679	680
	Mekkaniżmu ta' Kooperazzjoni ta' Self għall-Ukrajna	–	–	–	–	1 535	1 535	–	–	–	–	1 535	1 535
	Azzjonijiet oħra	148	(60)	88	–	1	89	108	(61)	47	–	1	48
	Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji	–	–	–	–	–	–	–	–	–	–	–	–
	Konnettività Sigura tal-Unjoni	50	–	50	–	–	50	–	–	–	–	–	–

(f'miljuni ta' EUR)

	Intestatura tal-QFP	Approprjazzjonijiet ta' impenn						Approprjazzjonijiet ta' pagament					
		Approprjazzjonijiet ta' bażit			Approprjazzjonijiet addizzjonali		Approprjazzjonijiet totali disponibbli	Approprjazzjonijiet ta' bażit			Approprjazzjonijiet addizzjonali		Approprjazzjonijiet totali disponibbli
		Bażit inizjali adottat	Bażits emendatorji u trasferimenti	Bażit finali adottat	Riporti	Dħul assenjat		Bażit inizjali adottat	Bażits emendatorji u trasferimenti	Bażit finali adottat	Riporti	Dħul assenjat	
		1	2	3 = 1 + 2	4	5	6 = 3 + 4+5	7	8	9 = 7 + 8	10	11	12 = 9 + 10 + 11
	Azzjonijiet iffinanzjati taħt il-prerogattivi tal-Kummissjoni u kompetenzi speċifiċi mogħtija lill-Kummissjoni	96	(1)	95	–	1	95	92	(4)	88	–	0	88
	Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA III)	2 170	(0)	2 170	129	85	2 384	2 086	(90)	1 995	11	115	2 122
	Faċilità għar-Riforma u t-Tkabbir għall-Balkani tal-Punent	499	(0)	499	101	–	600	101	0	101	23	–	124
	Total tal-Intestatura 6: Viċinat u d-Dinja	16 308	584	16 892	970	2 966	20 828	14 426	584	15 010	116	3 343	18 469
7	Pensjonijiet tal-persunal	2 795	(5)	2 790	–	312	3 102	2 795	(5)	2 790	–	312	3 102
	(Pensjonijiet ta' Eks Membri) Il-Parlament Ewropew	22	(3)	19	–	–	19	22	(3)	19	–	–	19
	(Pensjonijiet ta' Eks Membri) Il-Kunsill Ewropew u l-Kunsill	1	(0)	1	–	–	1	1	(0)	1	–	–	1
	(Pensjonijiet ta' Eks Membri) Il-Kummissjoni	12	(2)	9	–	–	9	12	(2)	9	–	–	9
	(Pensjonijiet ta' Eks Membri) Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea	19	(2)	17	–	–	17	19	(2)	17	–	–	17
	(Pensjonijiet ta' Eks Membri) Il-Qorti tal-Awdituri	8	(1)	7	–	–	7	8	(1)	7	–	–	7
	(Pensjonijiet ta' Eks Membri) L-Ombudsman Ewropew	0	0	0	–	–	0	0	0	0	–	–	0

(f'miljuni ta' EUR)

Intestatura tal-QFP	Approprjazzjonijiet ta' impenn						Approprjazzjonijiet ta' pagament					
	Approprjazzjonijiet ta' bażit			Approprjazzjonijiet addizzjonali		Approprjazzjonijiet totali disponibbli	Approprjazzjonijiet ta' bażit			Approprjazzjonijiet addizzjonali		Approprjazzjonijiet totali disponibbli
	Bażit inizjali adottat	Bażits emendatorji u trasferimenti	Bażit finali adottat	Riporti	Dħul assenjat		Bażit inizjali adottat	Bażits emendatorji u trasferimenti	Bażit finali adottat	Riporti	Dħul assenjat	
	1	2	3 = 1 + 2	4	5	6 = 3 + 4+5	7	8	9 = 7 + 8	10	11	12 = 9 + 10 + 11
(Pensjonijiet ta' Eks Membri) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data	0	(0)	0	–	–	0	0	(0)	0	–	–	0
(Skejjel Ewropej) Il-Kummissjoni	266	(3)	263	–	35	298	266	(3)	263	0	39	302
Remunerazzjoni tal-persunal statutorju	3 085	(56)	3 028	–	129	3 157	3 085	(56)	3 028	0	129	3 157
Remunerazzjoni tal-persunal estern	311	(11)	300	–	169	469	311	(11)	300	21	172	493
Membri - Salarji u allowances	17	3	20	–	0	21	17	3	20	1	0	22
Membri - Gratifiki temporanji	5	(2)	2	–	–	2	5	(2)	2	–	–	2
Kostijiet tar-reklutaġġ	33	0	33	–	0	33	33	0	33	3	0	37
Terminazzjoni tas-servizz	8	(0)	7	–	–	7	8	(0)	7	–	–	7
Kostijiet tat-taħriġ	16	0	17	–	8	25	16	0	17	10	11	37
Soċjali u Mobilità	22	1	23	(0)	30	53	22	1	23	7	34	64
Teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni	285	7	292	–	308	600	285	7	292	120	354	765
Kirjiet u xirjiet	274	48	321	–	690	1 011	274	48	321	30	691	1 042
Marbuta mal-bini	150	(37)	113	–	44	158	150	(37)	113	44	49	207
Sigurtà	79	(1)	78	–	14	92	79	(1)	78	25	21	124
Missjonijiet u rappreżentanzi	45	16	61	–	4	66	45	16	61	10	5	76
Laqgħat, kumitati, konferenzi	16	(4)	12	–	2	14	16	(4)	12	5	3	20

(f'miljuni ta' EUR)

	Intestatura tal-QFP	Approprjazzjonijiet ta' impenn						Approprjazzjonijiet ta' pagament					
		Approprjazzjonijiet ta' bażit			Approprjazzjonijiet addizzjonali		Approprjazzjonijiet totali disponibbli	Approprjazzjonijiet ta' bażit			Approprjazzjonijiet addizzjonali		Approprjazzjonijiet totali disponibbli
		Bażit inizjali adottat	Bażits emendatorji u trasferimenti	Bażit finali adottat	Riporti	Dħul assenjat		Bażit inizjali adottat	Bażits emendatorji u trasferimenti	Bażit finali adottat	Riporti	Dħul assenjat	
		1	2	3 = 1 + 2	4	5	6 = 3 + 4+5	7	8	9 = 7 + 8	10	11	12 = 9 + 10 + 11
	Ġurnal Uffiċjali	4	(2)	2	–	0	2	4	(2)	2	1	0	3
	Pubblikazzjonijiet	11	2	13	–	5	17	11	2	13	5	6	24
	Akkwist tal-informazzjoni	7	0	7	–	1	8	7	0	7	2	1	9
	Studji u investigazzjonijiet	7	(2)	5	–	0	5	7	(2)	5	5	0	10
	Tagħmir ġenerali, vetturi, għamara	29	(4)	25	–	5	30	29	(4)	25	9	7	41
	Servizzi esterni lingwistiċi	35	(5)	31	–	41	72	35	(5)	31	2	41	74
	Nefqa amministrattiva oħra	20	(3)	17	–	30	46	20	(3)	17	5	37	58
	Aġenziji deċentralizzati	–	3	3	–	–	3	–	3	3	–	–	3
	Nefqa amministrattiva ta' istituzzjonijiet oħrajn	5 265	(16)	5 249	1	520	5 769	5 265	(16)	5 249	621	529	6 399
	Total tal-Intestatura 7: Amministrazzjoni Pubblika Ewropea	12 845	(79)	12 766	1	2 348	15 115	12 845	(79)	12 766	927	2 440	16 133
O	Fond għall-Innovazzjoni (IF)	–	–	–	–	6 788	6 788	–	–	–	–	12 293	12 293
	Il-Faċilità għall-Ukrajna	4 320	(0)	4 320	31	515	4 866	3 274	(469)	2 805	121	662	3 587
	Azzjonijiet oħra	–	–	–	–	112	112	–	–	–	–	114	114
	Total tal-Intestatura O: Barra mill-QFP	4 320	(0)	4 320	31	7 415	11 767	3 274	(469)	2 805	121	13 069	15 994
S	Riżerva ta' Solidarjetà Ewropea	1 167	0	1 167	310	–	1 477	1 167	0	1 167	310	–	1 477
	Riżerva ta' Għajnuna f'Emerġenza	584	(584)	–	–	–	–	584	(584)	–	–	–	–

(f'miljuni ta' EUR)

Intestatura tal-QFP	Approprjazzjonijiet ta' impenn						Approprjazzjonijiet ta' pagament					
	Approprjazzjonijiet ta' bażit			Approprjazzjonijiet addizzjonali		Approprjazzjonijiet totali disponibbli	Approprjazzjonijiet ta' bażit			Approprjazzjonijiet addizzjonali		Approprjazzjonijiet totali disponibbli
	Bażit inizjali adottat	Bażits emendatorji u trasferimenti	Bażit finali adottat	Riporti	Dħul assenjat		Bażit inizjali adottat	Bażits emendatorji u trasferimenti	Bażit finali adottat	Riporti	Dħul assenjat	
	1	2	3 = 1 + 2	4	5	6 = 3 + 4+5	7	8	9 = 7 + 8	10	11	12 = 9 + 10 + 11
Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG)	34	–	34	–	9	43	5	7	12	0	9	21
Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit	564	–	564	–	–	564	564	–	564	–	–	564
Total tal-Intestatura S: Mekkaniżmi ta' solidarjetà fl-Unjoni u barra minnha (strumenti speċjali)	2 349	(584)	1 766	310	9	2 085	2 320	(576)	1 744	310	9	2 063
TOTAL	**199 438**	**(199)**	**199 239**	**1 795**	**27 070**	**228 104**	**155 209**	**5 953**	**161 163**	**3 887**	**85 907**	**250 956**

6.7. QFP DETTALJAT: IMPLIMENTAZZJONI TAL-APPROPRJAZZJONIJIET TA' IMPENN

(f'miljuni ta' EUR)

	Intestatura tal-QFP	Approprjazzjonijiet totali disponibbli	Impenji magħmula					Approprjazzjonijiet riportati għall-2026			Approprjazzjonijiet li jiskadu			
